II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/35

tal-10 ta' Ottubru 2014

li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

WERREJ

TITOLU I VALUTAZZJONI U REKWIŻITI KAPITALI BBAŻATI FUQ IR-RISKJI (PILASTRU I), GOVERNANZA MTEJBA (PILASTRU II) U TRASPARENZA AKBAR (PILASTRU III) 20

KAPITOLU I Dispożizzjonijiet ġenerali 20

TAQSIMA 1 Definizzjonijiet u prinċipji ġenerali 20

TAQSIMA 2 Evalwazzjonijiet esterni tal-kreditu 24

KAPITOLU II Valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet 25

KAPITOLU III Regoli dwar dispożizzjonijiet tekniċi 29

TAQSIMA 1 Dispożizzjonijiet ġenerali 29

TAQSIMA 2 Kwalità tad-dejta 31

TAQSIMA 3 Metodoloġiji għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi 32

SUBTAQSIMA 1 Suppożizzjonijiet sottostanti għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi 32

SUBTAQSIMA 2 Informazzjoni sottostanti għall-kalkolu tal-aħjar stimi 34

SUBTAQSIMA 3 Projezzjonijiet tal-flussi tal-flus għall-kalkolu tal-aħjar stima 35

SUBTAQSIMA 4 Marġni tar-riskju 37

SUBTAQSIMA 5 Kalkolu tal-provvedimenti tekniċi bħala total 39

SUBTAQSIMA 6 Rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali; 39

TAQSIMA 4 Struttura tat-terminu tar-rata rilevanti tal-imgħax mingħajr riskju 40

SUBTAQSIMA 1 Dispożizzjonijiet ġenerali 40

SUBTAQSIMA 2 Struttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju 41

SUBTAQSIMA 3 Aġġustament għall-volatilità 42

SUBTAQSIMA 4 Aġġustament ta' korrispondenza 43

TAQSIMA 5 Linji ta' negozju 44

TAQSIMA 6 Proporzjonalità u simplifikazzjonijiet 45

KAPITOLU IV Fondi proprji 47

TAQSIMA 1 Determinazzjoni tal-fondi proprji 47

SUBTAQSIMA 1 Approvazzjoni superviżorja ta' fondi proprji anċillari 47

SUBTAQSIMA 2 Trattament tal-parteċipazzjonijiet tal-fondi proprji 49
TAQSIMA 2 Klassifikazzjoni tal-fondi proprji 50
TAQSIMA 3 Eliġibbiltà tal-fondi proprji 58
SUBTAQSIMA 1 Fondi ring-fenced 58
SUBTAQSIMA 2 Limiti kwantitattivi 59
KAPITOLU V Formula standard tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza 59
TAQSIMA 1 Dispożizzjonijiet ġenerali 59
SUBTAQSIMA 1 Kalkoli bbażati fuq ix-xenarji 59
SUBTAQSIMA 2 Approċċ ta' trasparenza 60
SUBTAQSIMA 3 Gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali 60
SUBTAQSIMA 4 Riskju ta' bażi materjali 60
SUBTAQSIMA 5 Kalkolu tar-rekwiżit kapitali bażiku tas-solvenza 61
SUBTAQSIMA 6 Proporzjonalità u simplifikazzjonijiet 61
SUBTAQSIMA 7 Kamp ta' applikazzjoni tal-moduli tar-riskju tas-sottoskrizzjoni 72
TAQSIMA 2 Modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja 72
TAQSIMA 3 riskju tal-modulu ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja 87
TAQSIMA 4 Modulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa 91
TAQSIMA 5 Modulu tar-riskju tas-suq 104
SUBTAQSIMA 1 Koeffiċjenti ta' korrelazzjoni 104
SUBTAQSIMA 2 Submodulu tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax 105
SUBTAQSIMA 3 Submodulu ta' riskju tal-ekwità 108
SUBTAQSIMA 4 Submodulu ta' riskju fuq il-propjetà 111
SUBTAQSIMA 5 Submodulu ta' riskju tal-firxa 111
SUBTAQSIMA 6 Submodulu tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju tas-suq 120
SUBTAQSIMA 7 Submodulu ta' riskju fuq il-valuta 123
TAQSIMA 6 Modulu tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti 124
SUBTAQSIMA 1 Dispożizzjonijiet ġenerali 124
SUBTAQSIMA 2 Skoperturi tat-tip 1 131
SUBTAQSIMA 3 Skoperturi tat-tip 2 133
TAQSIMA 7 Modulu ta' assi intanġibbli 134
TAQSIMA 8 Riskju operazzjonali 134
TAQSIMA 9 aġġustament għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tad-dispożizzjonijiet tekniċi u t-taxxi differiti 135
TAQSIMA 10 Tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju 136
TAQSIMA 11 Fondi ring fenced 141
TAQSIMA 12 Parametri speċifiċi tas-sottoskrizzjoni 142
TAQSIMA 13 Proċedura biex jiġu aġġornati l-parametri ta' korrelazzjoni 144
KAPITOLU VI Rekwiżit kapitali tas-solvenza — mudelli interni sħaħ u parzjali 144
TAQSIMA 1 Definizzjonijiet 144
TAQSIMA 2 Test tal-użu 145
TAQSIMA 3 Standards tal-kwalità statistika 146
TAQSIMA 4 Standards tal-kalibrazzjoni 151
TAQSIMA 5 Integrazzjoni tal-mudelli interni parzjali 151
TAQSIMA 6 Attribuzzjoni tal-profitt u t-telf 152

TAQSIMA 7 Standards tal-validazzjoni 152
TAQSIMA 8 Standards tad-dokumentazzjoni 153
TAQSIMA 9 Mudelli u dejta esterni 155
KAPITOLU VII Rekwiżit kapitali minimu 155
KAPITOLU VIII Investimenti f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni 159
KAPITOLU IX Sistema ta' governanza 162
TAQSIMA 1 Elementi tas-sistema ta' governanza 162
TAQSIMA 2 Funzjonijiet 168
TAQSIMA 3 Rekwiżiti ta' idoneità 171
TAQSIMA 4 Esternalizzazzjoni 171
TAQSIMA 5 Politika ta' renumerazzjoni 173
KAPITOLU X Supplimentazzjoni kapitali 174
TAQSIMA 1 Ċirkustanzi biex tiġi imposta supplimentazzjoni kapitali 174
TAQSIMA 2 Metodoloġiji għall-kalkolu ta' supplimentazzonijiet kapitali 175
KAPITOLU XI Estensjoni tal-perjodu ta' rkupru 178
KAPITOLU XII Divulgazzjoni pubblika 179
TAQSIMA 1 Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja: struttura u kontenut 179
TAQSIMA 2 Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp; nonżvelar ta' informazzjoni 185
TAQSIMA 3 Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp; skadenzi, mezzi ta' divulgazzjoni u aġġornamenti 186
KAPITOLU XIII Rappurtar superviżorju regolari 187
TAQSIMA 1 Elementi u kontenut 187
TAQSIMA 2 Skadenzi u mezzi ta' komunikazzjoni 193
KAPITOLU XIV Trasparenza u responsabbiltà tal-awtoritajiet superviżorji 194
KAPITOLU XV Veikoli bi skop speċjali 195
TAQSIMA 1 Awtorizzazzjoni 195
TAQSIMA 2 Kundizzjonijiet kuntrattwali mandatorji 195
TAQSIMA 3 Sistema ta' governanza 196
TAQSIMA 4 Rappurtar superviżorju 197
TAQSIMA 5 Rekwiżiti ta' solvenza 197
TITOLU II GRUPPI TAL-ASSIGURAZZJONI 199
KAPITOLU I Kalkolu tas-solvenza fil-livell tal-grupp 199
TAQSIMA 1 Solvenza tal-grupp għażla tal-metodu ta' kalkolu u prinċipji ġenerali 199
TAQSIMA 2 Solvenza tal-grupp metodi ta' kalkolu 201
KAPITOLU II Mudelli interni għall-kalkolu tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp konsolidat 206
TAQSIMA 1 Mudellli interni sħaħ u parzjali użati biss għall-kalkolu tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp 206
TAQSIMA 2 Użu ta' mudell intern għall-grupp 208
KAPITOLU III Superviżjoni tas-solvenza tal-grupp għal gruppi b'immaniġġjar tar-riskju ċentralizzat 210
KAPITOLU IV Koordinazzjoni tas-superviżjoni tal-grupp 211
TAQSIMA 1 Kulleġġi tas-superviżuri 211
TAQSIMA 2 Skambju ta' informazzjoni 213
TAQSIMA 3 Supervizzjoni nazzjonali jew reġjonali tas-sottogrupp 213
KAPITOLU V Divulgazzjoni pubblika 214
TAQSIMA 1 Rapport dwar is-solvenza tal-grupp u l-kundizzjoni finanzjarja 214

TAQSIMA 2 Rapport dwar is-solvenza unika u l-kundizzjoni finanzjarja 216
KAPITOLU I Rappurtar superviżorju regolari 217
TAQSIMA 1 Rappurtar regolari 217
TAQSIMA 2 Rappurtar dwar konċentrazzjonijiet tar-riskju u tranżazzjonijiet bejn il-gruppi 219
TITOLU IIII EKWIVALENZA TA' PAJJIŻ TERZ U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI 220
KAPITOLU I Impriżi li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'pajjiż terz 220
KAPITOLU II Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz relatati 223
KAPITOLU III Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li għandhom l-impriżi prinċipali barra mill-unjoni .. 224
KAPITOLU IV Dispożizzjonijiet finali 226

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d- Direttiva 2009/138/KE u b'mod partikolari l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 35(9), l-Artikolu 37(6), l-Artikolu 37(7), l-Artikolu 50(1)(a), l-Artikolu 50(1)(b), l-Artikolu 50(2)(a), l-Artikolu 50(2)(b), l-Artikolu 50(3), l-Artikolu 56, l-Artikolu 75(2), l-Artikolu 75(3), l-Artikolu 86(1)(a) sa (i), l-Artikolu 86(2)(a), l-Artikolu 86(2)(b), l-Artikolu 92(1), l-Artikolu 92 (1a), l-Artikolu 97(1), l-Artikolu 97(2), l-Artikolu 99(a), l-Artikolu 99(b), l-Artikolu 109a (5), l-Artikolu 111(1)(a) sa (f), Artikolu 111(1)(g) sa (q), l-Artikolu 114(1)(a), l-Artikolu 114(1)(b), l-Artikolu 126, l-Artikolu 127, l-Artikolu 130, l-Artikolu 135(2)(a), l-Artikolu 135(2)(b), l-Artikolu 135(2)(c), l-Artikolu 135(3), l-Artikolu 143(1), l-Artikolu 172(1), l-Artikolu 211(2), l-Artikolu 216(7), l-Artikolu 217(3), l-Artikolu 227(3), l-Artikolu 234, l-Artikolu 241(a), l-Artikolu 241(b), l-Artikolu 241(c), l-Artikolu 244(4), l-Artikolu 244(5), l-Artikolu 245 (4), l-Artikolu 245(5), l-Artikolu 248(7), l-Artikolu 248(8), l-Artikolu 249(3), l-Artikolu 256(4), l-Artikolu 260(2) u l-Artikolu 308b(13) tiegħu,

Billi:

(1) Meta jiġu applikati r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regoalment, għandhom jitqiesu l-ġhamla, il-livell u l-kumplessità tar-riskji minsuġa fin-negozju ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni. Il-piż u l-kumplessità imposti fuq l-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom ikunu proporzjonati ġhall-profil tar-riskju tagħhom. Meta jiġu applikati r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, l-informazzjoni ġhandha titqies materjali jekk din l-istess informazzjoni jista' jkollha influwenza fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utenti previsti ta' dik l-informazzjoni.

(2) Sabiex titnaqqas id-dipendenza żejda fuq il-klassifikazzjonijiet esterni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ġhandu jkollhom l-ġhan li jagħmlu valutazzjoni tal-kreditu huma stess fuq l-iskoperturi kollha tagħhom. Madankollu, fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ġhandhom ikunu meħtieġa li jkollhom il-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħhom stess fuq l-ikbar skoperturi jew l-iktar skoperturi kumplessi li ġhandhom biss.

(3) L-awtoritajiet superviżorji ġhandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżviluppaw mudelli interni li jkopru r-riskju ta' kreditu meta l-iskoperturi tagħhom ikunu materjali f'termini assoluti u meta fl-istess ħin ikollhom ġhadd kbir ta' kontropartijiet materjali. Ġhal dan il-ġhan, l-awtoritajiet superviżorji ġhandu jkollhom approċċ armonizzat ġhad-definizzjonijiet tal-iskoperturi li jkunu materjali f'termini assoluti u ġhadd kbir ta' kontropartijiet materjali.

(4) Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' stimi preġudikati tar-riskju ta' kreditu mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma jużawx mudell intern approvat biex jikkalkulaw ir-riskju ta' kreditu fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħhom, il-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħhom stess ma ġhandhomx jirriżultaw f'rekwiżiti kapitali li jkunu inqas minn dawk li jirriżultaw minn klassifikazzjonijiet esterni.

(5) Sabiex tiġi evitata dipendenza żejda fuq il-klassifikazzjonijiet meta l-iskoperturi jkunu ġhal impriża oħra tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, l-użu tal-klassifikazzjonijiet ġhall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżit kapitali f'konformità mal-formula standard jista' jittiħidlu postu minn referenza ġhall-pożizzjoni ta' solvenza tal-kontroparti (l-approċċ tal-proporzjon ta'solvenza). Approċċ bħal dan ikun jeħtieġ kalibrazzjoni msejsa fuq Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza u ammonti eliġibbli ta' fondi proprji biex ikopru lil dawn ir-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza kif inhu definit meta s- Solvenza II tkun fis-seħħ. L-approċċ tal-proporzjon tas-solvenza ġhandu jkun limitat ġhall-impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassgurazzjoni li mhumiex klassifikati.

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-istandards tal-valwazzjoni ġhal finijiet superviżorji jkunu kompatibbli mal-iżviluppi internazzjonali fil-kontabbiltà, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ġhandhom jużaw metodi ta' valutazzjoni konsistenti mas-suq stipulati fl-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, sakemm l-impriża ma tkunx mitluba tuża metodu speċifiku ta' valutazzjoni b'rabta ma' ċerti assi jew obbligazzjonijiet jew sakemm ma jkollhiex il-permess li tuża metodi bbażati fuq il-metodu ta' valutazzjoni li tuża biex tħejji r-rapporti finanzjarji.

(7) Il-valwazzjoni mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet bl-użu ta' metodi ta' valutazzjoni konsistenti mas-suq stipulati fl-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 ġhandha ssegwi ġerarkija ta' valutazzjoni bi prezzijiet tas-suq ikkwotati fis-swieq attivi ġhall-istess assi jew obbligazzjonijiet bħala l-metodu ta' valutazzjoni ta' inadempjenza, sabiex jiġi żgurat li l-assi u l-obbligazzjonijiet jiġu vvalutati bl-ammont li bih ikunu jistgħu jiġu skambjati fil-każ tal-assi jew ittrasferiti jew saldati fil-każ tal-obbligazzjonijiet bejn partijiet informati u l-partijiet disposti fi tranżazzjoni distakkata. Dan l-approċċ ġhandu jiġi applikat mill-impriżi irrispettivament minn jekk il-metodi ta' valwazzjoni internazzjonali jew metodi ta' valwazzjoni oħrajn isegwux ġerarkija ta' valwazzjoni differenti.

(8) L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jirrikonoxxu u jivvalutaw l-assi u l-obbligazzjonijiet tat-taxxa differita b'rabta mal-entrati kollha li huma rikonoxxuti għal finijiet ta' solvenza jew fil-karta bilanċjali tat-taxxa sabiex jiġi żgurat li jkunu koperti l-ammonti kollha li jistgħu jirriżultaw fi flussi ta' flus mit-taxxi futuri.

(9) Il-valwazzjoni tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni għandha tinkludi l-obbligi relatati ma' negozju eżistenti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni. L-obbligi marbutin ma' negozju futur ma għandhomx jiġu inklużi fil-valwazzjoni. Meta l-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jinkludu għażliet għad-detenturi ta' polza li jistabbilixxu, iġeddu, jestendu, iżidu jew ikomplu l-kopertura tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jew għażliet għall-impriżi li jwaqqfu l-kuntratt jew jemendaw il-primjums jew il-benefiċċji, għandhom jiġu ddefiniti l-limiti tal-kuntratt sabiex jiġi speċifikat jekk il-kopertura addizzjonali li tirriżulta minn dawk l-għażliet hijiex meqjusa bħala negozju eżistenti jew futur.

(10) Sabiex jinstab il-valur tat-trasferiment tal-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-valwazzjoni tal-obbligi għandha tqis il-flussi tal-flus futuri marbutin ma' għażliet ta' tiġdid tal-kuntratti, irrispettivament mill-profittabbiltà tagħhom, sakemm l-għażla tat-tiġdid ma timplikax li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollha l-istess drittijiet, minn perspettiva ekonomika, fuq l-istabbiliment tal-primjums jew tal-benefiċċji tal-kuntratt imġedded bħal dawk li jeżistu għal kuntratt ġdid.

(11) Sabiex jiġi żgurat li l-analiżi tal-pożizzjoni finanzjarja tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma tkunx imfixkla, il-provvedimenti tekniċi ta' portafoll tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jistgħu jkunu negattivi. Il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi ma għandux ikun soġġett għal minimu ta' żero.

(12) Il-valur tat-trasferiment ta' obbligu tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jista' jkun inqas mill-valuri ta' ċediment tal-kuntratti sottostanti. Il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi ma għandux ikun soġġett għal valuri ta' ċediment minimi.

(13) Sabiex jintlaħqu provvedimenti tekniċi li jikkorrispondu għall-valur tat-trasferiment tal-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kalkolu tal-aħjar stima għandu jqis l-iżviluppi fil-ġejjieni, bħal dawk demografiċi, legali, mediċi, teknoloġiċi, soċjali, ambjentali u ekonomiċi, li jkunu se jħallu impatt fuq il-flussi ta' dħul u l-flussi ta' ħruġ tal-flus meħtieġa biex jiġu saldati l-obbligi.

(14) Sabiex tinstab l-aħjar stima li tikkorrispondi għall-medja bil-koeffiċjent tal-probabbiltà tal-flussi tal-flus futuri kif imsemmi fl-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, il-projezzjoni tal-flussi tal-flus użata fil-kalkolu tal-aħjar stima għandha tqis l-inċertezzi kollha fil-flussi tal-flus.

(15) L-għażla tal-metodu biex tiġi kkalkulata l-aħjar stima għandha tkun proporzjonata meta mqabbla mal-għamla, il-livell u l-kumplessità tar-riskji appoġġjati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni. Il-medda ta' metodi biex tiġi kkalkulata l-aħjar stima tinkludi tekniki ta' simulazzjoni, deterministiċi u analitiċi. Għal ċerti kuntratti tal-assigurazzjoni tal-ħajja, partikolarment meta dawn iwasslu għal benefiċċji diskrezzjonali skont xi jkun ir-redditu fuq l-investimenti jew fejn dawn jinkludu garanziji finanzjarji u għażliet kuntrattwali, il-metodi ta' simulazzjoni jistgħu jwasslu għal kalkolu aktar xieraq tal-aħjar stima.

(16) Meta l-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jinkludu garanziji u opzjonijiet finanzjarji, il-valur preżenti tal-flussi tal-flus li jirriżultaw minn dawk il-kuntratti jista' jiddependi kemm fuq ir-riżultat mistenni tal-eventi u l-iżviluppi futuri kif ukoll fuq kif ir-riżultat proprju f'ċerti xenarji jista' jmur lil hinn mir-riżultat mistenni. Il-metodi użati biex tiġi kkalkulata l-aħjar stima għandhom iqisu dipendenzi bħal dawn.

(17) Id-definizzjoni ta' benefiċċji diskrezzjonali futuri għandha tkopri l-benefiċċji tal-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni li jitħallsu flimkien mal-benefiċċji ggarantiti u li jirriżultaw minn parteċipazzjoni bil-qligħ mid-detentur ta' polza. Din ma għandhiex tkopri l-benefiċċji marbutin mal-indiċi jew mal-unità.

(18) Il-kalkolu tal-marġni ta' riskju għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li l-portafoll kollu tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jiġi trasferit lil impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni oħra. B'mod partikolari, il-kalkolu għandu jqis id-diversifikazzjoni tal-portafoll kollu.

(19) Il-kalkolu tal-marġni ta' riskju għandu jkun imsejjes fuq projezzjoni tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li tikkunsidra l-mitigazzjoni tar-riskju tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali. Ma għandhomx jiġu stipulati kalkoli separati tal-marġni ta' riskju gross u nett tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni u tal-veikoli bi skop speċjali.

(20) L-aġġustament għar-riskju ta' kreditu għar-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju għandhom jiġu dderivati minn rati tas-suq li jkopru r-riskju ta' kreditu rifless fir-rata varjabbli tal-iswaps tar-rati tal-imgħax. Għal dan il-għan, sabiex id-determinazzjoni tal-aġġustament tiġi allinjata mal-prattika standard tas-suq u f'kundizzjonijiet tas-suq simili għal dawk fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva 2014/51/UE, b'mod partikolari għall-euro, ir-rati tas-suq għandhom jikkorrispondu għar-rati offruti bejn il-banek għal maturità ta' tliet xhur.

(21) F'kundizzjonijiet tas-suq simili għal dawk fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva 2014/51/UE, meta tinstab l-aħħar maturità li għaliha s-swieq tal-bonds ma jkunx għandhom approfonditi, likwidi u trasparenti skont l-Artikolu 77a tad-Direttiva 2009/138/KE, is-suq għall-bonds denominat f'euro ma għandux jitqies bħala approfondit u likwidu meta l-volum kumulattiv tal-bonds b'maturitajiet akbar minn jew ekwivalenti għall-aħħar maturità jkun inqas minn 6 fil-mija tal-volum tal-bonds kollha f'dak is-suq.

(22) Meta ma tkunx tista' tinsilet firxa tal-kreditu affidabbli mill-istatistika ta' inadempjenza, bħal fil-każ tal-iskoperturi għad-dejn sovran, il-firxa fundamentali għall-kalkolu tal-aġġustament ta' korrispondenza u l-aġġustament ta' volatilità għandha tkun ekwivalenti għall-porzjon tal-medja fit-tul tal-firxa fuq ir-rata tal-imgħax mingħajr riskju stipulata fl-Artikolu 77c(2)(b) u (c) tad-Direttiva 2009/138/KE. Fir-rigward tal-iskoperturi għall-gvern ċentrali u l-banek ċentrali tal-Istati Membri, il-klassi tal-assi għandha tkopri d-differenza bejn l-istati Membri individwali.

(23) Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza fis-sejbien tar-rata rilevanti tal-imgħax mingħajr riskju, skont il-premessa 29 tad-Direttiva 2014/51/UE, il-metodoloġija, is-suppożizzjonijiet u l-identifikazzjoni tad-dejta użata mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) biex jiġi kkalkulat l-aġġustament għar-rati tal-iswap għar-riskju ta' kreditu, l-aġġustament tal-volatilità u l-firxa fundamentali għall-aġġustament ta' korrispondenza, għandhom jiġu ppubblikati mill-EIOPA bħala parti mill-informazzjoni teknika li għandha tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 77e(1) tad-Direttiva 2009/138/KE.

(24) Is-segmentazzjoni tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni f'linji operatorji u gruppi ta' riskji omoġenji għandha tirrifletti l-għamla tar-riskji sottostanti għall-obbligazzjoni. L-għamla tar-riskji sottostanti tista' tiġġustifika segmentazzjoni li tvarja mill-allokazzjoni tal-attivitajiet ta' assigurazzjoni għal attivitajiet ta' assigurazzjoni tal-ħajja u attivitajiet ta' asigurazzjoni mhux tal-ħajja, mill-klassijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja stipulati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE u mill-klassijiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 2009/138/KE.

(25) Is-sejbien ta' jekk metodu għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jkunx proporzjonat meta mqabbel mal-għamla, il-livell u l-kumplessità tar-riskji għandu jinkludi valutazzjoni tal-iżball mudell tal-metodu. Iżda din il-valutazzjoni ma għandhiex tirrikjedi li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jispeċifikaw l-ammont preċiż tal-iżball mudell.

(26) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-approvazzjoni superviżorja biex jintuża l-aġġustament ta' korrispondenza msemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi għandhom jitħallew jikkunsidraw prodotti tal-assigurazzjoni eliġibbli differenti bħala portafoll wieħed, diment li l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni jintlaħqu fuq bażi kontinwa u ma jkunx hemm ostakoli legali għan-negozju li jkun qed jiġi organizzat u ġestit b'mod separat mil-bqija tan-negozju tal-impriżi f'portafoll wieħed.

(27) L-approvazzjoni ta' fondi proprji anċillari li għandhom jiġu inklużi biex jilħqu r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun imsejsa fuq valutazzjoni tal-kriterji rilevanti mill-awtoritajiet superviżorji. Madankollu, l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tkun qed tfittex approvazzjoni għal entrata ta' fondi proprji anċillari għandha turi lill-awtoritajiet superviżorji li l-kriterji jkunu ntlaħqu u għandha tagħti l-informazzjoni kollha lill-awtoritajiet superviżorji li dawn jistgħu jeħtieġu sabiex jagħmlu valutazzjoni bħal din. Il-valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-fondi proprji anċillari mill-awtoritajiet superviżorji għandha ssir fuq bażi ta' każ b'każ.

(28) Meta jkunu qed jikkunsidraw applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' fondi proprji anċillari, skont l-Artikolu 90 tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw is-sustanza ekonomika u l-infurzabbiltà legali tal-entrati ta' fondi proprji anċillari li għalihom tkun qed tintalab l-approvazzjoni.

(29) Il-fondi proprji tal-Grad 1 għandhom ikunu magħmula minn entrati ta' fondi proprji li jkunu ta' kwalità għolja u li jassorbu bis-sħiħ it-telf sabiex impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun tista' tibqa' topera bħala negozju avvjat.

(30) Meta l-effett ekonomiku ta' tranżazzjoni, jew grupp ta' tranżazzjonijiet konnessi, ikun ekwivalenti għall-parteċipazzjoni ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fl-ishma tagħha stess, l-eċċess tal-assi fuq l-obbligi għandu jitnaqqas biex jirrifletti l-eżistenza ta' gravami fuq dik il-parti tal-fondi proprji.

(31) Il-valutazzjoni ta' jekk entrata ta' fond proprju individwali tkunx għal durata biżżejjed għandha tkun imsejsa fuq il-maturità oriġinali ta' dik l-entrata. Id-durata medja tal-fondi proprji totali ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-maturità li jifdal tal-entrati tal-fondi proprji kollha, ma għandhiex tkun sinifikattivament inqas mid-durata medja tal-obbligazzjonijiet tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jivvalutaw ukoll jekk l-ammont totali ta' fondi proprji tagħhom huwiex għal durata biżżejjed bħala parti mill-valutazzjoni tagħhom stess tar-riskju u s-solvenza, b'kunsiderazzjoni kemm tal-maturità oriġinali kif ukoll dik li jifdal tal-entrati ta' fondi proprji kollha u tal-obbligazzjonijiet kollha tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni.

(32) Il-valutazzjoni tal-assorbiment tat-telf f'każ ta' stralċ skont l-Artikolu 93 tad-Direttiva 2009/138/KE ma għandhiex tkun imsejsa fuq paragun tal-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet ivvalutat fuq bażi ta' negozju avvjat kontra l-eċċes tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet ivvalutat bis-suppożizzjoni li l-proċedimenti ta' stralċ ikunu nfetħu b'rabta mal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

(33) Billi l-primjums futuri riċevibbli fuq kuntratti eżistenti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni huma inklużi fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, l-ammont tal-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet li huwa inkluż fil-Grad 1 ma għandux jiġi aġġustat biex jeskludi l-profitti mistennija fuq dawk il-primjums futuri.

(34) L-entrati ta' fondi proprji b'karatteristiċi li jinċentivaw it-tifdija, bħal żidiet kuntrattwali fid-dividend pagabbli jew żidiet fit-rata tal-kupuni flimkien ma' opzjoni eżerċitabbli, għandhom ikunu limitati biex ikunu jistgħu jitfasslu restrizzjonijiet fuq il-ħlas lura jew it-tifdija fil-każ ta' ksur tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u għandhom jiġu klassifikati biss bħala Grad 2 jew Grad 3.

(35) L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jaqsmu l-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet f'ammonti li jikkorrispondu għal entrati tal-kapital fir-rapporti finanzjarji tagħhom u riżerva ta' rikonċiljazzjoni. Ir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni tista' tkun pożittiva jew negattiva.

(36) Il-lista sħiħa ta' entrati ta' fondi proprji għandha tkun stabbilita għal kull grad, inkluż il-Grad 3, biex b'hekk ikun ċar għal liema entrati l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom ifittxu approvazzjoni superviżorja għall-klassifikazzjoni.

(37) Il-fondi ring-fenced huma arranġamenti li, fihom, sett identifikat ta' assi u obbligazzjonijiet jiġi ġestit bħallikieku kien impriża separata, u ma għandhomx jinkludu negozju konvenzjonali marbut mal-indiċi, mal-unitajiet jew ta' riassigurazzjoni. It-trasferabbiltà mnaqqsa tal-assi ta' fond ring-fenced għandha tkun riflessa fil-kalkolu tal-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

(38) Kemm l-attivitajiet tal-assigurazzjoni kif ukoll tar-riassigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja jistgħu jirriżultaw f'fondi ring-fenced. Il-parteċipazzjoni bil-qligħ mhux bilfors timplika delimitazzjoni, u ma għandhiex titqies bħala l-karatteristika li tiddefinixxi fond ring-fenced.

(39) Il-fondi ring-fenced għandhom ikunu limitati għal dawk l-arranġamenti li jnaqqsu l-kapaċità ta' ċerti entrati ta' fondi proprji li jassorbu t-telf fuq bażi ta' negozju avvjat. L-arranġamenti li jaffettwaw l-assorbiment tat-telf biss fil-każ ta' stralċ ma għandhomx jitqiesu bħala fondi ring-fenced.

(40) Sabiex jiġi evitat milli l-fondi proprji jingħaddu darbtejn bejn is-settur tal-assigurazzjoni u dak bankarju fuq livell individwali, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom inaqqsu mill-ammont tal-fondi proprji bażiċi kwalunkwe parteċipazzjoni f'istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu li jaqbżu l-10 % tal-entrati ta' fondi proprji tal-Grad 1 li ma jkunu soġġetti għal ebda limitu. Il-parteċipazzjonijiet fl-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu li flimkien jaqbżu l-istess livell limitu għandhom jitnaqqsu parzjalment fuq bażi proporzjonali. It-tnaqqis ma jkunx meħtieġ meta l-parteċipazzjonijiet ikunu strateġiċi u meta jiġi applikat il-metodu 1 stipulat fl-Anness I mad-Direttiva 2002/87/KE għal dawn l-impriżi għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp.

(41) Il-parti l-kbira tal-ammont eliġibbli ta' fondi proprji biex ikopri r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għandha tkun imsawra minn fondi proprji tal-Grad 1. Sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tal-limiti ma toħloqx effetti proċikliċi potenzjali, il-limiti fuq l-ammonti eliġibbli tal-entrati tal-Grad 2 u tal-Grad 3 għandhom japplikaw b'tali mod li telf fil-fondi proprji tal-Grad 1 ma jirriżultax f'telf fil-fondi proprji eliġibbli totali li jkun ikbar minn dak it-telf. Għaldaqstant, il-limiti għandhom japplikaw sakemm ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali Minimu jkunu koperti bil-fondi proprji. L-entrati ta' fondi proprji li jaqbżu l-limiti ma għandhomx jingħaddu bħala fondi proprji eliġibbli.

(42) Meta tfassal listi ta' gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali, l-EIOPA għandha tirrispetta r-rekwiżit li ma hemm ebda differenza fir-riskju bejn skoperturi għal dawn u l-iskoperturi għall-gvern ċentrali li huma stabbiliti fil-ġuriżdizzjoni tagħhom minħabba s-setgħat speċifiċi ta' ġbir ta' dħul tal-gvern ċentrali u peress li jeżistu arranġamenti istituzzjonali speċifiċi, li għandhom effett ta' tnaqqis tar-riskju ta' inadempjenza. L-effett tal-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 109a(2)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE relatat ma' dawn il-listi huwa li l-iskoperturi diretti għall-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali elenkati huma meqjusin bħala skoperturi għall-gvern ċentrali tal-ġuriżdizzjoni li huma stabbiliti fiha għall-finijiet tal-kalkolu tal-modulu tar-riskju tas-suq u l-modulu tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti tal-formula standard.

(43) Sabiex jiġi evitat milli jingħataw inċentivi ħżiena biex il-kuntratti fuq terminu twil jiġu ristrutturati bħala kuntratti li jiġġeddu għal terminu qasir, il-kejl tal-volum tar-riskju primjum mhux tal-ħajja u r-riskju primjum tas-saħħa SLT użat fil-formula standard għandu jkun imsejjes fuq is-sustanza ekonomika tal-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, u mhux fuq il-forma ġuridika tagħhom. Għalhekk, il-kejl tal-volum għandu jkopri l-primjums iggwadanjati li ma jaqbżux il-limiti tal-kuntratt tal-kuntratti eżistenti u fuq il-kuntratti li jkunu sejinkitbu fit-12-il xahar li ġejjin.

(44) Peress li l-profitti mistennija inklużi fil-primjums futuri ta' kuntratti eżistenti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja huma rikonoxxuti fil-fondi proprji eliġibbli tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja għandu jkopri r-riskju ta' skadenza marbut mal-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja.

(45) B'rabta mar-riskju primjum, il-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja u tas-saħħa għandu jkun imsejjes fuq l-ikbar primjums iggwadanjati fl-imgħoddi u dawk mistennijin fil-ġejjieni biex tiġi kkunsidrata l-inċertezza fuq il-primjums futuri ggwadanjati. Madankollu, meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun tista' tiżgura b'mod affidabbli li l-primjums futuri ggwadanjati ma jkunux se jaqbżu l-primjums mistennija, il-kalkolu għandu jkun ibbażat fuq il-primjums mistennijin li jiġu ggwadanjati biss.

(46) Sabiex jiġu riflessi l-karatteristiċi medji tal-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja, l-immudellar tar-riskju ta' skadenza tal-massa fil-formula standard tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li r-riskju relatat mal-opzjonijiet li impriża ċedenti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' kuntratt tar-riassigurazzjoni tista' teżerċita ma jkunx materjali għall-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni aċċettanti.

(47) Sabiex jirrifletti l-profil tar-riskju differenti tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jitfittex fuq bażi teknika simili għal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja (saħħa SLT) u ta' negozji tal-assigurazzjoni tas-saħħa oħrajn (saħħa NSLT), il-modulu tas-sottoskrizzjoni tar-riskju tal-ħajja għandu jinkludi submoduli differenti għal dawn iż-żewġ tipi ta' assigurazzjoni.

(48) Sabiex jiġu riflessi l-karatteristiċi medji tal-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja, l-immudellar tal-moduli tas-sottoskrizzjoni tar-riskju tal-ħajja u tas-saħħa SLT għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li r-riskju relatat mad-dipendenza fuq il-benefiċċji tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fuq l-inflazzjoni mhuwiex materjali.

(49) Il-kalkoli bbażati fuq xenarju għas-submoduli tar-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja u tas-saħħa tal-formula standard għandhom ikunu bbażati fuq l-ispeċifikazzjoni ta' telf katastrofiku gross, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u l-veikoli bi skop speċjali. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom iħallu lok għall-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kuntratti speċifiċi tar-riassigurazzjoni u tal-veikoli bi skop speċjali tagħhom meta jkunu qed jiddeterminaw il-bidla fil-fondi proprji bażiċi li tirriżulta mix-xenarju.

(50) Sabiex jirrifletti l-karatteristiċi medji tal-obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, l-immudellar tar-riskju tal-obbligazzjonijiet fis-submodulu tar-riskju katastrofiku mhux tal-ħajja tal-formula standard għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li r-riskju ta' akkumulazzjoni ta' għadd kbir ta' pretensjonijiet simili li jkunu koperti mill-obbligi tal-assigurazzjoni tal-obbligi ta' partijiet terzi ma jkunx materjali.

(51) Sabiex jirrifletti l-karatteristiċi medji tal-obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, l-immudellar tar-riskju ta' aċċident tal-massa fil-formula standard għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li l-iskopertura tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għal riskju ta' aċċident tal-massa f'pajjiżi terzi, barra minn pajjiżi Ewropej speċifiċi, ma jkunx materjali għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-gruppi tal-assigurazzjoni soġġetti għad-Direttiva 2009/138/KE. Għandu jkun imsejjes ukoll fuq is-suppożizzjoni li r-riskju ta' aċċident tal-massa b'rabta mal-assigurazzjoni ta' kumpens tal-ħaddiema ma jkunx materjali.

(52) Sabiex jirrifletti l-karatteristiċi medji tal-obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, l-immudellar tar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' aċċidenti fil-formula standard għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li r-riskju tal-konċentrazzjoni ta' aċċidenti b'rabta mal-assigurazzjoni tal-ispiża medika u l-assigurazzjoni għal protezzjoni tad-dħul, barra mill-kuntratti tal-gruppi ma jkunx materjali.

(53) Sabiex jirrifletti l-evidenza empirika fuq il-katastrofi naturali fil-kalibrazzjoni tal-formula standard, l-immudellar tar-riskju ta' katastrofi naturali għandu jkun imsejjes fuq diviżjonijiet ġeografiċi li jkunu omoġenji biżżejjed b'rabta mar-riskju li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu skoperti għalih. Il-ponderazzjonijiet tar-riskju għal dawk id-diviżjonijiet għandhom ikunu speċifikati b'tali mod li jkopru l-proporzjon tat-telf annwali u s-somma assigurata għal-linji operatorji rilevanti bl-użu ta' kejl tal-Valur fir-Riskju b'livell ta' fiduċja ta' 99,5 %. Il-koeffiċjenti ta' korrelazzjoni bejn dawk id-diviżjonijiet ġeografiċi għandhom jintgħażlu b'tali mod li jirriflettu d-dipendenza bejn ir-riskji rilevanti fid-diviżjonijiet ġeografiċi, b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe tendenza mhux lineari tad-dipendenza.

(54) Sabiex il-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' katastrofi naturali fil-formula standard jkopri l-iskopertura reali għar-riskju, is-somma assigurata għandha tinstab b'mod li jqis il-limiti kuntrattwali għall-kumpens għal eventi katastrofiċi.

(55) Il-modulu tar-riskju tas-suq tal-formula standard għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li s-sensittività tal-assi u l-obbligazzjonijiet għall-bidliet fil-volatilità tal-parametri tas-suq ma tkunx materjali.

(56) Il-kalibrazzjoni tar-riskju tar-rata ta' interess b'maturitajiet itwal għandha tirrifletti li r-rata forward aħharija li lejha tikkonverġi l-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju tkun stabbli tul iż-żmien u tinbidel biss minħabba bidliet fl-aspettattivi fit-tul.

(57) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-formula standard, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jidentifikaw liema mill-impriżi relatati tagħhom ikunu ta' għamla strateġika. Il-kalibrazzjoni tas-submodulu tar-riskju tal-ekwità fuq l-investimenti f'impriżi relatati li jkunu ta' għamla strateġika għandha tirrifletti t-tnaqqis probabbli fil-volatilità tal-valur tagħhom li jirriżulta mill-għamla strateġika tagħhom u mill-influwenza eżerċitata mill-impriża parteċipanti fuq dawk l-impriżi relatati.

(58) Is-submodulu tar-riskju tal-ekwità msejjes fuq id-durata ta' żmien għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li l-perjodu ta' parteċipazzjoni tipiku tal-investimenti tal-ekwità msemmi fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE jkun konsistenti mad-durata medja tal-obbligazzjonijiet skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE.

(59) Sabiex jiġu evitati l-effetti tal-proċikliċità, il-perjodu ta' żmien għall-mekkaniżmu ta' aġġustament simetriku għas-submodulu tar-riskju tal-ekwità għandu jilħaq bilanċ bejn iż-żamma tas-sensittività għar-riskju tas-submodulu u r-riflessjoni tal-objettiv tal-aġġustament simetriku.

(60) Meta aġġustament ta' korrispondenza jiġi applikat fil-kalkolu tal-aħjar stima tal-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, il-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fis-submodulu tar-riskju ta' firxa għandu jkopri l-impatt tal-bidliet fil-firxiet tal-assi fuq l-aġġustament ta' korrispondenza u, għalhekk, fuq il-valur tal-provvedimenti tekniċi.

(61) Fid-dawl l il-profil tar-riskju tal-proprjetà li tinsab f'pajjiżi terzi mhux materjalment differnti minn dak ta' proprjetàli tinsab fl-Unjoni, is-submodulu tar-riskju tal-proprjetà tal-formula standard għandu jittratta dawn iż-żewġ tipi ta' skoperturi bl-istess mod.

(62) Minħabba li r-riskju tal-konċentrazzjoni jirriżulta fil-parti l-kbira min-nuqqas ta' divesifikazzjoni fl-emittenti li għalihom ikunu skoperti l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, is-submodulu tal-konċentrazzjonijiet tar-riskji tas-suq tal-formula standard għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li l-konċentrazzjoni ġeografika jew settorjali tal-assi miżmumin mil-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni mhijiex materjali.

(63) Il-modulu tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti tal-formula standard għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li, għall-iskoperturi li jistgħu jiġu ddiversifikati u meta jkun probabbli li l-kontroparti tiġi kklassifikata (skoperturi tat-tip 1), it-telf f'każ ta' inadempjenza fuq il-kontropartijiet li ma jappartjenux għall-istess grupp ikun indipendenti u t-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq il-kontropartijiet li jappartjenu għall-istess grupp ma jkunx indipendenti.

(64) Sabiex jiġi żgurat li r-riskju ta' kreditu fuq il-kontropartijiet kollha li għalih ikunu skoperti l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni huwa kopert mir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkulat bil-formula standard, l-iskoperturi kollha li la jkunu koperti mis-submodulu tar-riskju tal-firxiet u lanqas mill-modulu tar-riskju ta' inademjenza tal-kontropartijiet bħala skoperturi tat-tip 1, għandhom ikunu koperti mill-modulu tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontropartijiet bħala skoperturi tat-tip 2.

(65) Il-modulu tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontropartijiet tal-formula standard għandu jirrifletti l-effett ekonomiku tal-arranġamenti kollaterali fil-każ ta' inadempjenza tal-kontroparti. B'mod partikolari, għandu jitqies jekk is-sjieda sħiħa tal-kollateral tiġix trasferita jew le. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll jekk fil-każ ta' insolvenza tal-kontroparti, is-sejbien tas-sehem proporzjonali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-beni ta' insolvenza tal-kontroparti li jkunu f'eċċess tal-kollateral iqisx il-fatt li l-impriża tirċievi l-kollateral.

(66) B'konsistenza mal-approċċ stipulat fl-Artikolu 104(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza għandu jinkludi modulu tar-riskju addizzjonali sabiex jiġu indirizzati r-riskji speċifiċi li jirriżultaw mill-assi intanġibbli, kif inhuma rikonoxxuti u vvalutati għall-finijiet tas-solvenza, li ma jkunu koperti mkien aktar fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

(67) Il-modulu tar-riskju operazzjoanli tal-formula standard ikopri r-riskju li jirriżulta minn proċessi interni, persunal jew sistemi inadegwati jew li fallew, jew minn eventi esterni f'kalkolu bbażat fuq il-fatturament. Għal dan l-għan, dispożizzjonijiet tekniċi, primjums gwadanjati matul it-tnax-il xahar ta' qabel, u l-ispejjeż li saru matul it-tnax-il xahar ta' qabel huma kkunsidrati miżuri tal-volum xierqa biex ikun kopert dan ir-riskju. Din il-miżura tal-volum aħharija hija rilevanti biss għal kuntratti ta' assigurazzjoni tal-ħajja fejn ir-riskju huwa merfugħ mit-titolari tal-polza. Fid-dawl tal-fatt li l-ispejjeż tal-akkwiżizzjoni huma implimentati b'mod eteroġenu f'mudelli ta' negozju ta' assigurazzjoni differenti, dawn l-ispejjeż m'għandhomx jitqiesu fil-miżura tal-volum għall-ammont ta' spejjeż magħmula matul it-12-il xahar ta' qabel. Sabiex ikun żgurat li r-rekwiżit kapitali għar-riskju operazzjonali jkompli jilħaq il-livell ta' kunfidenza stabbilit fl-Artikolu 101 tad-Direttiva 2009/138/KE, il-modulu tar-riskju operazzjonali għandu jiġi eżaminat mill-ġdid bħala parti mir-reviżjoni tal-Kummissjoni tal-metodi, is-suppożizzjonijiet u l-parametri standard użati meta jiġi kkalkolat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont il-formula standard, kif imsemmi fil-premessa (150). Din ir-reviżjoni għandh atiffoka b'mod partikulari fuq il-kuntratti ta' assigurazzjoni tal-ħajja fejn ir-riskju huwa merfugħ mit-titolari tal-polza.

(68) Il-kalkolu tal-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti għandu jiżgura li ma jkunx hemm għadd doppju tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju pprovdut mill-benefiċċji diskrezzjonali futuri jew mit-taxxi differiti.

(69) Il-benefiċċji diskrezzjonali futuri ġeneralment ikunu aspett assoċjat mal-kuntratti tal-assigurazzjoni tal-ħajja u s-saħħa SLT. Għaldaqstant, l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi għandu jqis l-effett tal-mitigazzjoni pprovdut mill-benefiċċji diskrezzjonali futuri b'rabta mar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja, mar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa SLT, mar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa, mar-riskju tas-suq u u mar-riskju ta' inadempjenza tal-kontropartijiet. Sabiex tiġi limitata l-kumplessità tal-formula standard u tal-piż tal-kalkolu għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, l-aġġustament ma għandux japplika għar-riskji tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u l-assigurazzjoni tas-saħħa NSLT. Peress li t-telf li jirriżulta minn proċessi interni li jkunu inadegwati jew li ma jkunux irnexxew, persunal jew sistemi, jew minn eventi esterni, jista' jkun li ma jiġix assorbit effettivament mill-benefiċċji diskrezzjonali futuri, l-aġġustament ma għandux japplika għar-riskju operazzjonali.

(70) Ir-rikonoxximent tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskji fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għandu jirrifletti s-sustanza ekonomika tat-teknika użata u għandu jkun ristrett għal tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji li jittrasferixxu b'mod effettiv ir-riskju lil hinn mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

(71) Il-valutazzjoni ta' jekk kienx hemm trasferiment effettiv tar-riskju għandha tqis kull aspett tat-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskji u l-arranġamenti bejn l-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni u l-kontropartijiet tagħhom. Fil-każ ta' mitigazzjoni tar-riskji pprovduta mir-riassigurazzjoni, is-sempliċi fatt li l-probabbiltà ta' varjazzjoni sinifikanti fl-ammont jew fit-twaqqit tal-pagamenti mir-riassiguratur tkun remota ma għandux ifisser li r-riassiguratur ma jkunx assuma r-riskju.

(72) Il-kalkoli msejsin fuq xenarju tal-formula standard tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jkunu msejsin fuq l-impatt tal-istressijiet instantanji u l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma għandhomx iqisu t-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju li jiddependu fuq it-teħid ta' azzjoni fil-ġejjieni mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, bħal strateġiji dinamiċi ta' ħħeġġjar jew azzjonijiet ta' ġestjoni futuri, fiż-żmien li jkun hemm l-istress. L-istrateġiji dinamiċi ta' ħħeġġjar u l-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri għandhom ikunu distinti mill-arranġamenti ta' ħħeġġjar rotanti, li fiha teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju tkun attwalment fis-seħħ u tkun se tiġi sostitwita meta tiskadi ma' arranġament simili indipendentement mill-pożizzjoni ta' solvenza tal-impriża.

(73) Sabiex tiġi evitata s-sitwazzjoni li fiha l-effettività ta' teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju tiddgħajjef mill-eżistenza ta' riskju ta' bażi, b'mod partikolari minħabba spariġġ fil-muniti, l-impriżi għandhom jirriflettu r-riskju ta' bażi materjali fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza. Meta r-riskju ta' bażi materjali ma jkunx rifless fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, it-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ma għandhiex tiġi rikonoxxuta.

(74) L-eżistenza ta' arranġamenti ta' parteċipazzjoni bil-qligħ, li fihom il-profitti jkunu allokati lid-detenturi jew lill-benefiċjarji ta' polza għandha tkun riflessa kif xieraq fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

(75) Meta l-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għal modulu jew submodulu ta' riskju tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku jkun imsejjes fuq l-impatt ta' xenarji bidirezzjonali fuq fondi proprji bażiċi, bħal fir-riskju tar-rata tal-imgħax, ir-riskju tal-munita jew ir-riskju ta' skadenza, l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha tiddetermina liema xenarju jaffettwa bl-aktar mod ħażin il-fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni b'mod ġenerali. Meta dawn ikunu rilevanti, din id-determinazzjoni għandha tqis l-effetti tal-parteċipazzjoni bil-qligħ u d-distribuzzjoni tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri fil-livell tal-fond ring-fenced. Ix-xenarju ddeterminat b'dan il-mod għandu jkun ix-xenarju reievanti biex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull fond ring-fenced.

(76) Sabiex ikunu jistgħu jitħejjew ir-reviżjonijiet futuri ta' parametri ta' korrelazzjoni fuq il-bażi ta' informazzjoni empirika xierqa, bħal bidliet fir-rati tal-mortalità u r-rati ta' skadenza għall-obbligi tal-ħajja u l-proporzjonijiet kombinati jew proporzjonijiet run-off tal-provvedimenti għall-obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, l-EIOPA għandha tirċievi dejta xierqa mingħand l-awtoritajiet superviżorji. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jirċievu din id-dejta mingħand l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni bħala parti mill-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata lis-superviżuri minħabba li din tkun meħtieġa għall-finijiet tas-superviżjoni u għalhekk ma għandhiex tirriżulta f'piżijiet addizzjonali għall-impriżi.

(77) Meta tagħti opinjoni dwar aġġornament fil-parametri ta' korrelazzjoni, l-EIOPA għandha tqis jekk l-applikazzjoni tal-parametri ta' korrelazzjoni aġġornati mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jirriżultawx f'Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ġenerali li jikkonforma mal-prinċipji fl-Artikolu 101 tad-Direttiva 2009/138/KE, u jekk id-dipendenzi bejn ir-riskji jkunux nonlineari jew jekk ikunx hemm nuqqas ta' diversifikazzjoni f'xenarji estremi, f'liema każ l-EIOPA għandha tikkunsidra miżuri alternattivi ta' dipendenza għall-finijiet tal-kalibrazzjoni tal-aġġornamenti mal-parametri ta' korrelazzjoni.

(78) Aktarx li ħafna aspetti tal-mudelli interni jinbidlu maż-żmien hekk kif l-għarfien dwar l-immudellar tar-riskju jitjieb, u l-awtoritajiet superviżorji għandhom iqisu l-informazzjoni u l-prattika attwali meta jkunu qed jagħmlu l-valutazzjoni tagħhom tal-mudell intern sabiex jiżguraw li dan ikun aġġornat meta mqabbel mal-iżviluppi riċenti.

(79) Mudell intern jista' jkollu rwol importanti fis-sistema ta' governanza ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni biss jekk ikun adattat għan-negozju tal-impriża u mifhum mill-persuni li jibbażaw id-deċiżjonijiet fuq ir-riżultat tiegħu. Għalhekk it-test tal-użu għall-mudelli interni għandu jiżgura li l-mudelli interni approvati jkunu xierqa għan-negozju tal-impriża u jkunu mifhuma mill-persuni li effettivament imexxu l-impriża.

(80) L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza abbażi ta' mudell intern għandhom jużaw il-mudell intern fis-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju tagħhom u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom b'tali mod li joħloq inċentivi biex tittejjeb il-kwalità tal-mudell intern innifsu.

(81) Ir-rekwiżit li l-mudell intern jintuża b'mod wiesa' u jkollu rwol importanti fis-sistema ta' governanza tagħhom stipulat fl-Artikolu 120 tad-Direttiva 2009/138/KE ma għandux iwassal sabiex l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiddependu bis-sħiħ fuq ir-riżultat tal-mudell intern. L-impriżi ma għandhomx jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom abbażi tar-riżultat tal-mudell intern mingħajr ma jikkontestaw l-adegwatezza tal-mudell. Għandhom ikunu jafu bil-limitazzjonijiet tal-mudell intern u għandhom jikkunsidrawhom fid-deċiżjonijiet tagħhom.

(82) Peress li ma hemmx metodu partikolari għall-kalkolu tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbilità għall-mudelli interni ma huwa stipulat skont l-Artikolu 121(4) tad-Direttiva 2009/138/KE u peress li l-mudelli interni għandhom jiġu adattati għan-negozju speċifiku tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, il-mudelli interni jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti fil-metodoloġija tagħhom, fl-informazzjoni, is-suppożizzjonijiet u d-dejta użati għall-mudell intern u fil-proċessi ta' validazzjoni tagħhom. Għalhekk l-istandards tal-kwalità statistika u l-istandards ta' validazzjoni għandhom jibqgħu bbażati fuq il-prinċipji u jinkludu biss rekwiżiti minimi speċifiċi. Għall-istess raġuni, l-istandards tad-dokumentazzjoni ma għandhomx jinkludu lista sħiħa ta' dokumenti, iżda biss lista minima ta' dokumenti li għandu jkun hemm għal kull mudell intern. Id-dokumentazzjoni tal-impriżi għandha tinkludi kull informazzjoni addizzjonali neċessarja biex tinżamm konformità mal-istandards tad-dokumentazzjoni għall-mudelli interni.

(83) Sabiex jiġi żgurat li l-mudell intern ikun aġġornat u jirrifletti l-profil tar-riskju tagħhom bl-aħjar mod possibbli, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom ikunu konxji mill-iżviluppi attwarji rilevanti u l-prattika tas-suq tal-immudellar tar-riskju li ġeneralment tkun aċċettata. Madankollu, dan ma jimplikax li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jadattaw dejjem il-mudell intern tagħhom għall-prattiki tas-suq li jkunu ġeneralment aċċettati. F'ħafna każijiet jista' jkun hemm bżonn li wieħed ivarja mill-prattika tas-suq ġeneralment aċċettata sabiex jiġi stabbilit mudell intern xieraq.

(84) Huwa probabbli li l-mudelli interni jkunu bbażati fuq ammont kbir ta' dejta li tirriżulta minn varjetà ta' sorsi li jkunu ta' karatteristiċi u kwalità differenti. Sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza tad-dejta użata għall-mudell intern, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiġbru, jipproċessaw u japplikaw id-dejta b'mod trasparenti u strutturat.

(85) L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom ikunu liberi li jiddeċiedu dwar l-istruttura tal-mudell intern li tirrifletti bl-aħjar mod ir-riskji tagħhom. Dan għandu jsir wara li jkun hemm approvazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji. Fil-każ ta' mudelli interni parzjali, jista' jkun aktar xieraq li l-komponenti differenti jiġu kkalkulati b'mod separat u jiġu integrati direttament fil-formula standard mingħajr ma ssir aktar aggregazzjoni fil-mudell intern. F'dan il-każ, previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà għandha tiġi kkalkulata għal kull komponent.

(86) Kull teknika ta' integrazzjoni ta' mudell intern parzjali fil-formula standard biex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza hija parti minn dak il-mudell intern u għandha, flimkien mal-komponenti l-oħrajn tal-mudell intern parzjali, tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/138/KE.

(87) L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari bl-użu ta' kalkolu standard irrispettivament minn jekk l-impriża tużax il-formula standard jew mudell intern biex tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

(88) Sabiex jiġu kkalkulati l-limitu massimu u l-limitu minimu tar-Rekwiżit Kapitali Minimu msemmijin fl-Artikolu 129(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma għandhomx jintalbu jikkalkulaw Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza fuq bażi trimestrali. Meta l-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali Minimu ma jaħbatx ma' kalkolu annwali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, l-impriżi għandhom jużaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li jkun ġie kkalkulat l-aħħar f'konformità mal-Artikolu 102 tad-Direttiva 2009/138/KE.

(89) F'konformità mal-prinċipju tal-"persuna prudenti" stipulat fl-Artikolu 132 tad-Direttiva 2009/138/KE u sabiex tiġi żgurata konsistenza transsettorjali, l-interessi tal-impriżi li jirripakkjaw is-self ta' titoli kummerċjabbli u strumenti finanzjarji oħrajn (oriġinaturi, sponsors jew mutwanti oriġinali) u l-interessi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jinvestu f'dawk it-titoli jew l-istrumenti għandhom jiġu allinjati. Sabiex dan l-allinjament jintlaħaq, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jitħallew jinvestu f'dawk it-titoli jew l-instrumenti biss jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwanti oriġinali jżommu interess ekonomiku materjali nett fl-assi sottostanti. Ir-rekwiżit biex l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwanti oriġinali jżommu interess ekonomiku materjali nett fl-assi sottostanti, għandu japplika wkoll meta jkun hemm oriġinaturi multipli, sponsors jew mutwanti oriġinali. Biex jiġi evitat milli jkun hemm evażjoni potenzjali tar-rekwiżiti, jiġu evitati problemi ta' nuqqas ta' ftehim u sabiex il-lingwa tiġi allinjata ma' dik użata fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, it-terminu "investiment fil-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni" għandu jintuża minflok "investiment f'titoli kummerċjabbli jew strument finanzjarju ieħor imsejjes fuq self ripakkjat".

(90) L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jinvestu fit-titolizzazzjoni għandu jkollhom fehim komprensiv u tajjeb ħafna tal-investiment u l-iskoperturi sottostanti tiegħu. Sabiex jaslu għal dan il-fehim, l-impriżi għandhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom dwar l-investiment biss wara li jkunu wettqu diligenza bir-reqqa kif dovuta, li minnha għandhom jiksbu informazzjoni xierqa u għarfien dwar it-titolizzazzjoni.

(91) Sabiex jiġi żgurat li r-riskji li jirriżultaw minn pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jkunu riflessi kif xieraq fir-rekwiżiti kapitali tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, jeħtieġ li jiġu inklużi regoli li jipprevedu trattament li jkun sensittiv għar-riskju u li jkun prudenzjalment sod għal investimenti bħal dawn, skont in-natura u l-proċess ta' sottoskrizzjoni tal-karatteristiċi sottostanti tal-iskopertuti kif ukoll dawk strutturali u ta' trasparenza. Titolizzazzjonijiet li jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti għandhom ikunu soġġetti għal trattament speċifiku fis-submodulu tar-riskju ta' firxa, waqt li jirrikonoxxi il-profil tar-riskju inqas tagħhom. Fid-dawl li huma biss is-segmenti l-aktar superjuri li jikkwalifikaw għal trattament bħal dan, u meta jitqies it-titjib tal-kreditu inkorporat fil-biċċa l-kbira tas-segmenti superjuri meta mqabbel mal-pula kollha ta' skoperturi sottostanti, huwa xieraq li l-fatturi tar-riskju tal-firxa jiġu llimitati fuq tali pożizzjonijiet fil-livell tal-fattur ta' riskju tal-firxa li jkun applikabbli għal skoperturi sottostanti, jiġifieri fil-livell ta' fattur tar-riskju ta' 3 % għal kull sena tad-durata applikabbli għal self mhux klassifikat. Dan l-approċċ għandu jkun rieżaminat bħala parti mir-reviżjoni tal-Kummissjoni tal-metodi, is-suppożizzjonijiet, u l-parametri standard użati meta jiġi kkalkolat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont il-formula standard, kif imsemmi fil-premessa (150).

(92) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe arbitraġġ regolatorju, ir-regoli dwar it-titolizzazzjoni għandhom japplikaw abbażi tal-prinċipju ta' sustanza tipprevali fuq il-forma. Għal dan il-għan hemm bżonn li jkun hemm definizzjoni ċara u komprensiva tat-titolizzazzjoni li tkopri kull tranżazzjoni jew skema li biha r-riskju ta' kreditu assoċjat ma' skopertura jew ġabra ta' skoperturi jiġi segmentat. Skopertura li toħloq obbligu ta' pagament dirett għal tranżazzjoni jew skema użata għall-finanzjament jew l-operazzjoni tal-assi fiżiċi ma għandhiex titqies bħala skopertura għal titolizzazzjoni, anki jekk it-tranżazzjoni jew l-iskema jkollha obbligazzjonijiet ta' pagamenti ta' senjorità differenti.

(93) Governanza tajba hija l-bażi għal ġestjoni effettiva u soda tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kif ukoll element ewlieni tal-qafas regolatorju. Is-sistema ta' governanza ta' impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni għandha tkun imsejsa fuq allokazzjoni xierqa u trasparenti ta' responsabbiltajiet superviżorji u ta' ġestjoni biex jitħalla jkun hemm teħid effettiv ta' deċiżjonijiet, jiġu evitati l-kunflitti tal-interess u tiġi żgurata ġestjoni effettiva tal-impriża.

(94) Prinċipju bażiku ta' governanza tajba huwa li l-ebda individwu ma għandu jkollu setgħa fuq it-teħid tad-deċiżjonijiet mingħajr ebda xorta ta' kontroll. Għaldaqstant, qabel l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċerna lill-impriża, tal-inqas persuna waħda għandha tirrevedi dik id-deċiżjoni.

(95) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju, l-azzjonijiet meħudin mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jinkludu l-istabbiliment, l-implimentazzjoni, iż-żamma u l-monitoraġġ tal-prattiki u l-proċeduri xierqa għall-politika tal-immaniġġjartar-riskju tal-impriża, b'kunsiderazzjoni tal-oqsma prijoritarji tan-negozju tal-impriżi.

(96) L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandu jkollhom kontrolli interni xierqa fis-seħħ biex jiżguraw li l-persuni kollha b'responsabbiltajiet superviżorji u operazzjonali jaġixxu f'konformità mal-objettivi tal-impriża u f'konformità mal-liġijiet, ir-Regolamenti u l-provvedimenti amministrattivi applikabbli.

(97) Sabiex tiġi żgurata valwazzjoni ekonomika affidabbli, preċiża u li tkun f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, importanti li jiġu stabbiliti u implimentati kontrolli interni xierqa għall-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, inklużi rieżami u verifika indipendenti tal-informazzjoni, id-dejta u s-suppożizzjonijiet użati.

(98) Sabiex jiġi żgurat li l-valwazzjoni tal-provvediment tekniku ssir f'konformità mal-Artikoli 76 sa 85 tad-Direttiva 2009/138/KE, is-sistema ta' governanza tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandha tinkludi proċess ta' validazzjoni tal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

(99) Fil-kuntest tas-sistema ta' governanza, sabiex tiġi żgurata l-indipendenza, individwu jew unità organizzazzjonali li jkunu qed iwettqu funzjoni għandhom ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti relatati b'mod oġġettiv u b'mod ħieles minn kwalunkwe influwenza u li jirrapportaw is-sejbiet rilevanti direttament lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju. Sabiex l-awtoritajiet superviżorji jkunu jistgħu jieħdu miżuri korrettivi fil-ħin, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jinnotifikaw b'mod tempestiv lill-awtorità superviżorja bl-informazzjoni rigward il-persuni kollha li effettivament jamministraw l-impriża jew li huma responsabbli għal funzjonijiet prinċipali oħrajn u informazzjoni oħra meħtieġa biex jiġu vvalutati l-idoneità u l-adegwatezza ta' dawn il-persuni. Madankollu, b'rikonoxximent tal-bżonn li jiġu evitati piżijiet żejda fuq l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew is-superviżuri, in-notifika mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ma għandhiex timplika approvazzjoni minn qabel mill-awtorità superviżorja. Fil-każ li l-awtorità superviżorja tikkonkludi li persuna ma tikkonformax mar-rekwiżiti ta' idoneità u adegwatezza stipulati fid-Direttiva 2009/138/KE, din għandu jkollha s-setgħa li titlob li l-impriża tibdel lil dik il-persuna.

(100) Sabiex tiġi vvalutata r-reputazzjoni tal-persuni li effettivament imexxu l-impriża jew li jkollhom funzjonijiet importanti oħrajn, il-kondotta mgħoddija ta' dawk il-persuni għandha tiġi mistħarrġa biex jiġi stabbilit jekk ikunux kapaċi jirrilaxxaw id-dmirijiet tagħhom b'mod effettiv skont ir-regoli, ir-regolamenti u l-linji gwida applikabbli. L-informazzjoni rigward il-kondotta mgħoddija tista' tkun informazzjoni li tinsilet minn rekords kriminali jew finanzjarji. Il-kondotta mgħoddija fin-negozju ta' persuna tista' tipprovdi indikazzjoni dwar l-integrità ta' dik il-persuna.

(101) Sabiex jiġi żgurat li l-esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet jew l-attivitajiet issir b'mod effettiv u ma ddgħajjifx l-obbligi li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jridu jikkonformaw magħhom skont id-Direttiva 2009/138/KE, hemm bżonn li jiġu stipulati rekwiżiti dwar kif għandu jintgħażel il-fornitur tas-servizzi, dwar il-ftehim bil-miktub li għandu jiġi konkluż u dwar il-verifika kontinwa li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tagħmel rigward il-fornitur tas-servizzi.

(102) Il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni li jipprovdu inċentivi biex jittieħdu riskji li jmorru lil hinn mil-limiti approvati tat-tolleranza tar-riskji tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jdgħajfu l-ġestjoni effettiva tar-riskji ta' impriżi bħal dawn. Għalhekk, hemm bżonn li jkunu previsti rekwiżiti dwar ir-remunerazzjoni għall-finijiet ta' ġestjoni soda u prudenti tan-negozju u biex jiġu evitati arranġamenti ta' remunerazzjoni li jħeġġu t-teħid ta' riskji eċċessivi.

(103) L-ispeċifikazzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jiġu imposti supplimentazzjonijiet kapitali u l-metodoloġiji għall-kalkolu tagħhom għandhom jiżguraw li l-użu tas-supplimentazzjonijiet kapitali jkun għodda superviżorja u prattikabbli għall-protezzjoni tal-benefiċjarji u d-detenturi ta' polza permezz tal-kalkolu ta' Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li jirrifletti kif xieraq il-profil tar-riskju ġenerali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni. L-ammonti tas-supplimentazzjonijiet kapitali għandhom valur numerikament pożittiv. L-ispeċifikazzjoni għandha tqis ukoll il-bżonn li jiġu żviluppati approċċi konsistenti u komuni għal ċirkostanzi simili. Għal dan il-għan, perċentwali u limiti ta' referenza jistgħu jintużaw bħala suppożizzjonijiet biex jiġu vvalutati d-devjazzjonijiet iżda dawn ma għandhomx ifixklu milli jinlaħaq l-objettiv prinċipali tal-istabbiliment ta' tfassil ta' supplimentazzjonijiet xierqa għall-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni inkwistjoni.

(104) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 138(4) tad-Direttiva 2009/138/KE, meta tiddeċiedi fuq jekk tiddikjarax l-eżistenza ta' sitwazzjoni avversa eċċezzjonali li taffettwa lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirrappreżentaw sehem sinifikanti mis-suq jew il-linji operazzjonali affettwati, l-EIOPA għandha tqis il-fatturi rilevanti kollha fil-livell tas-suq jew il-linja operatorja affettwati, inklużi dawk stipulati f'dan ir-Regolament.

(105) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 138(4), fid-deċiżjoni dwar jekk il-perjodu ta' rkupru għandux jiġi estiż u fid-determinazzjoni tat-tul ta' tali estensjoni ghal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni partikolari, soġġett għall-massimu ta' seba' snin stipulati fl-Artikolu 138(4), l-awtorità superviżorja għandha tqis il-fatturi rilevanti kollha li jkunu speċifiċi għall-impriża, inklużi dawk stipulati f'dan ir-Regolament.

(106) Id-Direttiva 2009/138/KE tistipula li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżvelaw lill-pubbliku l-informazzjoni dwar il-qagħda tas-solvenza u finanzjarja tagħhom. Rekwiżiti dettaljati u armonizzati li jirregolaw l-informazzjoni li għandha tiġi żvelata u l-mezzi li bihom dan għandu jsir, għandhom ikunu xierqa biex jiżguraw kundizzjonijiet tas-suq ekwivalenti u operat bla xkiel tas-swieq tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni madwar l-Unjoni, u biex iħaffu l-integrazzjoni effettiva tas-swieq tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni madwar l-Unjoni.

(107) L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità fil-qasam tad-divulgazzjoni pubblika ma għandhiex tirriżulta f'rekwiżit li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jintalbu jiżvelaw xi informazzjoni li ma tkunx rilevanti għan-negozju tagħhom jew li ma tkunx materjali.

(108) Meta jsiru referenzi għal informazzjoni ekwivalenti żvelata pubblikament skont rekwiżiti legali jew regolatorji oħrajn, dawn għandhom iwasslu direttament għall-informazzjoni nnifisha u ma għandhomx ikunu referenza għal dokument ġenerali.

(109) Meta l-awtoritajiet superviżorji jippermettu li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 53(1) u (2) tad-Direttiva 2009/138/KE, ma jiżvelawx ċerta informazzjoni, it-tali permess għandu jibqa' validu biss sakemm tibqa' teżisti r-raġuni għan-nuqqas ta' divulgazzjoni. Meta t-tali raġuni ma tibqax teżisti, u minn dakinhar 'il quddiem biss, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżvelaw l-informazzjoni rilevanti.

(110) Id-Direttiva 2009/138/KE teħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jkollhom is-setgħa li jirrikjedu l-informazzjoni kollha li tkun meħtieġa għall-finijiet superviżjorji. Parti essenzjali minn dik l-informazzjoni għandha tkun l-informazzjoni li trid tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet superviżorji fuq bażi regolari.

(111) Għandhom jiġu adottati rekwiżiti dettaljati u armonizzati li jirregolaw l-informazzjoni li trid tiġi ppreżentata fuq bażi regolari u l-mezz li bih dan għandu jintlaħaq sabiex tiġi żgurata konverġenza effettiva fil-proċess tar-rieżami superviżorju mwettaq mill-awtoritajiet superviżorji.

(112) L-informazzjoni li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jirrapportaw b'mod regolari lill-awtoritajiet superviżorji tinkludi r-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u ta' solvenza. Barra minn hekk, għandhom jippreżentaw ir-rapport superviżorju regolari li jinkludi informazzjoni, barra minn dik inkluża fir-rapport tal-kundizzjoni finanzjarja u ta' solvenza, li huwa meħtieġ għall-finijiet ta' superviżjoni. Għall-benefiċċju kemm tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kif ukoll tal-awtoritajiet superviżorji, dawn iż-żewġ rapporti għandhom jitfasslu fuq l-istess struttura.

(113) Abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtoritajiet superviżorji jistgħu jirrikjedu preżentazzjoni annwali tar-rapport superviżorju regolari tagħha. Meta dan ma jkunx il-każ u l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jippreżentaw ir-rapport superviżorju regolari tagħhom kull tliet snin biss, dawn xorta għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet superviżorji darba fis-sena bi kwalunkwe żvilupp kbir li jkun seħħ mill-aħħar perjodu ta' rappurtar.

(114) Informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva għandha tiġi żvelata jew ippreżentata lill-awtorità superviżorja fuq bażi regolari f'forma ta' rapport narrattiv u ta' mudelli kwantitattivi. Il-mudelli kwantitattivi għandhom jispeċifikaw f'dettall akbar u, fejn ikun xieraq, iżidu mal-informazzjoni mogħtija fir-rapport narrattiv. Ir-rapport u l-mudelli għandhom jipprovdu biżżejjed informazzjoni, li żżid mal-informazzjoni li diġà tkun ingħatat fir-rapport dwar il-qagħda finanzjarja u ta' solvenza, lill-awtoritajiet superviżorji biex ikunu jistgħu jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom skont id-Direttiva 2009/138/KE iżda ma għandhomx jirriżultaw f'piż żejjed għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni. L-ambitu tal-mudelli kwantitattivi li għandhom jiġu ppreżentati fuq bażi trimestrali għandu jkun aktar limitat mill-ambitu tal-mudelli kwantitattivi li għandhom jiġu ppreżentati fuq bażi annwali.

(115) L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità fil-qasam tar-rapportar superviżorju ma għandhiex tirriżulta f'rekwiżit li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew fergħat tagħhom stabbiliti fi ħdan l-Unjoni jippreżentaw xi informazzjoni li la tkun rilevanti għan-negozju tagħhom u lanqas tkun materjali.

(116) Il-kriterji u l-metodi għall-proċess ta' rieżami superviżorju għandhom jiġu żvelati. Dawn għandhom ikopru l-mezzi u l-miżuri ġenerali li l-awtoritajiet superviżorji jużaw sabiex jeżaminaw mill-ġdid u jevalwaw il-konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 36(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, partikolarment sabiex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-immaniġġjar tar-riskju tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kif ukoll il-ħila tagħhom li jifilħu għal bidliet jew eventi avversi.

(117) Id-divulgazzjoni ta' dejta statistika aggregata skont l-Artikolu 31(2)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE huwa maħsub biex jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar is-setturi tal-assigurazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-attivitajiet importanti tal-awtoritajiet superviżorji nfushom. L-informazzjoni rilevanti għandha tkopri d-dejta relatata kemm mar-rekwiżiti kwantitattivi u kemm ma' dawk kwalitattivi, flimkien ma' dejta nazzjonali aggregata rrappurtata f'termini paragunabbli tul iż-żmien.

(118) Sabiex tiġi żgurata l-paragunabbiltà tad-divulgazzjoni superviżorja, għandu jkun hemm lista definita tal-aspetti ewlenin tal-applikazzjoni tal-qafas prudenzjali dwar liema d-dejta aggregata għandha tiġi żvelata mill-awtoritajiet superviżorji bħala minimu.

(119) L-iskopertura tal-veikolu bi skop speċjali dejjem għandha tkun limitata sabiex jiġi żgurat li l-veikolu bi skop speċjali jkollu assi li jkunu daqs l-iskopertura tar-riskju massima aggregata tiegħu jew iktar minnha.

(120) Meta veikolu bi skop speċjali jassumi riskji minn aktar minn impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni waħda, dak il-veikolu bi skop speċjali għandu jkun protett il-ħin kollu mill-proċedimenti ta' stralċ ta' kwalunkwe waħda mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni l-oħrajn li jittrasferixxu r-riskji lejn dak il-veikolu bi skop speċjali.

(121) Il-valutazzjonijiet tar-rekwiżiti tal-idoneità u l-adegwatezza għall-azzjonisti jew il-membri li jkollhom parteċipazzjoni kwalifikattiva f'dak il-veikolu bi skop speċjali u għall-persuni li effettivament joperaw il-veikolu bi skop speċjali għandhom, fejn ikun rilevanti, jikkunsidraw rekwiżiti simili li japplikaw għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

(122) It-trasferiment tar-riskju mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal fuq dak il-veikolu bi skop speċjali u mill-veikolu bi skop speċjali lill-forituri tad-dejn jew il-finanzjament għandu jkun ħieles minn kwalunkwe tranżazzjoni konnessa li tista' xxekkel it-trasferiment effettiv tar-riskju, pereżempju d-drittijiet kuntrattwali ta' ftehimiet ta' tpaċija jew dawk sekondarji maħsubin biex inaqqsu t-telf potenzjali jew attwali mġarrab b'riżultat tat-trasferiment tar-riskju fuq il-forituri tad-dejn jew il-finanzjament għal fuq il-veikolu bi skop speċjali.

(123) Sabiex jiġi żgurat li l-inklużjoni tal-pagamenti futuri ma xxekkilx it-trasferiment effettiv tar-riskju mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal fuq il-veikolu bi skop speċjali, importanti li n-nuqqas ta' riċevuta tal-pagamenti ma jaffettwax ħażin il-fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni. Meta jkun qed jiġi ddeterminat li m'hemm l-ebda xenarju li fih dan jista' jiġri, l-impriża għandha tikkunsidra x-xenarji kollha kkontemplati fil-ftehimiet kuntrattwali u kwalunkwe xenarju ieħor, sakemm il-probabbiltà li dawk ix-xenarji l-oħrajn jimmaterjalizzaw tkun waħda remota wisq.

(124) L-Artikolu 220 tad-Direttiva 2009/138/KE jeħtieġ il-kalkolu tas-solvenza fil-livell tal-grupp li għandu jsir f'konformità mal-metodu 1 (metodu bbażat fuq il-konsolidazzjoni tal-kontabbiltà), ħlief f'każ li l-applikazzjoni esklussiva tiegħu ma tkunx xierqa. Waqt li jkun qed jivvaluta jekk il-metodu 2 (metodu ta' tnaqqis u aggregazzjoni) għandux jintuża minflok — jew flimkien ma' — il-metodu 1, is-superviżur tal-grupp għandu jikkunsidra għadd ta' elementi armonizzati rilevanti. Element fosthom huwa jekk l-użu tal-metodu 1 ikunx ta' piż żejjed, u jekk l-għamla, il-livell u l-kumplessità tar-riskji tal-grupp ikunux tali li l-użu tal-metodu 2 ma jaffettwax materjalment ir-riżultati tal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp. Meta jkun qed jiġi żgurat, għal dawn il-finijiet, jekk l-użu tal-metodu 2 jaffettwax

materjalment ir-riżultati tal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp, il-metodu 2 għandu jitqabbel mal-metodu 1 bl-użu tal-fondi proprji eliġibbli tal-grupp aggregat u r-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza tal-grupp aggregat kkalkulati skont id-Direttiva 2009/138/KE u mhux mar-rekwiżiti ta' solvenza stipulati f'pajjiż terz ekwivalenti.

(125) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni f'pajjiżi terzi, meta grupp jinkludi impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni f'pajjiżi terzi relatati, u f'każijiet li fihom il-Kummissjoni tkun adottat atti delegati skont il-paragrafi 4 jew 5 tal-Artikolu 227 tad-Direttiva 2009/138/KE li jiddeterminaw li r-reġimi ta' solvenza ta' dawk il-pajjiżi terzi huma ekwivalenti jew provviżorjament ekwivalenti, is-superviżur tal-grupp għandu jagħti prijorità lil kunsiderazzjoni bħal din meta jkun qed jiddeċiedi dwar jekk il-metodu 2 (metodu ta' tnaqqis u aggregazzjoni) għandux jintuża minflok — jew flimkien ma' — il-metodu 1 (konsolidazzjoni).

(126) Id-Direttiva 2009/138/KE tistipula li, meta l-awtoritajiet superviżorji jikkunsidraw li ċerti fondi proprji eliġibbli għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatata ma jkunux jistgħu jsiru disponibbli effettivament biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp, dawk il-fondi proprji jistgħu jiġu inklużi fil-kalkolu biss sakemm ikunu eliġibbli li jkopru ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża relatata. F'dan il-kuntest, meta jikkunsidraw jekk ċerti fondi proprji ta' impriża relatata jistgħux isiru disponibbli effettivament għall-grupp, l-awtoritajiet superviżorji għandhom isawru d-deċiżjonijiet tagħhom fuq jekk ikunx hemm xi restrizzjonijiet li jaffettwaw il-funġibbiltà tal-entrati ta' fondi proprji korrispondenti (jiġifieri, jekk humiex iddedikati biex jassorbu biss ċertu telf) jew it-trasferibbiltà tagħhom (jiġifieri jekk hemmx ostakoli sinifikanti biex l-entrati ta' fondi proprji jittieħdu mingħand entità għal oħra). Għall-finijiet ta' din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil kwalunkwe interess minoritarju fil-fondi proprji eliġibbli li jkopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni sussidjarja, impriża tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni f'pajjiż terz, kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta.

(127) Sabiex jiġi żgurat li d-detenturi ta' polza u l-benefiċjarji tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jappartjenu għal grupp ikunu protetti b'mod adegwat fil-każ ta' stralċ ta' kwalunkwe impriża inkluża fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp, l-entrati ta' fondi proprji li jinħarġu mill-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u mill-kumpaniji azzjonarji finanazjarji mħallta fil-grupp ma għandhomx jitqiesu li huma ħielsa minn gravami sakemm il-pretensjonijiet marbutin ma' dawk l-entrati ta' fondi proprji ma jiġux ikklassifikati wara l-pretensjonijiet tal-benefiċjarji u d-detenturi ta' polza kollha tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jappartjenu għall-grupp.

(128) Regoli adattati għandhom jiġu pprovduti fil-livell tal-grupp għat-trattament tal-veikoli bi skop speċjali. F'dan il-kuntest, il-veikoli bi skop speċjali kif inhuma ddefiniti fid-Direttiva 2009/138/KE u li jikkonformaw mar-rekwiżiti inklużi fiha jew li huma rregolati minn awtorità superviżorja ta' pajjiż terz u jikkonformaw ma' rekwiżiti ekwivalenti, ma għandhomx ikunu kompletament ikkonsolidati.

(129) Il-kalkolu tal-aħjar stima tal-provvedimenti tekniċi fil-livell tal-grupp skont il-metodu 1 (metodu bbażat fuq il-konsolidazzjoni tal-kontabbiltà) għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li t-total tal-aħjar stima tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti u sehem proporzjonali tal-aħjar stima għall-impriżi relatati magħha, kull waħda aġġustata għat-tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp, ikun bejn wieħed u ieħor l-istess bħall-ammont li jirriżulta mill-kalkolu tal-aħjar stima għall-obbligi kkonsolidati tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fil-livell tal-grupp skont l-Artikoli 75 sa 86 tad-Direttiva 2009/138/KE. B'mod partikolari, meta jintużaw l-aħjar stimi tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' pajjiżi terzi f'dak il-kalkolu, dawk l-aħjar stimi għandhom jiġu vvalutati skont dawk l-Artikoli.

(130) Il-kalkolu tal-marġni ta' riskju tal-provvedimenti tekniċi fil-livell tal-grupp skont il-metodu 1 (metodu bbażat fuq il-konsolidazzjoni tal-kontabbiltà) għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li t-trasferiment tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-grupp isir b'mod separat għal kull impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-grupp u li l-marġni ta' riskju ma jippermettix li jkun hemm diversifikazzjoni bejn ir-riskji ta' dawk l-impriżi. B'rabta mal-impriżi msemmijin fl-Artikolu 73(2) u (5) tad-Direttiva 2009/138/KE, il-kalkolu għandu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li t-trasferiment tal-obbligi tal-assigurazzjoni tal-portafoll għall-attivitajiet tal-ħajja u mhux tal-ħajja jsir b'mod separat.

(131) Il-gruppi jistgħu japplikaw għall-użu ta' żewġ tipi ta' mudelli interni biex jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat tagħhom. Meta mudell intern jintuża biss għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat, u ma jintużax biex jikkalkola r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' impriża relatata ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni fil-grupp, għandu japplika l-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE. F'dan

il-kuntest, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-approvazzjoni ta' mudell intern użat biex jikkalkula biss ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat tingħata mis-superviżur tal-grupp b'mod li jkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet stipulati f'dik id-Direttiva dwar il-proċedura ta' approvazzjoni tal-mudelli interni użati fil-livell individwali, inkluż l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 114(2) ta' dik id-Direttiva. Sabiex titrawwem il-kooperazzjoni fost il-kulleġġ tas-superviżuri, huwa neċessarju li jiġi speċifikat kif is-superviżur tal-grupp għandu jinvolvi awtoritajiet superviżorji oħrajn qabel jieħu d-deċiżjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni.

(132) Meta grupp japplika għall-użu tal-istess mudell intern biex jikkalkula r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat kif ukoll ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' impriża relatata ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni fil-grupp, għandu japplika l-Artikolu 231 tad-Direttiva 2009/138/KE. F'dan il-kuntest, sabiex jiġi żgurat li s-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati jikkooperaw b'mod effettiv u jieħdu deċiżjoni infurmata konġunta dwar jekk jippermettux l-użu ta' dak il-mudell intern, hemm bżonn li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar id-dokumentazzjoni meħtieġa u dwar il-proċedura għad-deċiżjoni konġunta dwar l-applikazzjoni.

(133) L-approvazzjoni tal-mudell intern użat biss għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat mogħtija abbażi tal-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE ma għandhiex tinfluwenza l-permessi futuri skont l-Artikolu 231 ta' dik id-Direttiva. B'mod partikolari, kull applikazzjoni għal permess biex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat flimkien mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatata fil-grupp abbażi ta' mudell intern li diġà jkun approvat skont l-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE għandha ssegwi l-proċedura stipulata fl-Artikolu 231 ta' dik id-Direttiva.

(134) Il-gruppi għandhom japplikaw għal permess biex jużaw mudell intern parzjali għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat, meta biss uħud mill-impriżi relatati jkunu inklużi fl-ambitu tal-mudell intern tal-grupp, jew b'rabta mal-kamp ta' applikazzjoni limitat imsemmi fl-Artikolu 112(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, jew b'rabta ma' taħlita ta' kwalunkwe wieħed minnhom.

(135) Sabiex mudell intern użat biss għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat jintuża b'mod wiesa' u jkollu rwol importanti fis-sistema ta' governanza tal-grupp, ir-riżultat ta' dak il-mudell intern għandu jintuża mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li n-negozju tagħha jaqa' kompletament jew parzjalment fl-ambitu tal-mudell intern. F'dan il-kuntest, dawn l-impriżi ma għandhomx jintalbu jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-test tal-użu bħallikieku kienu qed jużaw dak il-mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħhom. Ir-rekwiżit sabiex jintlaħaq it-test tal-użu għal dawn l-impriżi għandu jkun limitat għar-riżultat ta' dak il-mudell intern u għall-finijiet ta' implimentazzjoni konsistenti tas-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskju u ta' kontroll interni fil-grupp kollu.

(136) Meta jivvaluta jekk ikunux ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 236 tad-Direttiva 2009/138/KE, is-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħrajn għandhom jikkunsidraw għadd ta' kriterji rilevanti armonizzati sabiex jiżguraw superviżjoni armonizzata tas-solvenza tal-grupp għal gruppi b'immaniġġjar tar-riskju ċentralizzata.

(137) Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effiċjenti fis-superviżjoni ta' impriżi sussidjarji tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fi grupp b'immaniġġjar tar-riskju ċentralizzata kif stipulat fl-Artikoli 237 sa 243 tad-Direttiva 2009/138/KE, huwa essenzjali li jiġu armonizzati l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet superviżorji fis-superviżjoni tat-tali impriżi sussidjarji tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni.

(138) Sabiex jiġi ddeterminat b'mod ċar meta tkun inqalgħet sitwazzjoni ta' emerġenza skont it-tifsira tal-Artikolu 239(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtorità superviżorja li tkun awtorizzat lil dik l-impriża sussidjarja tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazjoni li l-kundizzjoni finanzjarja tagħha tkun qed tiddeterjora għandha tikkunsidra għadd ta' kriterji armonizzati.

(139) Il-kulleġġ tas-superviżuri għandu jkun pjattaforma permanenti għall-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet superviżorji, it-trawwim ta' fehim komuni tal-profil tar-riskju tal-grupp u l-impriżi relatati tiegħu u l-mira lejn superviżjoni aktar effiċjenti u effettiva bbażata fuq ir-riskju kemm fil-livell tal-grupp kif ukoll fil-livell tal-individwu. F'dan il-kuntest, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-kulleġġ huwa neċessarju li jiġu stabbiliti kriterji biex fergħa titqies bħala sinifikanti għall-finijiet tal-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji ta' fergħat sinifikanti fil-kulleġġ. Huwa essenzjali wkoll li jiġu armonizzati r-rekwiżiti applikabbli għall-koordinazzjoni tas-superviżjoni tal-gruppi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, sabiex titrawwem il-konverġenza tal-prattiċi superviżorji.

(140) Id-Direttiva 2009/138/KE tirrikjedi lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti biex jiżvelaw lill-pubbliku informazzjoni dwar il-qagħda ta' solvenza u finanzjarja tal-grupp. Dik id-Direttiva tippermettilhom ukoll li jipprovdu rapport wieħed dwar il-qagħda ta' solvenza u finanzjarja li jinkludi kemm l-informazzjoni ta' dak il-grupp kif ukoll l-informazzjoni dwar il-qagħda ta' solvenza u finanzjarja meħtieġa b'rabta ma' kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tagħhom. Dak ir-reġim għandu l-għan li jiżgura li l-azzjonisti interessati jiġu mgħarrfin kif xieraq dwar il-qagħda ta' solvenza u finanzjarja tal-gruppi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin inaqqsu kemm ikun xieraq il-piż relatat għat-tali gruppi. F'dan il-kuntest, hemm bżonn li jiġu armonizzati r-rekwiżiti applikabbli għad-divulgazzjoni pubblika mill-gruppi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, irrispettivament minn jekk dawk il-gruppi jużawx l-għażla li jipprovdu rapport uniku dwar il-kundizzjoni ta' solvenza u finanzjarja.

(141) Għandhom jiġu adottati rekwiżiti ddettaljati u armonizzati li jirregolaw l-informazzjoni li trid tiġi ppreżentata fuq bażi regolari mill-gruppi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni biex tiġi żgurata konverġenza effettiva fil-proċess tar-rieżami superviżorju tas-superviżuri tal-grupp. Ir-rekwiżiti għandhom jiffaċilitaw ukoll l-iskambju tal-informazzjoni fil-kulleġġi tas-superviżuri u għandhom, kemm jista' jkun possibbli, jimmiraw li jillimitaw il-piż relatat għat-tali gruppi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni.

(142) Il-valutazzjoni skont l-Artikoli 172, 227 u 260 tad-Direttiva 2009/138/KE dwar jekk ir-reġim tas-solvenza jew prudenzjali ta' pajjiż terz huwiex ekwivalenti għal dak stipulat fit-Titolu I jew jew it-Titolu III ta' dik id-Direttiva għandha tkun proċess kontinwu mwettaq bil-għan li jiġi żgurat li r-reġim tas-solvenza jew prudenzjali tal-pajjiż terz juri livell ekwivalenti għal dak stipulat fid-Direttiva ta' protezzjoni tal-benefiċjarji u d-detenturi ta' polza.

(143) Il-valutazzjoni skont l-Artikoli 172, 227 u 260 tad-Direttiva 2009/138/KE dwar jekk reġim tas-solvenza jew prudenzjali ta' pajjiż terz huwiex ekwivalenti għal dak stipulat fit-Titolu I jew it-Titolu III ta' dik id-Direttiva għandha ssir abbażi tal-kriterji stipulati f'dan ir-Regolament, rispettivament, fl-Artikolu 378 fir-rigward tal-Artikolu 172, fl-Artikolu 379 fir-rigward tal-Artikolu 227, u fl-Artikolu 380 fir-rigward tal-Artikolu 260.

(144) Id-determinazzjoni dwar jekk il-kriterji li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-ekwivalenza tal-pajjiż terz ikunux ġew issodisfati għandha tkun imsejsa fuq is-sustanza tal-leġiżlazzjoni u ta' rekwiżiti regolatorji oħrajn fir-reġim tas-solvenza jew prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz, kif ukoll kif dik il-leġiżlazzjoni u dawk ir-rekwiżiti jiġu implimentati u applikati u l-prattiki tal-awtoritajiet superviżorji f'dak il-pajjiż terz. Id-determinazzjoni għandha tikkunsidra wkoll kemm l-awtoritajiet superviżorji fil-pajjiż terz japplikaw il-prinċipju tal-proporzjonalità kif inhu stipulat fid-Direttiva 2009/138/KE.

(145) Sabiex jiġi żgurat li l-effetti ta' sejba ta' ekwivalenza pożittiva kif inhu stipulat fl-Artikolu 172(2) u 172(3) tad-Direttiva 2009/138/KE u fl-Artikolu 211 ta' dan ir-Regolament ma jxekklux l-objettiv prinċipali tar-regolazzjoni u s-superviżjoni tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, jiġifieri l-protezzjoni adegwata tal-benefiċjarji u tad-detenturi ta' polza, il-kriterji għall-valutazzjoni tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 172 tad-Direttiva għandhom jinkludu l-prinċipji stipulati fit-Titolu I dwar ir-regoli ġenerali fuq il-bidu u l-eżerċitar ta' attivitajiet ta' riassigurazzjoni.

(146) Sabiex jiġi żgurat li l-kunsiderazzjoni tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u l-fondi proprji eliġibbli stipulati minn pajjiż terz fid-determinazzjoni tas-solvenza tal-grupp fejn jintuża l-metodu 2 tirriżulta f'determinazzjoni tas-solvenza tal-grupp ekwivalenti għal dik li tirriżulta li kieku jintużaw jekk ir-rekwiżiti fid-Direttiva 2009/138/KE, il-kriterji għall-valwazzjoni tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 227 ta' dik id-Direttiva għandhom jinkludu l-prinċipji stipulati fit-Titolu I, Kapitolu VI dwar ir-regoli marbutin mal-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet, il-provvedimenti tekniċi, il-fondi proprji, ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza, ir-rekwiżit kapitali minimu u r-regoli dwar l-investiment.

(147) Sabiex jiġi żgurat li l-eżenzjoni ta' grupp mis-superviżjoni tal-grupp fil-livell tal-Unjoni ma ddgħajjifx ir-rwol fundamentali attribwit lis-superviżjoni tal-grupp fid-Direttiva 2009/138/KE, il-kriterji għall-valutazzjoni tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 260 ta' dik id-Direttiva għandhom jinkludu l-prinċipji stipulati fit-Titolu III dwar is-superviżjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fi grupp.

(148) L-awtoritajiet superviżorji fl-Istati Membri u l-awtoritajiet superviżorji fil-pajjiżi terzi li għalihom tkun ittieħdet deċiżjoni ta' ekwivalenza pożittiva jew li għalihom japplika reġim ta' ekwivalenza temporanju jew provviżorju għandhom jikkooperaw u jiskambjaw l-informazzjoni sabiex jiżguraw li jkun hemm fehim reċiproku ċar dwar ir-riskji u s-solvenza tal-grupp.

(149) Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun tista' tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet superviżorji, l-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi li għalihom tkun ittieħdet deċiżjoni ta' ekwivalenza pożittiva jew li għalihom japplika reġim ta' ekwivalenza temporanju jew provviżorju għandhom ikunu marbutin b'obbligi ta' segretezza professjonali.

(150) Sabiex jiġi żgurat li l-formula standard tkompli tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 101 tad-Direttiva 2009/138/KE fuq bażi kontinwa, il-Kummissjoni se tagħmel rieżami tal-metodi, is-suppożizzjonijiet u l-parametri standard użati fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza bil-formula standard, b'mod partikolari l-metodi, is-suppożizzjonijiet u l-parametri standard użati fil-modulu tar-riskju tas-suq kif stipulat fit-Titolu I tal-Kapitolu V tat-Taqsima 6, inkluż rieżami tal-parametri standard għal titoli b'introjtu fiss u infrastruttura fit-tul u l-parametri standard użati għar-riskju primjum u ta' riżerva stipulati fl-Anness II, il-parametri standard għar-riskju ta' mortalità, kif ukoll is-sottosett tal-parametri standard li jistgħu jiġu sostitwiti minn parametri speċifiċi għall-impriża msemmijin fl-Artikolu 218 u l-metodi standardizzati biex jiġu kkalkulati dawn il-parametri msemmijin fl-Artikolu 220. Dan ir-rieżami għandu jisfrutta l-esperjenza miksuba mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni waqt il-perjodu tranżitorju u l-ewwel snin tal-applikazzjoni ta' dawn l-atti ddelegati, u għandu jitwettaq qabel Diċembru 2018.

(151) Sabiex titjieb iċ-ċertezza legali dwar ir-reġim superviżorju matul il-perjodu ta' introduzzjoni progressiva previst fl-Artikolu 308a tad-Direttiva 2009/138/KE, li se jibda fl-1 ta' April 2015, huwa importanti li jiġi żgurat li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun, fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

VALUTAZZJONI U REKWIŻITI KAPITALI BBAŻATI FUQ IR-RISKJI (PILASTRU I), GOVERNANZA MTEJBA (PILASTRU II) U TRASPARENZA AKBAR (PILASTRU III)

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

TAQSIMA 1

Definizzjonijiet u prinċipji ġenerali

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "metodi alternattivi ta' valwazzjoni" tfisser metodi ta' valwazzjoni li huma konsistenti mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, minbarra dawk li jużaw biss il-prezzijiet ikkwotati tas-suq għall-istess assi jew obbligazzjonijiet jew oħrajn simili;

2. "analiżi tax-xenarji" tfisser l-analiżi tal-impatt ta' taħlita ta' eventi avversi;

3. "obbligu tal-assigurazzjoni tas-saħħa" tfisser obbligu tal-assigurazzjoni li jkopri waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

   (i) l-għoti ta' trattament jew kura medika inkluż trattament jew kura medika preventivi jew kurattivi minħabba mard, aċċidenti, diżabbiltà jew nuqqas ta' saħħa, jew kumpens finanzjarju għat-tali trattament jew kura,

   (ii) kumpens finanzjarju li jirriżulta minn mard, aċċidenti, diżabbiltà jew nuqqas ta' saħħa;

4. "obbligu tal-assigurazzjoni għall-ispejjeż mediċi" tfisser obbligu tal-assigurazzjoni li jkopri l-għoti jew il-kumpens finanzjarju msemmi fil-punt (3)(i);

5. "obbligu tal-assigurazzjoni għall-protezzjoni tad-dħul" tfisser obbligu tal-assigurazzjoni li jkopri l-kumpens finanzjarju msemmi fil-punt (3)(ii) barra mill-kumpens imsemmi fil-punt (3)(i);

6. "obbligu tal-assigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema" tfisser obbligu tal-assigurazzjoni li jkopri l-għoti jew il-kumpens finanzjarju msemmi fil-punti (3)(i) u (ii) u li jirriżulta biss minn aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, korriment industrijali u mard okkupazzjonali;

7. "obbligu tar-riassigurazzjoni tas-saħħa" tfisser obbligu tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn riassigurazzjoni aċċettata li tkopri l-obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa;

8. "obbligu tar-riassigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi" tfisser obbligu tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn riassigurazzjoni aċċettata li tkopri l-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi;

9. "obbligu tar-riassigurazzjoni tal-protezzjoni tad-dħul" tfisser obbligu tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn riassigurazzjoni aċċettata li tkopri l-obbligi tal-assigurazzjoni tal-protezzjoni tad-dħul;

10. "obbligu tar-riassigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema" tfisser obbligu tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn riassigurazzjoni aċċettata li tkopri l-obbligi tal-asssigurazjoni tal-kumpens tal-ħaddiema;

11. "primjums kontabilizzati" tfisser, il-primjums dovuti lil impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni waqt perjodu ta' żmien speċifikat irrispettivament minn jekk it-tali primjums jistgħux ikunu marbutin, parzjalment jew kompletament, ma' kopertura tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni mogħtija f'perjodu ta' żmien differenti;

12. "primjums iggwadanjati" tfisser, il-primjums marbutin mar-riskju kopert mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni matul perjodu ta' żmien speċifikat;

13. "ċediment" tfisser il-modi kollha possibbli biex polza tiġi tterminata kompletament jew parzjalment, inklużi:

    (i) terminazzjoni volontarja tal-polza bil-ħlas jew mingħajr il-ħlas ta' valur ta' ċediment;

    (ii) bidla f'impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni mid-detentur ta' polza;

    (iii) terminazzjoni tal-polza li tirriżulta meta d-detentur ta' polza jirrifjuta milli jħallas il-primjum;

14. "diskontinwità" ta' polza tal-assigurazzjoni tfisser ċediment, skadenza mingħajr valur, il-ħlas ta' kuntratt, provvedimenti awtomatiċi ta' nuqqas ta' skwalifika jew l-eżerċitar ta' opzjonijiet oħrajn ta' diskontinwità jew in-nuqqas ta' eżerċitar ta' opzjonijiet ta' kontinwità;

15. "opzjonijiet ta' diskontinwità" tfisser id-drittijiet legali jew kuntrattwali kollha tad-detenturi ta' polza li jippermettu lil dawk id-detenturi ta' polza jitterminaw, iċedu, inaqqsu, jirrestriġu jew jissospendu kompletament jew parzjalment il-kopertura tal-assigurazzjoni jew jippermettu l-politika tal-assigurazzjoni li tiskadi;

16. "opzjonijiet ta' kontinwità" tfisser id-drittijiet legali jew kuntrattwali kollha tad-detenturi ta' polza li jippermettu lil dawk id-detenturi ta' polza jistabbilixxu, iġeddu, iżidu, jestendu jew ikomplu kompletament jew parzjalment il-kopertura tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

17. "kopertura ta' mudell intern" tfisser ir-riskji li huma riflessi fil-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà li ssawwar il-mudell intern;

18. "ambitu ta' mudell intern" tfisser ir-riskji li l-mudell intern ikun approvat biex ikopri; l-ambitu ta' mudell intern jista' jinkludi riskji li huma u li mhumiex riflessi fil-formula standard għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

19. "investiment f'titoli kummerċjabbli jew strument finanzjarju ieħor imsejjes fuq self ripakkjat" u "pożizzjoni ta' titolizzazzjoni" tfisser skopertura għal titolizzazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(61) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

20. "pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni" tfisser skopertura għal rititolizzazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 4(1)(63) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

21. "oriġinatur" tfisser oriġinatur fit-tifsira tal-Artikolu 4(1)(13) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

22. "sponsor" tfisser sponsor fit-tifsira tal-Artikolu 4(1)(14) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

23. "segment" tfisser segment fit-tifsira tal-Artikolu 4(1)(67) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

24. "bank ċentrali" tfisser bank ċentrali fit-tifsira tal-Artikolu 4(1)(46) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

25. "riskju ta' bażi" tfisser ir-riskju li jirriżulta mis-sitwazzjoni li fiha l-iskopertura koperta mit-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ma tikkorrispondix għall-iskopertura għar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

26. "arranġamenti kollaterali" tfisser arranġamenti li skonthom il-fornitur ta' kollateral jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

    (a) jittrasferixxi s-sjieda sħiħa tal-kollateral lir-riċevitur tal-kollateral għall-finijiet ta' garanzija jew kopertura b'xi mod ieħor tal-prestazzjoni ta' obbligu rilevanti;

    (b) jipprovdi l-kollateral bħala mezz ta' titolu ta' sigurtà favur, jew lil, riċevitur tal-kollateral, u s-sjieda legali tal-kollateral tibqa' tal-fornitur tal-kollateral jew ta' kustodju meta d-dritt tas-sigurtà jiġi stabbilit;

27. b'rabta ma' sett ta' entrati, "it-taħlitiet kollha possibbli ta' żewġ" entrati bħal dawn tfisser il-pari tal-entrati ordnati kollha minn dak is-sett;

28. "arranġament ta' pula" tfisser arranġament li bih diversi impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jaqblu li jikkondividu riskji tal-assigurazzjoni identifikati fi proporzjonijiet definiti. Il-partijiet assigurati mill-membri tal-arranġament tal-pula ma jkunux membri tal-arranġament tal-pula huma stess.

29. "skopertura tal-pula tat-tip A" tfisser ir-riskju ċedut minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għal arranġament tal-pula fejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma tkunx parti minn dak l-arranġament tal-pula.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

30. "skopertura tal-pula tat-tip B" tfisser ir-riskju ċedut minn impriża tal-assigurazjoni jew tar-riassigurazzjoni għal membru ieħor ta' arranġament tal-pula fejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma tkunx parti minn dak l-arranġament tal-pula;

31. "skopertura tal-pula tat-tip C" tfisser ir-riskju ċedut minn impriża tal-assigurazjoni jew tar-riassigurazzjoni li tkun parti minn arranġament tal-pula għal impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni oħra li ma tkunx parti minn dak l-arranġament tal-pula.

(iii) valutazzjoni tal-impatt tal-bidliet fis-suppożizzjonijiet dwar l-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri fuq il-valur tal-provvedimenti tekniċi.

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu jistgħu jispjegaw kwalunkwe devjazzjoni rilevanti b'rabta mal-punti (i) u (ii) fuq talba tal-awtoritajiet superviżorji u, meta l-bidliet f'suppożizzjoni dwar azzjonijiet ta' ġestjoni futura jkollhom impatt sinifikanti fuq il-provvedimenti tekniċi, ir-raġunijiet għal dik is-sensittività u kif din is-sensittività tiġi kkunsidrata fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

3. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistabbilixxu pjan komprensiv ta' azzjonijiet ta' ġestjoni futuri, approvat mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, li jipprovdi għal dawn kollha li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet ta' ġestjoni futuri li jkunu rilevanti għall-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi;

(b) l-identifikazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi li fihom l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun mistennija, b'mod raġonevoli, li twettaq kull azzjoni ta' ġestjoni futura rispettiva msemmija fil-punt (a);

(c) l-identifikazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi li fihom l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jaf ma tkunx tista' twettaq kull azzjoni ta' ġestjoni futura rispettiva msemmija fil-punt (a), u deskrizzjoni ta' kif dawk iċ-ċirkostanzi jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(d) l-ordni li fiha l-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri msemmijin fil-punt (a) jitwettqu u r-rekwiżiti ta' governanza applikabbli għal dawk l-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri;

(e) deskrizzjoni ta' kwalunkwe ħidma kontinwa meħtieġa biex jiġi żgurat li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun f'pożizzjoni li twettaq kull azzjoni ta' ġestjoni futura rispettiva msemmija fil-punt (a);

(f) deskrizzjoni ta' kif l-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri msemmijin fil-punt (a) ikunu ġew riflessi fil-kalkolu tal-aħjar stima;

(g) deskrizzjoni tal-proċeduri ta' rapportar intern applikabbli li jkopru l-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri msemmijin fil-punt (a) inklużi fil-kalkolu tal-aħjar stima;

4. Is-suppożizzjonijiet dwar l-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri jqisu ż-żmien meħtieġ biex jiġu implimentati l-azzjonijiet ta' ġestjoni u kwalunkwe spiża kkaġunata minnhom.

5. Is-sistema li tiżgura li tintbagħat l-informazzjoni titqies bħala effettiva biss għall-fini tal-Artikolu 41(1) tad-Direttiva 2009/138/KE meta l-proċeduri ta' rapportar imsemmijin fil-punt (g) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jinkludu, tal-anqas, komunikazzjoni annwali lill-korp amministrattiv, superviżorju jew maniġerjali.

Artikolu 24

Benefiċċji diskrezzjonali futuri

Meta l-benefiċċji diskrezzjonali futuri jkunu jiddependu fuq l-assi miżmumin mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, l-impriżi jsejsu l-kalkolu tal-aħjar stima fuq l-assi li f'dak iż-żmien ikunu miżmumin mill-impriżi u jassumu bidliet futuri fl-allokazzjoni tal-assi tagħhom skont l-Artikolu 23. Is-suppożizzjonijiet dwar ir-redditu futur tal-assi jkunu konsistenti mal-istruttura tat-terminu tar-rata rilevanti tal-imgħax mingħajr riskju inkluż meta applikabbli aġġustament ta' korrispondenza, aġġustament ta' volatilità jew miżura tranżitorja dwar ir-rata mingħajr riskju, u l-valwazzjoni tal-assi skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 25

Kalkolu separat tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri

Meta jikkalkulaw il-provvedimenti tekniċi, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiddeterminaw separatement il-valur tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri.

Artikolu 26

Imġiba tad-detenturi ta' polza

Meta jiddeterminaw il-probabbiltà li d-detenturi ta' polza jeżerċitaw l-opzjonijiet kuntrattwali, inklużi l-iskadenzi u ċ-ċedimenti, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jwettqu analiżi tal-imġiba tad-detenturi ta' polza fl-imgħoddi u valutazzjoni prospettiva tal-imġiba mistennija mid-detenturi ta' polza. Dik l-analiżi tikkunsidra dan kollu li ġej:

(a) kemm kien u kemm se jkun ta' benefiċċju l-eżerċitar tal-opzjonijiet għad-detenturi ta' polza fiċ-ċirkostanzi fi żmien l-eżerċitar tal-opzjoni;

(b) l-influwenza tal-kundizzjonijiet ekonomiċi fl-imgħoddi u fil-ġejjieni;

(c) l-impatt ta' azzjonijiet ta' ġestjoni fl-imgħoddi u fil-ġejjieni;

(d) kwalunkwe ċirkostanza oħra li aktarx li tinfluwenza d-deċiżjonijiet tad-detenturi ta' polza fuq jekk jeżerċitawx l-opzjoni.

Il-probabbiltà titqies biss li hija indipendenti mill-elementi msemmijin fil-punti (a) sa (d) meta ma jkunx hemm evidenza empirika li ssostni suppożizzjoni bħal din.

Subtaqsima 2

Informazzjoni sottostanti għall-kalkolu tal-aħjar stimi

Artikolu 27

Kredibbiltà tal-informazzjoni

L-informazzjoni titqies bħala kredibbli għall-finijiet tal-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE biss meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jipprovdu evidenza tal-kredibbiltà tal-informazzjoni filwaqt li jqisu l-konsistenza u l-oġġettività ta' dik l-informazzjoni, l-affidabbiltà tas-sors tal-informazzjoni u t-trasparenza tal-mod li bih tkun ġiet iġġenerata u pproċessata l-informazzjoni.

Subtaqsima 3

Projezzjonijiet tal-flussi tal-flus għall-kalkolu tal-aħjar stima

Artikolu 28

Flussi tal-flus

Il-projezzjoni tal-fluss tal-flus użata fil-kalkolu tal-aħjar stima tinkludi l-flussi tal-flus kollha li ġejjin, diment li dawn il-flussi tal-flus ikunu marbutin ma' kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni eżistenti:

(a) pagamenti ta' benefiċċji lill-benefiċjarji u lid-detenturi ta' polza;

(b) pagamenti li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun se ġġarrab meta tipprovdi benefiċċji kuntrattwali li jitħallsu in natura;

(c) pagamenti ta' spejjeż kif inhu stipulat fil-punt (1) tal-Artikolu 78 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) pagamenti ta' primjums u kwalunkwe fluss ta' flus addizzjonali li jirriżulta minn dawk il-primjums;

(e) pagamenti bejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u intermedjarji marbuta ma' obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(f) pagamenti bejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u d-ditti tal-investiment b'rabta mal-kuntratti b'benefiċċji marbutin mal-indiċi u mal-unitajiet;

(g) pagamenti għal salvataġġ u surroga diment li dawn ma jikkwalifikawx bħala assi jew obbligazzjonijiet separati skont l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà, kif approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002;

(h) pagamenti ta' tassazzjoni li jiġġarrbu, jew li mistennijin jiġġarrbu, mid-detenturi ta' polza jew meħtieġa biex jiġu saldati l-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 29

Żviluppi futuri mistennijin fl-ambjent estern

Il-kalkolu tal-aħjar stima tqis l-iżviluppi futuri mistennijin li se jkollhom impatt materjali fuq il-flussi ta' dħul u ħruġ tal-flus meħtieġa biex jiġu saldati l-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tul il-ħajja tagħhom. Għal dak il-għan, l-iżviluppi futuri jinkludu żviluppi demografiċi, legali, mediċi, teknoloġiċi, soċjali, ambjentali u ekonomiċi inkluża l-inflazzjoni kif inhu stipulat fil-punt (2) tal-Artikolu 78 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 30

Inċertezza tal-flussi tal-flus

Il-projezzjoni tal-flussi tal-flus użata fil-kalkolu tal-aħjar stima, b'mod espliċitu jew impliċitu, tikkunsidra l-inċertezzi kollha fil-flussi tal-flus, inklużi l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) inċertezza fit-twaqqit, il-frekwenza u s-severità tal-event assigurati;

(b) inċertezza fl-ammonti tal-pretensjonijiet, inkluża inċertezza fl-inflazzjoni tal-pretensjonijiet, u fil-perjodu meħtieġ biex jiġu saldati u jitħallsu l-pretensjonijiet;

(c) inċertezza fl-ammont tal-ispejjeż imsemmijin fil-punt (1) tal-Artikolu 78 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) inċertezza fl-iżviluppi futuri mistennijin imsemmijin fl-Artikolu 29 sakemm ikun prattikabbli;

(e) inċertezza fl-imġiba tad-detentur ta' polza;

(f) dipendenza bejn żewġ kawżi ta' inċertezza jew aktar;

(g) dipendenza tal-flussi tal-flus fuq ċirkostanzi qabel id-data tal-fluss tal-flus.

Artikolu 31

Spejjeż

1. Tbassir tal-fluss tal-flus biex jiġu kkalkulati l-aħjar stimi jikkunsidra, l-ispejjeż li ġejjin kollha, li huma relatati mal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni rikonoxxuti tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u li huma msemmijin fil-punt (1) tal-Artikolu 78 tad-Direttiva 2009/138/KE:

(a) l-ispejjeż amministrattivi;

(b) l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-investimenti;

(c) l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet;

(d) l-ispejjeż tal-akkwiżizzjoni.

L-ispejjeż imsemmijin fil-punti (a) sa (d) jikkunsidraw l-ispejjeż addizzjonali mġarrbin waqt il-ħlas tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni.

2. L-ispejjeż addizzjonali jiġu allokati b'mod realistiku u oġġettiv u fuq bażi konsistenti matul iż-żmien lill-partijiet bl-aħjar stima li jkunu marbutin magħhom.

3. L-ispejjeż fir-rigward tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni u l-veikoli bi skop speċjali jiġu kkunsidrati fil-kalkolu gross tal-aħjar stima.

4. L-ispejjeż ikunu projettati fuq is-suppożizzjoni li l-impriża tkun se tikteb negozju ġdid fil-futur.

Artikolu 32

Opzjonijiet kuntrattwali u garanziji finanzjarji

Meta jikkalkulaw l-aħjar stima, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkunsidraw dawn kollha li ġejjin:

(a) il-garanziji finanzjarji u l-opzjonijiet kuntrattwali kollha inklużi fil-poloz tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tagħhom;

(b) il-fatturi kollha li jistgħu jaffettwaw il-probabbiltà li d-detenturi ta' polza jeżerċitaw l-opzjonijiet kuntrattwali jew jirrealizzaw il-valur tal-garanziji finanzjarji.

Artikolu 33

Munita tal-obbligu

L-aħjar stima tiġi kkalkulata separatement għall-flussi tal-flus f'muniti differenti.

Artikolu 34

Metodi ta' kalkolu

1. L-aħjar stima tiġi kkalkulata b'mod trasparenti u b'tali mod li jiżgura li l-metodu ta' kalkolu u r-riżultati li jirriżultaw minnu jkunu jistgħu jiġu eżaminati mill-ġdid minn espert ikkwalifikat.

2. L-għażla tal-metodi attwarji u statistiċi għall-kalkolu tal-aħjar stima tkun imsejsa fuq kemm dawn ikunu adattati biex jirriflettu r-riskji li jaffettwaw il-flussi tal-flus sottostanti u l-għamla tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni. Il-metodi attwarji u statistiċi jkunu konsistenti u jagħmlu użu mid-dejta rilevanti disponibbli kollha għall-kalkolu tal-aħjar stima.

3. Meta metodu ta' kalkolu jkun imsejjes fuq dejta tal-polza raggruppata, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżguraw li r-raggruppament tal-poloz joħloq gruppi ta' riskji omoġenji li jirriflettu kif xieraq ir-riskji tal-poloz individwali inklużi f'dawk il-gruppi.

4. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni janalizzaw kemm il-valur preżenti tal-flussi tal-flus jiddependi kemm fuq ir-riżultat mistenni tal-eventi u l-iżviluppi futuri kif ukoll fuq kif ir-riżultat effettiv f'ċerti xenarji jista' jiddevja mir-riżultat mistenni.

5. Meta l-valur preżenti tal-flussi tal-flus ikun jiddependi fuq l-eventi u l-iżviluppi futuri kif inhu stipulat fil-paragrafu 4, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw metodu biex jikkalkulaw l-aħjar stima għall-flussi tal-flus li jirrifletti dipendenzi bħal dawn.

Artikolu 35

Gruppi ta' riskji omoġenji tal-obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa

Il-projezzjonijiet tal-flussi tal-flus użati fil-kalkolu tal-aħjar stimi għall-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja isiru b'mod separat għal kull polza. Meta l-kalkolu separat għal kull polza jsarraf f'piż żejjed fuq l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, din tista' twettaq il-projezzjoni billi tqiegħed il-poloz fi grupp, diment li dak ir-raggruppament jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) ma jkunx hemm differenzi sinifikanti fl-għamla u u l-kumplessità tar-riskji sottostanti għall-poloz li jappartjenu fl-istess grupp;

(b) ir-raggruppament tal-poloz ma jirrappreżentax b'mod skorrett ir-riskju sottostanti għall-poloz u ma jiddikjarax skorrettament l-ispejjeż tagħhom;

(c) ir-raggruppament tal-poloz aktarx li bejn wieħed u ieħor jagħti l-istess riżultati għall-kalkolu tal-aħjar stima bħala kalkolu fuq bażi ta' kull polza, partikolarment b'rabta mal-garanziji finanzjarji u l-opzjonijiet kuntrattwali inklużi fil-poloz.

Artikolu 36

Obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja

1. L-aħjar stima tal-obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja tiġi kkalkulata b'mod separat għall-provvediment tal-primjums u għall-provvediment għal pretensjonijiet pendenti.

2. Il-provvediment tal-primjums ikun marbut ma' eventi ta' pretensjonijiet futuri koperti mill-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni li jaqgħu fil-limiti kuntrattwali msemmijin fl-Artikolu 18. Il-projezzjonijiet tal-flussi tal-flus għall-kalkolu tal-provvedimenti tal-primjums għandhom jinkludu l-benefiċċji, l-ispejjeż u l-primjums marbutin ma' dawn l-eventi.

3. Id-dispożizzjoni għal pretensjonijiet pendenti għandha tkun relatata ma' eventi ta' pretensjoni li jkunu diġà seħħew, irrispettivament minn jekk il-pretensjonijiet li jirriżultaw minn dawk l-eventi jkunux ġew irrapportati jew le.

4. Il-projezzjonijiet tal-flussi tal-flus għall-kalkolu tal-provvediment għal pretensjonijiet pendenti għandhom jinkludu benefiċċji, spejjeż u primjums relatati mal-eventi msemmija fil-paragrafu 3.

Subtaqsima 4

Marġni ta' riskju

Artikolu 37

Kalkolu tal-marġni ta' riskju

1. Il-marġni ta' riskju għall-portafoll kollu tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jiġi kkalkulat billi tintuża l-formula li ġejja:

$$RM = CoC \cdot \sum_{t \geq 0} \frac{SCR(t)}{(1 + r(t+1))^{t+1}}$$

fejn:

(a) *CoC* tirrapreżenta r-rata tal-Kost tal-Kapital;

(b) is-somma tkopri n-numri sħaħ kollha inkluż iż-żero;

(c) SCR(t) tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza msemmi fl-Artikolu 38(2) wara t snin;

(d) r(t + 1) tirrappreżenta r-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju għall-maturità ta' t + 1 snin.

Ir-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju r(t + 1) tintgħażel skont x'munita tintuża għar-rapporti finanzjarji tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni.

2. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħhom billi jużaw mudell intern approvat u jsibu li l-mudell huwa adattat biex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza msemmi fl-Artikolu 38(2) għal kull mument tul il-ħajja tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw il-mudell intern biex jikkalkulaw l-ammonti *SCR(t)* imsemmija fil-paragrafu 1.

3. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jallokaw il-marġni ta' riskju għall-portafoll kollu tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni għal-linji operatorji msemmijin fl-Artikolu 80 tad-Direttiva 2009/138/KE. L-allokazzjoni tirrifletti b'mod adegwat il-kontribuzzjonijiet tal-linji operatorji għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza msemmi fl-Artikolu 38(2) tul il-ħajja tal-portafoll kollu tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni.

Artikolu 38

Impriża ta' referenza

1. Il-kalkolu tal-marġni ta' riskju jkun imsejjes fuq is-suppożizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-portafoll kollu tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jikkalkula l-marġni ta' riskju (l-impriża oriġinali) jiġi akkwistat minn impriża oħra tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni (l-impriża ta' referenza);

(b) minkejja l-punt (a), meta l-impriża oriġinali twettaq fl-istess ħin kemm attivitajiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja kif ukoll dawk li mhumiex tal-ħajja skont l-Artikolu 73(5) tad-Direttiva 2009/138/KE, il-portafoll tal-obbligi tal-assigurazzjoni relatati mal-attivitajiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja u l-obbligi tar-riassigurazzjoni tal-ħajja u l-portafoll tal-obbligi tal-assigurazzjoni relatati mal-attivitajiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u l-obbligi tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja jiġu akkwistati b'mod separat minn żewġ impriżi ta' referenza differenti;

(c) it-trasferiment tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jinkludi kull kuntratt u arranġament tar-riassigurazzjoni b'veikoli bi skop speċjali relatati ma' dawn l-obbligi;

(d) l-impriża ta' referenza ma jkollha ebda obbligu tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew fondi proprji qabel ma jsir it-trasferiment;

(e) wara t-trasferiment, l-impriża ta' referenza ma tassumi ebda obbligu ġdid tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(f) wara t-trasferiment, l-impriża ta' referenza tiġbor fondi proprji eliġibbli daqs ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, li huma meħtieġa biex isostnu l-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tul il-ħajja tagħhom;

(g) wara t-trasferiment, l-impriża ta' referenza għandha assi li jammontaw għas-somma tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha u tal-provvedimenti tekniċi netti tal-ammonti rekuperabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u l-veikoli bi skop speċjali;

(h) l-assi jintgħażlu b'tali mod li jimminimizzaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għar-riskju tas-suq li l-impriża ta' referenza tkun skoperta għalih;

(i) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża ta' referenza jkopri r-riskji kollha li ġejjin:

  (i) ir-riskju tas-sottoskrizzjoni fir-rigward tan-negozju trasferit,

  (ii) fejn ikun materjali, ir-riskju tas-suq imsemmi fil-punt (h), barra mir-riskju tar-rata tal-imgħax,

  (iii) ir-riskju ta' kreditu fir-rigward tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni, l-arranġamenti b'veikoli bi skop speċjali, l-intermedjarji, id-detenturi ta' polza u kwalunkwe skopertura materjali oħra li tkun relatata mill-qrib mal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni,

  (iv) riskju operazzjonali;

(j) il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi, imsemmi fl-Artikolu 108 tad-Direttiva 2009/138/KE, fl-impriża ta' referenza jikkorrispondi għal kull riskju għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi fl-impriża oriġinali;

(k) ma jkunx hemm kapaċità ta' assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti kif stipulat fl-Artikolu 108 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-impriża ta' referenza;

(l) soġġetta għall-punti (e) u (f), l-impriża ta' referenza se tadotta azzjonijiet ta' ġestjoni futuri li jkunu konsistenti mal-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri supponuti, kif inhu stipulat fl-Artikolu 23, tal-impriża oriġinali.

2. Tul il-ħajja tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza meħtieġ biex isostni l-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 77(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun supponut li huwa daqs ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża ta' referenza taħt is-suppożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. Għall-finijiet tal-punt (i) tal-paragrafu 1, riskju jitqies bħala materjali meta l-impatt tiegħu fuq il-kalkolu tal-marġni ta' riskju ikun jista' jinfluwenza t-teħid tad-deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utenti ta' dik l-informazzjoni, inkluži awtoritajiet superviżorji.

Artikolu 39

Rata tal-Kost tal-Kapital

Ir-rata tal-Kost tal-Kapital stipulata fl-Artikolu 77(5) tad-Direttiva 2009/138/KE tkun supponuta li hija ekwivalenti għal 6 %

Subtaqsima 5

Kalkolu tal-provvedimenti tekniċi bħala total

Artikolu 40

Ċirkostanzi li fihom il-provvedimenti tekniċi jiġu kkalkulati bħala total u l-metodu li għandu jintuża

1. Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 77(4) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-affidabbiltà tkun ivvalutata skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u l-provvedimenti tekniċi jiġu stmati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

2. Ir-replikazzjoni tal-flussi tal-flus titqies bħala affidabbli meta dawk il-flussi tal-flus jiġu rreplikati fl-ammont u fit-twaqqit b'rabta mar-riskji sottostanti ta' dawk il-flussi tal-flus u fix-xenarji kollha possibbli. Il-flussi tal-flus li ġejjin assoċjati mal-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ma jistgħux jiġu rreplikati b'mod affidabbli:

(a) il-flussi tal-flus assoċjati mal-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jiddependu fuq il-probabbiltà li d-detenturi ta' polza jeżerċitaw l-opzjonijiet kuntrattwali, inklużi l-iskadenzi u ċ-ċedimenti;

(b) il-flussi tal-flus assoċjati mal-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jiddependu fuq il-livell, ix-xejra, jew il-volatilità tar-rati ta' mortalità, diżabbiltà, mard u morbożità;

(c) l-ispejjeż kollha li se jintefqu waqt il-ħlas tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni.

3. L-istrumenti finanzjarji jiġu kkunsidrati bħala strumenti finanzjarji li għalihom valur tas-suq affidabbli huwa osservabbli meta dawk l-istrumenti finanzjarji jiġu nnegozjati f'suq attiv, kbir, likwidu u trasparenti. Is-swieq attivi jikkonformaw ukoll mal-Artikolu 10(4).

4. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiddeterminaw il-valur tal-provvedimenti tekniċi fuq il-bażi tal-prezz tas-suq tal-istrumenti finanzjarji użati fir-replikazzjoni.

Subtaqsima 6

Rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

Artikolu 41

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. L-ammonti rekuperabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u l-veikoli bi skop speċjali jiġu kkalkulati b'mod konsistenti mal-limiti tal-kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li magħhom dawk l-ammonti jkunu relatati.

2. L-ammonti rekuperabbli mill-veikoli bi skop speċjali, l-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni finiti kif inhu stipulat fl-Artikolu 210 tad-Direttiva 2009/138/KE u l-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni oħrajn kollha jiġu kkalkulati għalihom. L-ammonti rekuperabbli minn veikolu bi skop speċjali ma jaqbżux l-iskopertura għar-riskju massima aggregata ta' dak il-veikolu bi skop speċjali għall-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riasigurazzjoni.

3. Għall-fini tal-kalkolu tal-ammonti rekuperabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u mill-veikoli bi skop speċjali, il-flussi tal-flus jinkludu biss pagamenti b'rabta mal-kumpens ta' eventi tal-assigurazzjoni u pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux saldati. Il-pagamenti marbutin ma' eventi oħrajn jew pretensjonijiet tal-assigurazzjoni saldati jitqiesu barra mill-ammonti rekuperabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u l-veikoli bi skop speċjali u elementi oħrajn tal-provvedimenti tekniċi. Meta jkun sar depożitu għall-flussi tal-flus, l-ammonti rekuperabbli jiġu aġġustati kif xieraq biex jiġi evitat l-għadd doppju tal-assi u l-obbligazzjonijiet marbutin mad-depożitu.

4. L-ammonti rekuperabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u mill-veikoli bi skop speċjali għall-obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja jiġu kkalkulati b'mod separat għall-provvedimenti tal-primjum u l-provvedimenti għall-pretensjonijiet pendenti bil-mod li ġej:

(a) il-flussi tal-flus marbutin mal-provvedimenti għall-pretensjonijiet pendenti jinkludu l-pagamenti ta' kumpens marbutin mal-pretensjonijiet ikkunsidrati fil-provvedimenti gross għall-pretensjonijiet pendenti tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ċċedi r-riskji;

(b) il-flussi tal-flus relatati mal-provvedimenti tal-primjum jinkludu l-pagamenti l-oħrajn kollha.

5. Meta l-flussi tal-flus mill-veikoli bi skop speċjali lejn l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ma jiddependux direttament fuq il-pretensjonijiet kontra l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ċċedi r-riskji, l-ammonti rekuperabbli minn dawk il-veikoli bi skop speċjali għall-pretensjonijiet futuri jiġu kkunsidrati biss sakemm ikun jista' jiġi vverifikat b'mod prudenti, affidabbli u oġġettiv li n-nuqqas ta' korrispondenza strutturali bejn il-pretensjonijiet u l-ammonti rekuperabbli ma jkunx materjali.

Artikolu 42

Aġġustament ta' inadempjenza tal-kontropartijiet

1. L-aġġustamenti biex tingħata kunsiderazzjoni lit-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti kif imsemmi fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE jiġu kkalkulati b'mod separat mill-bqija tal-ammonti rekuperabbli.

2. L-aġġustament biex jiġi kkunsidrat it-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti jiġi kkalkulat bħala l-valur preżenti mistenni tal-bidla fil-flussi tal-flus sottostanti għall-ammonti rekuperabbli mingħand dik il-kontroparti, li kieku jirriżulta f'każ ta' inadempjenza tal-kontroparti, inkluż bħala riżultat ta' insolvenza jew tilwim, f'ċertu punt fiż-żmien. Għal dak il-għan, il-bidla fil-flussi tal-flus ma tikkunsidra l-effett tal-ebda teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju li tnaqqas ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti, barra mit-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju bbażati fuq il-parteċipazzjonijiet kollaterali. It-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji li ma jiġux ikkunsidrati jiġu rikonoxxuti b'mod separat mingħajr ma jiżdied l-ammont rekuperabbli mill-kuntratti tal-assigurazzjoni u l-veikoli bi skop speċjali.

3. Il-kalkolu msemmi fil-paragrafu 2 jikkunsidra eventi ta' inadempjenza possibbli tul il-ħajja tal-kuntratt jew l-arranġament tar-riassigurazzjoni mal-veikolu bi skop speċjali u jekk u kif il-probabbiltà tal-inadempjenza tvarja maż-żmien. Dan isir b'mod separat minn kull kontroparti u għal kull linja operatorja. Fl-assigurazjoni mhux tal-ħajja, dan isir ukoll b'mod separat għall-provvedimenti ta' primjums u għall-provvedimenti għal pretensjonijiet pendenti.

4. It-telf medju li jirriżulta minn inadempjenza ta' kontroparti, imsemmi fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, ma jiġix ivvalutat b'valur inqas minn 50 % tal-ammonti rekuperabbli bl-esklużjoni tal-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 1, sakemm ma jkunx hemm bażi affidabbli għal valutazzjoni oħra.

5. Il-probabbiltà ta' inadempjenza ta' veikolu bi skop speċjali tiġi kkalkulata abbażi tar-riskju ta' kreditu inerenti fl-assi miżmumin mill-veikolu bi skop speċjali.

TAQSIMA 4

Struttura tat-terminu tar-rata rilevanti tal-imgħax mingħajr riskju

Subtaqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 43

Dispożizzjonijiet ġenerali

Ir-rati tal-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

(a) l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu kapaċi jaqilgħu r-rati b'mod mingħajr riskju fil-prattika;

(b) ir-rati jiġu ddeterminati b'mod affidabbli abbażi tal-istrumenti finanzjarji kkumerċjati f'suq finanzjarju kbir, likwidu u trasparenti.

Ir-rati tal-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax rilevanti mingħajr riskji jiġu kkalkulati b'mod separat għal kull munita u maturità, abbażi tal-informazzjoni u d-dejta rilevanti kollha għal dik il-munita u dik il-maturità. Dawn jiġu ddeterminati b'mod trasparenti, prudenti, affidabbli u oġġettiv li jkun konsistenti tul iż-żmien.

Subtaqsima 2

Struttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju

Artikolu 44

L-istrumenti finanzjarji rilevanti biex jiġu dderivati r-rati bażiċi tal-imgħax mingħajr riskju

1. Għal kull munita u maturità, ir-rati tal-interess bażiċi ħelsin mir-riskji jiġu dderivati abbażi tar-rati swap tar-rati tal-imgħax bażiċi għar-rati tal-imgħax ta' dik il-munita, aġġustati biex jikkunsidraw ir-riskju ta' kreditu.

2. Għal kull munita, għall-maturitajiet fejn ir-rati swap tar-rati tal-interess ma jkunux disponibbli minn swieq finanzjarji profondi, likwidi u trasparenti, ir-rati tal-bonds tal-gvern maħruġin f'dik il-munita, aġġustati biex jikkunsidraw ir-riskju ta' kreditu tal-bonds tal-gvern, jintużaw biex jiġu dderivati r-rati bażiċi tal-imgħax mingħajr riskji, diment li t-tali rati tal-bonds tal-gvern ikunu disponibbli minn swieq finanzjarji kbar, likwidi u trasparenti.

Artikolu 45

Aġġustament għar-rati swap għar-riskju ta' kreditu

L-aġġustament għar-riskju ta' kreditu msemmi fl-Artikolu 44(1) jiġi ddeterminat b'mod trasparenti, prudenti, affidabbli u oġġettiv li jkun konsistenti tul iż-żmien. L-aġġustament jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-differenza bejn ir-rati li jkopru r-riskju ta' kreditu rifless fir-rata varjabbli tal-iswaps tar-rati tal-imgħax u r-rati swap indiċizzati mil-lum għall-għada tal-istess maturità, meta ż-żewġ rati jkunu disponibbli minn swieq finanzjarji kbar, likwidi u trasparenti. Il-kalkolu tal-aġġustament ikun imsejjes fuq 50 % tal-medja ta' dik id-differenza tul perjodu ta' żmien ta' sena. L-aġġustament ma jkun inqas minn 10 punti bażi u mhux ogħla minn 35 punt bażi.

Artikolu 46

Estrapolazzjoni

1. Il-prinċipji applikati fl-estrapolazzjoni tal-istruttura tat-terminu tar-rata rilevanti tal-imgħax mingħajr riskji jkunu l-istess għall-muniti kollha. Dan japplika wkoll fir-rigward tad-determinazzjoni tal-itwal maturitajiet li għalihom ir-rati tal-imgħax jistgħu jiġu osservati f'suq kbir, likwidu u trasparenti u l-mekkaniżmu biex jiżgura konverġenza bla xkiel lejn ir-rata forward finali.

2. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw l-Artikolu 77d tad-Direttiva 2009/138/KE, tiġi applikata l-estrapolazzjoni għar-rati tal-imgħax mingħajr riskju inklużi fl-aġġustament tal-volatilità msemmi f'dak l-Artikolu.

3. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw l-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE, l-estrapolazzjoni tkun imsejsa fuq ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju bla aġġustament ta' korrispondenza. L-aġġustament ta' korrispondenza msemmi f'dak l-Artikolu jiġi applikat għar-rati tal-imgħax estrapolati mingħajr riskju.

Artikolu 47

Ir-rata forward finali

1. Għal kull munita, ir-rata forward finali msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 46 tkun stabbli tul iż-żmien u tinbidel biss bħala riżultat ta' tibdil fl-aspettattivi fit-tul. Il-metodoloġija biex tiġi dderivata r-rata forward finali tkun speċifikata biċ-ċar biex ikun żgurat li jsiru kalkoli tax-xenarji mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni. Din tiġi ddeterminata b'mod trasparenti, prudenti, affidabbli u oġġettiv li jkun konsistenti tul iż-żmien.

2. Għal kull munita, ir-rata forward finali tqis l-aspettattivi tar-rata tal-imgħax reali fit-tul u tal-inflazzjoni mistennija, diment li dawk l-aspettattivi jkunu jistgħu jiġu ddeterminati għal dik il-munita b'mod affidabbli. Ir-rata forward finali ma tinkludix primjum b'terminu li jirrifletti r-riskji addizzjonali tal-investimenti miżmumin fit-tul.

Artikolu 48

L-istruttura tat-terminu tar-rata bażika tal-imgħax mingħajr riskji tal-valuti marbutin mal-euro

1. Għal valuti marbutin mal-euro, l-istruttura tat-terminu tar-rata bażika tal-imgħax mingħajr riskji għall-euro, aġġustata għar-riskju tal-valuta, tista' tintuża biex tiġi kkalkulata l-aħjar stima fir-rigward tal-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni espressi f'dik il-munita, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-irbit jiżgura li r-rata tal-kambju bejn il-munita u l-euro tibqa' f'firxa mhux usa' minn 20 % tal-ogħla limitu tal-firxa;

(b) is-sitwazzjoni ekonomika taż-żona tal-euro u ż-żona ta' dik il-munita jkunu simili biżżejjed biex jiżguraw li r-rati tal-imgħax għall-euro u dik il-munita jiżviluppaw b'mod simili;

(c) l-arranġament ta' rbit jiżgura li l-bidliet relattivi fir-rata tal-kambju tul perjodu ta' sena ma jaqbżux il-firxa msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, fil-każ ta' eventi tas-suq estremi, li tikkorispondi għal-livell ta' fiduċja stabbilit fl-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) tinżamm konformità ma' wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(i) parteċipazzjoni ta' dik il-munita fil-Mekkaniżmu Ewropew tar-Rata tal-Kambju (ERM II);

(ii) l-eżistenza ta' deċiżjoni mill-Kunsill li tirrikonoxxi l-arranġamenti ta' rbit bejn dik il-munita u l-euro

(iii) it-twaqqif tal-arranġament ta' rbit skont il-liġi tal-pajjiż li tistabbilixxi l-munita ta' dak il-pajjiż.

Għall-finijiet tal-punt (c), jiġu kkunsidrati r-riżorsi finanzjarji tal-partijiet li jiggarantixxu l-irbit.

2. L-aġġustament għar-riskju tal-munita jkun negattiv u jikkorispondi għall-kost tal-iħħeġġjar kontra r-riskju li l-valur fil-munita marbuta ta' investiment espress f'euro jonqos bħala riżultat ta' bidliet fil-livell tar-rata tal-kambju bejn l-euro u l-munita marbuta. L-aġġustament ikun l-istess għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kollha.

Subtaqsima 3

Aġġustament għall-volatilità

Artikolu 49

Portafolli ta' referenza

1. Il-portafolli ta' referenza msemmijin fil-paragrafi (2) u (4) tal-Artikolu 77d tad-Direttiva 2009/138/KE jiġu ddeterminati b'mod trasparenti, prudenti, affidabbli u oġġettiv li jkun konsistenti tul iż-żmien. Il-metodi applikati fid-determinazzjoni tal-portafolli ta' referenza ikunu l-istess għall-valuti u l-pajjiżi kollha.

2. Għal kull munita u kull pajjiż, l-assi tal-portafoll ta' referenza jiġu stmati skont l-Artikolu 10(1) u jiġu nnegozjati fi swieq li, ħlief f'perjodi ta' likwidità taħt stress, jikkonformaw mal-Artikolu 40(3). L-istrumenti finanzjarji nnegozjati fi swieq li ma jikkonformawx mal-Artikolu 40(3) temporanjament jistgħu jiġu inklużi biss fil-portafoll meta dak is-suq ikun mistenni li se jerġa' jkun konformi mal-kriterji fi żmien perjodu raġonevoli.

3. Għal kull munita u kull pajjiż, il-portafoll ta' referenza tal-assi jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) għal kull valuta, l-assi jirrappreżentaw investimenti li jsiru mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni f'dik il-munita biex tiġi koperta l-aħjar stima għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni espressi f'dik il-valuta; għal kull pajjiż, l-assi jkunu rappreżentattivi tal-investimenti li jsiru mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni f'dak il-pajjiż biex tiġi koperta l-aħjar stima għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mibjugħin fis-suq tal-assigurazzjoni ta' dak il-pajjiż u espressi fil-munita ta' dak il-pajjiż;

(b) fejn ikun disponibbli, il-portafoll ikun ibbażat fuq l-indiċijiet rilevanti li jkunu disponibbli faċilment għall-pubbliku u hemm kriterji ppubblikati għal meta u kif ikunu se jinbidlu l-kostitwenti ta' dawk l-indiċijiet;

(c) il-portafoll tal-assi jinkludi l-assi kollha li ġejjin:

— bonds, titolizzazzjonijiet u self, inkluż self ipotekarju

— ekwità

— proprjetà

Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), l-investimenti tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni f'impriżi ta' investiment kollettiv u investimenti oħrajn aggregati bħala fondi jitqiesu bħala investimenti fl-assi sottostanti.

Artikolu 50

Formula għall-kalkolu tal-firxa sottostanti għall-aġġustament tal-volatilità

Għal kull munita u kull pajjiż, il-firxa msemmija fl-Artikolu 77d(2) u (4) tad-Direttiva 2009/138/KE tkun ekwivalenti għal dan li ġej:

$$S = w_{gov} \cdot \max(S_{gov},0) + w_{corp} \cdot \max(S_{corp},0)$$

fejn:

(a) w_{gov} tirrappreżenta l-proporzjon tal-valur tal-bonds tal-gvern inklużi fil-portafoll ta' referenza tal-assi għal dik il-munita jew dak il-pajjiż u l-valur tal-assi kollha inklużi f'dak il-portafoll ta' referenza;

(b) S_{gov} tirrappreżenta l-firxa medja tal-munita fuq il-bonds tal-gvern inklużi fil-portafoll ta' referenza tal-assi għal dik il-munita jew dak il-pajjiż

(c) w_{corp} tirrappreżenta l-proporzjoni tal-valur tal-bonds barra mill-bonds tal-gvern, is-self u t-titolizzazzjonijiet inklużi fil-portafoll tal-assi ta' referenza għal dik il-munita jew dak il-pajjiż u l-valur tal-assi kollha inklużi f'dak il-portafoll ta' referenza;

(d) S_{corp} tirrappreżenta l-firxa medja tal-munita fuq bonds li mhumiex bonds tal-gvern, self u titolizzazzjoni inklużi fil-portafoll ta' referenza tal-assi għal dik il-munita jew dak il-pajjiż.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "bonds tal-gvern" tfisser skoperturi għall-gvernijiet u l-banek ċentrali.

Artikolu 51

Firxa kkoreġuta skont ir-riskju

Il-porzjon tal-firxa medja tal-munita skont ir-riskju li hija attribwibbli għal valutazzjoni realistika ta' telf mistenni, riskju ta' kreditu mhux mistenni jew kwalunkwe riskju ieħor msemmi fl-Artikolu 77d(3) u (4) tad-Direttiva 2009/138/KE jiġi kkalkulat bl-istess mod bħall-firxa fundamentali msemmija fl-Artikolu 77c (2) tad-Direttiva 2009/138/KE u l-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament.

Subtaqsima 4

Aġġustament ta' korrispondenza

Artikolu 52

Stress tar-riskju tal-mortalità

1. L-istress tar-riskju tal-mortalità msemmi fl-Artikolu 77b(1)(f) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun l-iktar wieħed avvers miż-żewġ xenarji li ġejjin f'termini tal-impatt tiegħu fuq il-fondi proprji bażiċi:

(a) żieda permanenti istantanja ta' 15 % fir-rati ta' mortalità użati biex tiġi kkalkulata l-aħjar stima;

(b) żieda istantanja ta' 0,15-il punt perċentwali fir-rati ta' mortalità (mogħtija bħala perċentwali) li jintużaw fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi biex jirriflettu l-esperjenza ta' mortalità fit-12-il xahar ta' wara.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, iż-żieda fir-rati ta' mortalità tapplika biss għal dawk il-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom iż-żieda fir-rati ta' mortalità twassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni dawn kollha li ġejjin:

(a) poloz tal-assigurazzjoni multipli fir-rigward tal-istess persuna assigurata jistgħu jitqiesu daqslikieku kienu polza tal-assigurazzjoni waħda;

(b) meta l-kalkolu ta' provvedimenti tekniċi jkun imsejjes fuq gruppi ta' poloz kif imsemmi fl-Artikolu 35, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom jiżdiedu l-provvedimenti tekniċi skont żieda fir-rati ta' mortalità tista' tkun imsejsa wkoll fuq dawk il-gruppi ta' poloz minflok il-poloz waħedhom, diment li dan jipprovdi riżultat li ma jkunx materjalment differenti.

3. Fir-rigward tal-obbligi tar-riassigurazzjoni, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu skont żieda fir-rati ta' mortalità tapplika għall-poloz tal-assigurazzjoni sottostanti u titwettaq skont il-paragrafu 2.

Artikolu 53

Kalkolu tal-aġġustament ta' korrispondenza

1. Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 77c(1)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkunsidraw biss l-assi assenjati li l-flussi tal-flus mistennija tagħhom huma meħtieġa jirreplikaw il-flussi tal-flus tal-portafoll tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, eskluż kwalunkwe assi li jmur lil hinn minn dan. Il-"fluss tal-flus mistenni" ta' assi tfisser il-flus tal-flus tal-assi aġġustat sabiex tkun tista' tinħareġ il-probabbiltà tal-inadempjenza tal-assi li tikkorrispondi għall-element tal-firxa fundamentali stipulata fl-Artikolu 77c(2)(a)(i) tad-Direttiva 2009/138/KE jew, meta ma tkun tista' tinħareġ ebda firxa tal-kreditu affidabbli mill-istatistiki prestabbiliti, il-porzjon tal-medja fid-durata tal-firxa fuq ir-rata tal-imgħax mingħajr riskju stabbilita fl-Artikolu 77c(2)(b) u (c) ta' dik id-Direttiva.

2. It-tnaqqis tal-firxa fundamentali, imsemmija fl-Artikolu 77c(1)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE, mir-riżultat tal-kalkolu stipulat fl-Artikolu 77c(1)(a) ta' dik id-Direttiva, jinkludi biss il-porzjon tal-firxa fundamentali li ma tkunx diġà ġiet riflessa fl-aġġustament għall-flussi tal-flus tal-portafoll assenjat ta' assi, kif stipulat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 54

Kalkolu tal-firxa fundamentali

1. Il-firxa fundamentali msemmija fl-Artikolu 77c paragrafu (2) tiġi kkalkulata b'mod trasparenti, prudenti, affidabbli u oġġettiv li jibqa' konsistenti maż-żmien, fuq il-bażi tal-indiċijiet rilevanti, meta jkunu disponibbli. Il-metodi biex tinħareġ firxa fundamentali ta' bond ikunu l-istess għal kull munita u kull pajjiż u jistgħu jkunu differenti għal bonds tal-gvern u għal bonds ohrajn.

2. Il-kalkolu tal-firxa tal-kreditu msemmi fl-Artikolu 77c(2)(a)(i) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li f'każ ta' inadempjenza jista' jiġi rkuprat 30 % tal-valur tas-suq.

3. Il-medja fid-durata msemmija fl-Artikolu 77c(2)(b) u (c) tad-Direttiva 2009/138/KE tkun imsejsa fuq id-dejta relatata mal-aħħar 30 sena. Meta jkun hemm parti mid-dejta li mhijiex disponibbli, din jittiħdilha postha minn dejta msawra. Id-dejta msawra għandha tkun imsejsa fuq id-dejta disponibbli u affidabbli relatata mal-aħħar 30 sena. Dejta li ma tkunx affidabbli tinbidel ma' dejta msawra billi tintuża dik il-metodoloġija. Id-dejta msawra tkun imsejsa fuq suppożizzjonijiet prudenti.

4. It-telf imsemmi fl-Artikolu 77c(2)(a)(ii) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun jikkorrispondi għat-telf ippeżat skont il-probabbiltà li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ġġarrab meta l-assi jiġi deklassifikat għal skala tal-kwalità kreditizja inqas u jiġi sostitwit eżatt wara. Il-kalkolu tat-telf mistenni jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li l-assi li jeħodlu postu jissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) l-assi sostitut għandu l-istess mudell tal-fluss tal-flus bħall-assi sostitwit qabel id-deklassifikazzjoni;

(b) l-assi sostitut jappartjeni għall-istess klassi ta' assi bħall-assi sostitwit;

(c) l-assi sostitut jinsab fl-istess skala tal-kwalità kreditizja bħall-assi sostitwit qabel id-deklassifikazzjoni jew f'waħda ogħla.

TAQSIMA 5

Linji operatorji

Artikolu 55

Linji operatorji

1. Il-linji operatorji msemmijin fl-Artikolu 80 tad-Direttiva 2009/138/KE ikunu dawk stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-assenjament ta' obbligu tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal linja operatorja jirrifletti l-għamla tar-riskji marbutin mal-obbligu. Il-forma legali tal-obbligu mhux bilfors trid tkun tiddetermina tal-għamla tar-riskju.

3. Diment li l-bażi teknika tkun konsistenti mal-għamla tar-riskji marbutin mal-obbligu, l-obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa mfittxija fuq bażi teknika simili għal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja jiġu assenjati fil-linji operatorji għall-assigurazzjoni tal-ħajja u l-obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa mfittxija fuq bażi teknika simili għal dik ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja jiġu assenjati għal-linji operatorji għal assigurazzjoni mhux tal-ħajja.

4. Meta l-obbligi ta' assigurazzjoni li jirriżultaw mill-operazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 2(3)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE ma jkunux jistgħu jiġu assenjati b'mod ċar għal-linji operatorji stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi tal-għamla tagħhom, dawn jiddaħħlu fil-linja operatorja 32 kif stipulat f'dak l-Anness.

5. Meta kuntratt tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkopri riskji f'assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja, l-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jiġu diżaggregati fil-partijiet tal-ħajja u mhux tal-ħajja tagħhom.

6. Meta kuntratt tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkopri riskji fuq il-linji operatorji kif stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, fejn possibbli l-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jiġu diżaggregati fil-linji operatorji xierqa.

7. Meta kuntratt tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jinkludi obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tas-saħħa u obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni oħrajn, fejn possibbli dawk l-obbligi jiġu diżaggregati.

TAQSIMA 6

Proporzjonalità u simplifikazzjonijiet

Artikolu 56

Proporzjonalità

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw metodi biex jikkalkulaw il-provvedimenti tekniċi li huma proporzjonati għall-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji involuti fl-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tagħhom.

2. Meta jevalwaw jekk metodu ta' kalkolu tal-provvedimenti tekniċi huwiex proporzjonat, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jwettqu valutazzjoni li tinkludi:

(a) valutazzjoni tal-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji involuti fl-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tagħhom;

(b) evalwazzjoni f'termini kwalitattivi jew kwantitattivi tal-iżball introdott fir-riżultati tal-metodu minħabba xi devjazzjoni bejn dawn li ġejjin:

(i) is-suppożizzjonijiet involuti fil-metodu b'rabta mar-riskji;

(ii) ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmijin fil-punt (a).

3. Il-valutazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 tinkludi r-riskji kollha li jaffettwaw l-ammont, it-tempestività jew il-valur tal-ħruġ u d-dħul ta' flus meħtieġa biex jiġu saldati l-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tul il-ħajja tagħhom. Għall-fini tal-kalkolu tal-marġni ta' riskju, il-valutazzjoni tinkludi r-riskji kollha msemmijin fl-Artikolu 38(1)(i) tul il-ħajja tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni sottostanti. Il-valutazzjoni tkun limitata għar-riskji li huma rilevanti għal dik il-parti tal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi li għaliha huwa applikat il-metodu.

4. Metodu jitqies sproporzjonat għall-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji jekk l-iżball imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2 iwassal għal dikjarazzjoni skorretta tal-provvedimenti tekniċi jew il-komponenti tagħhom li jistgħu jinfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utent maħsub fuq l-informazzjoni marbuta mal-valur tal-provvedimenti tekniċi, sakemm ma tiġix issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma jkunx hemm disponibbli metodu ieħor bi żball inqas u l-metodu ma jkollux probabbiltà li jirriżulta f'sottovalutazzjoni tal-ammont ta' provvedimenti tekniċi;

(b) il-metodu ma jkunx iwassal għal ammont ta' provvedimenti tekniċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jkun ogħla mill-ammont li jirriżulta li kieku jintuża metodu proporzjonat u l-metodu ikun ma jwassalx għal sottovalutazzjoni tar-riskju inerenti fl-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni li huwa applikat.

Artikolu 57

Kalkolu ssimplifikat tar-rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw l-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali qabel jaġġustaw dawk l-ammonti biex jieħdu f'kunsiderazzjoni t-telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti bħala d-differenza bejn l-istimi li ġejjin:

(a) l-aħjar stima kkalkulata gross kif imsemmi fl-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) l-aħjar stima, wara li jiġu kkunsidrati l-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali u mingħajr aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti (l-aħjar stima netta mhux aġġustata) ikkalkulati skont il-paragrafu 2.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jużaw metodi biex jiksbu l-aħjar stima netta mhux aġġustata mill-aħjar stima gross mingħajr projezzjoni espliċita tal-flussi tal-flus involuti fl-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkalkulaw l-aħjar stima netta mhux aġġustata fuq il-bażi ta' gruppi ta' riskji omoġenji. Kull wieħed minn dawn il-gruppi ta' riskji omoġenji jkopri mhux aktar minn kuntratt tar-riassigurazzjoni jew veikolu bi skop speċjali wieħed sakemm dawk il-kuntratti tar-riassigurazzjoni jew il-veikoli bi skop speċjali ma jipprovdux trasferiment tar-riskji omoġenji.

Artikolu 58

Kalkolu ssimpifikat tal-marġni ta' riskju

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 56, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jużaw metodi ssimplifikati meta jikkalkulaw il-marġni ta' riskju, inkluż wieħed jew iktar minn fost dawn li ġejjin:

(a) metodi li jużaw stimi tal-ammonti denotati mit-termini *SCR(t)* imsemmijin fl-Artikolu 37(1);

(b) metodi li jistmaw is-somma skontata tal-ammonti denotati mit-termini *SCR(t)* kif imsemmi fl-Artikolu 37(1) mingħajr ma jikkalkulaw kull wieħed minn dawk l-ammonti għalih.

Artikolu 59

Kalkoli tal-marġni ta' riskju matul is-sena finanzjarja

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 56, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jiksbu l-marġni ta' riskju għall-kalkoli li jridu jsiru b'mod trimestrali mir-riżultat ta' kalkolu preċedenti tal-marġni ta' riskju mingħajr kalkolu espliċitu tal-formula msemmija fl-Artikolu 37(1).

Artikolu 60

Kalkolu ssimpifikat tal-aħjar stima għall-obbligi tal-assigurazzjoni b'mekkaniżmu ta' aġġustament tal-primjum

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 56, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw l-aħjar stima tal-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja b'arranġament li bih l-impriża tal-assigurazzjoni għandha d-dritt jew l-obbligu li taġġusta l-primjums tal-ġejjieni ta' kuntratt tal-assigurazzjoni biex jirriflettu l-bidliet materjali fil-livell mistenni ta' pretensjonijiet u spejjeż (mekkaniżmu ta' aġġustament tal-primjum) billi jużaw projezzjonijiet tal-flussi tal-flus li jassumu li l-bidliet fil-livell ta' pretensjonijiet u spejjeż iseħħu fl-istess ħin mal-aġġustamenti tal-primjum u li jirriżultaw fi fluss tal-flus nett żero, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-primjum jikkumpensa lill-impriża tal-assigurazzjoni bis-sħiħ u fil-ħin għal kull żieda fil-livell ta' pretensjonijiet u spejjeż;

(b) il-kalkolu ma jirriżultax f'sottovalutazzjoni tal-aħjar stima;

(c) il-kalkolu ma jirriżultax f'sottovalutazzjoni tar-riskju inerenti f'dawk l-obbligi tal-assigurazzjoni.

Artikolu 61

Kalkolu ssimplifikat tal-aġġustament tal-inadempjenza ta' kontroparti

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, kif imsemmi fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, għal kontroparti speċifika u grupp ta' riskji omoġenji li jiġi stabbilit kif ġej:

$$Adj_{CD} = -\max(0{,}5 \cdot \frac{PD}{1 - PD} \cdot Dur_{\mathrm{mod}} \cdot BE_{rec}; 0)$$

fejn:

(a) *PD* tirrappreżenta l-probabilità tal-inadempjenza ta' dik il-kontroparti fit-12-il xahar ta' wara;

(b) Dur_{mod} tirrappreżenta d-durata mmodifikata tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni ma' dik il-kontroparti b'rabta mal-grupp ta' riskji omoġenji;

(c) BE_{rec} tirrappreżenta l-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni ma' dik il-kontroparti b'rabta ma' dak il-grupp ta' riskji omoġenji.

KAPITOLU IV

FONDI PROPRJI

TAQSIMA 1

Determinazzjoni tal-fondi proprji

Subtaqsima 1

Approvazzjoni superviżorja ta' fondi proprji anċillari

Artikolu 62

Valutazzjoni tal-applikazzjoni

1. L-awtoritajiet superviżorji jieħdu f'kunsiderazzjoni dawn kollha li ġejjin għall-fini tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 90 (4) tad-Direttiva 2009/138/KE:

(a) l-effettività u l-infurzabbiltà legali tat-termini tal-impenn fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti kollha;

(b) it-termini kuntrattwali tal-arranġament li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni daħlet fih, jew se tidħol fih, mal-kontropartijiet biex tipprovdi fondi;

(c) fejn rilevanti, il-memorandum u l-Artikoli ta' assoċjazzjoni jew l-istatuti tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(d) jekk l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandhiex fis-seħħ proċessi biex tgħarraf lill-awtoritajiet superviżorji dwar kwalunkwe bidla fil-ġejjieni, li jista' jkollha l-effett ta' tnaqqis tal-assorbiment tat-telf tal-entrata ta' fondi proprji anċillari, f'xi waħda milli ġejjin:

(i) l-istruttura jew it-termini kuntrattwali tal-arranġament;

(ii) l-istatus tal-kontropartijiet ikkonċernati;

(iii) potenzjal ta' rkupru tal-entrata ta' fondi proprji anċillari.

2. L-awtoritajiet superviżorji jivvalutaw ukoll jekk hemmx konformità mal-Artikolu 90 tad-Direttiva 2009/138/KE billi jieħdu f'kunsiderazzjoni l-medda ta' ċirkustanzi li fihom tista' tiġi prelevata l-entrata biex tassorbi t-telf.

3. Meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tfittex l-approvazzjoni ta' metodu li bih issib l-ammont ta' kull entrata ta' fondi proprji anċillari, l-awtoritajiet superviżorji jqisu jekk il-proċess tal-impriża sabiex tivvalida l-metodu b'mod regolari huwiex xieraq biex jiżgura li r-riżultati tal-metodu jirriflettu l-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-entrata fuq bażi kontinwa.

4. Minbarra r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 sa 3, l-awtoritajiet superviżorji jivvalutaw l-applikazzjoni għal approvazzjoni ta' fondi proprji anċillari fuq il-bażi tal-kriterji stipulati fl-Artikoli 63, 64 u 65.

Artikolu 63

Valutazzjoni tal-applikazzjoni — Status tal-kontropartijiet

1. L-awtoritajiet superviżorji jieħdu f'kunsiderazzjoni dawn kollha li ġejjin għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-ħila tal-kontropartijiet sabiex iħallsu msemmija fl-Artikolu 90(4)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE:

(a) ir-riskju ta' inadempjenza tal-kontropartijiet;

(b) ir-riskju li tirriżulta inadempjenza għaliex il-kontropartijiet jittardjaw fit-twettiq tal-impenji tagħhom skont l-entrata ta' fondi proprji anċillari.

2. Fir-rigward tal-paragrafu 1(a), l-awtoritajiet superviżorji jivvalutaw ir-riskju ta' inadempjenza tal-kontropartijiet billi jistħarrġu l-probabilità tal-inadempjenza tal-kontropartijiet u t-telf fil-każ ta' inadempjenza, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) l-affidabbiltà kreditizja tal-kontropartijiet, diment li din tirrifletti kif xieraq il-ħila tal-kontropartijiet sabiex jissodisfaw l-impenji tagħhom stipulati fl-entrata ta' fondi proprji anċillari;

(b) jekk hemmx xi xkiel prattiku jew legali attwali jew prevedibbli sabiex il-kontropartijiet iwettqu l-impenji tagħhom stipulati fl-entrata ta' fondi proprji anċillari;

(c) jekk il-kontropartijiet humiex soġġetti għal rekwiżiti legali jew regolatorji li jnaqqsu l-ħila tal-kontropartijiet sabiex jissodisfaw l-impenji tagħhom stipulati fl-entrata ta' fondi proprji anċillari;

(d) jekk il-forma ġuridika tal-kontropartijiet tippreġudikax it-twettiq mill-kontropartijiet tal-impenji tagħhom stipulati fl-entrata ta' fondi proprji anċillari;

(e) jekk il-kontropartijiet humiex soġġetti għal skoperturi oħrajn li jnaqqsu l-ħila tal-kontropartijiet sabiex iwettqu l-impenji tagħhom stipulati fl-entrata ta' fondi proprji anċillari;

(f) jekk, fir-rigward tal-impenn tagħhom fl-entrata ta' fondi proprji anċillari, it-termini kuntrattwali tal-arranġement skont kwalunkwe liġi applikabbli huma tali li l-kontropartijiet għandhom drittijiet sabiex ipaċu l-ammonti li huma dovuti kontra kwalunkwe ammont dovut lilhom mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

3. Fir-rigward tal-paragrafu 1(b), l-awtoritajiet superviżorji għandhom jivvalutaw il-pożizzjoni tal-likwidità tal-kontropartijiet, filwaqt li jqisu dan kollu li ġej:

(a) jekk hemmx xi xkiel prattiku jew legali attwali jew prevedibbli għall-ħila tal-kontropartijiet sabiex iwettqu fil-ħin l-impenji tagħhom stipulati fl-entrata ta' fondi proprji anċillari;

(b) jekk il-kontropartijiet humiex soġġetti għal rekwiżiti legali jew regolatorji li jistgħu jnaqqsu l-ħila tal-kontropartijiet sabiex iwettqu fil-ħin l-impenji tagħhom stipulati fl-entrata ta' fondi proprji anċillari;

(c) jekk il-forma ġuridika tal-kontropartijiet hijiex ta' ħsara sabiex il-kontropartijiet iwettqu fil-ħin l-impenji tagħhom stipulati fl-entrata ta' fondi proprji anċillari.

4. L-awtoritajiet superviżorji jieħdu dawn kollha li ġejjin f'kunsiderazzjoni għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-rieda tal-kontropartijiet li jħallsu msemmija fl-Artikolu 90(4)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE:

(a) il-medda ta' ċirkustanzi li fihom tista' tiġi eżerċitata l-entrata ta' fondi proprji anċillari sabiex tassorbi t-telf;

(b) jekk jeżistux inċentivi jew diżinċentivi li jistgħu jaffettwaw ir-rieda tal-kontropartijiet sabiex iwettqu l-impenji tagħhom stipulati fl-entrata ta' fondi proprji anċillari;

(c) jekk it-tranżazzjonijiet imgħoddija bejn il-kontropartijiet u l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, inkluż it-twettiq fl-imgħoddi mill-partijiet tal-impenji tagħhom stipulati fl-entrati ta' fondi proprji anċillari, jagħtux indikazzjoni dwar ir-rieda tal-kontropartijiet sabiex iwettqu l-impenji attwali tagħhom stipulati fl-entrata ta' fondi proprji anċillari.

5. Meta jivvalutaw il-ħila u r-rieda tal-kontropartijiet sabiex iħallsu, l-awtoritajiet superviżorji jikkunsidraw kwalunkwe fattur ieħor rilevanti għall-istatus tal-kontropartijiet inkluż, fejn rilevanti, il-mudell kummerċjali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

6. Meta entrata ta' fondi proprji anċillari tkun tikkonċerna grupp ta' kontropartijiet, l-awtoritajiet superviżorji u l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jivvalutaw l-istatus tal-grupp ta' kontropartijiet daqslikieku kien kontroparti waħda diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kontropartijiet mhumiex materjali f'livell individwali;

(b) il-kontropartijiet inklużi f'dak il-grupp huma omoġenji biżżejjed;

(c) il-valutazzjoni ta' grupp ta' kontropartijiet ma tissopravvalutax il-ħila u r-rieda ta' ħlas tal-kontropartijiet inklużi f'dak il-grupp.

7. Kontroparti titqies materjali meta l-istatus ta' dik il-kontroparti unika aktarx li jħalli effett sinifikanti fuq il-valutazzjoni tal-ħila u r-rieda ta' ħlas tal-grupp ta' kontropartijiet.

Artikolu 64

Valutazzjoni tal-applikazzjoni — Potenzjal ta' rkupru tal-fondi

L-awtoritajiet superviżorji jieħdu dawn kollha f'kunsiderazzjoni għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-potenzjal ta' rkupru tal-fondi msemmija fl-Artikolu 90(4)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE:

(a) jekk il-potenzjal ta' rkupru tal-fondi jiżdiedx minħabba d-disponibbiltà ta' kollateral jew arranġament analogu li jkun konformi mal-Artikoli 209 sa 214;

(b) jekk hemm xi xkiel prattiku jew legali attwali jew prevedibbli għall-potenzjal ta' rkupru tal-fondi;

(c) jekk il-potenzjal ta' rkupru tal-fondi huwiex soġġett għal rekwiżiti legali jew regolatorji;

(d) il-ħila tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tieħu azzjoni biex tinfurza t-twettiq mill-kontropartijiet tal-impenji tagħhom stipulati fl-entrata ta' fondi proprji anċillari.

Artikolu 65

Valutazzjoni tal-applikazzjoni — Informazzjoni fuq ir-riżultat ta' sejħiet fil-passat

L-awtoritajiet superviżorji jieħdu dawn kollha f'kunsiderazzjoni għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-informazzjoni dwar ir-riżultat ta' sejħiet fil-passat msemmija fl-Artikolu 90(4)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE:

(a) jekk l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' sejħiet fil-passat mill-istess kontropartijiet jew oħrajn simili fl-istess ċirkustanzi jew oħrajn simili;

(b) jekk dak it-tagħrif huwiex rilevanti u affidabbli fir-rigward tar-riżultat mistenni ta' sejħiet futuri.

Artikolu 66

Speċifikazzjoni tal-ammont marbut ma' ammont mingħajr limitu ta' fondi proprji anċillari

1. L-awtoritajiet superviżorji ma japprovawx ammont mingħajr limitu ta' fondi proprji anċillari.

2. Meta l-awtoritajiet superviżorji japprovaw ammont ta' fondi proprji anċillari, id-deċiżjoni tal-awtoritajiet superviżorji tispeċifika jekk l-ammont li kien ġie approvat huwiex l-ammont li għalih applikat l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew jekk huwiex ammont inqas.

Artikolu 67

Speċifikazzjoni tal-ammont u t-tempestività relatati mal-approvazzjoni ta' metodu

Meta l-awtoritajiet superviżorji japprovaw metodu biex jistabbilixxu l-ammont ta' kull entrata ta' fondi proprji anċillari, id-deċiżjoni tal-awtoritajiet superviżorji tistabbilixxi dawn kollha li ġejjin:

(a) l-ammont inizjali tal-entrata ta' fondi proprji anċillari li ġie kkalkulat billi ntuża dak il-metodu dakinhar li tingħata l-approvazzjoni;

(b) il-frekwenza minima tal-kalkolu mill-ġdid tal-ammont tal-entrata ta' fondi proprji anċillari billi jintuża dak il-metodu meta jsir iktar minn darba fis-sena, u r-raġunijiet għaliex daqshekk spiss;

(c) il-perjodu ta' żmien li għalih jiġi approvat il-kalkolu tal-entrata ta' fondi proprji anċillari billi jintuża dak il-metodu.

Subtaqsima 2

Trattament tal-parteċipazzjonijiet tal-fondi proprji

Artikolu 68

Trattament tal-parteċipazzjonijiet fid-determinazzjoni tal-fondi proprji bażiċi

1. Għall-fini ta' determinazzjoni tal-fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-fondi proprji bażiċi kif imsemmijin fl-Artikolu 88 tad-Direttiva 2009/138/KE jitnaqqsu bil-valur sħiħ tal-parteċipazzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 92(2) ta' dik id-Direttiva, f'istituzzjoni finanzjarja u tal-kreditu, li jaqbeż l-10 % tal-entrati inklużi fil-punti (a) (i), (ii), (iv) u (vi) tal-Artikolu 69.

2. Għall-fini ta' determinazzjoni tal-fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-fondi proprji bażiċi kif imsemmijin fl-Artikolu 88 tad-Direttiva 2009/138/KE jitnaqqsu bis-sehem tal-valur tal-parteċipazzjonijiet kollha, kif imsemmi fl-Artikolu 92(2) ta' dik id-Direttiva, f'istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu, minbarra parteċipazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, li jaqbeż l-10 % tal-entrati inklużi fil-punti (a) (i), (ii), (iv) u (vi) tal-Artikolu 69.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jnaqqsux parteċipazzjonijiet strateġiċi kif imsemmi fl-Artikolu 171 li huma inklużi fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp fuq il-bażi tal-metodu 1 kif stipulat fl-Anness I għad-Direttiva 2002/87/KE.

4. It-tnaqqisijiet stipulati fil-paragrafu 2 jiġu applikati fuq bażi prorata għall-parteċipazzjonijiet kollha msemmijin f'dak il-paragrafu.

5. It-tnaqqisijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 isiru mill-grad korrispondenti li fih il-parteċipazzjoni żiedet il-fondi proprji tal-impriża relatata kif ġej:

(a) parteċipazzjonijiet ta' entrati tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu jitnaqqsu mill-entrati inklużi fil-punti (a) (i), (ii), (iv) u (vi) tal-Artikolu 69;

(b) parteċipazzjonijiet ta' strumenti tal-Grad 1 Addizzjonali ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu jitnaqqsu mill-entrati inklużi fil-punti (a)(iii) u (v) u l-punt (b) tal-Artikolu 69;

(c) parteċipazzjonijiet ta' strumenti tal-Grad 2 ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu jitnaqqsu mill-entrati tal-fondi proprji bażiċi inklużi fl-Artikolu 72.

TAQSIMA 2

Klassifikazzjoni ta' fondi proprji

Artikolu 69

Grad 1 — Lista ta' entrati ta' fondi proprji

L-entrati ta' fondi proprji bażiċi li ġejjin jitqiesu li jħaddnu b'mod sostanzjali l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/138/KE, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(2) ta' dik id-Direttiva, u jiġu kklassifikati bħala l-Grad 1, meta dawk l-entrati juru l-karatteristiċi kollha stipulati fl-Artikolu 71:

(a) is-sehem eċċessiv tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet, ivvalutat b'konformità mal-Artikolu 75 u t-Taqsima 2 tal-Kapitolu VI tad-Direttiva 2009/138/KE, inklużi l-entrati li ġejjin:

(i) kapital azzjonarju ordinarju mħallas u l-kont tal-primjum tal-azzjonijiet relatat;

(ii) fondi inizjali mħallsin, kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi jew tat-tip mutwu;

(iii) kontijiet ta' membri mutwi subordinati mħallsin;

(iv) fondi żejda li mhumiex ikkunsidrati bħala obbligazzjonijiet ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni b'konformità mal-Artikolu 91(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(v) ishma privileġġati mħallsin u l-kont tal-primjum tal-azzjonijiet relatat;

(vi) riżerva ta' rikonċiljazzjoni;

(b) obbligazzjonijiet subordinati mħallsin ivvalutati b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 70

Riżerva ta' Rikonċiljazzjoni

1. Ir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni msemmija fil-punt (a)(vi) tal-Artikolu 69 hija daqs l-eċċess totali ta' assi fuq l-obbligazzjonijiet imnaqqas b'dawn kollha li ġejjin:

(a) bl-ammont ta' ishma proprji miżmuma mill-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni;

(b) b'dividendi, distribuzzjonijiet u imposti prevedibbli;

(c) bl-entrati ta' fondi proprji bażiċi inklużi fil-punti (a)(i) sa (v) tal-Artikolu 69, l-Artikolu 72(a) u l-Artikolu 76(a);

(d) bl-entrati ta' fondi proprji bażiċi mhux inklużi fil-punti (a)(i) sa (v) tal-Artikolu 69, punt (a) tal-Artikolu 72 u l-punt tal-Artikolu 76, li ġew approvati mill-awtorità superviżorja b'konformità mal-Artikolu 79;

(e) bl-entrati ta' fondi proprji ristretti li jissodisfaw wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) jaqbżu r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fil-każ ta' portafolli tal-aġġustament ta' korrispondenza u fondi ring-fenced stabbiliti b'konformità mal-Artikolu 81(1);

(ii) li huma eskluži b'konformità mal-Artikolu 81(2);

(f) l-ammont ta' parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2009/138/KE mnaqqas b'konformità mal-Artikolu 68, diment li dan ma jkunx diġà ġie inkluż fil-punti (a) sa (e).

2. L-eċċess ta' assi fuq l-obbligazzjonijiet imsemmi fil-paragrafu 1 jinkludi l-ammont li jikkorrispondi għall-profitt mistenni inkluż fil-primjums tal-ġejjieni stipulati fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 260.

3. Is-sejbien ta' jekk, u kemm, ir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni turi l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 71 ma jsarrafx f'valutazzjoni tal-karatteristiċi tal-assi u l-obbligazzjonijiet li huma inklużi fil-kalkolu tal-eċċess tal-attiv fuq il-passiv jew l-entrati sottostanti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-impriżi.

Artikolu 71

Grad 1 — Karatteristiċi li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni

1. Il-karatteristiċi msemmijin fl-Artikolu 69 ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi:

(i) fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a) (i) u (ii) tal-Artikolu 69, tikklassifika wara l-pretensjonijiet kollha l-oħrajn fil-każ ta' proċeduri ta' stralċ rigward l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(ii) fil-każ ta' entrati msemmijin fil-punti (a)(iii) u (v) u l-punt (b) tal-Artikolu 69, tikklassifika fl-istess livell jew f'livell ogħla mill-entrati msemmijin fil-punti (a)(i) u (ii) tal-Artikolu 69, iżda wara entrati elenkati fl-Artikoli 72 u 76 li juru l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 73 u 77 rispettivament u wara l-pretensjonijiet tad-detenturi u l-benefiċjarji kollha tal-polza u l-krediturі mhux subordinati;

(b) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ma tinkludix karatteristiċi li jistgħu jikkaġunaw l-insolvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew li jistgħu jħaffu l-proċess li bih l-impriża ssir insolventi;

(c) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi hija disponibbli minnufih biex tassorbi t-telf;

(d) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tassorbi telf tal-inqas ladarba jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u ma xxekkilx ir-rikapitalizzazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(e) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi, fil-każ ta' entrati msemmijin fil-punti (a)(iii) u (v) u l-punt (b) tal-Artikolu 69, għandha wieħed mill-mekkaniżmi ta' assorbiment tat-telf ta' kapital li ġejjin li jridu jitnedew bl-event xkattatur speċifikat fil-paragrafu 8:

(i) l-ammont nominali jew prinċipali tal-entrata ta' fondi proprji bażiċi huwa mniżżel fil-valur kif stipulat fil-paragrafu 5;

(ii) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi awtomatikament tinbidel f'entrata ta' fondi proprji bażiċi elenkata fil-punt (a)(i) jew (ii) tal-Artikolu 69 kif stipulat fil-paragrafu 6;

(iii) mekkaniżmu ta' assorbiment tat-telf prinċipali li jikseb riżultat ekwivalenti għal dak tal-mekkaniżmi ta' assorbiment tat-telf prinċipali stipulati fil-punti (i) jew (ii);

(f) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(i) fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(i) u (ii) tal-Artikolu 69, l-entrata mhijiex datata jew, meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha maturità fissa, hija tal-istess maturità bħall-impriża;

(ii) fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(iii) u (v) u l-punt (b) tal-Artikolu 69, l-entrata mhijiex datata; l-ewwel opportunità kuntrattwali għall-ħlas lura jew it-tifdija tal-entrata ta' fondi proprji bażiċi ma sseħħx qabel ħames snin mid-data tal-ħruġ;

(g) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi msemmija fil-punti (a) (iii) u (v) u l-punt (b) tal-Artikolu 69 tista' tippermetti biss li jsiru l-ħlas lura jew it-tifdija ta' dik l-entrata bejn ħames u 10 snin wara d-data tal-ħruġ meta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża jinqabeż b'marġni xieraq filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-pożizzjoni ta' solvenza tal-impriża inkluż il-pjan ta' ġestjoni tal-kapital tal-impriża fit-terminu medju;

(h) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi, fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(i), (ii), (iii) u (v) u l-punt (b) tal-Artikolu 69, tista' titħallas lura jew tinfeda biss bl-għażla tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u l-ħlas lura jew it-tifdija tal-entrata ta' fondi proprji bażiċi huma soġġetti għal approvazzjoni superviżorja minn qabel;

(i) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi, fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(i), (ii), (iii) u (v) u l-punt (b) tal-Artikolu 69, ma tinkludi ebda inċentiv għall-ħlas lura jew it-tifdija ta' dik l-entrata li jżid il-probabbiltà li impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni se tħallas lura jew tifdi dik l-entrata ta' fondi proprji bażiċi meta jkollha l-possibbiltà li tagħmel hekk;

(j) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi, fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(i), (ii), (iii) u (v) u l-punt (b) tal-Artikolu 69, tipprovdi għas-sospensjoni tal-ħlas lura jew it-tifdija ta' dik l-entrata meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza jew il-ħlas lura jew it-tifdija jkunu jwasslu għat-tali nuqqas ta' konformità sakemm l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u l-ħlas lura jew it-tifdija ma jkunux se jwasslu għal nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(k) minkejja l-punt (j), l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tista' tippermetti biss li jsiru l-ħlas lura jew it-tifdija ta' dik l-entrata meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew il-ħlas lura jew it-tifdija tkun se twassal għat-tali nuqqas ta' konformità, meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-awtorità superviżorja rrinunzjat b'mod eċċezzjonali għas-sospensjoni tal-ħlas lura jew it-tifdija ta' dik l-entrata;

(ii) l-entrata hija skambjata ma' jew ikkonvertita f'entrata oħra ta' fondi proprji tal-Grad 1 li tal-inqas hija tal-istess kwalità;

(iii) tinżamm konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu wara l-ħlas lura jew it-tifdija.

(l) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(i) fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(i) u (ii) tal-Artikolu 69(1), l-arranġamenti legali jew kuntrattwali li jirregolaw l-entrata ta' fondi proprji bażiċi jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali jippermettu li jsir it-tħassir tad-distribuzzjonijiet fir-rigward ta' dik l-entrata meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew jekk id-distribuzzjoni tkun twassal għat-tali nuqqas ta' konformità sakemm l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u d-distribuzzjoni ma tkunx twassal għan-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(ii) fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(iii) u (v) u l-punt (b) tal-Artikolu 69 it-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregola l-entrata ta' fondi proprji bażiċi jipprovdi għat-tħassir tad-distribuzzjonijiet marbutin ma' dik l-entrata meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew jekk id-distribuzzjoni tkun se twassal għat-tali nuqqas ta' konformità sakemm l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u d-distribuzzjoni ma tkunx se twassal għal nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(m) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tista' tippermetti biss sabiex issir distribuzzjoni meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew id-distribuzzjoni fuq entrata ta' fondi proprji bażiċi tkun twassal għat-tali nuqqas ta' konformità, meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-awtorità superviżorja rrinunzjat b'mod eċċezzjonali għat-tħassir tad-distribuzzjonijiet;

(ii) id-distribuzzjoni ma tkomplix iddgħajjef il-pożizzjoni ta' solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(iii) tinżamm konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu wara li ssir id-distribuzzjoni.

(n) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi, fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a) (i), (ii), (iii) u (v) u l-punt (b) tal-Artikolu 69, tipprovdi lill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni bi flessibbiltà assoluta fuq id-distribuzzjonijiet fuq l-entrata ta' fondi proprji bażiċi;

(o) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi hija ħielsa minn gravami u mhijiex marbuta ma' xi tranżazzjoni oħra, li meta tiġi kkunsidrata mal-entrata ta' fondi proprji bażiċi, tista' twassal sabiex dik l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ma tikkonformax mal-Artikolu 94(1) tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-iskambju jew il-konverżjoni ta' entrata ta' fondi proprji bażiċi f'entrata ta' fondi proprji bażiċi oħra tal-Grad 1 jew il-ħlas lura jew it-tifdija ta' entrata ta' fondi proprji tal-Grad 1 mir-rikavat ta' entrata ġdida ta' fondi proprji bażiċi li tal-inqas hija tal-istess kwalità ma jitqiesux li huma ħlas lura jew tifdija, diment li l-iskambju, il-konverżjoni, il-ħlas lura jew it-tifdija jkunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtorità superviżorja.

3. Għall-finijiet tal-punt (n) tal-paragrafu 1, fil-każ ta' entrati ta' fondi proprji bażiċi msemmijin fil-punti (a)(i) u (ii) tal-Artikolu 69, flessibbiltà sħiħa fuq id-distribuzzjonijiet hija pprovduta meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ma hemm ebda trattament ta' distribuzzjoni preferenzjali rigward l-ordni ta' ħlasijiet ta' distribuzzjoni u t-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregola l-entrata ta' fondi proprji ma jipprovdux drittijiet preferenzjali għall-ħlas tad-distribuzzjonijiet;

(b) id-distribuzzjonijiet jitħallsu minn entrati distribwibbli;

(c) il-livell ta' distribuzzjonijiet ma jinstabx fuq il-bażi tal-ammont li għalih inxtrat l-entrata ta' fondi proprji fil-ħruġ u ma hemm ebda limitu massimu jew restrizzjoni oħra fuq il-livell massimu ta' distribuzzjoni;

(d) minkejja l-punt (c), fil-każ ta' strumenti maħruġin minn impriżi mutwi u tat-tip mutwu, jistgħu jiġu stabbiliti livell massimu jew restrizzjoni oħra fuq il-livell massimu ta' distribuzzjoni, diment li l-livell massimu jew restrizzjoni oħra ma tkunx event marbut mad-distribuzzjonijiet li jsiru, jew li ma jsirux, fuq entrati oħrajn ta' fondi proprji;

(e) ma hemm ebda obbligu li impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tagħmel distribuzzjonijiet;

(f) in-nuqqas ta' pagament ta' distribuzzjonijiet ma jikkostitwixxix każ ta' inadempjenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(g) it-tħassir ta' distribuzzjonijiet ma jimponi ebda restrizzjoni fuq l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

4. Għall-finijiet tal-punt (n) tal-paragrafu 1, fil-każ ta' entrati ta' fondi proprji bażiċi msemmijin fil-punti (a)(iii) u (a)(v) u l-punt (b) tal-Artikolu 69, flessibbiltà sħiħa fuq id-distribuzzjonijiet hija pprovduta meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) id-distribuzzjonijiet jitħallsu minn entrati distribwibbli;

(b) l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom diskrezzjoni sħiħa l-ħin kollu biex iħassru distribuzzjonijiet marbutin mal-entrata ta' fondi proprji għal perjodu illimitat u mhux fuq bażi kumulattiva u l-impriżi jsitgħu jużaw il-pagamenti mħassrin mingħajr restrizzjoni biex tissodisfa l-obbligi tagħha malli jkunu dovuti;

(c) ma hemm ebda obbligu li d-distribuzzjoni tiġi sostitwita ma' pagament f'xi forma oħra;

(d) ma hemm ebda obbligu li jsiru distribuzzjonijiet fil-każ ta' distribuzzjoni li ssir fuq entrata oħra ta' fondi proprji;

(e) in-nuqqas ta' pagament ta' distribuzzjonijiet ma jikkostitwixxix każ ta' inadempjenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(f) it-tħassir ta' distribuzzjonijiet ma jimponi ebda restrizzjoni fuq l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu (1)(e)(i), l-ammont nominali jew prinċipali tal-entrata ta' fondi proprji bażiċi jitniżżel fil-valur b'tali mod li jitnaqqsu dawn kollha li ġejjin:

(a) il-pretensjoni tad-detentur ta' dik l-entrata fil-każ ta' proċedimenti ta' stralċ;

(b) l-ammont li huwa meħtieġ jitħallas mal-ħlas lura jew it-tifdija ta' dik l-entrata;

(c) id-distribuzzjonijiet imħallsa fuq dik l-entrata.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu (1)(e)(ii), il-provvedimenti li jirregolaw il-konverżjoni f'entrati ta' fondi proprji bażiċi elenkata fil-punti (a) (i) jew (ii) tal-Artikolu 69 jispeċifikaw waħda minn dawn li ġejjin:

(a) ir-rata ta' konverżjoni u limitu fuq l-ammont awtorizzat ta' konverżjoni;

(b) medda li fiha l-istrumenti se jikkonvertu fl-entrata ta' fondi proprji bażiċi elenkata fil-punti (a)(i) jew (ii) tal-Artikolu 69.

7. L-ammont nominali jew prinċipali tal-entrata ta' fondi proprji bażiċi jassorbi t-telf fl-event skattatur. L-assorbiment tat-telf li jirriżulta mit-tħassir tad-distribuzzjonijiet jew it-tnaqqis fihom ma jitqiesx li huwa biżżejjed biex jitqies li huwa mekkaniżmu ta' assorbiment tat-telf ta' kapital skont il-paragrafu (1)(e).

8. L-event skattatur imsemmi fil-paragrafu (1)(e)ijkun nuqqas serju ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jiġi kkunsidrat importanti meta tkun issodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji eliġibbli biex ikun kopert ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza huwa 75 % jew inqas tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(b) l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji eliġibbli biex ikopri r-Rekwiżit Kapitali Minimu huwa daqs ir-Rekwiżit Kapitali Minimu jew inqas;

(c) il-konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ma terġax tiġi stabbilita fi żmien perjodu ta' tliet xhur mid-data tal-ewwel darba meta nstab in-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

L-impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazjoni jistgħu jispeċifikaw, fil-provvedimenti li jirregolaw l-istrument event skattatur wieħed jew iktar minbarra l-każijiet msemmijin fil-punti (a) sa (c).

9. Għall-finijiet tal-punti (d), (j) u (l) tal-paragrafu 1, ir-referenzi għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jinqraw bħala referenzi għar-Rekwiżit Kapitali Minimu meta n-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu jseħħ qabel in-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

Artikolu 72

Fondi proprji Bażiċi tal-Grad 2 — Lista ta' entrati ta' fondi proprji

L-entrati ta' fondi proprji bażiċi li ġejjin jitqiesu li jħaddnu b'mod sostanzjali l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(1)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(2) ta' dik id-Direttiva, u jiġu kklassifikati bħala Grad 2 meta l-entrati li ġejjin juru l-karatteristiċi kollha stipulati fl-Artikolu 73:

(a) is-sehem eċċessiv ta' assi fuq obbligazzjonijiet, ivvalutat b'konformità mal-Artikolu 75 u t-Taqsima 2 tal-Kapitolu VI tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluži l-entrati li ġejjin:

(i) il-kapital azzjonarju ordinarju u l-kont relatat tal-primjum tal-azzjonijiet;

(ii) il-fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ekwivalenti ta' fondi proprji bażiċi għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu;

(iii) il-kontijiet ta' membri mutwi subordinati;

(iv) ishma preferenzjali u l-kont tal-primjum tal-azzjonijiet relatat;

(b) obbligazzjonijiet subordinati vvalutati b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 73

Fondi proprji bażiċi tal-Grad 2 — Karatteristiċi li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni

1. Il-karatteristiċi msemmijin fl-Artikolu 72 ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tikklassifika wara l-pretensjonijiet tad-detenturi u l-benefiċjarji kollha tal-poloz u krediturі mhux subordinati;

(b) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ma tinkludix karatteristiċi li jistgħu jikkaġunaw l-insolvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew li jistgħu jħaffu l-proċess li bih l-impriża ssir insolventi;

(c) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi mhijiex datata jew għandha maturità oriġinali ta' tal-inqas 10 snin; l-ewwel opportunità kuntrattwali għall-ħlas lura jew it-tifdija tal-entrata ta' fondi proprji bażiċi ma sseħħx qabel ħames snin mid-data tal-ħruġ;

(d) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tista' titħallas lura jew tinfeda biss bl-għażla tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u l-ħlas lura jew it-tifdija tal-entrata ta' fondi proprji bażiċi huma soġġetti għal approvazzjoni superviżorja minn qabel;

(e) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tista' tinkludi inċentivi limitati biex titħallas lura jew tinfeda dik l-entrata ta' fondi proprji bażiċi, diment li dawn ma jseħħux qabel 10 snin mid-data ta' ħruġ;

(f) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tipprovdi għas-sospensjoni tal-ħlas lura jew it-tifdija ta' dik l-entrata meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew il-ħlas lura jew it-tifdija jkunu se jwasslu għat-tali nuqqas ta' konformità sakemm l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u l-ħlas lura jew it-tifdija ma jkunx se jwasslu għal nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(g) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(i) fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(i) u (ii) tal-Artikolu 72, l-arranġamenti legali jew kuntrattwali li jirregolaw l-entrata ta' fondi proprji bażiċi jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali jippermettu sabiex jiġu differiti d-distribuzzjonijiet marbutin ma' dik l-entrata meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew jekk id-distribuzzjoni tkun se twassal għat-tali nuqqas ta' konformità sakemm l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u d-distribuzzjoni ma tkunx se twassal għan-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(ii) fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a) (iii) u (iv) u l-punt (b) tal-Artikolu 72, it-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregolaw l-entrata ta' fondi proprji bażiċi jipprovdu sabiex id-distribuzzjonijiet fir-rigward ta' dik l-entrata jiġu differiti meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew jekk id-distribuzzjoni tkun se twassal għat-tali nuqqas ta' konformità sakemm l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u d-distribuzzjoni ma tkunx se twassal għal nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(h) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tista' tippermetti biss sabiex issir distribuzzjoni meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew id-distribuzzjoni fuq entrata ta' fondi proprji bażiċi tkun twassal għat-tali nuqqas ta' konformità, meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-awtorità superviżorja rrinunzjat b'mod eċċezzjonali għad-differiment tad-distribuzzjoni;

(ii) il-ħlas ma jdgħajjifx il-pożizzjoni ta' solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(iii) tinżamm konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu wara li ssir id-distribuzzjoni.

(i) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi hija ħielsa minn gravami u mhijiex marbuta ma' xi tranżazzjoni oħra, li meta tiġi kkunsidrata mal-entrata ta' fondi proprji bażiċi, tista' twassal sabiex dik l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ma jikkonformax mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 94(2) tad-Direttiva 2009/138/KE.

(j) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi turi l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 71 li huma rilevanti għall-entrati ta' fondi proprji bażiċi msemmijin fil-punti (a)(iii), (v) u (b) tal-Artikolu 69, iżda taqbeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 82(3).

Minkejja l-punt (f), l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tista' tippermetti li titħallas lura jew tinfeda dik l-entrata biss meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew jekk il-ħlas lura jew it-tifdija jkunu se jwasslu għat-tali nuqqas ta' konformità, meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-awtorità superviżorja rrinunzjat b'mod eċċezzjonali għas-sospensjoni tal-ħlas lura jew it-tifdija ta' dik l-entrata;

(ii) l-entrata hija skambjata għal jew hija kkonvertita f'entrata oħra ta' fondi proprji bażiċi tal-Grad 1 jew Grad 2 li tal-inqas hija tal-istess kwalità;

(iii) tinżamm konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu wara l-ħlas lura jew it-tifdija.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-iskambju jew il-konverżjoni ta' entrata ta' fondi proprji bażiċi f'entrata ta' fondi proprji bażiċi oħrajn tal-Grad 1 jew tal-Grad 2 jew il-ħlas lura jew it-tifdija ta' entrata ta' fondi proprji bażiċi tal-Grad 2 mir-rikavat ta' entrata ġdida ta' fondi proprji bażiċi tal-inqas tal-istess kwalità ma jitqiesux li huma ħlas lura jew tifdija, diment li l-iskambju, il-konverżjoni, il-ħlas lura jew it-tifdija jkunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtorità superviżorja.

3. Għall-finijiet tal-punti (f) u (g) tal-paragrafu 1, ir-referenzi għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jinqraw bħala referenzi għar-Rekwiżit Kapitali Minimu meta n-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu jseħħ qabel in-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

4. Għall-finijiet tal-punt (e) tal-paragrafu 1, l-impriżi jikkunsidraw inċentivi għat-tifdija fil-forma ta' żieda fir-rata tal-imgħax assoċjata ma' opzjoni eżerċitabbli kif limitata meta ż-żieda ssir fil-forma ta' żieda ta' darba fir-rata tal-kupun u tirriżulta f'żieda fir-rata inizjali li mhijiex ikbar mill-ogħla wieħed mill-ammonti li ġejjin:

(a) 100 punt bażi, meta titnaqqas il-firxa tal-iswap bejn il-bażi tal-indiċi inizjali u l-bażi tal-indiċi miżjuda;

(b) 50 % tal-firxa tal-kreditu inizjali, meta titnaqqas il-firxa ta' swap bejn il-bażi tal-indiċi inizjali u l-bażi tal-indiċi miżjuda.

Artikolu 74

Fondi proprji anċillari tal-Grad 2 — Lista ta' entrati ta' fondi proprji

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 96 tad-Direttiva 2009/138/KE, l-entrati ta' fondi proprji anċillari li ġejjin jitqiesu li jħaddnu b'mod sostanzjali l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(1)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(2) ta' dik id-Direttiva, u jiġu kklassifikati bħala Grad 2, meta l-entrati li ġejjin juru l-karatteristiċi kollha stipulati fl-Artikolu 75:

(a) kapital azzjonarju ordinarju eżerċitabbli fuq talba ma jkunx imħallas u ma jkunx mitlub;

(b) fondi inizjali mhux imħallsin u mhux mitlubin, kontribuzzjonijiet tal-membri jew l entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu, eżerċitabbli fuq talba;

(c) ishma preferenzjali eżerċitabbli fuq talba ma jkunux imħallsin u ma jkunux mitlubin;

(d) impenn li jorbot legalment għas-sottoskrizzjoni u l-ħlas għal obbligazzjonijiet subordinati fuq talba;

(e) ittri ta' kreditu u garanziji li jinżammu f'kont fiduċjarju għall-benefiċċju ta' krediturі tal-assigurazzjoni minn trustee indipendenti u pprovduti minn istituzzjonijiet tal-kreditu awtorizzati skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/36/UE;

(f) ittri ta' kreditu u garanziji diment li l-entrati jistgħu jiġu eżerċitati fuq talba u huma ħielsa minn gravami;

(g) kwalunkwe pretensjoni fil-ġejjieni li assoċjazzjonijiet mutwi jew tat-tip mutwu ta' sidien ta' bastimenti b'kontribuzzjonijiet varjabbli li jassiguraw biss riskji elenkati fil-klassijiet numru sitta, 12 u 17 fil-Parti A tal-Anness 1 tad-Direttiva 2009/138/KE jista' jkollhom kontra l-membri tagħhom permezz ta' sejħa għal kontribuzzjonijiet supplimentari, fi żmien it-12-il xahar ta' wara;

(h) kwalunkwe pretensjoni fil-ġejjieni li assoċjazzjonijiet mutwi jew tat-tip mutwu jista' jkollhom kontra l-membri tagħhom permezz ta' sejħa għal kontribuzzjonijiet supplimentari, fi żmien it-12-il xahar ta' wara, diment li sejħa tista' ssir fuq talba u hija ħielsa minn gravami;

(i) impenji oħrajn li jorbtu legalment riċevuti mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, diment li l-entrata tista' tiġi eżerċitata fuq talba u tkun ħielsa minn gravami.

Artikolu 75

Fondi proprji anċillari tal-Grad 2 — Karatteristiċi li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni

Sabiex jiġu kklassifikati bħala tal-Grad 2, l-entrati ta' fondi proprji anċillari elenkati fl-Artikolu 74 juru l-karatteristiċi ta' entrata ta' fondi proprji bażiċi kklassifikata fil-Grad 1 skont l-Artikoli 69 u 71 ladarba dik l-entrata tkun ġiet mitluba u tħallset.

Artikolu 76

Fondi proprji bażiċi tal-Grad 3 — Lista ta' entrati ta' fondi proprji

L-entrati ta' fondi proprji bażiċi li ġejjin jitqiesu li jħaddnu l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(1)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(2) ta' dik id-Direttiva, u jiġu kklassifikati bħala tal-Grad 3 meta l-entrati kollha li ġejjin juru l-karatteristiċi kollha stipulati fl-Artikolu 77:

(a) is-sehem eċċessiv ta' assi fuq obbligazzjonijiet, ivvalutat b'konformità mat-Taqsima 1 u 2 tal-Kapitolu VI tad-Direttiva 2009/138/KE, inklużi l-entrati li ġejjin:

(i) il-kontijiet ta' membri mutwi subordinati;

(ii) ishma preferenzjali u l-kont tal-primjum tal-azzjonijiet relatat;

(iii) ammont daqs il-valur tal-assi netti ta' taxxa differita;

(b) obbligazzjonijiet subordinati vvalutati b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 77

Fondi proprji bażiċi tal-Grad 3 — Karatteristiċi li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni

1. Il-karatteristiċi msemmijin fl-Artikolu 76 ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi, fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(i) u (ii) u l-punt (b) tal-Artikolu 76, tikklassifika wara l-pretensjonijiet tad-detenturi u l-benefiċjarji kollha tal-poloz u krediturі mhux subordinati;

(b) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ma tinkludix karatteristiċi li jistgħu jikkaġunaw l-insolvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew li jistgħu jħaffu l-proċess li bih l-impriża ssir insolventi;

(c) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi, fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(i) u (ii) u l-punt (b) tal-Artikolu 76, mhijiex datata jew għandha maturità oriġinali ta' mill-inqas ħames snin, meta d-data ta' maturità tkun l-ewwel opportunità kuntrattwali biex titħallas lura jew tinfeda l-entrata ta' fondi proprji bażiċi;

(d) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi, fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(i) u (ii) u l-punt (b) tal-Artikolu 76, tista' titħallas lura jew tinfeda biss bl-għażla tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u l-ħlas lura jew it-tifdija tal-entrata ta' fondi proprji bażiċi huma soġġetti għal approvazzjoni superviżorja minn qabel;

(e) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi, fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(i) u (ii) u l-punt (b) tal-Artikolu 76, tista' tinkludi inċentivi limitati għall-ħlas lura jew it-tifdija ta' dik l-entrata ta' fondi proprji bażiċi;

(f) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi, fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a)(i) u (ii) u l-punt (b) tal-Artikolu 76, tipprovdi għas-sospensjoni ta' ħlas lura jew tifdija meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew il-ħlas lura jew it-tifdija jkunu se jwasslu għat-tali nuqqas ta' konformità sakemm l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u l-ħlas lura jew it-tifdija ma jkunux se jwasslu għal nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(g) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi, fil-każ tal-entrati msemmijin fil-punti (a) (i) u (ii) u l-punt (b) tal-Artikolu 76, tipprovdi għad-differiment tad-distribuzzjonijiet meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu jew id-distribuzzjoni tkun se twassal għat-tali nuqqas ta' konformità sakemm l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali Minimu u d-distribuzzjoni ma tkunx se twassal għan-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu;

(h) l-entrata ta' fondi proprji bażiċi hija ħielsa minn gravami u mhijiex marbuta ma' xi tranżazzjoni oħra, li tista' xxekkel il-karatteristiċi li l-entrata huwa meħtieġ ikollha skont dan l-Artikolu.

Minkejja l-punt (f), l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tista' tippermetti l-ħlas lura jew it-tifdija ta' dik l-entrata biss meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew jekk il-ħlas lura jew it-tifdija jkunu se jwasslu għat-tali nuqqas ta' konformità, meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-awtorità superviżorja rrinunzjat b'mod eċċezzjonali għas-sospensjoni tal-ħlas lura jew it-tifdija ta' dik l-entrata;

(ii) l-entrata hija skambjata ma' jew ikkonvertita f'entrata ta' fondi proprji bażiċi oħra tal-Grad 1, Grad 2 jew entrata ta' fondi proprji bażiċi tal-Grad 3 li tal-inqas hija tal-istess kwalità;

(iii) tinżamm konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu wara l-ħlas lura jew it-tifdija.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-iskambju jew il-konverżjoni ta' entrata ta' fondi proprji bażiċi f'entrata ta' fondi proprji bażiċi oħra tal-Grad 1, Grad 2 jew entrata ta' fondi proprji bażiċi tal-Grad 3 jew il-ħlas lura jew it-tifdija ta' entrata ta' fondi proprji bażiċi tal-Grad 3 mir-rikavat ta' entrata ġdida ta' fondi proprji bażiċi li tal-inqas hija tal-istess kwalità ma jitqiesux li huma ħlas lura jew tifdija, diment li l-iskambju, il-konverżjoni, il-ħlas lura jew it-tifdija jkunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtorità superviżorja.

3. Għall-finijiet tal-punt (f) tal-paragrafu 1, referenzi għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jinqraw bħala referenzi għar-Rekwiżit Kapitali Minimu meta n-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu jseħħ qabel in-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

4. Għall-finijiet tal-punt (e) tal-paragrafu 1, l-impriżi jikkunsidraw inċentivi għat-tifdija fil-forma ta' żieda fir-rata tal-imgħax assoċjata ma' opzjoni eżerċitabbli kif limitata meta ż-żieda ssir fil-forma ta' żieda ta' darba fir-rata tal-kupun u tirriżulta f'żieda fir-rata inizjali li mhijiex ikbar mill-ogħla wieħed mill-ammonti li ġejjin:

(a) 100 punt bażi, meta titnaqqas il-firxa tal-iswap bejn il-bażi tal-indiċi inizjali u l-bażi tal-indiċi miżjuda;

(b) 50 % tal-firxa tal-kreditu inizjali, meta titnaqqas il-firxa ta' swap bejn il-bażi tal-indiċi inizjali u l-bażi tal-indiċi miżjuda.

Artikolu 78

Fondi proprji anċillari tal-Grad 3 — Lista tal-entrati ta' fondi proprji

L-entrati ta' fondi proprji anċillari li ġew approvati mill-awtorità superviżorja b'konformità mal-Artikolu 90 tad-Direttiva 2009/138/KE, u li ma jurux il-karatteristiċi kollha stipulati fl-Artikolu 75 jiġu kklassifikati bħala fondi proprji anċillari tal-Grad 3.

Artikolu 79

Approvazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji tal-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' entrati ta' fondi proprji

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 90 tad-Direttiva 2009/138/KE, meta entrata ta' fondi proprji ma tkunx inkluża fil-lista ta' entrati ta' fondi proprji stabbilita fl-Artikoli 69, 72, 74, 76 u 78 l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jqisu biss dik l-entrata bħala fond proprju, meta l-awtorità superviżorja tkun tat approvazzjoni tal-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-entrata.

2. Fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, l-awtorità superviżorja tivvaluta kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin meta tapprova l-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' entrati ta' fondi proprji mhux inklużi fil-lista ta' entrati ta' fondi proprji stabbilita fl-Artikoli 69, 72, 74, 76 u 78:

(a) meta l-impriża tkun qed tapplika għal approvazzjoni għall-klassifikazzjoni fil-Grad 1, jekk l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tħaddanx b'mod sostanzjali l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/138/KE, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(2) ta' dik id-Direttiva;

(b) meta l-impriża tkun qed tapplika għal klassifikazzjoni fil-fondi proprji bażiċi fil-Grad 2, jekk l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tħaddanx b'mod sostanzjali l-karatteristiċi fl-Artikolu 93(1)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(2) ta' dik id-Direttiva;

(c) meta l-impriża tkun qed tapplika għal klassifikazzjoni fil-fondi proprji anċillari fil-Grad 2, jekk l-entrata ta' fondi proprji anċillari tħaddanx b'mod sostanzjali l-karatteristiċi fl-Artikolu 93(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/138/KE, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(2) ta' dik id-Direttiva;

(d) meta l-impriża tkun qed tapplika għal klassifikazzjoni fil-fondi proprji bażiċi fil-Grad 3, jekk l-entrata ta' fondi proprji bażiċi tħaddanx b'mod sostanzjali l-karatteristiċi fl-Artikolu 93(1)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi stipulati fl-Artikolu 93(2) ta' dik id-Direttiva;

(e) l-infurzabbiltà legali tat-termini kuntrattwali tal-entrata ta' fondi proprji fil-ġuriżdizzjonijiet kollha rilevanti;

(f) jekk l-entrata ta' fondi proprji tħallsitx bis-sħiħ.

3. Entrati ta' fondi proprji bażiċi mhux inklużi fil-lista ta' entrati ta' fondi proprji stipulata fl-Artikoli 69, 72 u 76 jiġu kklassifikati bħala fondi proprji bażiċi tal-Grad 1 meta jitħallsu bis-sħiħ.

4. L-inklużjoni ta' entrati ta' fondi proprji approvati mill-awtorità superviżorja skont dan l-Artikolu tkun soġġetta għal limiti kwantitattivi stipulati fl-Artikolu 82.

TAQSIMA 3

Eliġibbiltà tal-fondi proprji

Subtaqsima 1

Fondi ring-fenced

Artikolu 80

Fondi ring-fenced li jeħtieġu aġġustamenti

1. Tnaqqis tar-riżerva ta' rikonċiljazzjoni msemmija fl-Artikolu 70(1)(e) ikun meħtieġ meta l-entrati ta' fondi proprji f'fond ring-fenced għandhom kapaċità mnaqqsa sabiex jassorbu bis-sħiħ it-telf fuq il-bażi ta' negozju attiv minħabba n-nuqqas ta' trasferibbiltà tagħhom fl-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni minħabba waħda minn dawn ir-raġunijiet:

(a) l-entrati jistgħu jintużaw biss biex ikopru telf fuq sehem definit tal-kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(b) l-entrati jistgħu jintużaw biss biex ikopru telf fir-rigward ta' ċerti detenturi jew benefiċjarji ta' polza;

(c) l-entrati jistgħu jintużaw biss biex ikopru telf li jirriżulta minn riskji jew obbligazzjonijiet partikolari.

2. L-entrati ta' fondi proprji msemmijin fil-paragrafu 1 (minn hawn 'il quddiem imsejħin 'entrati ta' fondi proprji ristretti'), ma jinkludux il-valur tat-trasferimenti futuri li jistgħu jiġu attribwiti lill-azzjonisti.

Artikolu 81

Aġġustament għall-fondi ring-fenced u portafolli tal-aġġustament ta' korrispondenza

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tar-riżerva ta' rikonċiljazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jnaqqsu l-insolvenza msemmija fl- Artikolu 70 billi jqabblu l-ammonti li ġejjin:

(a) l-entrati ta' fondi proprji ristretti fil-fond ring-fenced jew il-portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza;

(b) ir-Rekwiżit Kapitali nozzjonali tas-Solvenza għall-fond ring-fenced jew il-portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza.

Meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza billi tuża l-formula standard, ir-Rekwiżit Kapitali nozzjonali tas-Solvenza jiġi kkalkulat b'konformità mal-Artikolu 217.

Meta l-impriża tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza billi tuża mudell intern, ir-Rekwiżit Kapitali nozzjonali tas-Solvenza għandu jiġi kkalkulat billi jintuża l-mudell intern, daqslikieku l-impriża kellha biss dak in-negozju inkluż fil-fond ring-fenced jew portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, meta l-assi, l-obbligazzjonijiet u r-riskju f'fond ring-fenced ma jkunux materjali, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jnaqqsu r-riżerva ta' rikonċiljazzjoni bl-ammont totali ta' entrati ta' fondi proprji ristretti.

Subtaqsima 2

Limiti kwantitattivi

Artikolu 82

Eliġibbiltà u limiti applikabbli għall-Gradi 1, 2 u 3

1. F'dak li għandu x'jaqsam mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, l-ammonti eliġibbli ta' entrati tal-Grad 2 u tal-Grad 3 ikunu soġġetti għal-limiti kwantitattivi kollha li ġejjin:

(a) l-ammont eliġibbli ta' entrati tal-Grad 1 ikun tal-inqas nofs ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(b) l-ammont eliġibbli ta' entrati tal-Grad 3 ikun inqas minn 15 % tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(c) is-somma tal-ammonti eliġibbli ta' entrati tal-Grad 2 u l-Grad 3 ma taqbiżx il-50 % tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

2. F'dak li għandu x'jaqsam ma' konformità mar-Rekwiżiti Kapitali Minimi, l-ammonti eliġibbli ta' entrati tal-Grad 2 ikunu soġġetti għal-limiti kwantitattivi li ġejjin:

(a) l-ammont eliġibbli ta' entrati tal-Grad 1 ikun tal-inqas 80 % tar-Rekwiżit Kapitali Minimu;

(b) l-ammonti eliġibbli tal-Grad 2 ma jaqbżux l-20 % tar-Rekwiżit Kapitali Minimu;

3. Fil-limitu msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u fil-punt (a) tal-paragrafu 2, is-somma tal-entrati ta' fondi proprji bażiċi li ġejjin tifforma inqas minn 20 % tal-ammont totali tal-entrati tal-Grad 1:

(a) entrati msemmijin fil-punt (a)(iii) tal-Artikolu 69;

(b) entrati msemmijin fil-punt (a)(v) tal-Artikolu 69;

(c) entrati msemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 69;

(d) entrati li huma inklużi fil-fondi proprji bażiċi tal-Grad 1 skont l-arranġament tranżitorju stipulat fl-Artikolu 308b(9) tad-Direttiva 2009/138/KE.

KAPITOLU V

FORMULA STANDARD TAR-REKWIŻIT KAPITALI TAS-SOLVENZA

TAQSIMA 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Subtaqsima 1

Kalkoli bbażati fuq ix-xenarji

Artikolu 83

1. Meta l-kalkolu ta' modulu jew submodulu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku jkun imsejjes fuq l-impatt ta' xenarju fuq il-fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, is-suppożizzjonijiet kollha li ġejjin isiru f'dak il-kalkolu:

(a) ix-xenarju ma jibdilx l-ammont tal-marġni ta' riskju inkluż fil-provvedimenti tekniċi;

(b) ix-xenarju ma jibdilx il-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita;

(c) ix-xenarju ma jibdilx il-valur ta' benefiċċji diskrezzjonali futuri inklużi fil-provvedimenti tekniċi;

(d) ma tittieħed ebda azzjoni ta' ġestjoni mill-impriża matul ix-xenarju.

2. Il-kalkolu ta' provvedimenti tekniċi li jirriżultaw wara s-sejbien tal-impatt ta' xenarju fuq il-fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 ma jibdilx il-valur tal-benefiċċji diskrezzjonali tal-ġejjieni, u jieħu f'kunsiderazzjoni dawn kollha li ġejjin:

(a) mingħajr preġudizzju għall-punt (d) tal-paragrafu 1, azzjonijiet ta' ġestjoni futuri wara x-xenarju, diment li jikkonformaw mal-Artikolu 23;

(b) kwalunkwe impatt avvers materjali tax-xenarju jew l-azzjonijiet ta' ġestjoni msemmijin fil-punt (a) fuq il-probabbiltà li d-detenturi ta' poloz se jeżerċitaw opzjonijiet kuntrattwali.

3. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jużaw metodi ssimplifikati biex jikkalkulaw il-provvedimenti tekniċi li jirriżultaw wara d-determinazzjoni tal-impatt ta' xenarju kif stipulat fil-paragrafu 1, diment li l-metodu ssimplifikat ma jwassalx għal dikjarazzjoni skorretta tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li tista' tinfluwenza t-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utent tal-informazzjoni relatata mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, sakemm il-kalkolu ssimplifikat ma jwassalx għal Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li jaqbeż ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li jirriżulta mill-kalkolu skont il-formula standard.

4. Il-kalkolu ta' assi u obbligazzjonijiet li jirriżulta wara s-sejbien tal-impatt ta' xenarju kif stipulat fil-paragrafu 1 jieħu f'kunsiderazzjoni l-impatt tax-xenarju fuq il-valur ta' kwalunkwe strument rilevanti għall-mitigazzjoni tar-riskji fil-pussess tal-impriża li jikkonforma mal-Artikoli 209 sa 215.

5. Meta x-xenarju jkun se jirriżulta f'żieda fil-fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kalkolu tal-modulu jew is-submodulu jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li x-xenarju ma għandu ebda impatt fuq il-fondi proprji bażiċi.

Subtaqsima 2

Approċċ ta' trasparenza

Artikolu 84

1. Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' kull wieħed mill-assi sottostanti ta' impriżi ta' investiment kollettiv u investimenti oħrajn aggregati bħala fondi (approċċ ta' trasparenza).

2. L-approċċ ta' trasparenza msemmi fil-paragrafu 1 japplika għal dawn li ġejjin ukoll:

(a) skoperturi indiretti għar-riskju tas-suq minbarra impriżi ta' investiment kollettiv u investimenti aggregati bħala fondi;

(b) skoperturi indiretti għas-sottoskrizzjoni tar-riskju;

(c) skoperturi indiretti għar-riskju tal-kontroparti.

3. Meta l-approċċ ta' trasparenza ma jkunx jista' jiġi applikat għal impriżi ta' investiment kollettiv jew aggregati bħala fondi, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-allokazzjoni tal-assi sottostanti fil-mira tal-impriża jew il-fond ta' investiment kollettiv, diment li t-tali allokazzjoni fil-mira tkun disponibbli għall-impriża fil-livell ta' granularità meħtieġ sabiex jiġu kkalkulati s-submoduli u x-xenarji kollha rilevanti tal-formula standard, u l-assi sottostanti jkunu maniġġjati strettament skont din l-allokazzjoni fil-mira. Għall-finijiet ta' dak il-kalkolu, jistgħu jintużaw raggruppamenti ta' dejta, diment li jkunu applikati b'mod prudenti, u li ma japplikawx għal iktar minn 20 % tal-valur totali tal-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

4. Il-paragrafu 2 ma japplikax għal investimenti f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) u (2) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Subtaqsima 3

Gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali

Artikolu 85

Il-kundizzjonijiet għal kategorizzazzjoni tal-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali jkunu li ma hemm ebda differenza fir-riskju bejn l-iskoperturi għal dawn u skoperturi għall-gvern ċentrali, minħabba s-saħħa speċifika tal-gvernijiet reġjonali li jiġbru dħul, u jeżistu arranġamenti istituzzjonali speċifiċi, li l-effett tagħhom huwa li jonqos ir-riskju ta' inadempjenza.

Subtaqsima 4

Riskju ta' bażi materjali

Artikolu 86

Minkejja l-Artikolu 210(2), meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jittrasferixxu riskju tas-sottoskrizzjoni billi jużaw kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali li huma soġġetti għal riskju ta' bażi materjali minn diskrepanza fil-muniti bejn ir-riskju tas-sottoskrizzjoni u t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali

tas-Solvenza skont il-formula standard, diment li t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tikkonforma mal-Artikolu 209, l-Artikolu 210(1), (3) u (4) u l-Artikolu 211, u l-kalkolu jitwettaq kif ġej:

(a) ir-riskju ta' bażi li jirriżulta minn diskrepanza fil-muniti bejn ir-riskju ta' sottoskrizzjoni u t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju jiġi kkunsidrat fil-modulu, is-submodulu jew ix-xenarju tar-riskju ta' sottoskrizzjoni rilevanti tal-formula standard fl-iktar livell granulari billi mar-rekwiżit kapitali kkalkulat skont il-modulu, is-submodulu jew ix-xenarju rilevanti tiżdied 25 % tad-differenza bejn dawn li ġejjin:

(i) ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għall-modulu, is-submodulu jew ix-xenarju ta' riskju tas-sottoskrizzjoni rilevanti li jirriżulta minn okkorrenza simultanja tax-xenarju definit fl-Artikolu 188;

(ii) ir-rekwiżit kapitali għall-modulu, is-submodulu jew ix-xenarju ta' riskju tas-sottoskrizzjoni rilevanti.

(b) meta t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tkopri iktar minn modulu, submodulu jew xenarju wieħed, il-kalkolu msemmi fil-punt (a) isir għal kull wieħed minn dawk il-moduli, submoduli u xenarji. Ir-rekwiżit kapitali li jirriżulta minn dawk il-kalkoli ma jaqbiżx il-25 % tal-kapaċità tal-kuntratt tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonat jew il-veikolu bi skop speċjali.

Subtaqsima 5

Kalkolu tar-rekwiżit kapitali bażiku tas-solvenza

Artikolu 87

Ir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza jinkludi modulu tar-riskju għal riskju ta' assi intanġibbli.u jirriżulta minn dan li ġej:

$$BasicSCR = \sqrt{\sum_{i,j} Corr_{i,j} \cdot SCR_i \cdot SCR_j} + SCR_{intangibles}$$

fejn:

(a) is-somma, $Corr_{i,j}$, SCR_i u SCR_j hija kif stipulat fil-punt (1) tal-Anness IV għad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) $SCR_{intangibles}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' assi intanġibbli msemmi fl-Artikolu 203.

Subtaqsima 6

Proporzjonalità u simplifikazzjonijiet

Artikolu 88

Proporzjonalità

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 109, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistabbilixxu jekk il-kalkolu ssimpifikat huwiex proporzjonat għall-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji billi jwettqu valutazzjoni li tinkludi dawn kollha li ġejjin:

(a) valutazzjoni tal-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji tal-impriża li jaqgħu taħt il-modulu jew submodulu rilevanti;

(b) evalwazzjoni f'termini kwalitattivi jew kwantitattivi, kif xieraq, tal-iżball imdaħħal fir-riżultati tal-kalkolu ssimplifikat minħabba xi devjazzjoni bejn dawn li ġejjin:

(i) is-suppożizzjonijiet li jsawru l-kalkolu ssimplifikat b'rabta mar-riskju;

(ii) ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmijin fil-punt (a).

2. Kalkolu ssimplifikat ma jiġix ikkunsidrat proporzjonat għall-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji meta l-iżball imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2 iwassal għal dikjarazzjoni skorretta tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li tista' tinfluwenza t-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utent tat-tagħrif marbut mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, sakemm il-kalkolu ssimplifikat ma jwassalx għal Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li jaqbeż ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li jirriżulta mill-kalkolu standard.

Artikolu 89

Dispożizzjonijiet ġenerali għas-simplifikazzjonijiet għal kumpaniji ristretti

L-impriżi tal-assigurazzjoni ristretti u l-impriżi tar-riassigurazzjoni ristretti kif definiti fil-punti (2) u (5) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE jistgħu jużaw il-kalkoli ssimplifikati stabbiliti fl-Artikoli 90, 103, 105 u 106 ta' dan ir-Regolament meta tinżamm konformità mal-Artikolu 88 ta' dan ir-Regolament u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) fir-rigward tal-obbligi tal-assigurazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni captive jew l-impriża tar-riassigurazzjoni captive, il-persuni u l-benefiċjarji assigurati kollha huma entitajiet ġuridiċi tal-grupp li l-impriża tal-assigurazzjoni captive jew tar-riassigurazzjoni ristretta hija parti minnu;

(b) fir-rigward tal-obbligi tar-riassigurazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive, il-persuni u l-benefiċjarji assigurati kollha tal-kuntratti tal-assigurazzjoni li huma l-bażi tal-obbligi tar-riassigurazzjoni huma entitajiet ġuridiċi tal-grupp li l-impriża tal-assigurazzjoni captive jew tar-riassigurazzjoni captive hija parti minnu;

(c) l-obbligi tal-assigurazzjoni u l-kuntratti tal-assigurazzjoni li huma l-bażi tal-obbligi tar-riassigurazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni captive jew tar-riassigurazzjoni captive mhumiex marbutin ma' xi assigurazzjoni obbligatorja ta' responsabbiltà ta' parti terza.

Artikolu 90

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju ta' riżerva u primjum mhux tal-ħajja għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni captive

1. Meta jkun hemm konformità mal-Artikoli 88 u 89, l-impriżi tal-assigurazzjoni captive u r-riassigurazzjoni captive jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għal riskju ta' riżerva u primjum mhux tal-ħajja kif ġej:

$$SCR_{nl\,prem\,res} = \sqrt{0{,}65 \cdot \sum_s NL^2_{(pr,s)} + 0{,}35 \cdot (\sum_s NL_{(pr,s)})^2},$$

meta *s* tkopri s-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness II.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ir-rekwiżit kapitali għal riskju ta' riżerva u primjum mhux tal-ħajja ta' segment partikolari s stabbilit fl-Anness II jinstabu kif ġej:

$$NL_{pr,s} = 0{,}6 \cdot \sqrt{V^2_{(prem,s)} + V_{(prem,s)} \cdot V_{(res,s)} + V^2_{(res,s)}}$$

fejn:

(a) $V_{(prem,s)}$ tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum tas-segment *s* ikkalkulat skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 116;

(b) $V_{(res,s)}$ tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' riżerva ta' segment ikkalkulat skont il-paragrafu 6 tal-Artikolu 116.

Artikolu 91

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-mortalità tal-ħajja

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-mortalità tal-ħajja kif ġej:

$$SCR_{mortality} = 0{,}15 \cdot CAR \cdot q \cdot \sum_{k=1-0{,}5}^{n-0{,}5} \left(\frac{1-q}{1-i_k}\right)^k$$

fejn, fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni b'kapital pożittiv f'riskju:

(a) *CAR* tirrappreżenta l-kapital totali f'riskju, u dan ifisser li s-somma tal-kuntratti kollha tal-ogħla miż-żero u d-differenza bejn l-ammonti li ġejjin:

(i) is-somma ta':

— l-ammont li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas bħalissa f'każ ta' mewt tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

— il-valur preżenti mistenni tal-ammonti mhux koperti fl-inċiż ta' qabel li l-impriża jkollha tħallas fil-ġejjieni f'każ ta' mewta f'daqqa tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) l-aħjar stima tal-obbligi korrispondenti wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(b) q tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' mortalità tal-persuni assigurati matul it-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(c) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata fi snin tal-ħlasijiet pagabbli mal-mewt inklużi fl-aħjar stima;

(d) i_k tirrappreżenta r-rata spot annwalizzata għall-maturità k tal-istruttura tat-terminu rilevanti mingħajr riskju kif imsemmi fl-Artikolu 43.

Artikolu 92

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju ta' longevità tal-ħajja

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' longevità tal-ħajja kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{longevity} = 0{,}2 \cdot q \cdot n \cdot 1{,}1^{(n-1)/2} \cdot BE_{long}$$

fejn, fir-rigward tal-poloz imsemmijin fl-Artikolu 138(2):

(a) q tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' mortalità tal-persuni assigurati matul it-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(b) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata fi snin tal-ħlasijiet lil benefiċjarji inklużi fl-aħjar stima;

(c) BE_{long} tirrappreżenta l-aħjar stima tal-obbligi soġġetti għar-riskju ta' longevità.

Artikolu 93

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju ta' diżabilità-morbidità fil-ħajja

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità tal-ħajja kif ġej:

$$SCR_{disability\text{-}morbidity} = \begin{cases} 0{,}35 \cdot CAR_1 \cdot d_1 \\ + 0{,}25 \cdot 1{,}1^{(n-3)/2} \cdot (n-1) \cdot CAR_2 \cdot d_2 \\ + 0{,}2 \cdot 1{,}1^{(n-1)/2} \cdot t \cdot n \cdot BE_{dis} \end{cases}$$

fejn, fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni b'kapital pożittiv f'riskju:

(a) CAR_1 tirrappreżenta l-kapital totali f'riskju, u dan ifisser li s-somma tal-kuntratti kollha tal-ogħla miż-żero u d-differenza bejn l-ammonti li ġejjin:

(i) is-somma ta':

— l-ammont li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas bħalissa f'każ ta' mewt jew diżabilità tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

— il-valur preżenti mistenni tal-ammonti mhux koperti fl-inċiż ta' qabel li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas fil-ġejjieni fil-każ ta mewta jew diżabilità f'daqqa tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) l-aħjar stima tal-obbligi korrispondenti wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(b) CAR_2 tirrappreżenta l-kapital totali f'riskju kif iddefinit fil-punt (a) wara 12-il xahar;

(c) d_1 tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' diżabilità-morbidità tul it-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(d) d_2 tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' diżabilità-morbidità fit-12-il xahar ta' wara t-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(e) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata tal-ħlasijiet fuq id-diżabilità-morbidità inklużi fl-aħjar stima;

(f) t tirrappreżenta r-rati ta' terminazzjoni mistennija matul it-12-il xahar ta' wara;

(g) BE_{dis} tirrappreżenta l-aħjar stima tal-obbligi soġġetti għar-riskju ta' diżabilità-morbidità.

Artikolu 94

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż tal-ħajja

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż tal-ħajja kif ġej:

$$SCR_{expenses} = 0{,}1 \cdot EI \cdot n + EI \cdot \left(\left(\frac{1}{i + 0{,}01}\right) \cdot \left((1 + i + 0{,}01)^n - 1\right) - \frac{1}{i}\left((1 + i)^n - 1\right)\right)$$

fejn:

(a) EI tirrappreżenta l-ammont ta' spejjeż imġarrbin fis-servizzj ta' obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja minbarra obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa matul l-aħħar sena;

(b) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata fis-snin tal-flussi tal-flus inklużi fl-aħjar stima ta' dawk l-obbligi;

(c) i tirrappreżenta r-rata ta' inflazzjoni medja ponderata fil-kalkolu tal-aħjar stima ta' dawk l-obbligi, fejn il-piż huwa bbażat fuq il-valur preżenti tal-ispejjeż inklużi fil-kalkolu tal-aħjar stima għas-servizzj ta' obbligi tal-ħajja eżistenti.

Artikolu 95

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal bidliet permanenti fir-rati ta' skadenza

1. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza kif ġej:

$$Lapse_{up} = 0{,}5 \cdot l_{up} \cdot n_{up} \cdot S_{up}$$

fejn:

(a) l_{up} tirrappreżenta l-ogħla mir-rata ta' skadenza medja tal-poloz b'differenza pożittiva tal-valur ta' ċediment u s-67 %;

(b) n_{up} tirrappreżenta l-perjodu medju fi snin li l-poloz mifruxin fuqu b'differenza pożittiva tal-valur ta' ċediment jispiċċaw;

(c) S_{up} tirrappreżenta s-somma tad-differenza pożittiva tal-valur ta' ċediment.

2. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis permanenti fir-rati ta' skadenza kif ġej:

$$Lapse_{down} = 0{,}5 \cdot l_{down} \cdot n_{down} \cdot S_{down}$$

fejn:

(a) l_{down} tirrappreżenta l-ogħla minn fost ir-rata ta' skadenza medja tal-poloz b'differenza negattiva tal-valur ta' ċediment u l-40 %;

(b) n_{down} tirrappreżenta l-perjodu medju fi snin li l-poloz mifruxin fuqu b'differenza negattiva tal-valur ta' ċediment jispiċċaw;

(c) S_{down} tirrappreżenta s-somma tad-differenza negattiva tal-valur ta' ċediment.

3. Id-differenza -tal-valur ta' ċediment ta' polza tal-assigurazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 hija d-differenza bejn dawn li ġejjin:

(a) l-ammont li jrid jitħallas bħalissa mill-impriża tal-assigurazzjoni jekk id-detentur itemm il-polza, nett wara kwalunkwe ammont rekuperabbli minn detenturi ta' polza jew intermedjarji;

(b) l-ammont ta' provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju.

Artikolu 96

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju ta' katastrofi tal-ħajja

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għal riskju ta' katastrofi tal-ħajja kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{life\text{-}catastrophe} = \sum_i 0{,}0015 \cdot CAR_i$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi l-poloz kollha b'kapital f'riskju pożittiv;

(b) CAR_i tirrappreżenta l-kapital f'riskju tal-polza *i*, jiġifieri l-ogħla miż-żero u d-differenza bejn l-ammonti li ġejjin:

(i) is-somma ta':

— l-ammont li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas bħalissa f'każ ta' mewt tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

— il-valur preżenti mistenni tal-ammonti mhux koperti fl-inċiż ta' qabel li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas fil-ġejjieni f'każ ta' mewta f'daqqa tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) l-aħjar stima tal-obbligi korrispondenti wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali.

Artikolu 97

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju tal-mortalità tas-saħħa

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għal riskju tal-mortalità tas-saħħa kif ġej:

$$SCR_{health\text{-}mortality} = 0{,}15 \cdot CAR \cdot q \cdot \sum_{k=1-0{,}5}^{n-0{,}5} \left(\frac{1-q}{1+i_k}\right)^k$$

fejn, fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni b'kapital pożittiv f'riskju:

(a) *CAR* tirrappreżenta l-kapital totali f'riskju, jiġifieri s-somma, fir-rigward ta' kull kuntratt, tal-ogħla miż-żero, u d-differenza bejn l-ammonti li ġejjin:

(i) is-somma ta':

— l-ammont li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas bħalissa f'każ ta' mewt tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

— il-valur preżenti mistenni tal-ammonti mhux koperti fl-inċiż ta' qabel li l-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jkollha tħallas fil-ġejjieni f'każ ta' mewta f'daqqa tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) l-aħjar stima tal-obbligi korrispondenti wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(b) *q* tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' mortalità tal-persuni assigurati tul it-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(c) *n* tirrappreżenta d-durata mmodifikata fi snin tal-ħlasijiet pagabbli mal-mewt inklużi fl-aħjar stima;

(d) i_k tirrappreżenta r-rata spot annwalizzata għall-maturità k tal-istruttura tat-terminu rilevanti mingħajr riskju kif imsemmi fl-Artikolu 43.

Artikolu 98

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' longevità tas-saħħa

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' longevità tas-saħħa kif ġej:

$$SCR_{health\text{-}longevity} = 0{,}2 \cdot q \cdot n \cdot 1{,}1^{(n-1)/2} \cdot BE_{long}$$

fejn, fir-rigward tal-poloz imsemmijin fl-Artikolu 138(2):

(a) q tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' mortalità tal-persuni assigurati matul it-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(b) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata fi snin tal-ħlasijiet lil benefiċjarji inklużi fl-aħjar stima;

(c) BE_{long} tirrappreżenta l-aħjar stima tal-obbligi soġġetti għar-riskju ta' longevità.

Artikolu 99

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju ta' spejjeż mediċi ta' diżabilità-morbidità

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż mediċi ta' diżabilità-morbidità kif ġej:

$$SCR_{medicalexpense} = 0{,}05 \cdot MP \cdot n + MP \times \left(\left(\frac{1}{i+0{,}01}\right)\left((1+i+0{,}01)^n - 1\right) - \frac{1}{i}\left((1+i)^n - 1\right)\right)$$

fejn:

(a) MP tirrappreżenta l-ammont ta' ħlasijiet mediċi matul l-aħħar sena fuq obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal spejjeż mediċi tul l-aħħar sena;

(b) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata fi snin tal-flussi tal-flus inklużi fl-aħjar stima ta' dawk l-obbligi;

(c) i tirrappreżenta r-rata medja tal-inflazzjoni fuq il-ħlasijiet mediċi inklużi fil-kalkolu tal-aħjar stima ta' dawk l-obbligi, fejn il-piż huwa bbażat fuq il-valur preżenti tal-ħlasijiet mediċi inkluż fil-kalkolu tal-aħjar stima ta' dawk l-obbligi.

Artikolu 100

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' protezzjoni tad-dħul f'diżabilità-morbidità

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' protezzjoni tad-dħul f'diżabilità-morbidità kif ġej:

$$SCR_{income\text{-}protection\text{-}disability\text{-}morbidity} = \begin{cases} 0{,}35 \cdot CAR_1 \cdot d_1 \\ + 0{,}25 \cdot 1{,}1^{(n-3)/2} \cdot (n-1) \cdot CAR_2 \cdot d_2 \\ + 0{,}2 \cdot 1{,}1^{(n-1)/2} \cdot t \cdot n \cdot BE_{dis} \end{cases}$$

fejn, fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni b'kapital pożittiv f'riskju:

(a) CAR_1 tirrappreżenta l-kapital totali f'riskju, u dan ifisser li s-somma tal-kuntratti kollha tal-ogħla miż-żero u d-differenza bejn l-ammonti li ġejjin:

(i) is-somma ta':

— l-ammont li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas bħalissa f'każ ta' mewt jew diżabilità tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

— il-valur preżenti mistenni tal-ammonti mhux koperti fl-inċiż ta' qabel li l-impriża jkollha tħallas fil-ġejjieni f'każ ta mewt jew diżabilità f'daqqa tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) l-aħjar stima tal-obbligi korrispondenti wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(b) CAR_2 tirrappreżenta l-kapital totali f'riskju kif iddefinit fil-punt (a) wara 12-il xahar;

(c) d_1 tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' diżabilità-morbidità tul it-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(d) d_2 tirrappreżenta r-rata medja mistennija ta' diżabilità-morbidità fit-12-il xahar ta' wara t-12-il xahar ta' wara ppeżata skont is-somma assigurata;

(e) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata tal-ħlasijiet fuq id-diżabilità-morbidità inklużi fl-aħjar stima;

(f) t tirrappreżenta r-rati ta' terminazzjoni mistennija matul it-12-il xahar ta' wara;

(g) BE_{dis} tirrappreżenta l-aħjar stima tal-obbligi soġġetti għar-riskju ta' diżabilità-morbidità.

Artikolu 101

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż tas-saħħa

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż tas-saħħa kif ġej:

$$SCR_{health\text{-}expense} = 0{,}1 \cdot EI \cdot n + EI \cdot \left(\left(\frac{1}{i + 0{,}01}\right) \cdot \left((1 + i + 0{,}01)^n - 1\right) - \frac{1}{i}\left((1 + i)^n - 1\right)\right)$$

fejn:

(1) EI tirrappreżenta l-ammont ta' spejjeż imġarrbin fis-servizz tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa matul l-aħħar sena;

(2) n tirrappreżenta d-durata mmodifikata fi snin tal-flussi tal-flus inklużi fl-aħjar stima ta' dawk l-obbligi;

(3) i tirrappreżenta r-rata ta' inflazzjoni medja ponderata inkluża fil-kalkolu tal-aħjar stima ta' dawk l-obbligi, ppeżata skont il-valur preżenti tal-ispejjeż imġarrbin fil-kalkolu tal-aħjar stima għas-servizz ta' obbligi eżistenti tas-saħħa.

Artikolu 102

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal riskju ta' skadenza tas-saħħa SLT

1. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza msemmijin fl-Artikolu 159(1)(a) kif ġej:

$$Lapse_{up} = 0{,}5 \cdot l_{up} \cdot n_{up} \cdot S_{up}$$

fejn:

(a) l_{up} tirrappreżenta l-ogħla mir-rata ta' skadenza medja tal-poloz b'differenza pożittiva tal-valur ta' ċediment u t-83 %;

(b) n_{up} tirrappreżenta l-perjodu medju fi snin li l-poloz mifruxin fuqu b'differenza pożittiva tal-valur ta' ċediment jispiċċaw;

(c) S_{up} tirrappreżenta s-somma tad-differenza pożittiva tal-valur ta' ċediment.

2. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis permanenti fir-rati ta' skadenza msemmijin f'159(1)(b) kif ġej:

$$Lapse_{down} = 0{,}5 \cdot l_{down} \cdot n_{down} \cdot S_{down}$$

fejn:

(a) l_{down} tirrappreżenta r-rata ta' skadenza medja tal-poloz b'differenza negattiva tal-valur ta' ċediment;

(b) n_{down} tirrappreżenta l-perjodu medju fi snin li l-poloz mifruxin fuqu b'differenza negattiva tal-valur ta' ċediment jispiċċaw;

(c) S_{down} tirrappreżenta s-somma tad-differenza negattiva tal-valur ta' ċediment.

3. Id-d-differenza tal-valur ta' ċediment ta' polza tal-assigurazzjoni msemmija fil-paragrafi (1) u (2) hija d-differenza bejn dawn li ġejjin:

(a) l-ammont li jrid jitħallas bħalissa mill-impriża tal-assigurazzjoni jekk id-detentur itemm il-polza, nett wara kwalunkwe ammont rekuperabbli minn detenturi ta' polza jew intermedjarji;

(b) l-ammont ta' provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju.

Artikolu 103

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax għall-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive

1. Meta jkun hemm konformità mal-Artikoli 88 u 89, l-impriżi tal-assigurazzjoni captive jew ir-riassigurazzjoni captive jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax msemmi fl-Artikolu 165 kif ġej:

(a) is-somma, għal kull valuta, ta' rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax kif stipulat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(b) is-somma, għal kull valuta, ta' rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax kif stipulat fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax għal munita partikolari jiġi kkalkulat hekk:

$$IR_{up} = \sum_{i} MVAL_i \cdot dur_i \cdot rate_i \cdot stress_{(i,up)} - \sum_{lob} BE_{lob} \cdot dur_{lob} \cdot rate_{lob} \cdot stress_{(lob,up)}$$

fejn:

(a) l-ewwel somma tkopri l-intervalli kollha ta' maturità *i* stipulati fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu;

(b) $MVAL_i$ tirrappreżenta l-valur b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE ta' assi meta mnaqqsa l-obbligazzjonijiet minbarra l-provvedimenti tekniċi għall-intervall ta' maturità *i*;

(c) dur_i tirrappreżenta d-durata ssimplifikata tal-intervall ta' maturità i;

(d) $rate_i$ tirrappreżenta r-rata rilevanti mingħajr riskju għad-durata ssimplifikata tal-intervall ta' maturità i;

(e) $stress_{(i,up)}$ tirrappreżenta l-istress relattiv 'il fuq tar-rata tal-imgħax għad-durata ssimplifikata tal-intervall ta' maturità i;

(f) it-tieni somma tkopri l-linji operatorji kollha stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(g) BE_{lob} tirrappreżenta l-aħjar stima għal-linja operatorja *lob*;

(h) dur_{lob} tirrappreżenta d-durata mmodifikata tal-aħjar stima fil-linja operatorja *lob*;

(i) $rate_{lob}$ tirrappreżenta r-rata rilevanti mingħajr riskju għad-durata mmodifikata fil-linja operatorja *lob*;

(j) $stress_{(lob,up)}$ tirrappreżenta l-istress relattiv 'il fuq tar-rata tal-imgħax għad-durata mmodifikata dur_{lob}.

3. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax għal munita partikolari jiġi kkalkulat kif ġej:

$$IR_{down} = \sum_{i} MVAL_i \cdot dur_i \cdot rate_i \cdot stress_{(i,down)} - \sum_{lob} BE_{lob} \cdot dur_{lob} \cdot rate_{lob} \cdot stress_{(lob,down)}$$

fejn:

(a) l-ewwel somma tkopri l-intervalli kollha ta' maturità *i* stipulati fil-paragrafu 4;

(b) $MVAL_i$ tirrappreżenta l-valur b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE ta' assi meta mnaqqsa l-obbligazzjonijiet minbarra l-provvedimenti tekniċi għall-intervall ta' maturità *i*;

(c) dur_i tirrappreżenta d-durata ssimplifikata tal-intervall ta' maturità *i*;

(d) $rate_i$ tirrappreżenta r-rata rilevanti mingħajr riskju għad-durata ssimplifikata tal-intervall ta' maturità *i*;

(e) $stress_{(i,down)}$ tirrappreżenta l-istress relattiv 'l isfel tar-rata tal-imgħax għad-durata ssimplifikata tal-intervall ta' maturità *i*;

(f) it-tieni somma tkopri l-linji operatorji kollha stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(g) BE_{lob} tirrappreżenta l-aħjar stima għal-linja operatorja *lob*;

(h) dur_{lob} tirrappreżenta d-durata mmodifikata tal-aħjar stima fil-linja operatorja *lob*;

(i) $rate_{lob}$ tirrappreżenta r-rata rilevanti mingħajr riskju għad-durata mmodifikata fil-linja operatorja *lob*;

(j) $stress_{(lob,\ down)}$ tirrappreżenta l-istress 'l isfel relattiv tar-rata tal-imgħax għad-durata mmodifikata $dur_{(lob)}$.

4. L-intervalli ta' maturità *i* u d-durata ssimplifikata dur_i imsemmija fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 2 u fil-punt (a) u (c) tal-paragrafu 3 ikunu kif ġej:

(a) sal-maturità ta' sena, id-durata ssimplifikata tkun ta' 0,5 ta' sena;

(b) bejn maturitajiet ta' sena u tliet snin, id-durata ssimplifikata tkun ta' sentejn;

(c) bejn maturitajiet ta' tlieta u ħames snin, id-durata ssimplifikata tkun ta' erba' snin;

(d) bejn maturitajiet ta' ħames u 10 snin, id-durata ssimplifikata tkun ta' seba' snin;

(e) minn maturità ta' 10 snin u iktar, id-durata ssimplifikata tkun ta' 12-il sena.

Artikolu 104

Kalkolu ssimplifikat għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self

1. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa imsemmijin fl-Artikolu 176 ta' dan ir-Regolament kif ġej:

$$SCR_{bonds} = MV^{bonds} \cdot \left(\sum_i \%MV_i^{bonds} \cdot stress_i + \%MV_{norating}^{bonds} \cdot \min\left[dur_{norating} \cdot 0{,}03; 1\right]\right) + \Delta Liab_{ul}$$

fejn:

(a) SCR_{bonds} tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self;

(b) MV^{bonds} tirrappreżenta l-valur b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-assi soġġetti għal rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' firxa fuq bonds u self;

(c) $\%MV_i^{bonds}$ tirrappreżenta s-sehem tal-portafoll tal-assi soġġetti għal rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self bi skala tal-kwalità kreditizja i, meta ECAI nominata tkun qiegħdet għad-dispożizzjoni valutazzjoni tal-kreditu għal dawk l-assi;

(d) $\%MV_{norating}^{bonds}$ tirrappreżenta s-sehem tal-portafoll tal-assi soġġetti għal rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self li għalihom ma tqiegħdet għad-dispożizzjoni ebda valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata;

(e) dur_i u $dur_{norating}$ jirrappreżentaw id-durata mmodifikata denominata fis-snin tal-assi soġġetti għal rekwiżit kapitali għal riskju tal-firxa fuq bonds u self meta ma tkun tqiegħdet għad-dispożizzjoni ebda valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata;

(f) $stress_i$ tirrappreżenta funzjoni tal-iskala tal-kwalità kreditizja *i* u tad-durata mmodifikata denominata fi snin tal-assi soġġetti għal rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self bi skala tal-kwalità kreditizja i, kif stipulat fil-paragrafu 2;

(g) $\Delta Liab_{ul}$ tirrappreżenta ż-żieda fil-provvedimenti teknici meta mnaqqas il-marġni ta' riskju għal poloz meta d-detenturi tal-poloz iġarrbu r-riskju ta' investiment b'opzjonijiet u garanziji inkorporati li jirriżultaw minn tnaqqis f'daqqa fil-valur tal-assi soġġetti għal rekwiżit kapitali għal riskju tal-firxa fuq bonds ta': $MV^{bonds} \cdot \left(\sum_i \%MV_i^{bonds} \cdot stress_i + \%MV_{norating}^{bonds} \cdot \min\left[dur_{norating} \cdot 0{,}03; 1\right]\right)$.

2. imsemmi fil-punt (f) tal-paragrafu 1, għal kull skala tal-kwalità kreditizja *i*, għandu jiġi kkalkulat hekk: dur_i b_i, $dur_i \cdot b_i$fejn dur_i hija d-durata mmodifikata denominata fi snin tal-assi soġġetti għal rekwiżit kapitali għal riskju tal-firxa fuq bonds u self bi skala tal-kwalità kreditizja *i*, u b_i hija ddeterminata skont it-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità kreditizja *i*	0	1	2	3	4	5	6
b_i	0,9 %	1,1 %	1,4 %	2,5 %	4,5 %	7,5 %	7,5 %

3. $dur_{norating}$ imsemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1 u dur_i imsemmija fil-paragrafu 2 ma jkunux inqas minn sena.

Artikolu 105

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self għall-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive

Meta jkun hemm konformità mal-Artikoli 88 u 89, l-impriżi tal-assigurazzjoni captive jew ir-riassigurazzjoni captive jistgħu jsejsu l-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa imsemmi fl-Artikolu 176 fuq is-suppożizzjoni li l-assi kollha huma assenjati fl-iskala 3 tal-kwalità kreditizja.

Artikolu 106

Kalkolu ssimplifikat tar-rekwiżit kapitali għal konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq għall-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive

Meta jkun hemm konformità mal-Artikoli 88 u 89, l-impriżi tal-assigurazzjoni captive jew ir-riassigurazzjoni captive jistgħu jużaw is-simplifikazzjonijiet kollha minn dawk li ġejjin għall-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-konċentrazzjoni:

(1) arranġamenti tal-ippuljar ta' assi intragrupp tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive jistgħu jiġu eżentati mill-bażi ta' kalkolu msemmija fl-Artikolu 184(2) jekk ikun hemm termini kuntrattwali infurzabbli bil-liġi li jiżguraw li l-obbligazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive se jitpaċu bl-iskoperturi intragrupp li għandha kontra entitajiet oħra tal-grupp.

(2) il-livell limitu tal-iskopertura eċċessiva rilevanti msemmi fl-Artikolu 184(1)(c) ikun ta' 15 % għall-iskoperturi b'isem wieħed li ġejjin:

(a) skoperturi għal istituzzjonijiet tal-kreditu li ma jappartjenux fl-istess grupp u li ġew assenjati fl-iskala 2 tal-kwalità tal-kreditu;

(b) skoperturi għal entitajiet tal-grupp li jieħu ħsieb il-flus tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni captive li ġew assenjati fl-iskala 2 tal-kwalità tal-kreditu.

Artikolu 107

Kalkolu ssimplifikat tal-effett li jimmitiga r-riskji għal titolizzazzjoni jew arraġamenti ta' riassigurazzjoni

1. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw l-effett li jimmitiga r-riskji fuq ir-riskju tas-sottoskrizzjoni ta' titolizzazzjoni jew arranġament tar-riassigurazzjoni *i* msemmi fl-Artikolu 196 kif ġej:

$$RM_{re,all} \cdot \frac{Recoverables_i}{Recoverables_{all}}$$

fejn

(a) $RM_{re,all}$ tirrappreżenta l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq ir-riskju tas-sottoskrizzjoni tat-titolizzazzjonijiet u l-arranġamenti tar-riassigurazzjoni għall-kontropartijiet kollha kkalkulat skont il-paragrafu 2,

(b) $Recoverables_i$ tirrappreżenta l-aħjar stima tal-ammonti rekuperabbli mit-titolizzazzjoni jew l-arranġament ta' riassigurazzjoni u d-debituri korrispondenti għall-kontroparti *i* u $Recoverables_{all}$ tirrappreżenta l-aħjar stima tal-ammonti rekuperabbli mit-titolizzazzjonijiet u l-arranġamenti tar-riassigurazzjoni u d-debituri korrispondenti għall-kontropartijiet kollha.

2. L-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji fuq ir-riskju tas-sottoskrizzjoni tat-titolizzazzjonijiet u l-arranġamenti ta' riassigurazzjoni għall-kontropartijiet kollha msemmijin fil-paragrafu 1 huwa d-differenza bejn ir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jekk ma jeżisti ebda wieħed mit-titolizzazzjonijiet u l-arranġamenti tar-riassigurazzjoni;

(b) ir-rekwiżiti kapitali għar-riskju tas-sottoskrizzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 108

Kalkolu ssimplifikat tal-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji għal arranġamenti tar-riassigurazzjoni proporzjonali

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji fuq ir-riskju tas-sottoskrizzjoni *j* ta' arranġament tar-riassigurazzjoni proporzjonali għall-kontroparti i msemmi fl-Artikolu 196 kif ġej:

$$\frac{\text{Recov}erables_i}{BE - \text{Recov}erables_{all}} \cdot SCR_j$$

fejn

(a) *BE* tirrappreżenta l-aħjar stima tal-obbligi gross mill-ammonti rekuperabbli,

(b) $Recoverables_i$ tirrappreżenta l-aħjar stima tal-ammonti rekuperabbli mill-arranġament tar-riassigurazzjoni proporzjonali u d-debituri korrispondenti għall-kontroparti *i*,

(c) $Recoverables_{all}$ tirrappreżenta l-aħjar stima tal-ammonti rekuperabli mill-arranġamenti tar-riassigurazzjoni proporzjonali u d-debituri korrispondenti għall-kontropartijiet kollha

(d) SCR_j tirrappreżenta r-rekwiżiti kapitali għar-riskju tas-sottoskrizzjoni *j* tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 109

Kalkoli ssimplifikati għall-arranġamenti tal-ippuljar

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jużaw il-kalkoli ssimplifikati li ġejjin għall-finijiet tal-Artikoli 193, 194 u 195:

(a) L-aħjar stima msemmija fl-Artikolu 194(1)(d) tista' tiġi kkalkulata kif ġej:

$$BE_C = \frac{P_C}{P_U} \cdot BE_U$$

fejn BE_U tirrappreżenta l-aħjar stima tar-responsabbiltà ċeduta lill-arranġament tal-ippuljar mill-impriża fl-arranġament tal-ippuljar, netta minn kwalunkwe ammont riassigurat ma' kontropartijiet li mhumiex fl-arranġament tal-ippuljar.

(b) L-aħjar stima msemmija fl-Artikolu 195(c) tista' tiġi kkalkulata kif ġej:

$$BE_{CE} = \frac{1}{P_U} \cdot BE_{CEP}$$

fejn BE_{CEP} tirrappreżenta l-aħjar stima tar-responsabbiltà ċeduta lill-kontroparti esterna mill-pula, fir-rigward tar-riskju ċedut lill-pula mill-impriża.

(c) L-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji msemmi fl-Artikolu 195(d) jista' jiġi kkalkulat kif ġej:

$$\Delta RM_{CE} = \frac{BE_{CE}}{\sum_{CE} BE_{CE}} \cdot \Delta RM_{CEP}$$

fejn:

(i) BE_{CE} tirrappreżenta l-aħjar stima tar-responsabbiltà ċeduta lill-kontroparti esterna mill-arranġament tal-ippuljar sħiħ;

(ii) ΔRM_{CEP} tirrappreżenta l-kontribut tal-kontropartijiet esterni kollha għall-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji tal-arranġament tal-pula fuq ir-riskju tas-sottoskrizzjoni tal-impriża;

(d) Il-membri tal-pula kontroparti u l-kontropartijiet esterni għall-pula jistgħu jinġabru fi grupp skont il-valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, diment li jkun hemm raggruppamenti separati għall-iskoperturi tal-pula tat-tip A, it-tip B u t-tip C.

Artikolu 110

Kalkolu ssimplifikat — raggruppament ta' skoperturi b'isem wieħed

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw it-telf fil-każ ta' inadempjenza stipulat fl-Artikolu 192 għal grupp ta' skoperturi b'isem wieħed. F'dak il-każ, il-grupp ta' skoperturi b'isem wieħed jiġi assenjat l-ogħla probabilità tal-inadempjenza assenjata lil skoperturi b'isem wieħed inklużi fil-grupp b'konformità mal-Artikolu 199.

Artikolu 111

Kalkolu ssimplifikat tal-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji

Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji fuq ir-riskju tas-sottoskrizzjoni u tas-suq ta' derivattiv, titolizzazzjoni u arranġament tar-riassigurazzjoni msemmijin fl-Artikolu 196 bħala d-differenza bejn ir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) is-somma tar-rekwiżit kapitali ipotetiku għas-submoduli tal-moduli tar-riskju tas-sottoskrizzjoni u tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni affettwata mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskji, bħallikieku l-arranġament tar-riassigurazzjoni, titolizzazzjoni jew derivattiv ma kinux jeżistu;

(b) is-somma tar-rekwiżiti kapitali għas-submoduli tal-moduli tar-riskju tas-sottoskrizzjoni u tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni affettwata mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju.

Artikolu 112

Kalkolu ssimplifikat tal-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral sabiex jittieħed f'kunsiderazzjoni l-effett ekonomiku tal-kollateral

1. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, u meta r-rekwiżit tal-kontroparti u r-rekwiżit tal-parti terza msemmija fl-Artikolu 197(1) it-tnejn li huma jkunu ssodisfati, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu, għall-għanijiet tal-Artikolu 197, jikkalkulaw il-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral ipprovdut permezz ta' titolu kif imsemmi fl-Artikolu 1(26)(b), bħala 85 % tal-valur tal-assi miżmuma bħala kollateral, ivvalutati b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Meta jkun hemm konformità mal-Artikoli 88 u 214 ta' dan ir-Regolament, u meta r-rekwiżit tal-kontroparti msemmi fl-Artikolu 197(1) ikun issodisfat u r-rekwiżit tal-parti terza msemmi fl-Artikolu 197(1) ma jkunx issodisfat, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu, għall-finijiet tal-Artikolu 197, jikkalkulaw il-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral ipprovdut permezz ta' titolu kif imsemmi fl-Artikolu 1(26)(b), bħala 75 % tal-valur tal-assi miżmuma bħala kollateral, ivvalutati b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Subtaqsima 7

Kamp ta' applikazzjoni tal-moduli tar-riskju tas-sottoskrizzjoni

Artikolu 113

Għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja, ir-riskju tas-sottoskrizzjoni tal-ħajja u r-riskju tas-sottoskrizzjoni tas-saħħa, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw:.

(a) il-modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja minbarra obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tas-saħħa;

(b) il-modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni tal-ħajja għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja minbarra obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa

(c) il-modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni tas-saħħa għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa;

TAQSIMA 2

Modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja

Artikolu 114

Modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja

1. Il-modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja jikkonsisti fis-submoduli li ġejjin:

(a) is-submodulu tar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja msemmi fil-punt (a) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 105(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja msemmi fil-punt (b) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 105(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(c) il-modulu tar-riskju ta' skadenza mhux tal-ħajja.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{non\text{-}life} = \sqrt{\sum_{i,j} CorrNL_{(i,j)} \cdot SCR_i \cdot SCR_j}$$

fejn:

(a) is-somma tkopri t-taħlitiet kollha possibbli (*i,j*) tas-submoduli stipulati fil-paragrafu 1;

(b) $CorrNL_{(i,j)}$ tirrappreżenta l-parametru ta' korrelazzjoni għar-riskju tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja għas-submoduli *i* u *j*;

(c) SCR_i u SCR_j jirrappreżentaw ir-rekwiżiti kapitali għas-submodulu tar-riskju *i* u *j* rispettivament.

3. Il-parametru ta' korrelazzjoni $CorrNL_{(i,j)}$ imsemmi fil-paragrafu 2 jirrappreżenta l-entrata stipulata fir-ringiela *i* u fil-kolonna *j* tal-matriċi ta' korrelazzjoni li ġejja:

i \ *j*	Primjum u riżerva mhux tal-ħajja	Katastrofi mhux tal-ħajja	Skadenza mhux tal-ħajja
Primjum u riżerva mhux tal-ħajja	1	0,25	0
Katastrofi mhux tal-ħajja	0,25	1	0
Skadenza mhux tal-ħajja	0	0	1

Artikolu 115

Submodulu tar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{nl\,prem\,res} = 3 \cdot \sigma_{nl} \cdot V_{nl}$$

fejn:

(a) σ_{nl} tirrappreżenta d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja misjub b'konformità mal-Artikolu 117;

(b) V_{nl} tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja misjub b'konformità mal-Artikolu 116.

Artikolu 116

Daqs tal-volum għal riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja

1. Id-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja ikun daqs is-somma tad-daqsijiet tal-volum għar-riskju ta' primjum u riżerva tas-segmenti stabbiliti fl-Anness II.

2. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness II, id-daqs tal-volum ta' segment partikolari *s* jiġi kkalkulat kif ġej:

$$V_s = (V_{(prem,s)} + V_{(res,s)}) \cdot (0{,}75 + 0{,}25 \cdot DIV_s)$$

fejn:

(a) $V_{(prem,s)}$ tirrappreżenta l-miżura tal-volum għall-primjum tar-riskju tas-segment *s*;

(b) $V_{(res,s)}$ tirrappreżenta l-miżura tal-volum għall-primjum tar-riserva tas-segment *s*;

(c) DIV_s tirrappreżenta l-fattur ta' diversifikazzjoni ġeografika tas-segment *s*.

3. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness II, id-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum ta' segment partikolari *s* jiġi kkalkulat kif ġej:

$$V_{(prem,s)} = \max\left[P_s; P_{(last,s)}\right] + FP_{(existing,s)} + FP_{(future,s)}$$

fejn:

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kreditu kbira jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn inadempjenza f'daqqa tal-ikbar żewġ skoperturi marbutin mal-obbligi inklużi fil-linji operatorji 9 u 21 ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni. Il-kalkolu tar-rekwiżit kapitali jkun imsejjes fuq is-suppożizzjoni li t-telf fil-każ ta' inadempjenza, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, ta' kull skopertura huwa 10 % tas-somma assigurata fir-rigward tal-iskopertura.

3. L-ikbar żewġ skoperturi tal-assigurazzjoni ta' kreditu msemmijin fil-paragrafu 2 ikunu ddeterminati fuq il-bażi ta' tqabbil tat-telf fil-każ ta' inadempjenza tal-iskoperturi tal-assigurazzjoni ta' kreditu, jiġifieri t-telf fil-każ ta' inadempjenza wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali.

4. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' riċessjoni jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa 100 % tal-primjums li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni iggwadanjat matul it-12-il xahar ta' wara fil-linji operatorji 9 u 21.

Artikolu 135

Submodulu għal riskju ieħor ta' katastrofi mhux tal-ħajja

Ir-rekwiżit kapitali għal riskju ieħor ta' katastrofi mhux tal-ħajja jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, li huwa daqs l-ammont li ġej:

$$L_{other} = \sqrt{(c_1 \cdot P_1 + c_2 \cdot P_2)^2 + (c_3 \cdot P_3)^2 + (c_4 \cdot P_4)^2 + (c_5 \cdot P_5)^2}$$

fejn:

(a) *P1, P2, P3, P4* u *P5* jirrappreżentaw stimi tal-primjum gross, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni, li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni hija mistennija tikseb matul it-12-il xahar ta' wara fir-rigward tal-gruppi tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni 1 sa 5 stipulati fl-Anness XII;

(b) c_1, c_2, c_3, c_4 u c_5 jirrappreżentaw il-fatturi ta' riskju għall-gruppi tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni 1 sa 5 stipulati fl-Anness XII.

TAQSIMA 3

Riskju tal-modulu ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja

Artikolu 136

Koeffiċjenti ta' korrelazzjoni

1. Il-modulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja jikkonsisti mis-submoduli li ġejjin kollha:

(a) is-submodulu tar-riskju ta' mortalità msemmi fil-punt (a) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(3) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) is-submodulu tar-riskju ta' longevità msemmi fil-punt (b) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(3) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(c) is-submodulu tar-riskju ta' diżabilità-morbidità msemmi fil-punt (c) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(3) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) is-submodulu tar-riskju ta' spejjeż tal-ħajja msemmi fil-punt (d) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(3) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(e) is-submodulu tar-riskju ta' reviżjoni msemmi fil-punt (e) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(3) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(f) is-submodulu tar-riskju ta' skadenza msemmi fil-punt (f) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(3) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(g) is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tal-ħajja msemmi fil-punt (g) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{life} = \sqrt{\sum_{i,j} CorrNL_{(i,j)} \cdot SCR_i \cdot SCR_j}$$

fejn:

(a) is-somma tkopri t-taħlitiet kollha possibbli (*i,j*) tas-submoduli stipulati fil-paragrafu 1;

(b) $CorrNL_{(i,j)}$ tirrappreżenta l-parametru ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja għas-submoduli *i* u *j*;

(c) SCR_i u SCR_j jirrappreżentaw ir-rekwiżiti kapitali għas-submodulu tar-riskju *i* u *j* rispettivament.

3. Il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni $Corr_{i,j}$ imsemmija fil-punt 3 tal-Anness IV tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs l-entrata stipulata fir-ringiela i u fil-kolonna j tal-matriċi ta' korrelazzjoni li ġejja:

i \ *j*	Mortalità	Longevità	Diżabilità	Spejjeż tal-ħajja	Reviżjoni	Skadenza	Katastrofi tal-ħajja
Mortalità	1	– 0,25	0,25	0,25	0	0	0,25
Longevità	– 0,25	1	0	0,25	0,25	0,25	0
Diżabilità	0,25	0	1	0,5	0	0	0,25
Spejjeż tal-ħajja	0,25	0,25	0,5	1	0,5	0,5	0,25
Reviżjoni	0	0,25	0	0,5	1	0	0
Skadenza	0	0,25	0	0,5	0	1	0,25
Katastrofi tal-ħajja	0,25	0	0,25	0,25	0	0,25	1

Artikolu 137

Submodulu tar-riskju tal-mortalità

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-mortalità msemmija fl-Artikolu 105(3)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn żieda permanenti f'daqqa ta' 15 % fir-rati ta' mortalità użati għall-kalkolu ta' provvedimenti tekniċi

2. Iż-żieda fir-rati ta' mortalità msemmija fil-paragrafu 1 tapplika biss għal dawk il-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom żieda fir-rati ta' mortalità twassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju. L-indennizz ta' poloz tal-assigurazzjoni li għalihom żieda fir-rati ta' mortalità twassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju jista' jkun imsejjes fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(a) poloz tal-assigurazzjoni multipli fir-rigward tal-istess persuna assigurata jistgħu jitqiesu daqslikieku kienu polza tal-assigurazzjoni waħda;

(b) meta l-kalkolu ta' provvedimenti tekniċi jkun imsejjes fuq gruppi ta' poloz kif imsemmi fl-Artikolu 35, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom jiżdiedu l-provvedimenti tekniċi skont żieda fir-rati ta' mortalità tista' tkun imsejsa wkoll fuq dawk il-gruppi ta' poloz minflok il-poloz waħedhom, diment li dan jipprovdi riżultat li ma jkunx materjalment differenti.

3. Fir-rigward tal-obbligi tar-riassigurazzjoni, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu skont żieda fir-rati ta' mortalità tapplika għall-poloz tal-assigurazzjoni sottostanti u titwettaq skont il-paragrafu 2.

Artikolu 138

Submodulu tar-riskju ta' longevità

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' longevità msemmija fl-Artikolu 105(3)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn tnaqqis permanenti f'daqqa ta' 20 % fir-rati ta' mortalità użati għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

2. It-tnaqqis fir-rati ta' mortalità msemmi fil-paragrafu 1 japplika biss għal dawk il-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom tnaqqis fir-rati ta' mortalità jwassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju. L-identifikazzjoni tal-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom tnaqqis fir-rati ta' mortalità jwassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju tista' tkun imsejsa fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(a) poloz tal-assigurazzjoni multipli fir-rigward tal-istess persuna assigurata jistgħu jitqiesu daqslikieku kienu polza tal-assigurazzjoni waħda;

(b) meta l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jkun imsejjes fuq gruppi ta' poloz kif imsemmi fl-Artikolu 35, l-indennizz tal-poloz li għalihom il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu skont tnaqqis fir-rati ta' mortalità jista' jkun imsejjes ukoll fuq dawk il-gruppi ta' poloz minflok poloz waħedhom, diment li dan irendi riżultat li ma jkunx materjalment differenti.

3. Fir-rigward tal-obbligi tar-riassigurazzjoni, l-indennizz tal-poloz li għalihom il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu skont tnaqqis fir-rati ta' mortalità japplika għall-poloz tal-assigurazzjoni sottostanti biss u jitwettaq skont il-paragrafu 2.

Artikolu 139

Submodulu tar-riskju ta' diżabilità-morbidità

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità msemmi fl-Artikolu 105(3)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mit-taħlita tal-bidliet permanenti f'daqqa li ġejjin:

(a) żieda ta' 35 % fir-rati ta' diżabilità u morbidità li jintużaw fil-kalkolu ta' provvedimenti tekniċi biex tiġi riflessa l-esperjenza ta' diżabilità u morbidità fit-12-il xahar ta' wara;

(b) żieda ta' 25 % fir-rati ta' diżabilità u morbidità li jintużaw fil-kalkolu ta' provvedimenti tekniċi biex tiġi riflessa l-esperjenza ta' diżabilità u morbidità għax-xhur kollha wara t-12-il xahar ta' wara;

(c) tnaqqis ta' 20 % fir-rati ta' diżabilità u morbidità li jintużaw fil-kalkolu ta' provvedimenti tekniċi fir-rigward tat-12-il xahar ta' wara u għas-snin kollha ta' wara.

Artikolu 140

Submodulu tar-riskju ta' spejjeż tal-ħajja

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 105(3)(d) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mit-taħlita ta' bidliet permanenti f'daqqa li ġejjin:

(a) żieda ta' 10 % fl-ammont ta' spejjeż meqjusa fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(b) żieda ta' punt perċentwali fir-rata ta' inflazzjoni tal-ispejjeż (mogħtija bħala perċentwal) użata għall-kalkolu ta' provvedimenti tekniċi.

Fir-rigward tal-obbligi tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw dawk il-bidliet għall-ispejjeż tagħhom stess u, fejn rilevanti, għall-ispejjeż tal-impriżi ċedenti.

Artikolu 141

Submodulu tar-riskju ta' reviżjoni

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' reviżjoni msemmi fl-Artikolu 105(3)(e) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn tnaqqis permanenti f'daqqa ta' 3 % fl-ammont ta' benefiċċji tal-annwalità biss fuq obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-annwalità meta l-benefiċċji pagabbli skont il-poloz tal-assigurazzjoni sottostanti jistgħu jiżdiedu minħabba bidliet fl-ambjent legali jew fl-istat tas-saħħa tal-persuna assigurata.

Artikolu 142

Submodulu tar-riskju ta' skadenza

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza msemmi fl-Artikolu 105(3)(f) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs l-ikbar wieħed mir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) the capital requirement for the risk of a permanent increase in lapse rates;

(b) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza;

(c) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza tal-massa.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn żieda permanenti f'daqqa ta' 50 % fir-rati ta'eżerċizzju tal-opzjoni tal-opzjonijiet rilevanti stipulati fil-paragrafi 4 u 5. Minkejja dan, ir-rati miżjudin ta' eżerċizzju tal-opzjoni ma jaqbżux il-100 % u ż-żieda fir-rati ta' eżerċizzju tal-opzjoni japplikaw biss għal dawk l-opzjonijiet rilevanti li għalihom l-eżerċizzju tal-opzjoni jirriżulta f'żieda tal-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju.

3. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis permanenti fir-rati ta' skadenza jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn tnaqqis permanenti f'daqqa ta' 50 % fir-rati ta' eżerċizzju tal-opzjoni tal-opzjonijiet rilevanti stipulati fil-paragrafu 4 u 5. Minkejja dan, it-tnaqqis fir-rati ta' eżerċizzju tal-opzjoni ma jaqbiżx l-20 punt perċentwali u t-tnaqqis fir-rati ta' eżerċizzju tal-opzjoni japplika biss għal dawk l-opzjonijiet rilevanti li għalihom l-eżerċizzju tal-opzjoni jirriżulta fi tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju.

4. L-opzjonijiet rilevanti għall-fini tal-paragrafi 2 u 3 ikunu dawn li ġejjin:

(a) id-drittijiet legali jew kuntrattwali kollha tad-detentur tal-polza li jtemm, iċedi, inaqqas, jillimita jew jissospendi bis-sħiħ jew b'mod parzjali l-assigurazzjoni jkopru jew jippermettu li tiskadi l-polza tal-assigurazzjoni;

(b) id-drittijiet legali jew kuntrattwali kollha tad-detentur tal-polza li jistabbilixxi, iġedded, iżid, jestendi jew ikompli bis-sħiħ jew b'mod parzjali l-kopertura tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b), il-bidla fir-rata ta' eżerċizzju tal-opzjoni msemmija fi-paragrafi 2 u 3 tiġi applikata għar-rata li tirrifletti l-opzjoni rilevanti mhijiex eżerċitata.

5. Fir-rigward ta' kuntratti tar-riassigurazzjoni, l-opzjonijiet rilevanti għall-finijiet tal-paragrafu 2 u 3 ikunu dawn li ġejjin:

(a) id-drittijiet imsemmijin fil-paragrafu 4 tad-detenturi ta' poloz tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(b) id-drittijiet imsemmijin fil-paragrafu 4 tad-detenturi tal-polza tal-kuntratti tar-assigurazzjoni li fuqhom huma msejsin il-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(c) meta l-kuntratti tar-riassigurazzjoni jkopru kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li se jinkitbu fil-ġejjieni, id-dritt tad-detenturi ta' poloz potenzjali li ma jikkonkludux dawk il-kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

6. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza tal-massa jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn taħlita tal-eventi f'daqqa li ġejjin:

(a) it-terminazzjoni ta' 70 % tal-poloz tal-assigurazzjoni barra mill-ambitu tal-operazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 2(3)(b)(iii) u (iv) tad-Direttiva 2009/138/KE, li għalihom it-terminazzjoni twassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju u meta tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (i) id-detentur ta' polza ma jkunx persuna fiżika u t-terminazzjoni tal-polza ma tkunx soġġetta għall-approvazzjoni mill-benefiċjarji tal-fond tal-pensjonijiet;

   (ii) id-detentur ta' polza jkun persuna fiżika li taġixxi għall-benefiċċju tal-benefiċjarji tal-polza, ħlief meta jkun hemm relazzjoni famijari bejn dik il-persuna fiżika u l-benefiċjarji, jew meta l-polza tkun effettwata għall-finijiet ta' wirt jew ippjanar ta' beni privati u n-numru ta' benefiċjarji skont il-polza ma jaqbiżx l-20;

(b) it-terminazzjoni ta' 40 % tal-poloz tal-assigurazzjoni minbarra dawk li jaqgħu taħt il-punt (a) li għalihom it-terminazzjoni tirriżulta f'żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju;

(c) meta l-kuntratti tar-riassigurazzjoni jkopru kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li se jinkitbu fil-ġejjieni, it-tnaqqis ta' 40 % fin-numru ta' dawk il-kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ġejjieni użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

L-eventi imsemmijin fl-ewwel subparagrafu japplikaw b'mod uniformi għall-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni kkonċernati kollha. Fir-rigward tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni, l-event imsemmi fil-punt (a) japplika għall-kuntratti tal-assigurazzjoni sottostanti.

Għall-finijiet ta' determinazzjoni tat-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fl-eventi imsemmijin fil-punti (a) u (b), l-impriża ssejjes il-kalkolu fuq it-tip ta' terminazzjoni li taffettwa bl-iktar mod negattiv il-fondi proprji bażiċi tal-impriżi fuq bażi ta' kull polza.

7. Meta l-ikbar rekwiżiti kapitali msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ikbar wieħed mir-rekwiżiti kapitali korrispondenti kkalkulati b'konformità mal-Artikolu 206(2) ta' dan ir-Regolament mhumiex ibbażati fuq l-istess xenarju, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza msemmi fl-Artikolu 105(3)(f) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun ir-rekwiżit kapitali msemmi fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li għalihom ir-riżultati tax-xenarju sottostanti fl-ikbar rekwiżit kapitali korrispondenti kkalkulat b'konformità mal-Artikolu 206(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 143

Submodulu tar-riskju ta' katastrofi tal-ħajja

1. Ir-rekwiżit kapitali għal riskju ta' katastrofi tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 105(3)(g) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn żieda f'daqqa ta' 0,15-il punt perċentwali fir-rati ta' mortalità (mogħtija bħala perċentwali) li jintużaw fil-kalkolu ta' provvedimenti tekniċi biex tiġi riflessa l-esperjenza ta' mortalità fit-12-il xahar ta' wara.

2. Iż-żieda fir-rati ta' mortalità msemmija fil-paragrafu 1 tapplika biss għal dawk il-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom żieda fir-rati ta' mortalità li jintużaw biex tiġi riflessa l-esperjenza ta' mortalità fit-12-il xahar ta' wara twassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi. L-indennizz ta' poloz tal-assigurazzjoni li għalihom żieda fir-rati ta' mortalità twassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju jista' jkun imsejjes fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(a) poloz tal-assigurazzjoni multipli fir-rigward tal-istess persuna assigurata jistgħu jitqiesu daqslikieku kienu polza tal-assigurazzjoni waħda;

(b) meta l-kalkolu ta' provvedimenti tekniċi jkun imsejjes fuq gruppi ta' poloz kif imsemmi fl-Artikolu 35, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom jiżdiedu l-provvedimenti tekniċi skont żieda fir-rati ta' mortalità tista' tkun imsejsa wkoll fuq dawk il-gruppi ta' poloz minflok il-poloz waħedhom, diment li dan jipprovdi riżultat li ma jkunx materjalment differenti.

3. Fir-rigward tal-poloz tar-riassigurazzjoni, l-indennizz tal-poloz li għalihom il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu skont żieda fir-rati ta' mortalità japplika għall-poloz tal-assigurazzjoni sottostanti biss u jitwettaq biss skont il-paragrafu 2.

TAQSIMA 4

Modulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa

Artikolu 144

Modulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa

1. Il-modulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa jikkonsisti mis-submoduli kollha li ġejjin:

(a) is-submodulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tas-saħħa NSLT;

(b) is-submodulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tas-saħħa SLT;

(c) is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{health} = \sqrt{\sum_{i,j} CorrH_{(i,j)} \cdot SCR_i \cdot SCR_j}$$

fejn:

(a) is-somma tkopri t-taħlitiet kollha possibbli (*i,j*) tas-submoduli stipulati fil-paragrafu 1;

(b) $CorrH_{(i,j)}$ tirrappreżenta l-parametru ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa għas-submoduli *i* u *j*;

(c) SCR_i u SCR_j jirrappreżentaw ir-rekwiżiti kapitali għas-submodulu tar-riskju *i* u *j* rispettivament.

3. Il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni $CorrH_{(i,j)}$ imsemmi fil-paragrafu 2 jirrappreżenta l-entrata stipulata fir-ringiela *i* u fil-kolonna *j* tal-matriċi ta' korrelazzjoni li ġejja:

i \ *j*	Sottoskrizzjoni tas-saħħa NSLT	Sottoskrizzjoni tas-saħħa SLT	Katastrofi tas-saħħa
Sottoskrizzjoni tas-saħħa NSLT	1	0,5	0,25
Sottoskrizzjoni tas-saħħa SLT	0,5	1	0,25
Katastrofi tas-saħħa	0,25	0,25	1

4. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw:

(a) is-submodulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa NSLT għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa inklużi fil-linji operatorji 1, 2, 3, 13, 14, 15 u 25 kif stipulat fl-Anness I;

(b) is-submodulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa SLT għall-obbligu tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa inklużi fil-linji operatorji 29, 33 u 35 kif stipulat fl-Anness I;

(c) is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa.

Artikolu 145

Submodulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa NSLT

1. Is-submodulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa NSLT jikkonsisti fis-submoduli li ġejjin:

(a) is-submodulu tar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT;

(b) is-submodulu tar-riskju ta' skadenza tas-saħħa NSLT.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa NSLT jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{NSLTh} = \sqrt{SCR^2_{(NSLTh,pr)} + SCR^2_{(NSLTh,lapse)}}$$

fejn:

(a) $SCR_{(NSLTh,pr)}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT;

(b) $SCR_{(NSLTh,lapse)}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza tas-saħħa NSLT.

Artikolu 146

Submodulu tar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{(NSLT,pr)} = 3 \cdot \sigma_{NSLTh} \cdot V_{NSLTh}$$

fejn:

(a) σ_{NSLTh} tirrappreżenta d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT misjub b'konformità mal-Artikolu 148;

(b) V_{NSLTh} tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT misjub b'konformità mal-Artikolu 147.

Artikolu 147

Daqs tal-volum għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT

1. Id-daqs tal-volum għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT ikun daqs is-somma tad-daqsijiet tal-volum għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-segmenti stipulati fl-Anness XIV.

2. Għas-segmenti kollha stipulati fl-Anness XIV, id-daqs tal-volum ta' segment partikolari *s* jiġi kkalkulat kif ġej:

$$V_s = (V_{(prem,s)} + V_{(res,s)}) \cdot (0{,}75 + 0{,}25 \cdot DIV_s)$$

fejn:

(a) $V_{(prem,s)}$ tirrappreżenta l-miżura tal-volum għall-primjum tar-riskju tas-segment *s*;

(b) $V_{(prem,s)}$ tirrappreżenta l-miżura tal-volum għall-primjum tar-riskju tas-segment *s*;

(c) DIV_s tirrappreżenta l-fattur ta' diversifikazzjoni ġeografika tas-segment *s*.

3. Għas-segmenti kollha stipulati fl-Anness XIV, id-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum ta' segment partikolari *s* jiġi kkalkulat kif ġej:

$$V_{(prem,s)} = \max(P_s; P_{(last,s)}) + FP_{(existing,s)} + FP_{(future,s)}$$

fejn:

(a) P_s tirrappreżenta stima tal-primjums li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha tiggwadanja fis-segment *s* matul it-12-il xahar ta' wara;

(b) $P_{(last,s)}$ tirrappreżenta l-primjums li l-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni għandha tiggwadanja fis-segment *s* tul l-aħħar 12-il xahar;

(c) $FP_{(existing,s)}$ tirrappreżenta l-valur preżenti mistenni tal-primjums li l-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni għandha tiggwadanja fis-segment *s* wara t-12-il xahar ta' wara għall-kuntratti eżistenti;

(d) $FP_{(future,s)}$ tirrappreżenta l-valur preżenti mistenni tal-primjums li l-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni għandha tiggwadanja fis-segment *s* għall-kuntratti li d-data ta' rikonoxximent inizjali tagħhom taħbat fit-12-il xahar ta' wara iżda esklużi l-primjums li jridu jiġu ggwadanjati matul it-12-il xahar wara d-data ta' rikonoxximent inizjali.

4. Bħala alternattiva għall-kalkolu stipulat fil-paragrafu 3 għas-segmenti kollha stipulati fl-Anness XIV, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jagħżlu li jikkalkulaw id-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum ta' segment partikolari *s* skont il-formula li ġejja:

$$V_{(prem,s)} = P_s + FP_{(existing,s)} + FP_{(future,s)}$$

diment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ddeċieda li l-primjums iggwadanjati tiegħu fis-segment s matul it-12-il xahar ta' wara mhumiex se jaqbżu P_s;

(b) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni stabbilixxiet mekkaniżmi effettivi ta' kontroll biex tiżgura li jintlaħqu l-limiti fuq primjums iggwadanjati msemmijin fil-punt (a);

(c) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għarrfet lill-awtorità superviżorja tagħha dwar id-deċiżjoni msemmija fil-punt (a) u r-raġunijiet għaliha.

Għall-finijiet ta' dan il-paragarfu, it-termini P_s, $FP_{(existing,s)}$ u $FP_{(future,s)}$ ikunu rappreżentati skont il-punti (a), (c) u (d) tal-paragrafu 3.

5. Għall-finijiet tal-kalkoli stipulati fil-paragrafi 3 u 4, il-primjums ikunu netti, wara tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni. Il-primjums li ġejjin għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni ma jitnaqqsux:

(a) primjums relatati ma' eventi mhux ta' assigurazzjoni jew pretensjonijiet ta' assigurazzjoni ssettiljati li mhumiex meqjusin fil-flussi tal-flus imsemmija fl-Artikolu 41(3);

(b) primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni li ma jikkonformawx mal-Artikoli 209, 210, 211 u 213.

6. Għas-segmenti kollha stipulati fl-Anness XIV, id-daqs tal-volum għar-riskju ta' riżerva ta' segment partikolari jkun daqs l-aħjar stima għall-provvediment għal pretensjonijiet pendenti għas-segment, wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, diment li l-kuntratti tar-riassigurazzjoni jew il-veikoli bi skop speċjali jikkonformaw mal-Artikoli 209, 210, 211 u 213. Id-daqs tal-volum ma jkunx ammont negattiv.

7. Għas-segmenti kollha stipulati fl-Anness XIV, il-fattur predefinit għad-diversifikazzjoni ġeografika jkun jew ugwali għal wieħed jew ikkalkulat skont l-Anness III.

Artikolu 148

Devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT

1. Id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

$$\sigma_{NSLTh} = \frac{1}{V_{NSLTh}} \cdot \sqrt{\sum_{s,t} CorrHS_{(s,t)} \cdot \sigma_s \cdot V_s \cdot \sigma_t \cdot V_t}$$

fejn:

(a) V_{NSLTh} tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT;

(b) is-somma tkopri t-taħlitiet kollha possibbli (*s,t*) tas-segmenti stipulati fl-Anness XIV;

(c) $CorrHS_{(s,t)}$ tirrappreżenta l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT għal segment *s* u segment *t* stipulati fl-Anness XV;

(d) σ_s u σ_t jirrappreżentaw devjazzjonijiet standard għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT tas-segmenti *s* u *t* rispettivament;

(e) V_s u V_t jirrappreżentaw daqsijiet tal-volum għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-segmenti *s* u *t*, imsemmijin fl-Anness XIV, rispettivament.

2. Għas-segmenti kollha stipulati fl-Anness XIV, id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT ta' segment partikolari *s* tiġi kkalkulata kif ġej:

$$\sigma_s = \frac{\sqrt{\sigma^2_{(prem,s)} \cdot V^2_{(prem,s)} + \sigma_{(prem,s)} \cdot V_{(prem,s)} \cdot \sigma_{(res,s)} \cdot V_{(res,s)} + \sigma^2_{(res,s)} \cdot V^2_{(res,s)}}}{V_{(prem,s)} + V_{(res,s)}}$$

fejn:

(a) $\sigma_{(prem,s)}$ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT ta' segment *s* misjuba skont il-paragrafu 3;

(b) $\sigma_{(res,s)}$ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT ta' segment s kif stipulat fl-Anness XIV;

(c) $V(_{prem,s)}$ tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum ta' segment s imsemmi fl-Artikolu 147;

(d) $V_{(res,s)}$ tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' riżerva ta' segment s imsemmi fl-Artikolu 147.

3. Għas-segmenti kollha stipulati fl-Anness XIV, id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT ta' segment partikolari tkun daqs il-multiplikazzjoni tad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum gross tas-saħħa NSLT tas-segment stipulat fl-Anness XIV u l-fattur ta' aġġustament għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali. Għas-segmenti kollha stipulati fl-Anness XIV, il-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali jkun ta' 100 %.

Artikolu 149

Sistemi ta' ugwalizzazzjoni tar-riskju tas-saħħa

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 109a(4) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa għas-sistemi ta' ugwalizzazzjoni tar-riskju tas-saħħa ('HRES') jiġu identifikati, ġestiti u organizzati b'mod separat mill-attivitajiet l-oħrajn tal-impriżi tal-assigurazzjoni, bla ebda possibbiltà ta' trasferiment għall-obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa li mhumiex soġġetti għall-HRES.

2. Id-devjazzjonijiet standard għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT tas-segments 1, 2 u 3 fl-Anness XIV għal negozju li huwa soġġett għal HRES jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin;

(a) id-devjazzjonijiet standard jiġu determinati b'mod separat għal kull segment minn 1,2 u 3 fl-Anness XIV, u separatement mill-primjum u r-rskju ta' riżerva;

(b) għal kull wieħed mis-segmenti stipulati fl-Anness XIV, id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum hija l-inqas waħda mill-ammonti li ġejjin:

(i) id-devjazzjoni standard għar-riskju tal-primjum tas-saħħa NSLT ta' dak is-segment stipulat fl-Anness XIV;

(ii) l-ogħla wieħed mill-ammonti li ġejjin:

A. terz tad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT ta' dak is-segment stipulat fl-Anness XIV;

B. stima tad-devjazzjoni standard rappreżentattiva ta' proporzjon ikkombinat ta' impriża tal-assigurazzjoni, li jkun il-proporzjon tal-ammonti annwali li ġejjin:

— is-somma tal-ħlasijiet, inklużi l-ispejjeż relatati, u l-provvedimenti tekniċi stabbiliti għall-pretensjonijiet imġarrbin matul is-sena għan-negozju soġġett għall-HRES, inkluża kwalunkwe bidla minħabba l-HRES;

— il-primjum iggwadanjat tas-sena għan-negozju soġġett għall-HRES;

(c) għal kull wieħed mis-segmenti stipulati fl-Anness XIV, id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva hija l-inqas waħda mill-ammonti li ġejjin:

(i) id-devjazzjoni standard għar-riskju tal-primjum tas-saħħa NSLT ta' dak is-segment stipulat fl-Anness XIV;

(ii) l-ogħla mill-ammonti li ġejjin;

A. terz tad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT ta' dak is-segment stipulat fl-Anness XIV:

B. stima tad-devjazzjoni standard rappreżentattiva tal-proporzjon mifrux tal-impriża tal-assigurazzjoni, li jkun il-proporzjon tal-ammonti annwali li ġejjin:

— is-somma tal-provvediment bl-aħjar stima fi tmiem is-sena għal pretensjonijiet li kienu pendenti fil-bidu tas-sena u kwalunkwe pretensjoni u ħlas ta' spejjeż li jsiru matul is-sena għal pretensjonijiet li kienu pendenti fil-bidu tas-sena: iż-żewġ ammonti jinkludu kwalunkwe emenda dovuta għall-HRES;

— il-provvediment bl-aħjar stima fil-bidu tas-sena għal pretensjonijiet pendenti tan-negozju soġġett għall-HRES, inkluż kwalunkwe emenda minħabba l-HRES;

(d) is-sejbien tad-devjazzjoni standard hija msejsa fuq tekniki attwarji u statistiċi adegwati, applikabbli u rilevanti;

(e) is-sejbien tad-devjazzjoni standard hija msejsa fuq dejta sħiħa, preċiża u xierqa li hija direttament rilevanti għan-negozju soġġett għall-HRES u tirrifletti l-grad medju ta' diversifikazzjoni fil-livell tal-impriżi tal-assigurazzjoni;

(f) is-sejbien tad-devjazzjoni standard huwa bbażat fuq tagħrif attwali u kredibbli u suppożizzjonijiet realistiċi;

(g) is-sejbien tad-devjazzjoni standard iqis ukoll kwalunkwe riskju li ma jkunx immitigat mill-HRES, b'mod partikolari r-riskju msemmi fl-Artikolu 105(4)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE u riskji li mhumiex riflessi fis-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa u li jistgħu jaffettwaw numru kbir ta' impriżi tal-assigurazzjoni soġġetti għall-HRES fl-istess ħin;

(h) il-metodoloġija għall-kalkolu tad-devjazzjoni standard u l-kalkolu tad-devjazzjoni standard hija disponibbli b'mod pubbliku.

3. Meta l-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 109a(4) tad-Direttiva 2009/138/KE jsib devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tal-assigurazzjoni tas-saħħa NSLT għal negozju soġġett għal HRES li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom jużaw din id-devjazzjoni standard minflok id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT tas-segment stipulat fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament għall-kalkolu tad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT imsemmi fl-Artikolu 148(1) ta' dan ir-Regolament.

Meta parti biss minn negozju tal-impriża tal-assigurazzjoni f'segment *s* tkun soġġetta għall-HRES, l-impriża għandha tuża devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT tas-segment fil-kalkolu tad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT imsemmi fl-Artikolu 148(1) li hija kkalkulata kif ġej:

$$\sigma'_{(prem,s)} = \frac{\sigma_{(prem,s)} \cdot V_{(prem,s,nHRES)} + \sigma_{(prem,s,HRES)} \cdot V_{(prem,s,HRES)}}{V_{(prem,s,nHRES)} + V_{(prem,s,HRES)}}$$

fejn:

(a) $\sigma_{(prem,s)}$ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard għas-segment s tar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT stipulat fl-Anness XIV;

(b) $V_{(prem,s,nHRES)}$ tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT tan-negozju fis-segment *s* li mhuwiex soġġett għall-HRES;

(c) $\sigma_{(prem,s,HRES)}$ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT tas-segment s għal negozju soġġett għall-HRES ikkalkulata skont il-paragrafu 2;

(d) $V_{(prem,s,HRES)}$ tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT ta' negozju fis-segment s li huwa soġġett għall-HRES.

$V_{(prem,s,HRES)}$ u $V_{(prem,s,nHRES)}$ ikunu kkalkolati bl-istess mod bħal miżura tal-volum tar-riskju tal-primjum tas-saħħa għal NSLT tas-segment *s* imsemmi fl-Artikolu 147, iżda $V_{(prem,s,HRES)}$ jikkunsidra biss l-obbligi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni soġġet għal HRES u $V_{(prem,s,nHRES)}$ jikkunsidra biss l-obbligi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni li mhumiex soġġetti għal HRES.

4. Meta l-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 109a(4) tad-Direttiva 2009/138/KE jistipula devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva tal-assigurazzjoni tas-saħħa NSLT għal negozju soġġett għal HRES li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom jużaw din id-devjazzjoni standard minflok id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT tas-segment stipulat fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament għall-kalkolu tad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT imsemmi fl-Artikolu 148(1) ta' dan ir-Regolament.

Meta parti biss minn negozju tal-impriża tal-assigurazzjoni f'segment *s* tkun soġġetta għall-HRES, l-impriża għandha tuża devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT tas-segment fil-kalkolu tad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT imsemmi fl-Artikolu 148(1) li hija kkalkulata kif ġej:

$$\sigma'_{(res,s)} = \frac{\sigma_{(res,s)} \cdot V_{(res,s,nHRES)} + \sigma_{(res,s,HRES)} \cdot V_{(res,s,HRES)}}{V_{(res,s,nHRES)} + V_{(res,s,HRES)}}$$

fejn:

(a) $\sigma_{(res,s)}$ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard għas-segment *s* tar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT kif stipulat fl-Anness XIV;

(b) $V_{(res,s,nHRES)}$ tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT tan-negozju fis-segment s li mhuwiex soġġett għall-HRES;

(c) $\sigma_{(res,s,HRES)}$ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT tas-segment *s* għan-negozju soġġett għall-HRES ikkalkulata skont il-paragrafu 2;

(d) $V_{(res,s,HRES)}$ tirrappreżenta d-daqs tal-volum għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT tan-negozju fis-segment *s* li huwa soġġett għall-HRES.

$V_{(res,s,HRES)}$ u $V_{(res,s,nHRES)}$ ikunu kkalkolati bl-istess mod bħal miżura tal-volum tar-riskju tar-riserva tas-saħħa għal NSLT tas-segment *s* imsemmi fl-Artikolu 147, iżda $V_{(res,s,HRES)}$ jikkunsidra biss l-obbligi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni soġġet għal HRES u $V_{(res,s,nHRES)}$ jikkunsidra biss l-obbligi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni li mhumiex soġġetti għal HRES.

5. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jieħdu post id-devjazzjonijiet standard għar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT għan-negozju soġġett għal HRES b'parametri speċifiċi għall-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni b'konformità mal-Artikolu 104(7) tad-Direttiva 2009/138/KE. L-awtoritajiet superviżorji jistgħu jordnaw lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni sabiex jibdlu dawk id-devjazzjonijiet standard ma' parametri speċifiċi għall-impriża b'konformità mal-Artikolu 110 ta' dik id-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 150

Submodulu tar-riskju ta' skadenza tas-saħħa NSLT

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza tas-saħħa NSLT imsemmi fl-Artikolu 145(1)(b) ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mit-taħlita tal-eventi f'daqqa li ġejjin:

(a) it-terminazzjoni ta' 40 % tal-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom il-waqfien jirriżulta f'żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju;

(b) meta l-kuntratti tar-riassigurazzjoni jkopru kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li se jinkitbu fil-ġejjieni, it-tnaqqis ta' 40 % fin-numru ta' dawk il-kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ġejjieni użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

2. L-eventi imsemmijin fil-paragrafu 1 japplikaw b'mod uniformi għall-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni kollha kkonċernati. Fir-rigward ta' kuntratti tar-riassigurazzjoni, l-event imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 japplika għall-kuntratti tal-assigurazzjoni sottostanti.

3. Sabiex jinstab it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fl-event imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1, l-impriża għandha ssejjes il-kalkolu fuq it-tip ta' terminazzjoni li l-iktar li jaffetta ħażin il-fondi proprji bażiċi tal-impriża fuq il-baži ta' kull polza.

Artikolu 151

Submodulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa SLT

1. Il-modulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa SLT ikun jikkonsisti fis-submoduli kollha li ġejjin:

(a) is-submodulu tar-riskju tal-mortalità tas-saħħa;

(b) is-submodulu tar-riskju ta' longevità tas-saħħa;

(c) is-submodulu tar-riskju ta' diżabilità-morbidità tas-saħħa;

(d) is-submodulu tar-riskju ta' spejjeż tas-saħħa;

(e) is-submodulu tar-riskju ta' reviżjoni tas-saħħa;

(f) is-submodulu tar-riskju ta' skadenza tas-saħħa SLT.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa SLT jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{SLTh} = \sqrt{\sum_{i,j} CorrSLTH_{(i,j)} \cdot SCR_i \cdot SCR_j}$$

fejn:

(a) is-somma tirrapreżenta t-taħlitiet kollha possibbli (*i,j*) tas-submoduli stipulati fil-paragrafu 1;

(b) $CorrSLTH_{(i,j)}$ tirrappreżenta l-parametru ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa SLT għas-submoduli *i* u *j*;

(c) SCR_i u SCR_j jirrappreżentaw ir-rekwiżiti kapitali għas-submodulu tar-riskju *i* u *j* rispettivament.

3. Il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni $CorrSLTH_{(i,j)}$ imsemmi fil-paragrafu 2 ikun daqs l-entrata stipulata fir-ringiela *i* u fil-kolonna *j* tal-matriċi ta' korrelazzjoni li ġejja:

i \ *j*	Mortalità tas-saħħa	Longevità tas-saħħa	Diżabilità-morbidità tas-saħħa	Spejjeż tas-saħħa	Reviżjoni tas-saħħa	Skadenza tas-saħħa SLT
Mortalità tas-saħħa	1	– 0,25	0,25	0,25	0	0

i \ *j*	Mortalità tas-saħħa	Longevità tas-saħħa	Diżabilità-morbidità tas-saħħa	Spejjeż tas-saħħa	Reviżjoni tas-saħħa	Skadenza tas-saħħa SLT
Longevità tas-saħħa	– 0,25	1	0	0,25	0,25	0,25
Diżabilità-morbidità tas-saħħa	0,25	0	1	0,5	0	0
Spejjeż tas-saħħa	0,25	0,25	0,5	1	0,5	0,5
Reviżjoni tas-saħħa	0	0,25	0	0,5	1	0
Skadenza tas-saħħa SLT	0	0,25	0	0,5	0	1

Artikolu 152

Submodulu tar-riskju tal-mortalità tas-saħħa

1. Ir-rekwiżit kapitali għal riskju tal-mortalità tas-saħħa jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn żieda permanenti f'daqqa ta' 15 % fir-rati ta' mortalità użati għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

2. Iż-żieda fir-rati ta' mortalità msemmija fil-paragrafu 1 tapplika biss għal dawk il-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom żieda fir-rati ta' mortalità twassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju. L-identifikazzjoni tal-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom żieda fir-rati ta' mortalità twassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju tista' tkun imsejsa fuq dawn li ġejjin:

(a) poloz tal-assigurazzjoni multipli fir-rigward tal-istess persuna assigurata jistgħu jitqiesu daqslikieku kienu polza tal-assigurazzjoni waħda;

(b) meta l-kalkolu ta' provvedimenti tekniċi jkun imsejjes fuq gruppi ta' poloz kif imsemmi fl-Artikolu 35, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom jiżdiedu l-provvedimenti tekniċi skont żieda fir-rati ta' mortalità tista' tkun imsejsa wkoll fuq dawk il-gruppi ta' poloz minflok il-poloz waħedhom, diment li dan jipprovdi riżultat li ma jkunx materjalment differenti.

3. Fir-rigward tal-obbligi tar-riassigurazzjoni, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu skont żieda fir-rati ta' mortalità tapplika għall-poloz tal-assigurazzjoni sottostanti u titwettaq skont il-paragrafu 2.

Artikolu 153

Submodulu tar-riskju ta' longevità tas-saħħa

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' longevità tas-saħħa jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn tnaqqis permanenti f'daqqa ta' 20 % fir-rati ta' mortalità użati għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

2. It-tnaqqis fir-rati ta' mortalità msemmi fil-paragrafu 1 japplika biss għal dawk il-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom tnaqqis fir-rati ta' mortalità jwassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju. L-identifikazzjoni tal-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom tnaqqis fir-rati ta' mortalità jwassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju tista' tkun imsejsa fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(a) poloz tal-assigurazzjoni multipli fir-rigward tal-istess persuna assigurata jistgħu jitqiesu daqslikieku kienu polza tal-assigurazzjoni waħda;

(b) meta l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jkun imsejjes fuq gruppi ta' poloz kif imsemmi fl-Artikolu 35, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu skont tnaqqis fir-rati ta' mortalità tista' tkun imsejsa wkoll fuq dawk il-gruppi ta' poloz minflok poloz waħedhom, diment li dan irendi riżultat li ma jkunx materjalment differenti.

3. Fir-rigward tal-obbligi tar-riassigurazzjoni, l-identifikazzjoni tal-poloz li għalihom il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu skont tnaqqis fir-rati ta' mortalità tapplika għall-poloz tal-assigurazzjoni sottostanti biss u titwettaq skont il-paragrafu 2.

Artikolu 154

Submodulu tar-riskju ta' diżabilità-morbidità tas-saħħa

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità tas-saħħa jkun daqs is-somma li ġejja:

(a) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-ispejjeż mediċi ta' diżabilità-morbidità;

(b) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità għall-protezzjoni tad-dħul.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw:

(a) ix-xenarji li jsawru l-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-ispejjeż mediċi ta' diżabilità-morbidità biss għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi meta n-negozju sottostanti jsir fuq bażi teknika simili għal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja;

(b) ix-xenarji li jsawru l-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità għall-protezzjoni tad-dħul biss għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-protezzjoni tad-dħul meta n-negozju sottostanti jsir fuq bażi teknika simili bħal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja.

Artikolu 155

Rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż mediċi ta' diżabilità-morbidità

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż mediċi ta' diżabilità-morbidità jkun daqs l-ikbar wieħed mir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali għaż-żieda fil-pagamenti mediċi;

(b) ir-rekwiżit kapitali għat-tnaqqis fil-pagamenti mediċi.

2. Ir-rekwiżit kapitali għaż-żieda fil-pagamenti mediċi jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mit-taħlita li ġejja ta' bidliet permanenti f'daqqa:

(a) żieda ta' 5 % fl-ammont ta' pagamenti mediċi meqjusa fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(b) żieda ta' punt perċentwali fir-rata ta' inflazzjoni tal-pagamenti mediċi (mogħtija bħala perċentwal) użati għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

3. Ir-rekwiżit kapitali għat-tnaqqis fil-pagamenti mediċi jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mit-taħlita li ġejja ta' bidliet permanenti f'daqqa:

(a) tnaqqis ta' 5 % fl-ammont ta' pagamenti mediċi meqjusa fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(b) tnaqqis ta' punt perċentwali mir-rata tal-inflazzjoni tal-pagamenti mediċi (mogħtija bħala perċentwal) użati għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

Artikolu 156

Rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità għal protezzjoni tad-dħul

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità għal protezzjoni tad-dħul ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mit-taħlita li ġejja ta' bidliet permanenti f'daqqa:

(a) żieda ta' 35 % fir-rati ta' diżabilità u morbidità li jintużaw fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi biex jiġu riflessi d-diżabilità u l-morbidità fit-12-il xahar ta' wara;

(b) żieda ta' 25 % fir-rati ta' diżabilità u morbidità li jintużaw fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi biex jiġu riflessi d-diżabilità u l-morbidità fis-snin ta' wara t-12-il xahar ta' wara;

(c) meta r-rati ta' diżabilità u morbidità użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jkunu inqas minn 50 %, tnaqqis ta' 20 % f'dawk ir-rati

(d) meta r-rati ta' persistenza ta' diżabilità u morbidità użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jkunu ta' 50 % jew inqas, żieda ta' 20 % f'dawk ir-rati;

Artikolu 157

Submodulu tar-riskju ta' spejjeż tas-saħħa

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' spejjeż tas-saħħa jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mit-taħlita li ġejja ta' bidliet permanenti f'daqqa:

(a) żieda ta' 10 % fl-ammont ta' spejjeż meqjusa fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(b) żieda ta' punt perċenwali fir-rata ta' inflazzjoni tal-ispejjeż (mogħtija bħala perċentwal) użata għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

Fir-rigward tal-obbligi tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw dawk il-bidliet għall-ispejjeż taġħhom stess u, fejn rilevanti, għall-ispejjeż tal-impriżi ċedenti.

Artikolu 158

Submodulu tar-riskju ta' reviżjoni tas-saħħa

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' reviżjoni tas-saħħa jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn żieda permanenti f'daqqa ta' 4 % fl-ammont ta' benefiċċji tal-annwalità, iżda biss fuq obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-annwalità meta l-benefiċċji pagabbli skont il-poloz tal-assigurazzjoni sottostanti jistgħu jiżdiedu minħabba bidliet fl-inflazzjoni, l-ambjent legali jew l-istat tas-saħħa tal-persuna assigurata.

Artikolu 159

Submodulu tar-riskju ta' skadenza tas-saħħa SLT

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza tas-saħħa SLT imsemmi fl-Artikolu 151(1)(f) ikun daqs l-ikbar wieħed mir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza tas-saħħa SLT;

(b) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis permanenti fir-rati ta' skadenza tas-saħħa SLT;

(c) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza tal-massa tas-saħħa SLT.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza tas-saħħa SLT ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn żieda permanenti f'daqqa ta' 50 % fir-rati ta' eżerċizzju tal-opzjonijiet rilevanti stipulati fil-paragrafi 4 u 5. Minkejja dan, ir-rati ikbar ta' eżerċizzju tal-opzjonijiet ma jaqbżux il-100 % u ż-żieda fir-rati ta' eżerċizzju tal-opzjonijiet tapplika biss għal dawk l-opzjonijiet rilevanti li għalihom l-eżerċizzju jwassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju.

3. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis permanenti fir-rati ta' skadenza tas-saħħa SLT ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn tnaqqis permanenti f'daqqa ta' 50 % fir-rati ta' eżerċizzju ta' opzjonijiet tal-opzjonijiet rilevanti stipulati fil-paragrafi 4 u 5. Minkejja dan, it-tnaqqis fir-rati ta' eżerċizzju tal-opzjonijiet ma jaqbiżx l-20 punt perċentwali u t-tnaqqis fir-rati ta' eżerċizzju tal-opzjonijiet japplika biss għal dawk l-opzjonijiet rilevanti li għalihom l-eżerċizzju jirriżulta fi tnaqqis tal-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju.

4. L-opzjonijiet rilevanti għall-fini tal-paragrafi 2 u 3 ikunu dawn li ġejjin:

(a) id-drittijiet legali jew kuntrattwali tad-detentur tal-polza li jtemm, iċedi, inaqqas, jillimita jew jissospendi b'mod parzjali jew sħiħ il-kopertura tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew li jħalli l-polza tal-assigurazzjoni tiskadi;

(b) id-drittijiet legali jew kuntrattwali kollha tad-detentur tal-polza li jistabbilixxi, iġedded, iżid, jestendi jew ikompli bis-sħiħ jew b'mod parzjali l-kopertura tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b), il-bidla fir-rata ta' eżerċizzju tal-opzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tiġi applikata għar-rata li tirrifletti li l-opzjoni rilevanti mhijiex eżerċitata.

5. Fir-rigward tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni, l-opzjonijiet rilevanti għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3 ikunu dawn li ġejjin:

(a) id-drittijiet imsemmijin fil-paragrafu 4 tad-detenturi ta' poloz tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(b) id-drittijiet stipulati fil-paragrafu 4 tad-detenturi tal-poloz tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni li jsawru l-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(c) meta l-kuntratti tar-riassigurazzjoni jkopru kuntratti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li se jinkitbu fil-ġejjieni, id-dritt tad-detenturi tal-polza potenzjali li ma jikkonkludux dawk il-kuntratti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

6. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza tal-massa tas-saħħa SLT ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn taħlita tal-eventi f'daqqa li ġejjin:

(a) it-terminazzjoni ta' 40 % tal-poloz tal-assigurazzjoni li għalihom il-waqfien jirriżulta f'żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju;

(b) meta l-kuntratt tar-riassigurazzjoni jkopri kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li se jinkitbu fil-ġejjieni, it-tnaqqis ta' 40 % tan-numru ta' dawk il-kuntratti tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni futuri użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

L-eventi imsemmijin fl-ewwel subparagrafu japplikaw b'mod uniformi għall-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni kkonċernati kollha. Fir-rigward ta' kuntratti tar-riassigurazzjoni, l-event imsemmi fil-punt (a) japplika għall-kuntratti tal-assigurazzjoni sottostanti.

Sabiex jiġi ddeterminat it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fl-event imsemmi fil-punt (a), l-impriża ssejjes il-kalkolu fuq it-tip ta' terminazzjoni li l-iktar li jaffettwa ħażin il-fondi proprji bażiċi tal-impriżi fuq bażi ta' kull polza.

7. Meta l-ikbar wieħed mir-rekwiżiti kapitali msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ikbar wieħed minn fost ir-rekwiżiti kapitali korrispondenti kkalkulati b'konformità mal-Artikolu 206(2) ta' dan ir-Regolament ma jkunux imsejsin fuq l-istess xenarju, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' skadenza msemmi fl-Artikolu 105(3)(f) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun ir-rekwiżit kapitali msemmi fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li għalih ix-xenarju sottostanti jirriżulta fl-ikbar rekwiżit kapitali korrispondenti kkalkulat b'konformità mal-Artikolu 206(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 160

Submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa

1. Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{healthCAT} = \sqrt{SCR_{ma}^2 + SCR_{ac}^2 + SCR_p^2}$$

fejn:

(a) SCR_{ma} tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali tas-submodulu tar-riskju ta' aċċident tal-massa;

(b) SCR_{ac} tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali tas-submodulu tar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' aċċidenti;

(c) SCR_p tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali tas-submodulu tar-riskju ta' pandemija.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw:

(a) is-submodulu tar-riskju ta' aċċident tal-massa għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa minbarra obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema;

(b) is-submodulu tar-riskju ta' konċentrazzjoni ta' aċċidenti għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema u għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' protezzjoni tad-dħul tal-grupp;

(c) is-submodulu tar-riskju ta' pandemija għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tas-saħħa minbarra obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema.

Artikolu 161

Submodulu tar-riskju ta' aċċident tal-massa

1. Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju ta' aċċident tal-massa jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{ma} = \sqrt{\sum_{s} SCR^2_{(ma,s)}}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi l-pajjiżi kollha stipulati fl-Anness XVI;

(b) $SCR_{(ma,s)}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' aċċident tal-massa ta' pajjiż *s*.

2. Għall-pajjiżi kollha stipulati fl-Anness XVI, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' aċċident tal-massa ta' pajjiż partikolari s ikun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali huwa kkalkulat kif ġej:

$$L_{(ma,s)} = r_s \cdot \sum_{e} x_e \cdot E_{(e,s)}$$

fejn:

(a) r_s tirrappreżenta l-proporzjon ta' persuni affettwati mill-aċċident tal-massa f'pajjiż *s* kif stipulat fl-Anness XVI;

(b) is-somma tinkludi t-tipi ta' eventi *e* stipulati fl-Anness XVI;

(c) x_e tirrappreżenta l-proporzjon ta' persuni li se jirċievu benefiċċji tat-tip ta' eventi *e* bħala riżultat tal-aċċident kif stipulat fl-Anness XVI;

(d) $E_{(e,s)}$ tirrappreżenta l-valur sħiħ tal-benefiċċji pagabbli mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għat-tip ta' eventi *e* fil-pajjiż *s*.

3. Għat-tipi ta' eventi kollha stipulati fl-Anness XVI u l-pajjiżi kollha stipulati fl-Anness XVI, is-somma assigurata ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal tip ta' event partikolari e f'pajjiż partikolari *s* tiġi kkalkulata kif ġej:

$$E_{(e,s)} = \sum_{i} SI_{(e,i)}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi l-persuni assigurati kollha i tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li huma assigurati kontra kull tip ta' event *e* u huma abitanti tal-pajjiż *s*;

(b) $SI_{(e,i)}$ tirrappreżenta l-valur tal-benefiċċji li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tħallas għall-persuna assigurata *i* f'każ ta' tip ta' event *e*.

Il-valur tal-benefiċċji jkun is-somma assigurata jew meta l-kuntratt jipprovdi għal ħlasijiet ta' benefiċċji rikorrenti, l-aħjar stima tal-ħlasijiet ta' event tat-tip *e*. Fejn il-benefiċċji ta' kuntratt tal-assigurazzjoni jiddependu fuq in-natura u l-ambitu ta' kwalunkwe ħsara li tirriżulta minn event *e*, il-kalkolu tal-valur tal-benefiċċji jkun imsejjes fuq l-ogħla benefiċċji li jistgħu jinkisbu skont il-kuntratt li huma konsistenti ma' dan l-event. Għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' spejjeż mediċi, il-valur tal-benefiċċji jkun imsejjes fuq stima tal-ammonti medji mħallsin fil-każ ta' event *e*, filwaqt li jiġi supponut li l-persuna assigurata hija diżabbli għad-durata speċifikata u jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-garanziji speċifiċi inklużi fl-obbligi.

4. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw il-valur tal-benefiċċji pagabbli lill-persuna assigurata msemmija fil-paragrafu 3 fuq il-bażi ta' grupp ta' riskji omoġenji, diment li r-raggruppament tal-poloz ikun konformi mal-Artikolu 35.

Artikolu 162

Submodulu tar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' aċċidenti

1. Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' aċċidenti jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{ac} = \sqrt{\sum_{c} SCR^2_{(ac,c)}}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi l-pajjiżi kollha *c*;

(b) $SCR_{(ac,c)}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' aċċidenti ta' pajjiż *c*.

2. Għall-pajjiżi kollha r-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' aċċidenti ta' pajjiż *c* jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa kkalkulat kif ġej:

$$L_{(ac,c)} = C_c \cdot \sum_e x_e \cdot CE_{(e,c)}$$

fejn:

(a) C_c tirrappreżenta l-ikbar konċentrazzjoni tar-riskju ta' aċċidenti tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni f'pajjiż *c*;

(b) is-somma tinkludi t-tipi ta' eventi *e* stipulati fl-Anness XVI;

(c) x_e tirrappreżenta l-proporzjon ta' persuni li se jirċievu benefiċċji tat-tip ta' event *e* bħala riżultat tal-aċċident kif stipulat fl-Anness XVI;

(d) $CE_{(e,c)}$ tirrappreżenta l-valur medju tal-benefiċċji li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jridu jħallsu għat-tip ta' event *e* għall-ikbar konċentrazzjoni tar-riskju ta' aċċidenti f'pajjiż *c*.

3. Għall-pajjiżi kollha, l-ikbar konċentrazzjoni tar-riskju ta' aċċident ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni f'pajjiż c tkun daqs l-ikbar numru ta' persuni li għalihom huma ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha obbligu tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema jew obbligu tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' protezzjoni tad-dħul ta' grupp fir-rigward ta' kull waħda mill-persuni;

(b) l-obbligi marbutin ma' kull waħda mill-persuni jkopru tal-inqas wieħed mill-eventi stipulati fl-Anness XVI;

(c) il-persuni qed jaħdmu fl-istess bini li jinsab fil-pajjiż *c*.

4. Għat-tipi ta' eventi u l-pajjiżi kollha, is-somma medja ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għat-tip ta' event *e* għall-ikbar konċentrazzjoni tar-riskju ta' aċċidenti f'pajjiż *c* tiġi kkalkulata kif ġej:

$$CE_{(e,c)} = \frac{1}{N_e} \sum_{i=1}^{N_e} SI_{(e,i)}$$

fejn:

(a) N_e tirrappreżenta n-numru ta' persuni assigurati tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li huma assigurati kontra tip ta' event *e* u li jappartjenu għall-ikbar konċentrazzjoni tar-riskju ta' aċċidenti tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni f'pajjiż *c*;

(b) is-somma tinkludi l-persuni assigurati kollha msemmijin fil-punt (a);

(c) $SI_{(e,i)}$ tirrappreżenta l-valur tal-benefiċċji li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tħallas għall-persuna assigurata *i* f'każ ta' tip ta' event *e*.

Il-valur tal-benefiċċji msemmi fil-punt (c) ikun is-somma assigurata jew meta l-kuntratt jipprovdi għal ħlasijiet ta' benefiċċji rikorrenti, l-aħjar stima tal-ħlasijiet ta' event tat-tip *e*. Fejn il-benefiċċji ta' polza tal-assigurazzjoni jiddependu fuq in-natura u l-ambitu tal-ħsara li tirriżulta minn event *e*, il-kalkolu tal-valur tal-benefiċċji jkun imsejjes fuq l-ogħla benefiċċji li jistgħu jinkisbu skont il-polza li huma konsistenti ma' dan l-event. Għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' spejjeż mediċi, il-valur tal-benefiċċji jkun imsejjes fuq stima tal-ammonti medji mħallsin fil-każ ta' event *e*, filwaqt li jiġi supponut li l-persuna assigurata hija diżabbli għad-durata speċifikata u jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-garanzi-jispeċifiċi inklużi fl-obbligi.

5. Meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 88, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkulaw il-valur tal-benefiċċji li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jridu jħallsu għall-persuna assigurata msemmija fil-paragrafu 4 fuq il-bażi ta' gruppi ta' riskji omoġenji, diment li r-raggruppament ta' poloz jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 35.

Artikolu 163

Submodulu tar-riskju ta' pandemija

1. Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju ta' pandemija jkun daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, huwa kkalkulat kif ġej:

$$L_p = 0{,}000075 \cdot E + 0{,}4 \cdot \sum_c N_c \cdot M_c$$

fejn:

(a) E tirrappreżenta l-iskopertura ta' pandemija għal protezzjoni tad-dħul tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni;

(b) is-somma tinkludi l-pajjiżi kollha c;

(c) N_c tirrappreżenta n-numru ta' persuni assigurati tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-persuni assigurati huma abitanti ta' pajjiż c,

(ii) il-persuni assigurati huma koperti minn obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' spejjeż mediċi minbarra obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema, li jkopru spejjeż mediċi li jirriżultaw minn mard li jittieħed;

(d) M_c tirrappreżenta l-ammont medju mistenni li l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jridu jħallsu għal kull persuna assigurata ta' pajjiż c fil-każ ta' pandemija.

2. L-iskopertura ta' pandemija għal protezzjoni tad-dħul ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tiġi kkalkulata kif ġej:

$$E = \sum_i E_i$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi l-persuni assigurati kollha i koperti mill-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal protezzjoni tad-dħul minbarra obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema;

(b) E_i tirrappreżenta l-valur tal-benefiċċji li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tħallas għall-persuna assigurata i fil-każ ta' diżabilità permanenti tax-xogħol ikkaġunata minn marda li tittieħed. Il-valur tal-benefiċċji jkun is-somma assigurata jew meta l-kuntratt jipprovdi għal ħlasijiet ta' benefiċċji rikorrenti, l-aħjar stima tal-ħlasijiet ta' benefiċċji filwaqt li jiġi supponut li l-persuna assigurata hija diżabbli b'mod permanenti u mhijiex se tirkupra.

3. Għall-pajjiżi kollha, l-ammont medju mistenni li l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jridu jħallsu għal kull persuna assigurata ta' pajjiż partikolari c fil-każ ta' pandemija jiġi kkalkulat kif ġej:

$$M_c = \sum_h H_h \cdot CH_{(h,c)}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi t-tipi ta' użu tal-kura tas-saħħa h stipulati fl-Anness XVI;

(b) H_h tirrappreżenta l-proporzjon ta' persuni assigurati b'sintomi kliniċi li jużaw il-kura tas-saħħa h kif stipulat fl-Anness XVI;

(c) $CH_{(h,c)}$ tirrappreżenta l-aħjar stima tal-ammonti li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jridu jħallsu għal persuna assigurata f'pajjiż c b'rabta mal-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' spejjeż mediċi, minbarra obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' kumpens għall-ħaddiema, għal użu tal-kura tas-saħħa h fil-każ ta' pandemija.

TAQSIMA 5

Modulu tar-riskju tas-suq

Subtaqsima 1

Koeffiċjenti ta' korrelazzjoni

Artikolu 164

1. Il-modulu tar-riskju tas-suq jikkonsisti mis-sub-moduli kollha li ġejjin:

(a) is-submodulu tar-riskju tar-rata tal-imgħax li hemm referenza għalih fil-punt (a) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) is-submodulu tar-riskju tal-ekwità li hemm referenza għalih fil-punt (b) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(c) is-submodulu tar-riskju tal-proprjetà li hemm referenza għalih fil-punt (c) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) is-submodulu tar-riskju mifrux li hemm referenza għalih fil-punt (d) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(e) is-submodulu tar-riskju tal-munita li hemm referenza għalih fil-punt (e) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(f) is-submodulu tar-riskju tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju tas-suq li hemm referenza għalih fil-punt (f) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tas-suq imsemmi fl-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{market} = \sqrt{\sum_{i,j} Corr_{(i,j)} \cdot SCR_i \cdot SCR_j}$$

fejn:

(a) is-somma tkopri t-taħlitiet kollha possibbli *i,j* tas-submoduli tal-modulu tar-riskju tas-suq;

(b) $Corr_{(i,j)}$ tirrappreżenta l-parametru ta' korrelazzjoni għar-riskju tas-suq għas-submoduli *i* u *j*;

(c) SCRi u SCRj jirrappreżentaw ir-rekwiżiti kapitali għas-submoduli i u j rispettivament.

3. Il-parametru ta' korrelazzjoni $Corr_{(i,j)}$ imsemmi fil-paragrafu 2 ikun daqs l-entrata stipulata fir-ringiela *i* u fil-kolonna *j* tal-matriċi ta' korrelazzjoni li ġejja:

i \ *j*	Rata tal-imgħax	Ekwità	Proprjetà	Firxa	Konċentrazzjoni	Valuta
Rata tal-imgħax	1	A	A	A	0	0,25
Ekwità	A	1	0,75	0,75	0	0,25
Proprjetà	A	0,75	1	0,5	0	0,25
Firxa	A	0,75	0,5	1	0	0,25
Konċentrazzjoni	0	0	0	0	1	0
Valuta	0,25	0,25	0,25	0,25	0	1

Il-parametru A jkun żero meta r-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax stipulat fl-Artikolu 165 huwa r-rekwiżit kapitali msemmi fil-punt (a) ta' dak l-Artikolu. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-parametru A jkun 0,5.

Subtaqsima 2

Submodulu tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax

Artikolu 165

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax imsemmi fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs l-ikbar waħda minn dawn li ġejjin:

(a) is-somma, fuq il-valuti kollha, tar-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax kif stipulat fl-Artikolu 166 ta' dan ir-Regolament;

(b) is-somma, fuq il-muniti kollha, tar-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax kif stipulat fl-Artikolu 167 ta' dan ir-Regolament.

2. Meta l-ikbar wieħed minn fost ir-rekwiżiti kapitali li hemm referenza għalihom fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 u l-ikbar wieħed fost ir-rekwiżiti kapitali korrispondenti kkalkulati b'konformità mal-Artikolu 206(2) ma jkunux imsejsin fuq l-istess xenarju, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax għandu jkun ir-rekwiżit kapitali msemmi fil-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1 li għalih ix-xenarju sottostanti jirriżulta fl-ikbar rekwiżit kapitali korrispondenti kkalkulat b'konformità mal-Artikolu 206(2).

Artikolu 166

Żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax għal munita partikolari jkun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn żieda f'daqqa fir-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju għal dik il-munita f'maturitajiet differenti skont it-tabella li ġejja:

Maturità (fi snin)	Żieda
1	70 %
2	70 %
3	64 %
4	59 %
5	55 %
6	52 %
7	49 %
8	47 %
9	44 %
10	42 %
11	39 %
12	37 %
13	35 %
14	34 %
15	33 %
16	31 %
17	30 %
18	29 %
19	27 %
20	26 %
90	20 %

Għal maturitajiet mhux speċifikati fit-tabella ta' hawn fuq, il-valur taż-żieda jkun interpolat b'mod lineari. Għal maturitajiet ta' iqsar minn sena, iż-żieda tkun ta' 70 %. Għal maturitajiet itwal minn 90 sena, iż-żieda tkun ta' 20 %.

2. Fi kwalunkwe każ, iż-żieda tar-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju bi kwalunkwe maturità tkun tal-inqas ta' punt perċentwali.

3. L-impatt taż-żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2009/138/KE fl-istitutzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu jitqies biss fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet li mhumiex imnaqqsin mill-fondi proprji skont l-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament. Il-parti mnaqqsa mill-fondi proprji tiġi kkunsidrata biss sa fejn it-tali impatt iżid il-fondi proprji bażiċi.

Artikolu 167

Tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax għal munita partikolari għandu jkun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa fir-rati tal-imgħax bażiku mingħajr riskju għal dik il-munita b'maturitajiet differenti skont it-tabella li ġejja:

Maturità (fi snin)	Tnaqqis
1	75 %
2	65 %
3	56 %
4	50 %
5	46 %
6	42 %
7	39 %
8	36 %
9	33 %
10	31 %
11	30 %
12	29 %
13	28 %
14	28 %
15	27 %
16	28 %
17	28 %
18	28 %
19	29 %
20	29 %
90	20 %

Għal maturitajiet mhux speċifikati fit-tabella ta' hawn fuq, il-valur tat-tnaqqis għandu jkun interpolat b'mod lineari. Għal maturitajiet ta' inqas minn sena, it-tnaqqis għandu jkun ta' 75 %. Għal maturitajiet itwal minn 90 sena, it-tnaqqis ikun ta' 20 %.

2. Minkejja l-paragrafu 1, għar-rati tal-imgħax bażiċi negattivi mingħajr riskju, it-tnaqqis ikun ta' żero.

3. L-impatt fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2009/138/KE f'istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu tat-tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju jitqies biss fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet li mhumiex imnaqqsin mill-fondi proprji skont l-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament. Il-parti mnaqqsa mill-fondi proprji tiġi kkunsidrata biss sa fejn it-tali impatt iżid il-fondi proprji bażiċi.

Subtaqsima 3

Submodulu tar-riskju ta' ekwità

Artikolu 168

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Is-submodulu tar-riskju ta' ekwità msemmi fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jinkludi submodulu tar-riskju għall-ekwitajiet tat-tip 1 u submodulu tar-riskju għall-ekwitajiet tat-tip 2.

2. L-ekwitajiet tat-tip 1 jinvolvu ekwitajiet elenkati fi swieq irregolati fil-pajjiżi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD).

3. L-ekwitajiet tat-tip 2 jinvolvu ekwitajiet elenkati fil-boroż f'pajjiżi li mhumiex membri taż-ŻEE jew l-OECD, ekwitajiet li mhumiex elenkati, komoditajiet u investimenti alternattivi oħrajn. Jinkludu wkoll l-assi kollha minbarra dawk koperti fis-submodulu tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, is-submodulu tar-riskju ta' proprjetà jew is-submodulu tar-riskju ta' firxa, inklużi l-assi u l-iskoperturi indiretti msemmijin fl-Artikolu 84(1) u (2) meta approċċ ta' trasparenza mhuwiex possibbli u l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma tagħmilx użu mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 84(3).

4. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' ekwità jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{equity} = \sqrt{SCR^2_{type1equities} + 2 \cdot 0{,}75 \cdot SCR_{type1equities} \cdot SCR_{type2equities} + SCR^2_{type2equities}}$$

fejn:

(a) $SCR_{type\ 1\ equities}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet tat-tip 1;

(b) $SCR_{type\ 2\ equities}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet tat-tip 2.

5. L-impatt tat-tnaqqisijiet f'daqqa stipulat fl-Artikoli 169 u 170 fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2009/138/KE f'istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu għandu jiġi kkunsidrat biss fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet li mhumiex imnaqqsin minn fondi proprji skont l-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament.

6. L-ekwitajiet li ġejjin, fi kwalunkwe każ, jitqiesu tat-tip 1:

(a) ekwitajiet miżmumin fl-impriżi ta' investiment kollettiv li huma fondi intraprenditorjali soċjali li jikkwalifikaw kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) meta l-approċċ ta' trasparenza stipulat fl-Artikolu 84 ta' dan ir-Regolament, ikun possibbli għall-iskoperturi kollha fl-impriża ta' investiment kollettiv, jew unitajiet jew ishma ta' dawk il-fondi meta l-approċċ ta' trasparenza ma jkunx possibbli għall-iskoperturi kollha fl-impriża ta' investiment kollettiv;

(b) ekwitajiet miżmumin f' impriżi ta' investiment kollettiv li huma fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 meta l-approċċ ta' trasparenza stipulat fl-Artikolu 84 ta' dan ir-Regolament ikun possibbli għall-iskoperturi kollha fl-impriża ta' investiment kollettiv, jew unitajiet jew ishma ta' dawk il-fondi meta l-approċċ ta' trasparenza ma jkunx possibbli għall-iskoperturi kollha fl-impriża ta' investiment kollettiv;

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18).

(c) fir-rigward tal-fondi magħluqa ta' investiment alternattivi u mingħajr lieva finanzjarja li huma stabbiliti fl-Unjoni jew, jekk mhumiex stabbiliti fl-Unjoni, li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni skont l-Artikoli 35 jew 40 tad-Direttiva 2011/61/UE:

(i) ekwitajiet miżmumin fit-tali fondi meta l-approċċ ta' trasparenza stipulat fl-Artikolu 84 ta' dan ir-Regolament ikun possibbli għall-iskoperturi kollha fil-fond ta' investiment alternattiv; jew

(ii) unitajiet jew ishma tat-tali fondi meta l-approċċ ta' trasparenza ma jkunx possibbli għall-iskoperturi kollha fil-fond ta' investiment alternattiv.

Artikolu 169

Submodulu tar-riskju ta' ekwità standard

1. Ir-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet tat-tip 1 imsemmi fl-Artikolu 168 ta' dan ir-Regolament ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqisijiet instantanji li ġejjin:

(a) tnaqqis instantanju ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti tal-ekwità tat-tip 1 f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) u 212(2) tad-Direttiva 2009/138/KE meta dawn l-investimenti jkunu ta' għamla strateġika;

(b) tnaqqis istantanju tnaqqis instantanju ugwali għas-somma ta' 39 % u l-aġġustament simmetriku (SA) kif imsemmi fl-Artikolu 172 ta' dan ir-Regolament, fil-valur tal-ekwitajiet tat-tip 1 minbarra dawk imsemmijin fil-punt (a).

2. Ir-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet tat-tip 2 imsemmi fl-Artikolu 168 ta' dan ir-Regolament ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqisijiet instantanji li ġejjin:

(a) tnaqqis istantanju jiġifieri 22 % fil-valur tal-investimenti tal-ekwità tat-tip 2 f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) u 212(2) tad-Direttiva 2009/138/KE meta dawn l-investimenti jkunu ta' għamla strateġika;

(b) tnaqqis istantanju jiġifieri daqs is-somma ta' 49 % u l-aġġustament simmetriku (SA) kif imsemmi fl-Artikolu 172, fil-valur tal-ekwitajiet tat-tip 2, minbarra dawk imsemmijin fil-punt (a).

Artikolu 170

Submodulu tar-riskju ta' ekwità msejjes fuq id-durata

1. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun irċiviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-rekwiżit kapitali għall-ekwitajiet tat-tip 1 ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqisijiet instantanji li ġejjin:

(a) tnaqqis instantanju ta' 22 % fil-valur tal-ekwitajiet tat-tip 1 li jikkorrispondi għan-negozju msemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 304(1)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) tnaqqis istantanju tnaqqis instantanju ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti ta' ekwità tat-tip 1 f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) u 212(2) tad-Direttiva 2009/138/KE meta dawn l-investimenti jkunu ta' għamla strateġika;

(c) tnaqqis instantanju ugwali għat-total ta' 39 % mal-aġġustament simmetriku (SA) kif imsemmi fl-Artikolu 172 ta' dan ir-Regolament, fil-valur tal-ekwitajiet tat-tip 1, minbarra dawk imsemmijin fil-punti (a) jew (b).

2. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun irċeviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet tat-tip 2 ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa ta':

(a) 22 % fil-valur tal-ekwitajiet tat-tip 2 li jikkorrispondi għan-negozju msemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 304(1)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) 22 % fil-valur tal-investimenti ta' ekwità tat-tip 2 f'impriżi relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(b) u (2) tad-Direttiva 2009/138/KE, meta dawn l-investimenti jkunu ta' għamla strateġika;

(c) l-għadd ta' 49 % mal-aġġustament simmetriku kif imsemmi fl-Artikolu 172 ta' dan ir-Regolament, fil-valur tal-ekwitajiet tat-tip 2, minbarra dawk imsemmijin fil-punti (a) jew (b).

Artikolu 171

Investimenti strateġiċi ta' ekwità

Għall-finijiet tal-Artikolu 169(1)(a) u (2)(a) u tal-Artikolu 170(1)(b) u 2(b),investimenti ta' ekwità ta' għamla strateġika jfissru investimenti ta' ekwità li għalihom l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti turi dan li ġej:

(a) li l-valur tal-investiment ta' ekwità aktarx li jkun materjalment inqas volatili għat-12-il xahar ta' wara meta mqabbel mal-valur ta' ekwitajiet oħrajn tul l-istess perjodu bħala riżultat kemm tal-għamla tal-investiment kif ukoll tal-influwenza eżerċitata mill-impriża parteċipanti fl-impriża relatata;

(b) li l-għamla tal-investiment hija strateġika, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inklużi:

(i) l-eżistenza ta' strateġija deċiżiva ċara biex tkompli tinżamm il-parteċipazzjoni għal perjodu twil;

(ii) il-konsistenza tal-istrateġija msemmija fil-punt (a) mal-politiki ewlenin li jiggwidaw jew jillimitaw l-azzjonijiet tal-impriża;

(iii) il-ħila tal-impriża parteċipanti li żżomm il-parteċipazzjoni fl-impriża relatata;

(iv) l-eżistenza ta' rabta dejjiema;

(v) meta l-kumpanija tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni parteċipanti tkun parti minn grupp, il-konsistenza tat-tali strateġija mal-politiki ewlenin li jiggwidaw jew jillimitaw l-azzjonijiet tal-grupp.

Artikolu 172

Aġġustament simmetriku tal-allokazzjoni ta' kapital ta' ekwità

1. L-indiċi tal-ekwità msemmi fl-Artikolu 106(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun konformi mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-indiċi tal-ekwità jkejjel il-prezz tas-suq ta' portafoll diversifikat ta' ekwitajiet li jirrappreżenta l-għamla tal-ekwitajiet tipikament miżmumin mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni;

(b) il-livell tal-indiċi tal-ekwità huwa disponibbli għall-pubbliku;

(c) il-frekwenza tal-livelli ppubblikati tal-indiċi tal-ekwità hija biżżejjed biex ikunu jistgħu jinstabu l-livell attwali tal-indiċi u l-valur medju tiegħu tul l-aħħar 36 xahar.

2. Soġġett għall-paragrafu 4, l-aġġustament simmetriku jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SA = \frac{1}{2} \cdot \left(\frac{CI - AI}{AI} - 8\%\right)$$

fejn:

(a) CI tirrappreżenta l-livell attwali tal-indiċi tal-ekwità;

(b) AI tirrappreżenta l-medja ponderata tal-livelli ta' kuljum tal-indiċi tal-ekwità tul l-aħħar 36 xahar.

3. Sabiex tiġi kkalkulata l-medja ponderata tal-livelli ta' kuljum tal-indiċi tal-ekwità, il-ponderazzjonijiet għal-livelli ta' kuljum kollha jkunu ndaqs. Il-jiem matul l-aħħar 36 xahar li fihom ma nstabx l-indiċi ma jkunux inklużi fil-medja.

4. L-aġġustament simmetriku ma jkunx inqas minn – 10 % jew iktar minn 10 %.

Artikolu 173

Kriterji għall-użu ta' miżura ta' tranżizzjoni għar-riskju ta' ekwità standard

Il-miżura ta' tranżizzjoni għar-riskju ta' ekwità standard stipulata fl-Artikolu 308b(12) tad-Direttiva 2009/138/KE tiġi applikata biss għal ekwitajiet tat-tip 1 li nxtraw fl-1 ta' Jannar 2016 jew qabel u li mhumiex soġġetti għar-riskju ta' ekwità bbażat fuq id-durata skont l-Artikolu 304 ta' dik id-Direttiva.

Subtaqsima 4

Submodulu tar-riskju ta' proprjetà

Artikolu 174

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' proprjetà msemmi fil-punt (c) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa ta' 25 % fil-valur tal-proprjetà immobbli.

Subtaqsima 5

Submodulu tar-riskju tal-firxa

Artikolu 175

Kamp ta' applikazzjoni tas-submodulu tar-riskju ta' firxa

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa msemmi fil-punt (d) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{spread} = SCR_{bonds} + SCR_{securitisation} + SCR_{cd}$$

fejn

(a) SCR_{bonds} tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self;

(b) $SCR_{securitisation}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(c) SCR_{cd} tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq derivati ta' kreditu.

Artikolu 176

Riskju tal-firxa fuq bonds u self

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self SCRbonds ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis relattiv f'daqqa ta' stressi fil-valur ta' kull bond jew self i minbarra self ipotekarju li jissodisfa r-rekwiżiti fl-Artikolu 191, inklużi depożiti l-bank minbarra flus il-bank imsemmijin fl-Artikolu 189(2)(b).

2. Il-fattur tar-riskju $stress_i$ jiddependi fuq id-durata modifikata tal-bond jew self *i* denominata fi snin (dur_i). dur_i ma tkun qatt inqas minn 1. Għal bonds jew self b'rati tal-imgħax varjabbli, dur_i tkun daqs id-durata mmodifikata ta' bond jew self b'rata tal-imgħax fissa bl-istess maturità u b'pagamenti tal-kupun daqs ir-rata forward tal-imgħax.

3. Bonds jew self li għalihom ikun hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata jiġu assenjati fattura ta' riskju $stress_i$ skont l-iskala tal-kwalità kreditizja u d-durata mmodifikata duri tal-bond jew self *i* skont it-tabella li ġejja.

Skala tal-kwalità kreditizja		0		1		2		3		4		5 u 6	
Durata (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i
sa 5 snin	$b_i \cdot dur_i$	—	0,9 %	—	1,1 %	—	1,4 %	—	2,5 %	—	4,5 %	—	7,5 %
Iktar minn 5 u sa 10 sena	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 5)$	4,5 %	0,5 %	5,5 %	0,6 %	7,0 %	0,7 %	12,5 %	1,5 %	22,5 %	2,5 %	37,5 %	4,2 %
Iktar minn 10 u sa 15 sena	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$	7,0 %	0,5 %	8,4 %	0,5 %	10,5 %	0,5 %	20,0 %	1,0 %	35,0 %	1,8 %	58,5 %	0,5 %

Skala tal-kwalità kreditizja		0		1		2		3		4		5 u 6	
Durata (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i
Iktar minn 15 u sa 20 sena	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$	9,5 %	0,5 %	10,9 %	0,5 %	13,0 %	0,5 %	25,0 %	1,0 %	44,0 %	0,5 %	61,0 %	0,5 %
Iktar minn 20 sena	$\min\left[a_i + b_i \cdot (dur_i - 20);1\right]$	12,0 %	0,5 %	13,4 %	0,5 %	15,5 %	0,5 %	30,0 %	0,5 %	46,5 %	0,5 %	63,5 %	0,5 %

4. Bonds u self li għalihom ma jkunx hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u li għaliha, id-debituri ma tawx garanzija li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 214, jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont id-durata duri tal-bond jew is-self *i* skont it-tabella li ġejja:

Durata (dur_i)	$stress_i$
sa 5 snin	$3\% \cdot dur_i$
Iktar minn 5 u sa 10 sena	$15 + 1{,}7\% \cdot (dur_i - 10)$
Iktar minn 10 u sa 20 sena	$23{,}5\% + 1{,}2\% \cdot (dur_i - 10)$
Iktar minn 20 sena	$\min(35{,}5\% + 0{,}5\% \cdot (dur_i - 20)\,;1)$

5. Bonds u self li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u li għalihom, id-debituri jkunu taw garanzija, meta l-kollateral ta' dawk il-bonds u self jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 214, jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont dan li ġej:

(a) meta l-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral ikun ogħla mill-valur tal-bond jew self i jew daqsu, $stress_i$ jkun daqs nofs il-fattur ta' riskju li jinstab skont il-paragrafu 4;

(b) meta l-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral ikun inqas mill-valur tal-bond jew self i, u meta l-fattur ta' riskju misjub skont il-paragrafu 4 jirriżulta f'valur tal-bond jew self i li jkun inqas mill-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral, $stress_i$ jkun daqs il-medja ta' dawn li ġejjin:

(i) il-fattur ta' riskju stipulat skont il-paragrafu 4,

(ii) id-differenza bejn il-valur tal-bond jew is-self i u l-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral, maqsum bil-valur tal-bond jew is-self *i*;

(c) meta l-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral ikun inqas mill-valur tal-bond jew is-self i, u meta l-fattur ta' riskju stipulat skont il-paragrafu 4 jirriżulta f'valur tal-bond jew self i li jkun ogħla mill-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral jew daqsu, $stress_i$ jinstab skont il-paragrafu 4.

Il-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral ikun aġġustat skont l-Artikoli 112, 197 u 198.

6. L-impatt tat-tnaqqis f'daqqa fil-valur tal-parteċipazzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, f'istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu jiġi kkunsidrat biss fuq il-valur tal-parteċipazzjonijiet li mhumiex imnaqqsin mill-fondi proprji skont l-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 177

Riskju tal-firxa fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni: dispożizzjonijiet ġenerali

1. Ir-rekwiżit kapitali $SCR_{securitisation}$ għar-riskju tal-firxa fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jkun is-somma ta' rekwiżit kapitali għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tat-tip 1, rekwiżit kapitali għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tat-tip 2 u rekwiżit kapitali għall-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni.

2. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tat-tip 1 jinkludu pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

(a) il-pożizzjoni ġiet assenjata għall-iskala 3 tal-kwalità kreditizja jew aħjar;

(b) it-titolizzazzjoni hija elenkata f'suq regolat ta' pajjiż li huwa membru taż-ŻEE jew l-OECD, jew jiġi ammess għan-negozjar f'post tan-negozjar organizzat li jipprovdi għal suq attiva u mdaqqas għal bejgħ dirett li għandu l-karatteristiċi li ġejjin:

(i) evidenza storika tal-wisgħa u l-fond tas-suq kif muri mill-firxiet baxxi bejn it-talba u l-offerta, volum għoli ta' nnegozjar u għadd kbir ta' parteċipanti tas-suq;

(ii) il-preżenza ta' infrastruttura soda tas-suq;

(c) il-pożizzjoni hija fl-aktar segment jew segmenti ta' titolizzazzjoni superjuri u għandha dejjem l-ogħla livell ta' superjorità matul il-ħajja kontinwa tat-tranżazzjoni. għal dawn il-finijiet, segment jitqies l-aktar superjuri meta wara l-għoti ta' avviż ta' infurzar u, fejn applikabbli, avviż ta' aċċelerazzjoni, is-segment ma jkunx subordinat għal segmenti o ħrajn tal-istess tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni jew skema fir-rigward tar-riċevuta ta' pagamenti prinċipali u tal-imgħax, mingħajr ma jitqiesu l-ammonti dovuti taħt kuntratti derivati minn rati tal-imgħax jew muniti, tariffi jew pagamenti oħrajn simili;

(d) l-iskoperturi sottostanti nxtraw mill-entità b'għan speċjali ta' titolizzazzjoni (SSPE) fit-tifsira tal-Artikolu 4(1)(66) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 b'mod infurzabbli kontra kwalunkwe parti terza u mhumiex affordabbli għall-bejjiegħ (oriġinatur, sponsor jew mutwatarju oriġinali) u l-krediturі tiegħu lanqas f'każ ta' insolvenza tal-bejjiegħ;

(e) it-trasferiment tal-iskoperturi sottostanti għall-SSPE ma jistgħux jiġu suġġetti għal xi dispożizzjoni ta' rkupru severa f'ġurisdizzjoni fejn il-bejjiegħ (oriġinatur, sponser jew mutwanti oriġinali) ikun inkorporat; dan jinkludi, iżda mhuwiex limitat, għal dispożizzjonijiet li bihom il-bejgħ tal-iskoperturi sottostanti jista' jiġi invalidat mil-likwidatur tal-bejjiegħ (oriġinatur, sponsor jew mutwatarju oriġinali) fuq il-bażi unika li ġie konkluż f'ċertu perjodu qabel id-dikjarazzjoni tal-insolvenza tal-bejjiegħ jew dispożizzjonijiet li bihom l-SSPE tista' tipprevjeni t-tali invalidazzjoni biss jekk kapaċi turi li ma kinitx taf bl-insolvenza tal-bejjiegħ fil-waqt tal-bejgħ;

(f) l-iskoperturi sottostanti għandhom l-amministrazzjoni tagħhom irregolata bi ftehim dwar servizzi li jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità tas-servizz biex jiżguraw, bħala minimu, li inadempjenza jew insolvenza tas-serviser ma tirriżultax fi tmiem is-servizz;

(g) id-dokumentazzjoni li tirregola t-titolizzazzjoni tinkludi dispożizzjonijiet dwar kontinwità biex jiżguraw, bħala minimu, is-sostituzzjoni tal-kontropartijiet derivattivi u tal-forniturі ta' likwidità malli jsiru inadempjenti jew insolventi, fejn applikabbli;

(h) il-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni hija garantita minn pula ta' skoperturi sottostanti omoġenji, li kollha jappartjenu għal waħda biss mill-kategoriji li ġejjin, jew minn pula ta' skoperturi sottostanti omoġenji li tgħaqqad is-self residenzjali msemmi fil-punti (i) u (ii):

(i) self residenzjali garantit b'ipoteka tal-ewwel grad mogħtija lil individwi għall-akkwist tar-residenza prinċipali tagħhom, dejjem jekk waħda miż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu:

— is-self fil-pula jilħaq bħala medja r-rekwiżit tal-proporzjon bejn il-valur tas-self u dak tal-garanzija stabbilit fil-punt (i) tal-Artikolu 129(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

— il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru minn fejn oriġina s-self tipprevedi limitu tal-proporzjon bejn il-valur tas-self u dak tal-introjtu fuq l-ammont li obbligant jista' jissellef f'self residenzjali, u dan l-Istat Membru jkun innotifika din il-liġi lill-Kummissjoni u lill-EIOPA. Il-limitu tal-proporzjon bejn il-valur tas-self u dak tal-introjtu jkun iċkkalkulat fuq l-introjtu gross annwali tal-obbligant, filwaqt li jitqiesu l-obbligi tat-taxxa u l-impenji l-oħra tal-obbligant, kif ukoll ir-riskju rigward il-bidliet fir-rati tal-imgħax matul il-perjodu tas-self. Għal kull self residenzjali fil-pula, il-perċentwal tal-introjtu gross tal-obbligant li jista' jintuża għas-servizz tas-self, inkluži l-imgħax, il-kapital u l-pagamenti ta' tariffi, ma jkunx jaqbeż il-45 %.

(ii) self residenzjali garantit b'mod sħiħ imsemmi fl-Artikolu 129(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, diment li s-self jissodisfa r-rekwiżiti ta' kollateralizzazzjoni stabbiliti f'dan il-paragrafu u fuq medja jissodisfa r-rekwiżit tal-proporzjon bejn is-self u l-valur stabbilit fil-punt (i) tal-Artikolu 129(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iii) self kummerċjali, lokazzjonijiet u faċilitajiet ta' kreditu għal impriżi biex jiffinanzjaw nefqiet kapitali jew operazzjonijiet kummerċjali apparti mill-akkwist jew l-iżvilupp ta' proprjetà immobbli kummerċjali, diment li tal-inqas 80 % tal-mutwatarji fil-pula f'termini ta' bilanċ tal-portafoll ikunu impriżi żgħar u medji fi żmien il-ħruġ tat-titolizzazzjoni, u l-ebda wieħed mill-mutwatarji ma jkun isttiuzzjoni kif iddefinita fl-Artikolu 4(1)(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iv) self u lokazzjonijiet għal karozzi għall-finanzjament ta' vetturi bil-mutur jew il-karrijiet tagħhom kif definiti fil-punti (11) u (12) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresti kif imsemmi fid-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), muturi jew triċikli kif definiti fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jew vetturi bil-katina kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2007/46/KE. Tali self jew lokazzjonijiet jistgħu jinkludu assigurazzjoni anċillari u prodotti tas-servizz jew partijiet addizzjonali tal-veikolu, u fil-każ ta' lokazzjonijiet, il-valur residwu tal-vetturi mikrija. Is-self u l-lokazzjonijiet kollha fil-pula jkunu assigurati bi ħlas jew titolu tal-ogħla grad fuq il-vettura jew garanzija xierqa favur l-SSPE, bħal provvediment ta' ritensjoni tat-titlu;

(v) self u faċilitajiet ta' kreditu għal individwi għal skopijiet personali, tal-familja jew ta' konsum domestiku;

(i) il-pożizzjoni mhiex rititolizzazzjoni jew titolizzazzjoni sintetika kif imsemmi fl- Artikolu 242(11) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(j) l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux l-istrumenti finanzjarji trasferibbli jew id-derivattivi, ħlief l-istrumenti finanzjarji maħruġa mill-SSPE stess jew minn partijiet oħrajn fi ħdan l-istruttura ta' titolizzazzjoni u d-derivattivi użati sabiex jipprovdu ħeġġ kontra r-riskju tal-valuta u r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;

(k) fil-waqt tal-ħruġ tat-titolizzazzjoni jew meta jkunu inkorporati fil-pula ta' skoperturi sottostanti fi kwalunkwe waqt wara l-ħruġ, l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux skoperturi lil debituri indeboliti fil-kreditu (jew fejn applikabbli, garanti indeboliti fil-kreditu), meta debitur indebolit fil-kreditu (jew garanti indebolit fil-kreditu) jkun mutwatarju (jew garanti) li:

(i) iddikjara falliment, qabel mal-krediturі tiegħu fuq tħassir jew riskedar tad-dejn jew li l-krediturі tiegħu ngħataw dritt ta' infurzar jew danni materjali minn qorti minħabba pagament li ma sarx fi żmien tliet snin qabel id-data tal-bidu;

(ii) huwa fuq reġistru uffiċjali ta' persuni b'imgħoddi kreditizju avvers;

(iii) għandu valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI jew għandu punteġġ tal-kreditu li jindika riskju notevoli li mhumiex se jsiru pagamenti maqbulin b'kuntratt meta mqabbel mad-debitur medju għal dan it-tip ta' self fil-ġuriżdizzjoni rilevanti.

(l) fil-waqt tal-ħruġ tat-titolizzazzjoni jew meta jkun inkorporat fil-pula ta' skoperturi sottostanti fi kwalunkwe waqt wara l-ħruġ, l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux skoperturi inadempjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(m) ir-ripagament tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhiex strutturata biex tiddependu, b'mod prevalenti, fuq il-bejgħ ta' assi li jassiguraw l-iskoperturi sottostanti; madankollu, dan ma jwaqqafx tali skoperturi milli jkunu sussegwentement im ġeddin jew iffinanzjati mill-ġdid.

(n) meta t-titolizzazzjoni tkun ġiet stabbilita mingħajr perjodu ċirkolanti jew il-perjodu ċirkolanti jkun intemm u meta jkun ingħata avviż ta' infurzar jew ta' tħaffif, ir-rikavati ta' prinċipal mill-iskoperturi sottostanti jingħaddu lid-detenturi tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni permezz ta' amortizzazzjoni sekwenzjali tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u l-ebda ammont sostanzjali ta' flus kontanti ma jinqabad fl-SSPE f'kull data ta' pagament;

(o) meta t-titolizzazzjoni tkun ġiet stabbilita b'perjodu ċirkolanti, id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tipprovdi għal eventi xierqa ta' ammortizzazzjoni bikrija, li għandhom jinkludu bħala minimu dawn kollha li ġejjin:

(i) degradazzjoni fil-kwalità kreditizja tal-iskoperturi sottostanti;

([1]) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u r-revoka tad-Direttiva 74/150/KEE (ĠU L 171, 9.7.2003, p. 1–80).

([3]) Id-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE (ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1-44).

(ii) nuqqas milli jiġu ġġenerati skoperturi sottostanti ġodda suffiċjenti ta' mill-inqas kwalità tal-kreditu simili;

(iii) l-okkorrenza ta' event relatat ma' insolvenza fir-rigward tal-oriġinatur jew tas-serviser;

(p) meta tinħareġ it-titolizzazzjoni, il-mutwatarji (jew, fejn applikabbli, il-garanti) jkunu għamlu mill-inqas pagament wieħed, ħlief meta t-titolizzazzjoni hija sostnuta mill-faċilitajiet ta' kreditu msemmija fil-punt (h)(v) ta' dan il-paragrafu;

(q) fil-każ ta' titolizzazzjonijiet li fihom l-iskoperturi sottostanti jkunu self residenzjali msemmi fil-punt (h)(i) jew (ii), il-pula ta' self ma tinkludix xi self li tqiegħed fis-suq u ġie sottoskritt bil-kundizzjoni li l-applikant għas-self jew, meta applikabbli l-intermedjarji, ġew mgħarrfin li t-tagħrif ipprovdut ma setax jiġi vverifikat mill-mutwanti;

(r) fil-każ ta' titolizzazzjonijiet meta l-iskoperturi sottostanti jkunu self residenzjali msemmi fil-punt (h)(i) jew (ii), il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 sa 4, 5(a), u 6 tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jew rekwiżiti ekwivalenti f'pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni;

(s) fil-każ ta' titolizzazzjonijiet meta l-iskoperturi sottostanti jkunu self u lokazzjonijiet fuq il-karozzi jew self għall-konsumaturi u faċilitajiet ta' kreditu imsemmija fil-punt (h)(v) ta' dan il-paragrafu, il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] jew rekwiżiti ekwivalenti f'pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni;

(t) meta l-emittent, l-oriġinatur jew l-isponsor tat-titolizzazzjoni jkun stabbilit fl-Unjoni, jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti Ħamsa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u jiżvela informazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 8b tar-Regolament (UE) Nru 1060/2009, fuq il-kwalità kreditizja u l-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti, l-istruttura tat-tranżazzjoni, il-flussi tal-flus u kwalunkwe kollateral li jsostni l-iskoperturi kif ukoll kwalunkwe informazzjoni meħtieġa sabiex l-investituri jwettqu testijiet tal-istress komprensivi u informati sew; meta l-emittent, l-oriġinatur u l-isponsors ikunu stabbiliti barra l-Unjoni, dejta komprensiva fil-livell tas-self b'konformità mal-istandards ġeneralment aċċettati mill-parteċipanti fis-suq titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' investituri u regolaturi potenzjali u eżistenti mal-ħruġ fuq bażi regolari.

3. Pożizzjonijiet ta' titolizzazjoni tat-tip 2 jinkludu l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kollha li ma jikkwalifikawx bħala pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tat-tip 1.

4. Minkejja l-paragrafu 2, titolizzazzjonijiet li nħarġu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jikkwalifikaw bħala tat-tip 1 jekk jissodisfaw biss ir-rekwiżiti stipulati fil-punti (a), (c), (d), (h), (i) u (j) tal-paragrafu 2. F'każ fejn l-iskoperturi sottostanti huma self residenzjali msemmi fil-punt (h)(i) tal-paragrafu 2, l-ebda waħda miż-żewġ kundizzjonijiet fuq il-proporzjonijiet tas-selfa mal-valur u s-selfa mal-introjtu stipulata f'dak il-punt japplikaw għal dawk it-titolizzazzjonijiet.

5. Minkejja l-paragrafu 2, pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fejn l-iskoperturi sottostanti huma self residenzjali msemmija fil-punt (h)(i) tal-paragrafu 2 li ma jissodisfawx ir-rekwiżit medju tas-self mal-valur u lanqas ir-rekwiżit tas-self mal-introjru stipulat f'dak il-punt, tikkwalifika bħala pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tat-Tip 1 sal-31 ta' Diċembru 2025, sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) it-titolizzazzjoni ngħatat wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(b) l-iskoperturi sottostanti jinkludu self residenzjali li ngħataw lil obbliganti qabel l-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali li tipprovdi għal limitu ta' self skont l-introjtu.

(c) l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux self residenzjali li ngħata lil obbliganti wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li ma jikkonformax mar-rekwiżit tas-self skont l-introjtu kif imsemmi fil-punt (h)(i) tal-paragrafu 2.

---

[1] Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2014, ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34.

Valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral

1. Il-valur aġġustat għar-riskju tal-kollateral ipprovdut permezz ta' titolu, kif imsemmi fl-Artikolu 1(26)(b), jkun daqs id-differenza bejn il-valur tal-assi miżmumin bħala kollateral, ivvalutati b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, u l-aġġustament għar-riskju tas-suq, kif imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, diment li jkunu ssodisfati ż-żewġ rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha (jew hija benefiċjarju ta' trust li fiha fiduċjarju għandu) id-dritt li tillikwida jew iżżomm, b'mod tempestiv, il-kollateral fil-każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment jew event ta' kreditu ieħor marbut mal-kontroparti (ir-rekwiżit ta' kontroparti);

(b) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha (jew hija benefiċjarju ta' trust li fiha fiduċjarju għandu) id-dritt li tillikwida jew iżżomm, b'mod tempestiv, il-kollateral fil-każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment jew event ta' kreditu ieħor marbut mal-kustodju jew parti terza oħra li qed iżżomm il-kollateral f'isem il-kontroparti (ir-rekwiżit ta' parti terza).

2. Meta jkun issodisfat ir-rekwiżit tal-kontroparti u l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 214 ta' dan ir-Regolament u ma jkunx issodisfat ir-rekwiżit tal-parti terza, il-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral ipprovdut permezz ta' titolu, kif imsemmi fl-Artikolu 1(26)(b) ta' dan ir-Regolament, ikun ta' 90 % tad-differenza bejn il-valur tal-assi miżmumin bħala kollateral b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE u l-aġġustament għar-riskju tas-suq, kif imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

3. Meta ma jkunx issodisfat ir-rekwiżit tal-kontroparti jew ma jkunux issodisfati r-rekwiżiti fl-Artikolu 214, il-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral ipprovdut permezz ta' titolu, kif imsemmi fl-Artikolu 1(26)(b), ikun żero.

4. Il-valur aġġustat għar-riskju ta' kollateral li tiġi ttrasferita s-sjieda sħiħa tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 1(26)(a) ta' dan ir-Regolament, ikun daqs id-differenza bejn il-valur tal-assi miżmumin bħala kollateral, ivvalutati b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, u l-aġġustament għar-riskju tas-suq, kif imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, diment li jkunu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikolu 214 ta' dan ir-Regolament.

5. L-aġġustament għar-riskju tas-suq huwa d-differenza bejn ir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għar-riskju tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li kien japplika li kieku l-assi miżmumin bħala kollateral ma kinux inklużi fil-kalkolu;

(b) ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għar-riskju tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li kien japplika li kieku l-assi miżmumin bħala kollateral kienu inklużi fil-kalkolu.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, ir-riskju tal-munita tal-assi miżmumin bħala kollateral jiġi kkalkulat billi titqabbel il-munita tal-assi miżmumin bħala kollateral kontra l-munita tal-iskopertura korrispondenti.

7. Meta fil-każ ta' insolvenza tal-kontroparti, is-sejbien tas-sehem proporzjonali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-beni ta' insolvenza tal-kontroparti li jaqbżu l-kollateral ma jqisx li l-impriża tirċievi l-kollateral, kemm il-fatturi *F* kif ukoll *F'* imsemmijin fl-Artikolu 192(2) u (3) ikunu 100 %. Fil-każijiet kollha l-oħrajn, dawn il-fatturi ikunu 50 % u 90 % rispettivament.

Artikolu 198

Valur aġġustat għar-riskju ta' ipoteka

1. Il-valur aġġustat għar-riskju ta' ipoteka jkun daqs id-differenza bejn il-valur tal-proprjetà residenzjali miżmuma bħala ipoteka, ivvalutata skont il-paragrafu 2, u l-aġġustament għar-riskju tas-suq, kif imsemmi fil-paragrafu 3.

2. Il-valur tal-proprjetà residenzjali miżmuma bħala ipoteka jkun il-valur tas-suq imnaqqas kif xieraq biex ikunu riflessi r-riżultati tal-monitoraġġ meħtieġ skont l-Artikolu 191(9) u (10) ta' dan ir-Regolament u sabiex tingħata kunsiderazzjoni lil kwalunkwe pretensjoni preċedenti fuq il-proprjetà. Il-valutazzjoni esterna u indipendenti tal-proprjetà tkun daqs il-valur tas-suq jew inqas ikkalkulat b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. L-aġġustament għar-riskju tas-suq imsemmi fil-paragrafu 1 ikun id-differenza bejn ir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għar-riskju tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jkun japplika li kieku l-proprjetà residenzjali miżuma bħala ipoteka ma kinitx inkluża fil-kalkolu;

(b) ir-rekwiżit kapitali ipotetiku għar-riskju tas-suq tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jkun japplika li kieku l-proprjetà residenzjali miżmuma bħala ipoteka kienet inkluża fil-kalkolu.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, ir-riskju tal-munita tal-proprjetà residenzjali miżmuma bħala ipoteka għandu jiġi kkalkulat billi titqabbel il-munita tal-proprjetà residenzjali mal-munita tas-self korrispondenti.

Subtaqsima 2

Skoperturi tat-tip 1

Artikolu 199

Probabilità tal-inadempjenza

1. Il-probabilità tal-inadempjenza fuq skopertura b'isem wieħed tkun daqs il-medja tal-probabilitajiet tal-inadempjenza fuq kull waħda mill-iskoperturi għall-kontropartijiet li jappartjenu għall-iskopertura b'isem wieħed, ponderata skont it-telf fil-każ ta' inadempjenza fir-rigward ta' dawk l-iskoperturi.

2. Skopertura b'isem wieħed i li għaliha hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata tiġi assenjata probabilità tal-inadempjenza PD_i skont it-tabella li ġejja.

Skala tal-kwalità kreditizja	0	1	2	3	4	5	6
Probabbiltà ta' inadempjenza PD_i	0,002 %	0,01 %	0,05 %	0,24 %	1,20 %	4,2 %	4,2 %

3. Skoperturi b'isem wieħed i għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li għaliha ma hemmx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u meta din l-impriża tissodisfa r-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha, jiġu assenjati probabilità tal-inadempjenza PD_i skont il-proporzjon ta' solvenza tal-impriża, skont it-tabella li ġejja:

Proporzjon ta' solvenza	196 %	175 %	150 %	125 %	122 %	100 %	95 %	75 %
Probabilità tal-inadempjenza	0,01 %	0,05 %	0,1 %	0,2 %	0,24 %	0,5 %	1,2 %	4,2 %

Meta l-proporzjon ta' solvenza jaqa' bejn il-proporzjoni ta' solvenza speċifikati fit-tabella ta' hawn fuq, il-valur tal-probabilità tal-inadempjenza jiġi interpolat b'mod lineari mill-eqreb valuri ta' probabbiltajiet ta' inadempjenza li jikkorrispondu għall-eqreb proporzjoni ta' solvenza speċifikati fit-tabella ta' hawn fuq. Meta l-proporzjon ta' solvenza jkun inqas minn 75 %, il-probabilità tal-inadempjenza tkun 4,2 %. Meta l-proporzjon ta' solvenza jkun ogħla minn 196 %, l-probabilità tal-inadempjenza tkun 0,01 %.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "proporzjon ta' solvenza" tirrappreżenta l-proporzjon tal-ammont eliġibbli ta' fondi proprji biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, billi jintużaw l-aħħar valuri disponibbli.

4. Skoperturi għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ma tissodisfax ir-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha jiġu assenjati probabilità tal-inadempjenza ta' 4,2 %.

5. Il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu japplikaw biss mill-ewwel data ta' divulgazzjoni pubblika, mill-impriża korrispondenti għall-iskopertura, tar-rapport fuq il-qagħda finanzjarja u tas-solvenza tagħha msemmija fl-Artikolu 51 tad-Direttiva 2009/138/KE. Qabel dik id-data, jekk valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata tkun disponibbli għall-iskoperturi, japplika l-paragrafu 2. Inkella, l-iskoperturi jiġu assenjati l-istess fattur ta' riskju bħal dawk li jirriżultaw meta jiġi applikat il-paragrafu 3 għal skoperturi għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni bi proporzjon ta' solvenza ta' 100 %.

6. Skoperturi għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni minn pajjiż terz li għaliha ma hemmx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, li tinsab f'pajjiż b'reġim tas-solvenza meqjus ekwivalenti għal dak stabbilit fid-Direttiva 2009/138/KE b'konformità mal-Artikolu 227 tad-Direttiva 2009/138/KE, u li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz, jiġu assenjati probabilità tal-inadempjenza ta' 0,5 %.

7. Skoperturi għal istituzzjonijiet tal-kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji skont it-tifsira tal-punti (1) u (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' solvenza stipulati fid-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013, li għaliha ma hemmx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, jiġu assenjati probabilità tal-inadempjenza ta' 0,5 %.

8. Skoperturi għal kontropartijiet imsemmijin fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 180(2) jiġu assenjati probabilità tal-inadempjenza ta' 0 %.

9. Il-probabilità tal-inadempjenza fuq skoperturi b'isem wieħed minbarra dawk identifikati fil-paragrafi 2 sa 8 tkun ta' 4,2 %.

10. Meta jiġu pprovduti ittra ta' kreditu, garanzija jew arranġament ekwivalenti biex jiggarantixxu bis-sħiħ skopertura u dan l-arranġament jikkonforma mal-Artikoli 209 sa 215, il-fornitur ta' dawk l-ittra ta' kreditu, garanzija jew arranġament ekwivalenti jista' jitqies bħala kontroparti fuq l-iskopertura ggarantita għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-probabilità tal-inadempjenza ta' skopertura b'isem wieħed.

11. Għall-finijiet tal-paragrafu 10, skoperturi ggarnatiti, b'mod sħiħ, irrevokabbli u mingħajr kundizzjonijiet minn kontropartijiet elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-punt a tal-Artikolu 109a(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jitqiesu bħala skoperturi għall-gvern ċentrali.

Artikolu 200

Skoperturi tat-tip 1

1. Meta d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1 tkun ta' 7 % jew inqas tat-telf totali fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 1, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1 jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{def,1} = 3 \cdot \sigma$$

fejn σ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1, kif iddefinit fil-paragrafu 4.

2. Meta d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1 tkun ogħla minn 7 % tat-telf totali fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 1 u tkun 20 % jew inqas tat-telf totali fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 1, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1 jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{def,1} = 5 \cdot \sigma$$

fejn σ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf tal-iskoperturi tat-tip 1.

3. Meta d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1 tkun ogħla minn 20 % tat-telf totali fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 1, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1 ikun daqs l-inadempjenza totali fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 1.

4. Id-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1 tiġi kkalkulata kif ġej:

$$\sigma = \sqrt{V}$$

fejn V tirrappreżenta l-varjanza tad-distribuzzjoni tat-telf tal-iskoperturi tat-tip 1.

Artikolu 201

Varjanza tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1

1. Il-varjanza tad-distribuzzjoni tat-telf ta' skoperturi tat-tip 1 kif imsemmi fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 200 tkun daqs is-somma ta' V_{inter} u V_{intra}.

2. V_{inter} tiġi kkalkulata kif ġej:

$$V_{inter} = \sum_{(j,k)} \frac{PD_k \cdot (1 - PD_k) \cdot PD_j \cdot (1 - PD_j)}{1{,}25 \cdot (PD_k + PD_j) - PD_k \cdot PD_j} \cdot TLGD_j \cdot TLGD_k$$

fejn:

(a) is-somma tkopri t-taħlitiet kollha possibbli *(j,k)* ta' probabilitajiet differenti ta' inadempjenza fuq skoperturi b'isem wieħed b'konformità mal-Artikolu 199;

(b) $TLGD_j$ u $TLGD_k$ jirrappreżentaw is-somma ta' telf fil-każ ta' inadempjenza fuq skoperturi tat-tip 1 minn kontropartijiet bi probabilità tal-inadempjenza PD_j u PD_k rispettivament.

3. V_{intra}. tiġi kkalkulata kif ġej:

$$V_{intra} = \sum_{j} \frac{1{,}5 \cdot PD_j \cdot (1 - PD_j)}{2{,}5 - PD_j} \cdot \sum_{PD_j} LGD_i^2$$

fejn:

(a) l-ewwel somma tkopri l-probabilitajiet differenti kollha ta' inadempjenza fuq skoperturi b'isem wieħed b'konformità mal-Artikolu 199;

(b) it-tieni somma tkopri l-iskoperturi kollha b'isem wieħed bi probabilità tal-inadempjenza ta' PD_j;

(c) LGD_i. tirrappreżenta t-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskopertura b'isem wieħed *i*.

Subtaqsima 3

Skoperturi tat-tip 2

Artikolu 202

Skoperturi tat-tip 2

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 2 ikun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa fil-valur tal-iskoperturi tat-tip 2 bl-ammont li ġej:

$$90\% \cdot LGD_{receivables>3months} + \sum_{i} 15\% \cdot LGD_i$$

fejn:

(a) $LGD_{receivables\ >\ 3months}$ tirrappreżenta t-telf totali fil-każ ta' inadempjenza fuq ir-riċevibbli kollha minn intermedjarji li ilhom dovuti iktar minn tliet xhur

(b) is-somma tittieħed fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 2 minbarra riċevibbli minn intermedjarji li ilhom dovuti iktar minn tliet xhur;

(c) LGD_i tirrappreżenta t-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskopertura tat-tip 2 *i*.

TAQSIMA 7

Modulu ta' assi intanġibbli

Artikolu 203

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' assi intanġibbli jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{intangible} = 0{,}8 \cdot V_{intangible}$$

fejn $V_{intangibles}$ tirrappreżenta l-ammont ta' assi intanġibbli kif rikonoxxuti u vvalutati skont il-punt 2 tal-Artikolu 12.

TAQSIMA 8

Riskju operazzjonali

Artikolu 204

1. Ir-rekwiżit kapitali għall-modulu tar-riskju operazzjonali jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SCR_{Operational} = \min(0{,}3 \cdot BSCR;Op) + 0{,}25 \cdot Exp_{ul}$$

fejn:

(a) *BSCR* tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza;

(b) *Op* tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali bażiku għall-imposta għar-riskju operazzjonali;

(c) Exp_{ul} tirrappreżenta l-ammont ta' spejjeż imġarrba tul it-12-il xahar ta' qabel fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni tal-ħajja li fihom ir-riskju tal-investiment jiġġarrab mid-detenturi ta' polza.

2. Ir-rekwiżit kapitali bażiku għar-riskju operazzjonali jiġi kkalkulat kif ġej:

$$Op = \max(Op_{premiums};Op_{provisions})$$

fejn:

(a) $Op_{premiums}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskji operazzjonali msejsin fuq primjums iggwadanjati;

(b) $Op_{provisions}$ tirrappreżenta r-rekwiżit kapitali għar-riskji operazzjonali msejsin fuq provvedimenti tekniċi.

3. Ir-rekwiżit kapitali għal riskji operazzjonali msejsin fuq primjums iggwadanjati jiġi kkalkulat kif ġej:

$$Op_{premiums} = \begin{cases} 0{,}04 \cdot (Earn_{life} - Earn_{life-ul}) + 0{,}03 \cdot Earn_{non-life} \\ + \max(0;0{,}04 \cdot (Earn_{life} - 1{,}2 \cdot pEarn_{life} - (Earn_{life-ul} - 1{,}2 \cdot pEarn_{life-ul}))) \\ + \max(0;0{,}03 \cdot (Earn_{non-life} - 1{,}2 \cdot pEarn_{non-life})) \end{cases}$$

fejn:

(a) $Earn_{life}$ tirrappreżenta l-primjums iggwadanjati tul l-aħħar 12-il xahar għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja, mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(b) $Earn_{life-ul}$ tirrappreżenta l-primjums iggwadanjati matul l-aħħar 12-il xahar għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja meta r-riskju tal-investiment jiġġarrab mid-detenturi ta' polza mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(c) $Earn_{non-life}$ tirrappreżenta l-primjums iggwadanjati tul l-aħħar 12-il xahar għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja, mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(d) $pEarn_{life}$ tirrappreżenta l-primjums iggwadanjati tul it-12-il xahar ta' qabel l-aħħar 12-il xahar għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja, mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(e) $pEarn_{life-ul}$ tirrappreżenta l-primjums iggwadanjati tul it-12-il xahar ta' qabel l-aħħar 12-il xahar għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja meta r-riskju tal-investiment jiġġarrab mid-detenturi ta' polza mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni;

(f) $pEarn_{non-life}$ tirrappreżenta l-primjum iggwadanjat matul it-12-il xahar ta' qabel l-aħħar 12-il xahar għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja, mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-primjums iggwadanjati Jkunu gross, mingħajr ma jitnaqqsu l-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni.

4. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju operazzjonali msejjes fuq provvedimenti tekniċi jiġi kkalkulat kif ġej:

$$Op_{provisions} = 0{,}0045 \cdot \max(0; TP_{life} - TP_{life\text{-}ul}) + 0{,}03 \cdot \max(0; TP_{non\text{-}life})$$

fejn:

(a) TP_{life} tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja;

(b) $TP_{life\text{-}ul}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi għal obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja meta r-riskju tal-investiment jiġġarrab mid-detenturi ta' polza;

(c) $TP_{non\text{-}life}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-provvedimenti tekniċi ma jinkludux il-marġni ta' riskju, u jiġu kkalkulati mingħajr it-tnaqqis tar-rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali.

TAQSIMA 9

Adjustment for the loss-absorbing capacity of technical provisions and deferred taxes

Artikolu 205

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-aġġustament imsemmi fl-Artikolu 103(c) tad-Direttiva 2009/138/KE għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u taxxi differiti jkun is-somma tal-entrati li ġejjin:

(a) l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi;

(b) l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti.

Artikolu 206

Aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tal-kapaċità tal-provvedimenti tekniċi

1. L-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi jiġi kkalkulat kif ġej:

$$Adj_{TP} = -\max(\min(BSCR - nBSCR; FDB); 0)$$

fejn:

(a) *BSCR* tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza msemmi fl-Artikolu 103(a) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) *nBSCR* tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Bażiku nett tas-Solvenza kif imemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(c) *FDB* tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju b'rabta mal-benefiċċji diskrezzjonali futuri

2. Ir-Rekwiżit Kapitali Bażiku nett tas-Solvenza jiġi kkalkulat skont it-Taqsima 1, Subtaqsima 1 sa 7 tal-Kapitolu V bil-modifiki li ġejjin kollha:

(a) meta l-kalkolu ta' modulu jew submodulu tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza jkun imsejjes fuq l-impatt ta' xenarju fuq il-fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, ix-xenarju jista' jibdel il-valur tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri inklużi fil-provvedimenti tekniċi;

(b) il-kalkoli bbażati fuq ix-xenarju tal-modulu ta' riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja, is-submodulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa SLT, is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa, il-modulu tar-riskju tas-suq u l-modulu tar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti kif ukoll il-kalkolu msejjes fuq ix-xenarju stipulat fil-punti (c) u (d) iqis l-impatt tax-xenarju fuq benefiċċji diskrezzjonali futuri inklużi fil-provvedimenti tekniċi; dan isir fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet fuq azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni li jikkonformaw mal-Arikolu 23;

(c) minflok ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1 imsemmi fl-Artikolu 189(1), il-kalkolu jkun imsejjes fuq ir-rekwiżit kapitali li huwa daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn telf f'daqqa, minħabba event ta' inadempjenza marbutin ma' skoperturi tat-tip 1, tal-ammont tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1 imsemmi fl-Artikolu 189(1);

(d) meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw kalkolu ssimplifikat għal rekwiżit kapitali speċifiku kif stipulat fl-Artikoli 91, 92, 93, 94, 95(1), 95(2), 96, 101, 103(1)(a), 103(1)(b) jew 104 l-impriżi jsejsu l-kalkolu fuq ir-rekwiżit kapitali li huwa daqs it-telf f'fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn telf f'daqqa tal-ammont tar-rekwiżit kapitali msemmi fl-Artikolu rilevanti u jassumu li t-telf f'daqqa huwa dovut għar-riskju kopert mir-rekwiżit kapitali msemmi f'dak l-Artikolu;

3. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 2, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jqisu kwalunkwe restrizzjoni legali, regolatorja jew kuntrattwali fid-distribuzzjoni ta' benefiċċji diskrezzjonali futuri.

Artikolu 207

Aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti

1. L-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti jkun daqs il-bidla fil-valur tat-taxxi differiti tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta minn telf f'daqqa ta' ammont li huwa daqs is-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) ir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza msemmi fl-Artikolu 103(a) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi msemmi fl-Artikolu 206 ta' dan ir-Regolament;

(c) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju operazzjonali msemmi fl-Artikolu 103(b) tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, it-taxxi differiti jiġu vvalutati b'konformità mal-Artikolu 15. Meta t-telf imsemmi fil-paragrafu 1 jirriżulta fiż-żieda fl-assi tat-taxxa differita, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jużawx din iż-żieda għall-finijiet tal-aġġustament sakemm ma jkunux kapaċi juru li l-profitti fil-ġejjieni se jkunu disponibbli b'konformità mal-Artikolu 15(3), filwaqt li jitqies il-kobor tat-telf imsemmi fil-paragrafu 1 u l-impatt tiegħu fuq il-qagħda finanzjarja attwali u futura tal-impriża.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, tnaqqis fl-obbligazzjonijiet tat-taxxa differita jew żieda fl-assi tat-taxxa differita jirriżultaw f'aġġusament negattiv għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti.

4. Meta l-kalkolu tal-aġġustament skont il-paragrafu 1 jirriżulta f'bidla pożittiva tat-taxxi differiti, l-aġġustament ikun żero.

5. Meta jkun hemm bżonn li jiġi allokat it-telf imsemmi fil-paragrafu 1 għall-kawżi tiegħu sabiex jiġi kkalkulat l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jallokaw it-telf lir-riskju li huma koperti mir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza u r-rekwiżit kapitali għar-riskju operazzjonali. L-allokazzjoni tkun konsistenti mal-kontribuzzjoni tal-moduli u s-submoduli tal-formula standard għar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tuża mudell intern parzjali li fih l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u taxxi differiti ma jkunx fl-ambitu tal-mudell, l-allokazzjoni tkun konsistenti mal-kontribuzzjoni tal-moduli u s-submoduli tal-formula standard li jaqgħu barra l-ambitu tal-mudell għar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza.

TAQSIMA 10

Tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju

Artikolu 208

Metodi u Suppożizzjonijiet

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jittrasferixxu riskji ta' sottoskrizzjoni billi jużaw kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 209, 211 u 213, u meta dawn l-arranġamenti jipprovdu għall-protezzjoni f'diversi kalkoli msejsin fuq xenarju stipulati fit-Titolu I, Kapitolu V, Taqsima 2, 3 u 4, l-effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' dawn l-arranġamenti kuntrattwali jiġu allokati għall-istess kalkoli msejsin fuq xenarju b'tali mod li, mingħajr għadd doppju, ikopri l-effett ekonomiku tal-protezzjonijiet ipprovduti. B'mod

partikolari, l-effett ekonomiku tal-protezzjonijiet ipprovduti jkun kopert meta jiġi biex jinstab it-telf f'fondi proprji bażiċi fil-kalkoli msejsin fuq xenarju.

2. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jittrasferixxu riskji ta' sottoskrizzjoni billi jużaw riassigurazzjoni finita, kif iddefinit fl-Artikolu 210(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 209, 211 u 213 ta' dan ir-Regolament, dawn il-kuntratti jiġu rikonoxxuti fil-kalkoli msejsin fuq xenarji stipulati fit-Titolu I, Kapitolu V, Taqsima 2, 3 u 4 ta' dan ir-Regolament biss sakemm ir-riskju ta' sottoskrizzjoni jiġi ttrasferit lill-kontroparti tal-kuntratt. Minkejja s-sentenza ta' qabel, riassigurazzjoni finita, jew arranġamenti simili, meta n-nuqqas ta' trasferiment ta' riskju effettiv ikun paragunabbli għal dak ta' riassigurazzjoni finita, ma tiġix ikkunsiderata għall-finijiet li jinstabu d-daqsijiet tal-volum għar-riskju ta' primjum u riżerva skont l-Artikoli 116 u 147 ta' dan ir-Regolament, jew għall-finijiet ta' kakolu ta' parametri speċifiċi għall-impriża skont it-Taqsima 13 ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 209

Kriterji Kwalitattivi

1. Meta jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jqisu biss tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 101(5) tad-Direttiva 2009/138/KE meta jkunu ssodisfati l-kriterji kwalitattivi kollha li ġejjin:

(a) l-arranġamenti kuntrattwali u t-trasferiment ta' riskju huma legalment effettivi u infurzabbli fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti kollha;

(b) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ħadet il-passi xierqa kollha biex tiżgura l-effettività tal-arranġament u biex tindirizza r-riskji marbutin ma' dak l-arranġament;

(c) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni kapaċi tissorvelja l-effettività tal-arranġament u r-riskji relatati fuq bażi kontinwa;

(d) fil-każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment ta' kontroparti jew event tal-kreditu ieħor stipulat fid-dokument tat-tranżazzjoni għall-arranġament, l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha pretensjoni diretta fuq dik il-kontroparti;

(e) ma hemm ebda għadd doppju tal-effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju f'fondi proprji u fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

2. Tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju li huma fis-seħħ għal tal-inqas it-12-il xahar li jmiss u li jissodisfaw il-kriterji kwalitattivi stipulati f'din it-Taqsima biss jittieħdu f'kunsiderazzjoni bis-sħiħ fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza. Fil-każijiet kollha l-oħrajn, l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju li huma fis-seħħ għal perjodu iqsar minn 12-il xahar u li jissodisfaw il-kriterji kwalitattivi stipulati f'din it-Taqsima jittieħdu f'kunsiderazzjoni fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza b'mod proporzjonat għat-tul ta' żmien involut għall-iqsar wieħed mit-terminu sħiħ tal-iskopertura għar-riskju jew il-perjodu li fih hija fis-seħħ it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju.

3. Meta arranġamenti kuntrattwali li jirregolaw it-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju se jkunu fis-seħħ għal perjodu iqsar mit-12-il xahar li jmiss u l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkun beħsiebha tissostitwixxi dik it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju fil-ħin tal-iskadenza tiegħu ma' arranġament simili, it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tittieħed f'kunsiderazzjoni sħiħa fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza diment li jkunu ssodisfati l-kriterji kwalitattivi kollha li ġejjin:

(a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha politika bil-miktub fuq is-sostituzzjoni ta' dik it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju;

(b) is-sostituzzjoni tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ma sseħħx iktar minn darba kull tliet xhur;

(c) is-sostituzzjoni tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju mhijiex kundizzjonali fuq xi event fil-ġejjieni, li jaqa' barra l-kontroll tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni. Meta s-sostituzzjoni tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tkun kundizzjonali fuq xi event fil-ġejjieni, li jaqa' taħt il-kontroll tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, f'dak il-każ il-kundizzjonijiet jiġu ddokumentati biċ-ċar fil-politika miktuba msemmija fil-punt (a);

(d) is-sostituzzjoni tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tkun realistika u msejsa fuq sostituzzjonijiet imwettqin fl-imgħoddi mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u konsistenti mal-prattika kummerċjali u l-istrateġija kummerċjali attwali tagħha;

(e) ir-riskju li t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ma tistax tiġi sostitwita minħabba assenza ta' likwidità fis-suq mhuwiex materjali;

(f) ir-riskju li l-ispiża ta' sostituzzjoni tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tiżdied matul it-12-il xahar ta' wara huwa rifless fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(g) is-sostituzzjoni tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ma tmurx kontra r-rekwiżiti li japplikaw għal azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni stipulati fl-Artikolu 23(5).

Artikolu 210

Trasferiment Effettiv tar-Riskju

1. L-arranġamenti kuntrattwali li jirregolaw it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju jiżguraw li l-firxa tal-kopertura pprovduta mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju u t-trasferiment tar-riskju huwa ddefinit b'mod ċar u inkontrovertibbli.

2. L-arranġament kuntrattwali ma jirriżultax f'riskju ta' bażi materjali jew il-ħolqien ta' riskji oħrajn, sakemm dan ma jkunx rifless fil-kalkolu tar-rekwiżit Kapitali ta' Solvenza.

3. Riskju ta' bażi huwa materjali jekk iwassal għal dikjarazzjoni skorretta tal-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq ir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jista' jinfluwenza t-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utent fil-mira ta' dik l-informazzjoni, inklużi l-awtoritajiet superviżorji.

4. Id-determinazzjoni li l-arranġamenti kuntrattwali u t-trasferiment ta' riskju huma legalment effettivi u infurzabbli fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti kollha b'konformità mal-Artikolu 209(1)(a) tkun imsejsa fuq dawn li ġejjin:

(a) jekk l-arranġament kuntrattwali huwiex soġġett għal xi kundizzjoni li tista' xxekkel it-trasferiment effettiv tar-riskju, li t-twettiq tiegħu jaqa' barra l-kontroll dirett tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(b) jekk hemmx xi tranżazzjoni assoċjata li tista' xxekkel it-trasferiment effettiv tar-riskju.

Artikolu 211

Tekniki tal-Mitigazzjoni tar-Riskju permezz ta' kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jittrasferixxu riskji ta' sottoskrizzjoni billi jużaw kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali, sabiex jkkunsdiraw it-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza, għandhom ikunu sodisfatti l-kriterji kwalitattivi stipulati fl-Artikoli 209 u 210 u dawk stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6.

2. Fil-każ tal-kuntratti tar-riassigurazzjoni, il-kontroparti tkun kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(b) impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni minn pajjiż terz, li tinsab f'pajjiż b'reġim tas-solvenza meqjus ekwivalenti jew temporanjament ekwivalenti għal dak stabbilit fid-Direttiva 2009/138/KE b'konformità mal-Artikolu 172 ta' dik id-Direttiva u li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz; jew

(c) impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni minn pajjiż terz, li ma tinsabx f'pajjiż b'reġim tas-solvenza meqjus ekwivalenti jew temporanjament ekwivalenti għal dak stabbilit fid-Direttiva 2009/138/KE b'konformità mal-Artikolu 172 ta' dik id-Direttiva bi kwalità kreditizja li ġiet assenjata fl-iskala 3 tal-kwalità kreditizja jew aħjar skont it-Taqsima 1, Kapitolu II ta' dan it-Titolu;

3. Meta kontroparti għal kuntratt tar-riassigurazzjoni tkun impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ma tibqax tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza wara li tkun daħlet fil-kuntratt tar-riassigurazzjoni, il-protezzjoni offruta mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-assigurazzjoni tista' tiġi rikonoxxuta b'mod parzjali, diment li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun tista' turi li l-kontroparti ssottomettiet pjan ta' rkupru realistiku lill-awtoritajiet superviżorji tagħha u li l-konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza se terġa' tiġi stabbilita fi żmien perjodu definit fil-pjan ta' rkupru msemmi fl-Artikolu 138 tad-Direttiva 2009/138/KE. Għal dak l-għan, l-effett tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju jitnaqqas bil-perċentwal li bih jinkiser ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

4. Meta riskju jiġi ttrasferit lejn veikolu bi skop speċjali, ir-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jkunu ssodisfati sabiex it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tittieħed f'kunsiderazzjoni fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza; meta r-rekwiżiti għal veikolu bi skop speċjali li jrid jiġi ffinanzjat bis-sħiħ ma jibqgħux

issodisfati bis-sħiħ wara li jkun daħal fis-seħħ l-arranġament, il-protezzjoni offruta mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-assigurazzjoni tista' tiġi rikonoxxuta b'mod parzjali, diment li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tista' turi li l-konformità mar-rekwiżit iffinanzjat bis-sħiħ se terġa' tiġi stabbilita fi żmien tliet xhur; għal dan l-għan, l-effett tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju jitnaqqas bil-perċentwal tal-iskopertura għar-riskju massima aggregata tal-veikolu bi skop speċjali, imsemmi fl-Artikolu 326 ta' dak ir-Regolament mhux koperta mill-assi tal-veikolu bi skop speċjali jew minn ammont ekwivalenti meta jkun japplika l-Artikolu 211(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.

5. Meta r-riskju jiġi ttrasferit f'veikolu bi skop speċjali msemmi fl-Artikolu 211(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tittieħed f'kunsiderazzjoni biss fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza meta l-liġi tal-Istat Membru tkun ekwivalenti għal dik stipulata fl-Artikolu 211(2) ta' dik id-Direttiva u li l-veikolu bi skop speċjali jikkonforma ma' dik il-liġi.

6. Meta r-riskju jiġi ttrasferit lejn veikolu bi skop speċjali rregolat minn awtorità superviżorja ta' pajjiż terz, it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tittieħed f'kunsiderazzjoni biss fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza meta l-veikolu bi skop speċjali jissodisfa rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 212

Tekniki ta' Mitigazzjoni tar-Riskju Finanzjaru

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jittrasferixxu riskju sabiex it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tittieħed f'kunsiderazzjoni fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza, ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 211, inklużi trasferimenti permezz tax-xiri jew il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji, jiġu ssodisfati l-kriterji kwalitattivi stipulati fil-paragrafi 2 sa 5, minbarra l-kriterji kwalitattivi stipulati fl-Artikoli 209 u 210.

2. It-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tkun konsistenti mal-politika miktuba tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fuq l-immaniġġjar tar-riskju, kif imsemmi fl-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. L-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun kapaċi tivvaluta assi, obbligazzjonijiet li huma soġġetti għat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju u, meta t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tinkludi l-użu ta' strumenti finanzjarji, l-istrumenti finanzjarji, b'mod affidabbli b'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.

4. Meta t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tinkludi l-użu ta' strumenti finanzjarji, l-istrumenti finanzjarji jkollhom kwalità kreditizja li ġiet assenjata fl-iskala 3 jew aħjar tal-kwalità kreditizja skont it-Taqsima 2, Kapitolu I ta' dan it-Titolu.

5. Meta t-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ma tkunx strument finanzjarju, il-kontropartijiet għat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju jkollhom kwalità kreditizja assenjata fl-iskala 3 jew aħjar tal-kwalità kreditizja skont it-Taqsima 2, Kapitolu I ta' dan it-Titolu.

Artikolu 213

Status tal-kontropartijiet

1. F'każ li ma jkunux issodisfati l-kriterji kwalitattivi fl-Artikolu 211(1) u l-Artikolu 212(3) u (4), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkunsidraw biss it-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju meta jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza meta jkun issodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tissodisfa l-kriterji kwalitattivi stipulati fl-Artikoli 209, 210 u l-Artikolu 212(1) u (2) u jeżistu arranġamenti kollaterali li jissodisfaw il-kriterji pprovduti fl-Artikolu 214;

(b) it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju hija akkumpanjata minn teknika oħra tal-mitigazzjoni tar-riskju, meta t-teknika l-oħra flimkien mal-ewwel teknika tissodisfa l-kriterji kwalitattivi fl-Artikoli 209, 210, u l-Artikolu 212(1) u (2) u meta l-kontropartijiet għat-teknika l-oħra jissodisfaw il-kriterji pprovduti fl-Artikoli 211(1) u l-Artikolu 212(3) u (4).

2. B'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta l-valur tal-kollateral ikun inqas mill-iskopertura totali tar-riskju, l-arranġament kollateral jittieħed f'kunsiderazzjoni biss sa fejn dak il-kollateral ikopri l-iskopertura għar-riskju.

Artikolu 214

Arranġamenti kollaterali

1. Fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza, l-arranġamenti kollaterali jiġu rikonoxxuti biss meta, minbarra l-kriterji kwalitattivi fl-Artikoli 209 u 210, ikunu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

(a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tittrasferixxi r-riskju jkollha d-dritt li tillikwida jew iżżomm, b'mod tempestiv, il-kollateral fil-każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment jew event ta' kreditu ieħor tal-kontroparti;

(b) hemm biżżejjed ċertezza dwar il-protezzjoni miksuba mill-kollateral minħabba waħda minn dawn li ġejjin:

(i) huwa ta' kwalità kreditizja suffiċjenti, ta' likwidità suffiċjenti u huwa stabbli biżżejjed fil-valur;

(ii) huwa ggarantit minn kontroparti, mhux il-kontroparti msemmija fl-Artikolu 187(5) u 184(2), li ġiet assenjata fattur ta' riskju għar-riskju tal-konċentrazzjoni ta' 0 %;

(c) ma hemm ebda korrelazzjoni pożittiva materjali bejn il-kwalità kreditizja tal-kontroparti u l-valur tal-kollateral;

(d) il-kollateral mhuwiex titoli maħruġin mill-kontroparti jew impriża relatata ta' dik il-kontroparti.

2. Meta l-arranġament kollaterali jissodisfa d-definizzjoni fl-Artikolu 1(26)(b) u jinvolvi kollateral miżmum minn kustodju jew parti terza oħra, l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tara li jkunu ssodisfati l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) il-kustodju jew parti terza oħra rilevanti tissegrega l-assi miżmumin bħala kollateral mill-assi proprji tagħha;

(b) l-assi segregati jinżammu minn istituzzjoni li tilqa' depożiti bi kwalità kreditizja li ġiet assenjata fl-iskala 3 tal-kwalità kreditizja jew aħjar skont it-Taqsima 2, Kapitolu I ta' dan it-Titolu;

(c) l-assi segregati huma identifikabbli b'mod individwali u jistgħu jinbidlu jew jiġu sostitwiti biss bil-kunsens tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew persuna li taġixxi bħala fiduċjarju b'rabta mal-interess tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fit-tali assi;

(d) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha (jew hija benefiċjarju skont trust fejn il-fiduċjrju għandu) d-dritt li tillikwida jew iżżomm, b'mod tempestiv, l-assi segregati fil-każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment jew event ta' kreditu ieħor relatat mal-kustodju jew parti terza oħra li jkollha l-kollateral f'isem il-kontroparti;

(e) l-assi segregati ma jintużawx biex tiħallas, jew biex jipprovdu kollateral favur, xi persuna oħra li mhijiex l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew kif ordnat mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 215

Garanziji

Fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza, il-garanziji jiġu rikonoxxuti biss meta dan ikun stipulat b'mod espliċitu f'dan il-Kapitolu, u meta minbarra l-kriterji kwalitattivi fl-Artikoli 209 u 210, ikunu ssodisfati l-kriterji kollha li ġejjin ukoll:

(a) il-protezzjoni ta' kreditu pprovduta mill-garanzija hija diretta;

(b) il-firxa tal-protezzjoni ta' kreditu hija ddefinita b'mod ċar u inkontrovertibbli;

(c) il-garanzija ma fiha ebda klawżola, li l-issodisfar tagħha jaqa' barra l-kontroll dirett tal-mutwanti, li:

(i) tippermetti lill-fornitur tal-protezzjoni sabiex jikkanċella l-protezzjoni b'mod unilaterali;

(ii) iżżid il-kost effettiv tal-protezzjoni minħabba deterjorament fil-kwalità kreditizja tal-iskopertura protetta;

(iii) tista' tipprevjeni lill-fornitur tal-protezzjoni milli jkun obbligat iħallas b'mod tempestiv f'każ li l-obbligant oriġinali jonqos milli jagħmel xi ħlas dovut;

(iv) tista' tippermetti li l-maturità tal-protezzjoni ta' kreditu titnaqqas mill-fornitur tal-protezzjoni;

(d) mal-inadempjenza, l-insolvenza jew il-falliment jew event ta' kreditu ieħor tal-kontroparti, l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandha d-dritt li b'mod tempestiv tfittex lill-garanti għal kwalunkwe ammont ta' flus dovut skont il-pretensjoni li fir-rigward tagħha hija pprovduta l-protezzjoni u l-ħlas mill-garanti ma jkunx soġġett għall-fatt li l-ewwel l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tfittex lill-obbligant;

(e) il-garanzija hija obbligu ddokumentat b'mod espliċitu supponut mill-garanti;

(f) il-garanzija tkopri bis-sħiħ it-tipi kollha ta' ħlasijiet regolari li l-obbligant huwa mistenni jagħmel fir-rigward tal-pretensjoni.

TAQSIMA 11

Fondi ring-fenced

Artikolu 216

Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fil-każ ta' fondi ring-fenced u portafolli tal-aġġustament ta' korrispondenza

1. Fil-każ ta' fondi ring-fenced determinati b'konformità mal-Artikolu 81(1) ta' dan ir-Regolament jew f'każ li l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkunu rċievew approvazzjoni sabiex japplikaw aġġustament ta' korrispondenza għall-istruttura tat-terminu tal-imgħax mingħajr riskju b'konformità mal-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jagħmlu aġġustament fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza billi jsegwu l-metodu stipulat fl-Artikolu 217 ta' dan ir-Regolament.

2. Madankollu, meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tkun irċeviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE għal fondi ring-fenced, ma taġġustax il-kalkolu b'konformità mal-Artikolu 217 ta' dan ir-Regolament, iżda ssejjes il-kalkolu tas-suppożizzjoni ta' diversifikazzjoni sħiħa bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-fondi ring-fenced u l-bqija tal-impriża.

Artikolu 217

Metodu għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għal fondi ring-fenced u portafolli tal-aġġustament ta' korrispondenza

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkalkulaw Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull fond ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza, kif ukoll għall-parti li jifdal tal-impriża, bl-istess mod daqslikieku dawk il-fondi ring-fenced u l-portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza u l-parti li jifdal tal-impriża kienu impriżi separati.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħhom bħala s-somma tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull wieħed mill-fondi ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza u għall-parti li jifdal tal-impriża.

3. Meta l-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għal modulu jew is-submodulu tar-riskju tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza jkun imsejjes fuq l-impatt ta' xenarju fuq il-fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, jiġi kkalkulat l-impatt tax-xenarju fuq il-fondi proprji bażiċi fil-livell tal-fond ring-fenced u l-portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza u l-parti li jifdal tal-impriża.

4. Il-fondi proprji bażiċi fil-livell tal-fond ring-fenced jew il-portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza jkunu dawk l-entrati ta' fondi proprji ristretti li jaqblu mad-definizzjoni ta' fondi proprji bażiċi stipulati fl-Artikolu 88 tad-Direttiva 2009/138/KE.

5. Meta jkunu jeżistu arranġamenti ta' parteċipazzjoni tal-profitt fil-fond ring-fenced, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw l-approċċ li ġej meta jaġġustaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza:

(a) meta l-kalkolu msemmi fil-paragrafu 3 jirriżulta f'żieda fil-fondi proprji bażiċi fil-livell tal-fond ring-fenced, il-bidla stmata f'dawk il-fondi proprji bażiċi tiġi aġġustata sabiex tirrifletti l-eżistenza ta' arranġamenti ta' parteċipazzjoni tal-profitt fil-fond ring-fenced; f'dan il-każ, l-aġġustament għall-bidla fil-fondi proprji bażiċi tal-fond ring-fenced ikun l-ammont li bih il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu minħabba d-distribuzzjoni mistennija fil-ġejjieni lid-detenturi ta' polza jew il-benefiċjarji ta' dak il-fond ring-fenced;

(b) meta l-kalkolu msemmi fil-paragrafu 3 jirriżulta fi tnaqqis fil-fondi proprji bażiċi fil-livell tal-fond ring-fenced, il-bidla stmata f'dawk il-fondi proprji bażiċi għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku nett tas-Solvenza, kif imsemmi fl-Artikolu 206(2), tiġi aġġustata biex tirrifletti t-tnaqqis fil-benefiċċji diskrezzjonali futuri pagabbli lid-detenturi ta' poloz jew benefiċjarji ta' dak il-fond ring-fenced; l-aġġustament ma jaqbiżx l-ammont ta' benefiċċji diskrezzjonali futuri fil-fond ring-fenced.

6. Minkejja l-paragrafu 1, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull fond ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza jiġi kkalkulat billi jintużaw il-kalkoli bbażati fuq xenarju li bihom il-fondi proprji bażiċi għall-impriża sħiħa jkunu affettwati ħażin l-iktar.

7. Sabiex jinstab ix-xenarju li bih il-fondi proprji bażiċi huma affettwati ħażin l-iktar għall-impriża sħiħa, l-impriża l-ewwel tikkalkula s-somma tar-riżultati tal-impatti tax-xenarji fuq il-fondi proprji bażiċi fil-livell ta' kull fond ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza, skont il-paragrafi 3 u 5. It-totali fil-livell ta' kull fond ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza jiżdiedu ma' xulxin u mar-riżultati tal-impatt tax-xenarji fuq il-fondi proprji bażiċi fil-parti li jifdal tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

8. Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull fond ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza jinstab billi jiġu aggregati r-rekwiżiti kapitali għal kull submodulu u modulu tar-riskju tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza.

9. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jassumu li ma hemm ebda diversifikazzjoni tar-riskji bejn kull wieħed mill-fondi ring-fenced u kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza u l-parti li jifdal tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

TAQSIMA 12

Parametri speċifiċi għall-impriża

Artikolu 218

Subsett ta' parametri standard li jistgħu jiġu sostitwiti ma' parametri speċifiċi għall-impriża

1. Is-subsett ta' parametri standard li jistgħu jiġu sostitwiti ma' parametri speċifiċi għall-impriża kif stipulat fl-Artikolu 104(7) tad-Direttiva 2009/138/KE jinkludi l-parametri li ġejjin:

(a) fis-submodulu tar-riskju ta' primjum u riżerva mhux tal-ħajja, għal kull segment stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament:

  (i) id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum mhux tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 117(2)(a) ta' dan ir-Regolament;

  (ii) id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum gross mhux tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 117(3) ta' dan ir-Regolament;

  (iii) il-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali msemmija fl-Artikolu 117(3) ta' dan ir-Regolament, diment li jkun hemm kuntratt rikonoxxibbli tar-riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf għal dak is-segment kif stipulat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

  (iv) id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżeva mhux tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 117(2)(b) ta' dan ir-Regolament;

(b) fis-submodulu tar-riskju ta' reviżjoni tal-ħajja, iż-żieda fl-ammont ta' benefiċċji tal-annwalità msemmi fl-Artikolu 141 ta' dan ir-Regolament, huwa stipulat li annwalitajiet li jaqgħu taħt dak is-submodulu mhumiex soġġetti għar-riskju ta' inflazzjoni materjali;

(c) fis-submodulu tar-riskju ta' riżerva u primjum tas-saħħa NSLT, għal kull segment stipulat fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament:

  (i) id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT imsemmija fl-Artikolu 148(2)(a) ta' dan ir-Regolament;

  (ii) id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum gross tas-saħħa NSLT imsemmija fl-Artikolu 148(3) ta' dan ir-Regolament;

  (iii) il-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali msemmi fl-Artikolu 148(3) ta' dan ir-Regolament, diment li hemm kuntratt rikonoxxibbli ta' riassigurazzjoni tal-eċċess ta' telf għal dak is-segment kif stipulat fil-paragrafu 2;

  (iv) id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT imsemmija fl-Artikolu 148(2)(b) ta' dan ir-Regolament;

(d) fis-submodulu tar-riskju ta' reviżjoni tas-saħħa, iż-żieda fl-ammont ta' benefiċċji tal-annwalità msemmija fl-Artikolu 158 ta' dan ir-Regolament, huwa stipulat li l-annwalitajiet li jaqgħu taħt dak is-submodulu mhumiex soġġetti għar-riskju ta' inflazzjoni materjali.

1. Il-komponent tal-formula lineari għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$MCR_{linear,l} = 0{,}037 \cdot TP_{(life,1)} - 0{,}052 \cdot TP_{(life,2)} + 0{,}007 \cdot TP_{(life,3)} + 0{,}021 \cdot TP_{(life,4)} + 0{,}0007 \cdot CAR$$

fejn:

(a) $TP_{(life,1)}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskjufir-rigward ta' benefiċċji ggarantiti għall-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja b'parteċipazzjoni tal-profitt, wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, u provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għall-obbligi tar-riassigurazzjoni meta l-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja sottostanti jinkludu parteċipazzjoni tal-profitt, wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero;

(b) $TP_{(life,2)}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju b'rabta ma' benefiċċji diskrezzjonali fil-ġejjieni għal obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja b'parteċipazzjoni tal-profitti, wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero;

(c) $TP_{(life,3)}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għal obbligi tal-assigurazzjoni u riassigurazzjoni tal-ħajja marbuta mal-indiċi u mal-unità relatati ma' tali obbligi tal-assigurazzjoni, wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero;

(d) $TP_{(life,4)}$ tirrappreżenta l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għal obbligi l-oħra kollha tal-assigurazzjoni u riassigurazzjoni tal-ħajja, wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero;

(e) *CAR* tirrappreżenta l-kapital totali f'riskju, li huwa s-somma, b'rabta ma' kull kuntratt li jwassal għall-obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja, tal-kapital f'riskju tal-kuntratti, fejn il-kapital f'riskju ta' kuntratt tfisser l-ogħla miż-żero u d-differenza bejn iż-żewġ ammonti li ġejjin:

(i) is-somma ta' dawn kollha li ġejjin:

— l-ammont li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas bħalissa f'każ ta' mewt jew diżabilità tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

— il-valur preżenti mistenni tal-ammonti mhux koperti fl-inċiż ta' qabel li l-impriża jkollha tħallas fil-ġejjieni f'każ ta mewt jew diżabilità f'daqqa tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) l-aħjar stima tal-obbligi korrispondenti wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali.

2. Il-provvedimenti tekniċi msemmijin fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu (1), ma jinkludu l-ebda wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali li ma jistgħux jiġu kkunsidrati skont l-Artikolu 41(3) u (5);

(b) ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali li ma jikkonformawx mal-Artikoli 209 sa 215 jew l-Artikolu 235.

Artikolu 252

Rekwiżit Kapitali Minimu: impriżi tal-assigurazzjoni komposti

1. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali tal-ħajja u r-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali mhux tal-ħajja msemmijin fl-Artikolu 74(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jiġu kkalkulati skont il-paragrafi 2 sa 11 ta' dan l-Artikolu.

2. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NMCR_{nl} = \max(NMCR_{(combined,nl)}; AMCR_{nl})$$

fejn:

(a) $NMCR_{(combined\ ,nl)}$tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu kombinat nozzjonali mhux tal-ħajja;

(b) $AMCR_{nl}$ tirrappreżenta l-minimu assolut preskritt fl-Artikolu 129(1)(d)(i) tad-Direttiva 2009/138/KE u fl-Artikolu 253 ta' dan ir-Regolament.

3. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu kombinat nozzjonali mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NMCR_{(combined,nl)} = \min(\max(NMCR_{(linear,nl)}; 0{,}25 \cdot (NSCR_{nl} + Addon_{nl})); 0{,}45 \cdot (NSCR_{nl} + Addon_{nl}))$$

fejn:

(a) $NMCR_{(linear,nl)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja;

(b) $NSCR_{nl}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għall-attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja;

(c) $Addon_{nl}$ tirrappreżenta l-parti tas-supplimentazzjonijiet kapitali, stabbiliti mill-awtorità superviżorja b'konformità mal-Artikolu 37 tad-Direttiva 2009/138/KE, li ġiet allokata minn dik l-awtorità superviżorja għall-attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

4. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali għal attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NMCR_{(linear,nl)} = MCR_{(nl,nl)} + MCR_{(l,nl)}$$

fejn:

(a) $MCR_{(nl,nl)}$ tirrappreżenta l-komponent tal-formula lineari għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja marbutin ma' attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja;

(b) $MCR_{(l,nl)}$ tirrappreżenta l-komponent tal-formula lineari għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja marbutin ma' attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja.

5. $MCR_{(nl,nl)}$ u $MCR_{(l,nl)}$ jiġu kkalkulati bl-istess mod bħal $MCR_{(linear,nl)}$ u $MCR_{(linear,l)}$ imsemmijin fl-Artikoli 250 u 251 ta' dan ir-Regolament rispettivament, iżda l-provvedimenti teknici jew il-primjums kontabilizzati użati fil-kalkolu jkunu marbutin biss mal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja fil-klassijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE.

6. Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NSCR_{nl} = \frac{NMCR_{(linear,nl)}}{NMCR_{(linear,nl)} + NMCR_{(linear,l)}} \cdot SCR$$

fejn:

(a) SCR tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkulat skont it-Titolu I, Kapitolu VI, Taqsima 4, Subtaqsima 2 tad-Direttiva 2009/138/KE jew skont it-Titolu I, Kapitolu VI, Taqsima 4, Subtaqsima 3 tad-Direttiva 2009/138/KE, li għall-finijiet ta' dan l-Artikolu jeskludi kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali imposta b'konformità mal-Artikolu 37 ta' dik id-Direttiva;

(b) $NMCR_{(linear,nl)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali mhux tal-ħajja għal attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja;

(c) $NMCR_{(linear,l)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja.

7. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NMCR_l = \max(NMCR_{(combined,l)}; AMCR_l)$$

fejn:

(a) $NMCR_{(combined,l)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali kombinat tal-ħajja;

(b) $AMCR_l$ tirrappreżenta l-minimu assolut preskritt fl-Artikolu 129(1)(d)(ii) tad-Direttiva 2009/138/KE.

8. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali kombinat tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NMCR_{(combined,l)} = \min(\max(NMCR_{(linear,l)}; 0{,}25 \cdot (NSCR_l + Addon_l)); 0{,}45 \cdot (NSCR_l + Addon_l))$$

fejn:

(a) $NMCR_{(linear,l)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja;

(b) $NSCR_l$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja;

(c) $Addon_l$ tirrappreżenta l-parti tas-supplimentazzjonijiet kapitali, stabbiliti mill-awtorità superviżorja b'konformità mal-Artikolu 37 tad-Direttiva 2009/138/KE, li ġiet allokata minn dik l-awtorità superviżorja għall-attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

9. Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NMCR_{(linear,l)} = MCR_{(nl,l)} + MCR_{(l,l)}$$

fejn:

(a) $MCR_{(nl,l)}$ tirrappreżenta l-komponent tal-formula lineari għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja marbutin ma' attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja;

(b) $MCR_{(l,l)}$ tirrappreżenta l-komponent tal-formula lineari għal obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja marbutin ma' attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja.

10. $MCR_{(nl,l)}$ u $MCR_{(l,l)}$ jiġu kkalkulati bl-istess mod bħal $MCR_{(linear,nl)}$ u $MCR_{(linear,l)}$ imsemmijin fl-Artikoli 250 u 251 ta' dan ir-Regolament rispettivament, iżda l-provvedimenti teknici jew il-primjums kontabilizzati użati fil-kalkolu jkunu marbutin biss mal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tal-ħajja msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2009/138/KE.

11. Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

$$NSCR_l = \frac{NMCR_{(linear,l)}}{NMCR_{(linear,nl)} + NMCR_{(linear,l)}} \cdot SCR$$

fejn:

(a) SCR tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkulat skont it-Titolu I, Kapitolu VI, Taqsima 4, Subtaqsima 2 tad-Direttiva 2009/138/KE jew skont it-Titolu I, Kapitolu VI, Taqsima 4, Subtaqsima 3 tad-Direttiva 2009/138/KE, li għall-finijiet ta' dan l-Artikolu jeskludi kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali imposta b'konformità mal-Artikolu 37 ta' dik id-Direttiva;

(b) $NMCR_{(linear,nl)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali mhux tal-ħajja għal attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja;

(c) $NMCR_{(linear,l)}$ tirrappreżenta r-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari nozzjonali għal attività tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja.

Artikolu 253

Minimu assolut tar-Rekwiżit Kapitali Minimu

1. Il-minimu assolut tar-Rekwiżit Kapitali Minimu għal impriżi tal-assigurazzjoni li kisbu l-awtorizzazzjonijiet imsemmijin fil-punti (a) jew (b) tal-Artikolu 73(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jkun is-somma tal-ammonti stipulati fil-punti (i) u (ii) tal-Artikolu 129(1)(d) ta' dik id-Direttiva.

2. Meta l-primjums grossi kontabilizzati għal negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja elenkati fil-klassijiet 1 u 2 fil-Parti A tal-Anness 1 tad-Direttiva 2009/138/KE ma jaqbżux l-10 % tal-primjums grossi kontabilizzati totali tal-impriża sħiħa, il-minimu assolut tar-Rekwiżit Kapitali Minimu jkun daqs l-ammont stipulat fil-punt (ii) tal-Artikolu 129(1) (d) ta' dik id-Direttiva.

3. Meta l-primjums grossi kontabilizzati għal negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja ma jaqbżux l-10 % tal-primjums gross kontabilizzati totali tal-impriża sħiħa, il-minimu assolut tar-Rekwiżit Kapitali Minimu jkun daqs l-ammont stipulat fil-punt (ii) tal-Artikolu 129(1) (d) ta' dik id-Direttiva.

KAPITOLU VIII

INVESTIMENTI F'POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI

Artikolu 254

Rekwiżiti dwar ir-ritensjoni tar-riskju marbutin mal-oriġinaturi, l-isponsors jew il-mutwanti oriġinali

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 135(2)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali jżomm, fuq bażi regolari, interess ekonomiku materjali nett li fi kwalunkwe każ ma jkunx inqas minn 5 %, kif stipulat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u jiżvela dak l-impenn b'mod espliċitu lill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fid-dokumentazzjoni li tirregola l-investiment.

2. Dawn ir-ritensjonijiet li ġejjin biss jikkwalifikaw bħala ritensjonijiet ta' interess ekonomiku materjali nett ta' mhux inqas minn 5 %:

(a) il-ritensjoni of no less than 5 % of the nominal value of each of the tranches sold or transferred to investors;

(b) fil-każ ta' titolizzazzjonijiet ta' skoperturi ċirkolanti skont it-tifsira tal-Artikolu 242(12) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ir-ritensjoni tal-interess tal-oriġinatur ta' mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati;

(c) ir-ritensjoni ta' skoperturi magħżulin b'mod aleatorju, ekwivalenti għal inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati, meta t-tali skoperturi kienu jiġu titolizzati mod ieħor fit-titolizzazzjoni, diment li n-numru ta' skoperturi potenzjalment titolizzati ma jkunx inqas minn 100 fl-oriġini;

(d) ir-ritensjoni tas-segment tal-ewwel telf u, jekk meħtieġa, segmenti oħrajn bl-istess profil tar-riskju jew wieħed iktar sever minn dak ittrasferit jew mibjugħ lil investituri u li ma jimmaturawx qabel dawk ittrasferiti jew mibjugħa lil investituri, sabiex ir-ritensjoni totali ma tkunx inqas minn 5 % mill-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati;

(e) ir-ritensjoni ta' skopertura tal-ewwel telf ta' mhux inqas minn 5 % minn kull skopertura titolizzata fit-titolizzazzjoni.

3. L-interess ekonomiku nett jitkejjel fl-oriġini. L-interess ekonomiku nett ma jkunx soġġett għal xi mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu jew xi pożizzjoni qasira jew xi forma oħra ta' ħeġġjar u ma għandux jinbiegħ. L-interess ekonomiku nett jiġi ddeterminat mill-valur nozzjonali għall-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali.

4. L-interess materjali ekonomiku nett ritenut imsemmi fil-paragrafu 1 ma jinqasamx fost it-tipi differenti ta' ritenitur.

5. Ir-rekwiżit previst fil-paragrafu 1 għaż-żamma ta' interess ekonomiku materjali nett jiġu sodisfatti b'mod sħiħ minn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-oriġinatur jew oriġinaturi multipli;

(b) l-isponsor jew sponsors multipli;

(c) il-mutwant oriġinali jew mutwanti multipli oriġinali.

6. Meta l-iskoperturi titolizzati jinħolqu minn oriġinaturi multipli, ir-rekwiżit ta' ritensjoni jiġi ssodisfat minn kull oriġinatur, fir-rigward tal-proporzjon tal-iskoperturi titolizzati totali li għalihom huwa l-oriġinatur.

7. Meta l-iskoperturi titolizzati jinħolqu minn mutwanti multipli oriġinali, ir-rekwiżit ta' ritensjoni jiġi ssodisfat minn kull mutwant oriġinali, fir-rigward tal-proporzjon tal-iskoperturi titolizzati totali li għalihom huwa l-mutwant oriġinali.

8. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 6 u 7, meta l-iskoperturi titolizzati jonħolqu mill-oriġinaturi multipli jew il-mutwanti multipli oriġinali, ir-rekwiżit ta' ritensjoni jista' jiġi sodisfatt b'mod sħiħ minn oriġinatur wieħed jew mutwant oriġinali diment li waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tiġi sodisfatta:

(a) l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali stabbilixxa u qed jamministra l-programm jew l-iskema ta' titolizzazzjoni;

(b) l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali stabbilixxa l-programm jew l-iskema ta' titolizzazzjoni u kkontribwixxa aktar minn 50 % tal-iskoperturi titolizzati totali.

9. Meta l-iskoperturi titolizzati jkunu ġew sponsorjati minn sponsors multipli, ir-rekwiżit ta' ritensjoni jiġi ssodisfat minn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-isponsor li l-interess ekonomiku tiegħu huwa allinjat b'mod l-aktar xieraq mal-investituri kif miftiehem mill-isponsors multipli fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi inklużi l-istrutturi tal-miżata, l-involviment fl-istabbiliment u l-ġestjoni tal-programm jew l-iskema ta' titolizzazzjoni u l-iskopertura għar-riskju tal-kreditu tat-titolizzazzjonijiet;

(b) minn kull sponsor b'mod proporzjonali fir-rigward tan-numru ta' sponsors.

Artikolu 255

Eżenzjonijiet mir-rekwiżiti ta' ritensjoni tar-riskju

1. L-Artikolu 254(1) ma japplikax meta l-iskopeturi titolizzati jkunu skoperturi għal entitajiet imsemmijin fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 180(2) jew skoperturi li huma ggarantiti bis-sħiħ, mingħajr kundizzjonijiet u b'mod irrevokabbli minn dawn l-entitajiet, meta l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 215.

2. L-Artikolu 254(1) ma japplikax għal titolizzazzjonijiet ibbażati fuq indiċi ċar, trasparenti u aċċessibbli, meta l-assi sottostanti ta' dak l-indiċi jkunu l-istess bħal dawk ta' indiċi li huwa nnegozjat ħafna, jew ikunu titoli negozjabbli oħrajn li mhumiex pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni.

Artikolu 256

Rekwiżiti kwalitattivi marbutin mal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jinvestu fit-titolizzazzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jwettqu diligenza dovuta adegwata qabel ma jagħmlu l-investiment, li tinkludi valutazzjoni tal-impenn tal-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali li jżomm titolizzazzjoni tal-interess ekonomiku materjali nett ta' mhux inqas minn 5 % fuq bażi kontinwa u tal-fatturi li jistgħu jxekklu l-impenn li jżomm l-interess kif żvelat skont il-punt (f) tal-paragrafu 3.

3. Qabel ma jinvestu fit-titolizzazzjoni, u wara kif xieraq, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżguraw li l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali jagħti kreditu fuq il-bażi ta' kriterji sodi u definiti tajjeb u jistabbilixxi biċ-ċar il-proċess għall-approvazzjoni, l-emendar, it-tiġdid u r-rifinanzjament ta' self li jrid jiġi titolizzat kif ukoll self li mhuwiex se jittitolizza;

(b) l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali għandu fis-seħħ sistemi effettivi biex jieħu ħsieb l-amministrazzjoni u l-monitoraġġ kontinwi tal-portafolli u l-iskoperturi tiegħu li jġarrbu r-riskju ta' kreditu, kif ukoll għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni ta' krediti problematiċi u biex jagħmel aġġustamenti fil-valur u provvedimenti adegwati;

(c) l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali jiddiversifika b'mod adegwat kull portafoll tal-kreditu fuq il-bażi tas-suq fil-mira u l-istrateġija tal-kreditu ġenerali tiegħu;

(d) l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali jagħti aċċess minnufih għad-dejta rilevanti kollha meħtieġa sabiex l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 4 sa 7;

(e) l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali għandu politika miktuba fuq ir-riskju ta' kreditu li tinkludi l-limiti ta' tolleranza tar-riskju u l-politika ta' proviżjonament u kif ikejjel, jissorvelja u jikkontrolla dak ir-riskju;

(f) l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali jiżvela l-livell tal-interess ekonomiku nett ritenut kif imsemmi fl-Artikolu 254(1) kif ukoll kwalunkwe fattur li jista' jxekkel iż-żamma tal-interess ekonomiku minimu meħtieġ nett kif stipulat f'dak il-paragrafu.

4. L-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jinvestu fit-titolizzazzjoni jistabbilixxu proċeduri ta' monitoraġġ bil-miktub proporzjonat għall-profil tar-riskju tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tagħhom biex jissorveljaw il-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti fuq bażi kontinwa u b'mod tempestiv.

5. L-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jinvestu fit-titolizzazzjoni jiżguraw li jkun hemm livell adegwat ta' rapportar intern mal-korp amministrattiv, maniġerjali jew ta' sorveljanza tagħhom sabiex ikunu jafu b'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni materjali u li r-riskji minn dawk l-investimenti huma ġestiti b'mod adegwat.

6. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jinvestu f'titolizzazzjoni jwettqu b'mod regolari testijiet tal-istress fuq il-flussi tal-flus u valuri tal-kollateral li jsostnu l-iskoperturi sottostanti. Kwalunkwe test tal-istress ikun proporzjonat għall-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskju inerenti fil-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni.

7. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jinvestu fit-titolizzazzjoni jkunu kapaċi juru lill-awtoritajiet superviżorji tagħhom li għal kull wieħed minn dawk l-investimenti għandhom fehim komprensiv u dettaljat tal-investment u l-iskoperturi sottostanti tiegħu u li implimentaw politiki bil-miktub u proċeduri għall-ġestjoni tar-riskji tagħhom.

Artikolu 257

Rekwiżiti għal investimenti f'titolizzazzjoni li ma għandhomx jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' ritensjoni tar-riskju u kwalitattivi

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu saru jafu li l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali naqas milli kkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 254, jew l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu saru jafu li m'hemmx konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 256(2) u (3), jgħarrfu lill-awtorità superviżorja minnufih.

2. Meta r-rekwiżiti fl-Artikolu 256(2) u (3) ma jkunux issodisfati bi kwalunkwe mod minħabba n-negliġenza jew l-omissjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, l-awtorità superviżorja timponi żieda proporzjonata mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. Meta l-formula standard tintuża għall-kalkolu tar-riskju tal-firxa kif imsemmi fl-Artikolu 178 għall-finijiet tal-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza miżjud imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxatal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jkun imsejjes fuq fatturi ta' riskju kif imsemmi fl-Artikolu 178, iżda jiżdied b'mhux inqas minn 250 % ta' dawk il-fatturi ta' riskju.

4. Il-fatturi ta' riskju jiżdiedu b'mod progressiv ma' kull ksur sussegwenti tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 256.

5. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jonqsu milli jikkonformaw ma' xi rekwiżit stipulat fl-Artikolu 256(4) sa (7) ta' dan ir-Regolament, minħabba n-negliġenza jew l-omissjoni tagħhom, l-awtoritajiet superviżorji jivvalutaw jekk dak in-nuqqas għandux jitqies li huwa devjazzjoni importanti mis-sistema ta' governanza tal-impriża kif imsemmi fl-Artikolu 37(1)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE.

KAPITOLU IX

SISTEMA TA' GOVERNANZA

TAQSIMA 1

Elementi tas-sistema ta' governanza

Artikolu 258

Rekwiżiti ta' governanza ġenerali

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu kooperazzjoni effettiva, rapportar intern u komunikazzjoni tat-tagħrif fil-livelli rilevanti kollha tal-impriża;

(b) jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu aġġornati proċeduri effettivi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u struttura organizzazzjonali li tispeċifika biċ-ċar il-linji tar-rapportar, talloka funzjonijiet u responsabbiltajiet, u tqis l-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fin-negozju ta' dik l-impriża;

(c) jiżguraw li l-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju għandhom b'mod kollettiv il-kwalifiki, il-kompetenza, il-ħiliet u l-esperjenza professjonali meħtieġa fl-oqsma rilevanti tan-negozju sabiex jamministraw u jissorveljaw l-impriża b'mod effettiv u professjonali;

(d) jiżguraw li kull membru individwali tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju għandu l-kwalifiki, il-kompetenza, il-ħiliet u l-esperjenza professjonali meħtieġa biex iwettaq il-kompiti assenjati;

(e) iħaddmu persunal bil-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa biex jaqdi r-responsabbiltajiet allokati lilu kif xieraq;

(f) jiżguraw li l-persunal kollu jaf bil-proċeduri għat-twettiq xieraq tar-responsabbilatjiet tiegħu;

(g) jiżguraw li l-assenjazzjoni ta' diversi kompiti lil individwi u unitajiet organizzazzjonali ma jżommx jew ma għandux probabbiltà li jżomm lill-persuni kkonċernati milli jwettqu xi funzjoni partikolari b'mod xieraq, onest u oġġettiv;

(h) jistabbilixxu sistemi tal-informazzjoni li jipproduċu tagħrif komplut, affidabbli, ċar, konsistenti, fil-ħin u rilevanti dwar l-attivitajiet tan-negozju, l-impenji supponuti u r-riskji li għalihom hija esposta l-impriża;

(i) iżommu rekords adegwati u ordinati tan-negozju u l-organizzazzjoni interna tal-impriża;

(j) jissalvagwardjaw is-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tat-tagħrif, filwaqt li jqisu l-għamla tat-tagħrif inkwistjoni;

(k) jintroduċu linji ta' rapportar ċari li jiżguraw it-trasferiment minnufih ta' tagħrif lill-persuni kollha li jkollhom bżonnu b'mod li jippermettilhom jagħrfu l-importanza tiegħu fir-rigward tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom;

(l) jadottaw politika bil-miktub dwar ir-remunerazzjoni.

2. Politiki dwar l-immaniġġjar tar-riskju, il-kontroll intern, l-awditjar intern u, fejn rilevanti, l-esternalizzazzjoni jistipulaw biċ-ċar ir-responsabbiltajiet, l-objettivi, il-proċessi u l-proċeduri ta' rapportar rilevanti li jridu jiġu applikati, u kollha kemm huma jkunu konsistenti mal-istrateġija tan-negozju ġenerali tal-impriża.

3. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu politika dwar il-kontinwità tan-negozju bl-għan li jiżguraw, fil-każ ta' waqfien fis-sistemi u l-proċeduri tagħhom, il-preservazzjoni tad-dejta u l-funzjonijiet essenzjali u ż-żamma ta' attivitajiet tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, jew, meta dan ma jkunx possibbli, l-irkupru fil-ħin tat-tali dejta u l-funzjonijiet u l-issoktar fil-ħin tal-attivitajiet ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tagħhom.

4. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżguraw li effettivament tal-inqas ikun hemm żewġ persuni jmexxu l-impriża.

5. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżguraw li hemm fis-seħħ proċessi u proċeduri effettivi biex jevitaw kunflitti ta' interess u li huma identifikati sorsi potenzjali ta' kunflitti tal-interess u li hemm proċeduri stabbiliti sabiex jiżguraw li dawk involuti fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-politiki tal-impriża jifhmu fejn jistgħu jqumu kunflitti ta' interess u kif iridu jiġu indirizzati t-tali kunflitti.

6. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissorveljaw, u jevalwaw fuq bażi regolari, kemm hija adegwata u effettiva s-sistema ta' governanza tagħhom u jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas.

Artikolu 259

Sistema ta' Ġestjoni tar-Riskji

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistabbilixxu, jimplimentaw u jmantnu sistema ta' ġestjoni tar-riskji li tinkludi dawn li ġejjin:

(a) strateġija tal-ġestjoni tar-riskji ddefinita biċ-ċar li hija konsistenti mal-istrateġija tan-negozju ġenerali tal-impriża. L-objettivi u l-prinċipji ewlenin tal-istrateġija, il-limiti ta' tolleranza tar-riskju approvati u l-assenjament tar-responsabbiltajiet fost l-attivitajiet kollha tal-impriża jkunu ddokumentati;

(b) proċedura ddefinita biċ-ċar fuq il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

(c) politiki bil-miktub li effettivament jiżguraw id-definizzjoni u l-kategorizzazzjoni tar-riskji materjali skont it-tip li għalih hija esposta l-impriża, u l-limiti tat-tolleranza tar-riskju approvati għal kull tip ta' riskju. Tali politiki jimplimentaw l-istrateġija tar-riskju tal-impriża, jiffaċilitaw il-mekkaniżmi ta' kontroll u jqisu l-għamla, l-ambitu u l-perjodi ta' żmien tan-negozju u r-riskji assoċjati;

(d) proċeduri ta' rapportar u proċessi li jiżguraw li t-tagħrif fuq ir-riskji materjali affaċċjati mill-impriża u l-effettività tas-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju huma ssorveljati u analizzati b'mod attiv u li fejn dan ikun meħtieġ isiru l-modifiki xierqa fis-sistema.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżguraw li l-persuni li effettivament imexxu l-impriża jew li għandhom funzjonijiet ewlenin oħrajn jqisu t-tagħrif irrapportat bħala parti mis-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom.

3. Fejn xieraq, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jinkludu t-twettiq ta' testijiet tal-istress u analiżi tax-xenarji fir-rigward tar-riskji rilevanti kollha affaċċjati mill-impriża, fis-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju tagħhom.

4. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 44(4a) tad-Direttiva 2009/138/KE għall-finijiet tal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, il-metodoloġiji tal-immaniġġjar tar-riskju interni ma jiddependux biss jew b'mod awtomatiku fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni. Meta l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jew tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jkun imsejjes fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni minn ECAI jew ibbażati fuq il-fatt li skopertura mhijiex ikklassifikata, dak ma jeżentax lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni milli jqisu wkoll tagħrif rilevanti ieħor.

Artikolu 260

Oqsma tal-immaniġġjar tar-riskju

1. L-oqsma msemmijin fl-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jinkludu l-politiki kollha li ġejjin:

(a) Sottoskrizzjoni u riżervar:

(i) azzjonijiet li jridu jittieħdu mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni biex jiġi vvalutat u ġestit ir-riskju ta' telf jew ta' bidla avversa fil-valuri tal-obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, li jirriżultaw minn ipprezzar inadegwat u l-proviżjonament ta' suppożizzjonijiet;

(ii) is-suffiċjenza u l-kwalità tad-dejta rilevanti li jridu jiġu kkunsidrati fil-proċessi ta' sottoskrizzjoni u riżervar, kif stipulat fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament, u l-konsistenza tagħhom mal-istandards tas-suffiċjenza u l-kwalità;

(iii) l-adegwatezza tal-proċeduri ta' ġestjoni tal-pretensjonijiet, inkluż kemm ikopru ċ-ċiklu ġenerali tal-pretensjonijiet.

(b) Ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet:

(i) l-ispariġġ strutturali bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet u b'mod partikolari l-ispariġġ fid-durata ta' dawk l-assi u l-obbligazzjonijiet;

(ii) kwalunkwe dipendenza bejn ir-riskji ta' klassijiet ta' assi u obbligazzjonijiet differenti;

(iii) kwalunkwe dipendenza bejn ir-riskji ta' obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni differenti;

(iv) kwalunkwe skopertura tal-impriża li ma tidhirx fuq il-karta bilanċjali;

(v) l-effett tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskji rilevanti fuq il-ġestjoni tal-assi-obbligazzjonijiet.

(c) Immaniġġjar tar-riskju tal-investiment:

(i) azzjonijiet li jridu jittieħdu mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni biex jiżguraw li l-investimenti tal-impriża jikkonformaw mal-prinċipju ta' persuna prudenti stipulat fl-Artikolu 132 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(ii) azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni biex tiżgura li l-investimenti tal-impriża jieħdu f'kunsiderazzjoni l-għamla tan-negozju tal-impriża, il-limiti ta' tolleranza tar-riskju approvati, il-pożizzjoni ta' solvenza tagħha u l-iskopertura għar-riskju fit-tul tagħha;

(iii) il-valutazzjoni interna mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-kontropartijiet tal-investiment, inkluż meta l-kontropartijiet ikunu gvernijiet ċentrali;

(iv) meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tuża derivati jew xi strument finanzjarju ieħor b'karatteristiċi jew effetti simili, l-objettivi ta', u l-istrateġija li hija l-bażi tal-użu tagħhom u l-mod li bih iħaffu l-ġestjoni tal-portafoll effiċjenti jew jikkontribwixxu għal tnaqqis fir-riskji, kif ukoll proċeduri biex jiġi vvalutat ir-riskju tat-tali strumenti u l-prinċipji tal-immaniġġjar tar-riskju li jridu jiġu applikati għalihom;

(v) meta dan ikun xieraq, sabiex tiġi żgurata ġestjoni effettiva tar-riskju, il-limiti kwantitattivi interni fuq l-assi u l-iskoperturi, inklużi skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali.

(d) Immaniġġjar tar-riskju tal-likwidità:

(i) azzjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tieħu biex tieħu f'kunsiderazzjoni kemm lir-riskju tal-likwidità ta' terminu qasir kif ukoll dak fit-tul;

(ii) l-adegwatezza tal-kompożizzjoni tal-assi f'termini tal-għamla, id-durata u l-likwidità tagħhom sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-impriża malli jsiru dovuti;

(iii) pjan biex jiġu indirizzati bidliet fi flussi ta' dħul u ta' ħruġ tal-flus mistennija.

(e) Immaniġġjar tar-riskju tal-konċentrazzjoni: azzjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tieħu biex tidentifika sorsi rilevanti tar-riskju tal-konċentrazzjoni ħalli tiżgura li l-konċentrazzjonijiet tar-riskju jibqgħu fil-limiti stabbiliti u azzjonijiet biex tanalizza riskji possibbli li skoperturi kkonċentrati jittieħdu minn xulxin.

(f) Immaniġġjar tar-riskju operazzjonali: azzjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tieħu biex tassenja responsabbiltajiet ċari ħalli tidentifika, tiddokumenta u tissorvelja b'mod regolari skoperturi rilevanti għar-riskju operazzjonali.

(g) Riassigurazzjoni u tekniki oħrajn tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-assigurazzjoni:

(i) azzjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tieħu biex tiżgura l-għażla ta' riassigurazzjoni xierqa u tekniki oħrajn tal-mitigazzjoni tar-riskju;

(ii) azzjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni trid tieħu biex tivvaluta liema tipi ta' tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju huma xierqa skont l-għamla tar-riskji supponuti u l-ħiliet tal-impriża sabiex tamministra u tikkontrolla r-riskji assoċjati ma' dawk it-tekniki;

(iii) il-valutazzjoni interna mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tar-riskju ta' kreditu tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju.

2. Il-profitt mistenni inkluż fil-primjums tal-ġejjieni jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju kkalkulata b'konformità mal-Artikolu 77 ta' dik id-Direttiva u kalkolu tal-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju bis-suppożizzjoni li l-primjums marbutin mal-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni eżistenti li huma mistennija jiġu riċevuti fil-ġejjieni ma jkunux riċevuti għal xi raġuni ħlief jekk ikun seħħ l-event assigurat, indipendentement mid-drittijiet legali jew kuntrattwali tad-detentur ta' polza li jwaqqaf il-polza.

3. Il-kalkolu tal-profitt mistenni inkluż fil-primjums tal-ġejjieni jsir b'mod separat għall-gruppi ta' riskji omoġenji użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, diment li l-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jkunu omoġenji wkoll fir-rigward tal-profitt mistenni inkluż fil-primjums tal-ġejjieni.

4. Poloz li jagħmlu t-telf jistgħu jitpaċu biss kontra poloz li jagħmlu l-profitt fi grupp ta' riskji omoġenji.

Artikolu 261

Immaniġġjar tar-riskju f'impriżi li jipprovdu assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ta' ipoteki u/jew self

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jidħlu fl-attività li jfornu self, ikollhom politiki miktubin li jiżguraw dan kollu li ġej:

(a) li l-għoti ta' kreditu huwa msejjes fuq kriterji solidi u ddefiniti sew u li l-proċess għall-approvazzjoni, l-emendar, it-tiġdid u r-rifinanzjament ta' krediti huwa stabbilit biċ-ċar;

(b) li impriżi li għandhom metodoloġiji interni li jippermettulhom jivvalutaw ir-riskju ta' kreditu tal-iskoperturi lil obbliganti individwali u fil-livell tal-portafoll;

(c) lil-amministrazzjoni u l-monitoraġġ kontinwi tal-portafolli tas-self, inkluż għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni ta' krediti problematiċi, u biex isiru aġġustamenti fil-valur adegwati, huma operati permezz ta' sistemi effettivi;

(d) li d-diversifikazzjoni tal-portafolli tas-self hija adegwata fid-dawl tas-swieq fil-mira u l-istrateġija ta' investiment ġenerali tal-impriża.

2. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jidħlu f'assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ta' ipoteka, jibbażaw is-sottoskrizzjoni tagħhom fuq kriterji solidi u ddefiniti sew u jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 1 fir-rigward tas-self ipotekarju li huwa l-bażi tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tagħhom.

Artikolu 262

Ħtiġijiet ġenerali ta' solvenza

1. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ġenerali ta' solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 45(1)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE tkun tħares 'il quddiem u tinkludi l-elementi kollha li ġejjin:

(a) riskji li l-impriża hija esposta jew tista' tkun esposta għalihom, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni bidliet futuri potenzjali fil-profil tar-riskju tagħha minħabba l-istrateġija tan-negozju tal-impriża jew l-ambjent ekonomiku u finanzjarju, inklużi riskji operazzjonali;

(b) l-għamla u l-kwalità ta' entrati ta' fondi proprji jew riżorsi oħrajn xierqa biex ikopru r-riskji identifikati fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

2. L-elementi msemmijin fil-paragrafu 1 iqisu dawn li ġejjin:

(a) il-perjodi ta' żmien li huma rilevanti għat-teħid f'kunsiderazzjoni tar-riskji li l-impriża taffaċċja fit-tul;

(b) il-bażijiet ta' valwazzjoni u rikonoxximent li huma xierqa għan-negozju u l-profil tar-riskju tal-impriża;

(c) is-sistemi ta' kontroll intern u immaniġġjar tar-riskju tal-impriża u limiti ta' tolleranza tar-riskju approvati.

Artikolu 263

Metodi alternattivi għal valwazzjoni

Meta jintużaw metodi alternattivi ta' valwazzjoni b'konformità mal-Artikolu 10(5), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni:

(a) jidentifikaw l-assi u l-obbligazzjonijiet li għalihom japplika l-approċċ ta' valwazzjoni;

(b) jiġġustifikaw l-użu ta' dak l-approċċ ta' valwazzjoni għall-assi u l-obbligazzjonijiet imsemmijin fil-punt (a);

(c) jiddokumentaw is-suppożizzjonijiet li huma l-bażi tal-approċċ ta' valwazzjoni;

(d) jivvalutaw l-inċertezza ta' valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet imsemmijin fil-punt (a);

(e) iqabblu b'mod regolari kemm hija adegwata l-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet imsemmijin fil-punt (a) mal-esperjenza.

Artikolu 264

Valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi — validazzjoni

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalidaw il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, b'mod partikolari b'paragun mal-esperjenza kif imsemmi fl-Artikolu 83 tad-Direttiva 2009/138/KE, tal-inqas darba fis-sena u meta jkun hemm indikazzjonijiet li d-dejta, is-suppożizzjonijiet jew il-metodi użati fil-kalkolu jew il-livell tal-provvedimenti tekniċi ma għadhomx xierqa. Il-validazzjoni tkopri dan li ġej:

(a) l-adegwatezza, il-kompletezza u l-preċiżjoni tad-dejta użata fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi kif stipulat fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament;

(b) l-adegwatezza ta' kwalunkwe raggruppament ta' politiki b'konformità mal-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament;

(c) ir-rimedji għal-limitazzjonijiet tad-dejta msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(d) l-adegwatezza tal-approssimazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament għall-finijiet ta' kalkolu tal-aħjar stima;

(e) l-adegwatezza u r-realiżmu tas-suppożizzjonijiet użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi bil-għan li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 22 sa 26 ta' dan ir-Regolament;

(f) l-adegwatezza, l-applikabbiltà u r-relevanza tal-metodi attwarji u statistiċi applikati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(g) l-adegwatezza tal-livell tal-provvedimenti tekniċi kif imsemmi fl-Artikolu 84 tad-Direttiva 2009/138/KE meħtieġa biex tinżamm konformità mal-Artikolu 76 ta' dik id-Direttiva.

2. Għall-finijiet tal-punt (d) tal-paragrafu 1, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jivvalutaw l-impatt tal-bidliet fis-suppożizzjonijiet fuq azzjonijiet ta' ġestjoni futuri fuq il-valutazzjoni tal-provvedimenti tekniċi. Meta bidliet f'suppożizzjoni fuq azzjoni tal-ġestjoni futura jkollhom impatt qawwi fuq il-provvedimenti tekniċi, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu kapaċi jispjegaw ir-raġunijiet għal dan l-impatt u kif l-impatt jittieħed f'kunsiderazzjoni fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

3. Il-validazzjoni ssir b'mod separat għall-gruppi ta' riskji omoġenji. Din issir b'mod separat għall-aħjar stima, il-marġni ta' riskju u l-provvedimenti tekniċi kkalkulati skont il-valur tas-suq tal-istrumenti finanzjarji li jirreplikaw b'mod affidabbli flussi tal-flus futuri b'konformità mal-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament. Issir b'mod separat għal provvedimenti tekniċi meta jiġi applikat l-aġġustament ta' korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE. Fir-rigward tal-aħjar stima, issir b'mod separat għall-aħjar stima gross u l-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali. Fir-rigward ta' obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, issir b'mod separat għal provvedimenti tal-primjum u provvedimenti għal pretensjonijiet pendenti.

Artikolu 265

Valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi — dokumentazzjoni

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiddokumentaw il-proċessi li ġejjin:

(a) il-ġbir ta' dejta u l-analiżi tal-kwalità tagħha u tagħrif ieħor relatat mal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(b) l-għażla ta' suppożizzjonijiet użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, b'mod partikolari l-għażla ta' suppożizzjonijiet rilevanti dwar l-allokazzjoni ta' spejjeż;

(c) l-għażla u l-applikazzjoni ta' metodi attwarji u statistiċi għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(d) il-validazzjoni tal-provvedimenti tekniċi.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, id-dokumentazzjoni tinkludi:

(a) direttorju tad-dejta użata fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, li jispeċifika s-sors, il-karatteristiċi u l-użu tagħha;

(b) l-ispeċifikazzjoni għall-ġbir, l-ipproċessar u l-applikazzjoni tad-dejta msemmija fl-Artikolu 19(3)(e);

(c) meta d-dejta ma tintużax b'mod konsistenti maż-żmien fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, deskrizzjoni tal-użu inkonsistenti u l-ġustifikazzjoni għal dan.

3. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1, id-dokumentazzjoni tinkludi:

(a) direttorju tas-suppożizzjonijiet rilevanti kollha li fuqhom huwa msejjes il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi; dan jinkludi suppożizzjonijiet fuq azzjonijiet tal-immaniġġjar fil-ġejjieni;

(b) ġustifikazzjoni għall-għażla tas-suppożizzjoni skont is-Subtaqsima 1 tas-Taqsima 3 tal-Kapitolu III;

(c) deskrizzjoni tal-inputs li fuqhom hija msejsa l-għażla;

(d) l-objettivi tal-għażla u l-kriterji użati għas-sejbien tal-adegwatezza ta' din l-għażla;

(e) kwalunkwe limitazzjoni materjali fl-għażla li ssir;

(f) deskrizzjoni tal-proċessi fis-seħħ għar-rieżami tal-għażla tas-suppożizzjonijiet;

(g) ġustifikazzjoni għall-bidliet tas-suppożizzjonijiet minn perjodu għal ieħor u stima tal-impatt ta' bidliet materjali;

(h) id-devjazzjonijiet rilevanti msemmijin fl-Artikolu 23(2).

Artikolu 266

Sistema ta' kontroll intern

Is-sistema ta' kontroll intern tiżgura l-konformità tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mal-liġijiet, ir-Regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli u l-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-impriża fid-dawl tal-objettivi tagħha kif ukoll tiżgura d-disponibbiltà u l-affidabbiltà tal-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja.

Artikolu 267

Kontroll intern tal-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkollhom sistemi u kontrolli effettivi biex jiżguraw li l-istimi tal-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tagħhom huma affidabbli u xierqa biex jiżguraw konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE u jkollhom proċess għall-verifika regolari li l-prezzijiet tas-suq jew l-inputs tal-mudell ta' valwazzjoni huma xierqa u affidabbli.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistabbilixxu, jimplimentaw, iżommu aġġornati u jiddokumentaw politiki u proċeduri ddefiniti b'mod ċar għall-proċess ta' valwazzjoni, inklużi d-deskrizzjoni u d-definizzjoni ta' rwoli u responsabbiltajiet tal-persunal involut fil-valwazzjoni, il-mudelli rilevanti, u s-sorsi ta informazzjoni li se jintużaw.

3. Fuq it-talba tal-awtoritajiet superviżorji, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jwettqu valwazzjoni jew verifika esterna indipendenti tal-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet materjali.

4. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) jipprovdu biżżejjed riżorsi, kemm f'termini ta' kwalità u kwantità, biex jiżviluppaw, jikkalibraw, japprovaw u jirrevedu approċċi ta' valwazzjoni użati għal finijiet ta' solvenza;

(b) jistabbilixxu proċessi ta' kontroll interni li jinkludu dawn kollha li ġejjin:

(i) rieżami u verifika indipendenti fuq bażi regolari tal-informazzjoni, id-dejta u s-suppożizzjonijiet li jintużaw fl-approċċ ta' valwazzjoni, ir-riżultati tiegħu, u l-adegwatezza tal-approċċ ta' valwazzjoni fir-rigward tal-valwazzjoni tal-entrati msemijin fil-punt (a) tal-Artikolu 263;

(ii) sorveljanza mill-persuni li effettivament imexxu l-impriża tal-proċessi interni għal approvazzjoni ta' dawk il-valwazzjonijiet u l-proċess fis-seħħ biex iqisu kwalunkwe valwazzjoni jew verifika esterna u indipendenti tal-valur tal-assi jew l-obbligazzjonijiet materjali.

TAQSIMA 2

Funzjonijiet

Artikolu 268

Dispożizzjonijiet speċifiċi

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jinkorporaw il-funzjonijiet u l-linji ta' rapportar assoċjati fl-istruttura organizzazzjonali b'tali mod li jiżguraw li kull funzjoni tkun ħielsa minn influwenzi li jistgħu jxekklu l-ħila tal-funzjoni sabiex twettaq dmirijietha b'mod oġġettiv, ġust u indipendenti. Kull funzjoni topera taħt ir-responsabbiltà aħharija tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u tirrapporta għand dan il-korp u, fejn xieraq, tikkoopera mal-funzjonijiet l-oħrajn fit-twettiq tar-rwoli tagħhom.

2. Il-persuni li jwettqu funzjoni jkunu kapaċi jikkomunikaw fuq inizjattiva tagħhom stess ma' kwalunkwe membru tal-persunal u jkollhom l-awtorità, ir-riżorsi u l-kompetenza meħtieġa kif ukoll aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.

3. Il-persuni li jwettqu funzjoni jirrapportaw minnufih kwalunkwe problema kbira fil-qasam tar-responsabbiltà tagħhom lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju.

Artikolu 269

Funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju

1. Il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju tinkludi l-kompiti kolha li ġejjin:

(a) l-assistenza lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u funzjonijiet oħra fil-ħidma effettiva tas-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju;

(b) il-monitoraġġ tas-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju;

(c) il-monitoraġġ tal-profil tar-riskju ġenerali tal-impriża sħiħa;

(d) ir-rapportar dettaljat dwar l-iskoperturi għar-riskju u l-għoti ta' pariri lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju fuq kwistjonijiet tal-immaniġġjar tar-riskju, inkluż fir-rigward ta' affarijiet strateġiċi bħall-istrateġija korporattiva, fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet u proġetti u investimenti kbar;

(e) l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji emerġenti.

2. Il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 44(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) tikkoopera mill-qrib mal-utenti tal-eżiti tal-mudell intern;

(c) tikkoopera mill-qrib mal-funzjoni attwarja.

Artikolu 270

Funzjoni ta' verifika tal-konformità

1. Il-funzjoni ta' verifika tal-konformità tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tistabbilixxi politika dwar il-konformità u pjan dwar il-konformità. Il-politika dwar il-konformità tiddefinixxi r-responsabbiltajiet, il-kompetenzi u l-obbligi ta' rapportar tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità. Il-pjan dwar il-konformità jistabbilixxi l-attivitajiet ippjanati tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità li jqisu l-oqsma rilevanti kollha tal-attivitajiet tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-iskopertura tagħhom għar-riskju ta' konformità.

2. Id-dmirijiet tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità jinkludu l-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-miżuri adottati mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni biex jipprevjenu nuqqas ta' konformità.

Artikolu 271

Uffiċċju tal-awditjar intern

1. Il-persuni li jwettqu l-funzjoni tal-awditjar interna ma jassumu l-ebda responsabbiltà għal xi funzjoni oħra.

2. Minkejja l-paragrafu 1, u b'mod partikolari billi jirrispettaw il-prinċipju ta' proporzjonalità stipulat fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 29 tad-Direttiva 2009/138/KE, il-persuni li jwettqu l-funzjoni tal-awditjar intern jistgħu jwettqu wkoll funzjonijiet ewlenin oħrajn, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) dan ikun xieraq fir-rigward tal-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fin-negozju tal-impriża;

(b) ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess għall-persuni li jwettqu l-funzjoni tal-awditjar intern;

(c) il-kostijiet għaż-żamma ta' persuni għall-funzjoni tal-awditjar intern li ma jwettqux funzjonijiet ewlenin oħrajn jimponu kostijiet fuq l-impriża li jkunu sproporzjonati meta mqabbla mal-ispejjeż amministrattivi totali.

3. L-uffiċċju tal-awditjar intern jinkludi l-kompiti kollha li ġejjin:

(a) jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm aġġornat pjan tal-awditjar li jistabbilixxi l-ħidma tal-awditjar li għandha ssir fis-snin li ġejjin, filwaqt li jqis l-attivitajiet kollha u s-sistema sħiħa ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(b) jieħu approċċ imsejjes fuq ir-riskju meta jiddeċiedi fuq il-prijoritajiet tiegħu;

(c) jirrapporta l-pjan tal-awditu lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju;

(d) joħroġ rakkomandazzjonijiet imesjsin fuq ir-riżultat tal-ħidma mwettqa skont il-punt (a) u jippreżenta rapport bil-miktub fuq is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-inqas darba fis-sena;

(e) jivverifika l-konformità mad-deċiżjonijiet meħuda mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju fuq il-bażi ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet imsemmijin fil-punt (d).

Fejn meħtieġ, l-uffiċċju tal-awditjar intern jista' jagħmel verifiki li mhumiex inklużi fil-pjan tal-awditu.

Artikolu 272

Funzjoni attwarja

1. Fil-koordinazzjoni tal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, il-funzjoni attwarja tinkludi l-kompiti kollha li ġejjin:

6. Fir-rigward tas-sensittività għar-riskju, ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi deskrizzjoni tal-metodi użati, is-suppożizzjonijiet magħmula u r-riżultat tat-tests tal-istress u analiżi tas-sensittività għal riskji u eventi materjali.

7. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi f'taqsima separata kwalunkwe informazzjoni materjali oħra dwar il-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 296

Valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza

1. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tal-valutazzjoni tal-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal finijiet tas-solvenza:

(a) b'mod separat għal kull klassi materjali ta' assi, il-valur tal-assi, kif ukoll deskrizzjoni tal-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-valutazzjoni għal finijiet tas-solvenza;

(b) b'mod separat għal kull klassi materjali ta' assi, spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali bejn il-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati minn dik l-impriża għall-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza u dawk użati għall-valutazzjoni tagħha f'dikjarazzjonijiet finanzjarji.

2. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tal-valutazzjoni tal-provvedimenti tekniċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal finijiet ta' solvenza:

(a) b'mod separat għal kull linja operatorja materjali, il-valur tal-provvedimenti tekniċi, inkluż l-ammont tal-aħjar stima u l-marġni ta' riskju, kif ukoll deskrizzjoni tal-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-valutazzjoni tagħha għal finijiet ta' solvenza;

(b) deskrizzjoni tal-livell ta' inċertezza assoċjat mal-valur tal-provvedimenti tekniċi;

(c) b'mod separat għal kull linja operatorja materjali, spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali bejn il-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati minn dik l-impriża għall-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza u dawk użati għall-valutazzjoni tagħhom f'rapporti finanzjarji;

(d) meta jiġi applikat l-aġġustament ta' korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE, deskrizzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza u tal-portafoll tal-obbligi u l-assi assenjati li għalihom jiġi applikat l-aġġustament ta' korrispondenza, kif ukoll kwantifikazzjoni tal-impatt ta' bidla għal żero tal-aġġustament ta' korrispondenza fuq il-pożizzjoni finanzjarja ta' dik l-impriża, inkluż fuq l-ammont tal-provvedimenti tekniċi, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-Rekwiżit Kapitali Minimu, il-fondi proprji bażiċi u l-ammonti tal-fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(e) dikjarazzjoni dwar jekk l-aġġustament tal-volatilità msemmi fl-Artikolu 77d tad-Direttiva 2009/138/KE huwiex użat mill-impriża u l-kwantifikazzjoni tal-impatt ta' bidla għal żero tal-aġġustament tal-volatilità fuq il-pożizzjoni finanzjarja ta' dik l-impriża, inkluż fuq l-ammont tal-provvedimenti tekniċi, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-Rekwiżit Kapitali Minimu, il-fondi proprji bażiċi u l-ammonti tal-fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(f) dikjarazzjoni dwar jekk l-istruttura tranżitorja tat-terminu rilevanti tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju msemmija fl-Artikolu 308c tad-Direttiva 2009/138/KE hijiex applikata u kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-miżura ta' tranżizzjoni fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-impriża, inkluż fuq l-ammont tal-provvedimenti tekniċi, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-Rekwiżit Kapitali Minimu, il-fondi proprji bażiċi u l-ammonti tal-fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(g) dikjarazzjoni dwar jekk it-tnaqqis tranżitorju msemmi fl-Artikolu 308d tad-Direttiva 2009/138/KE huwiex applikat u kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-miżura tat-tnaqqis fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-impriża, inkluż fuq l-ammont tal-provvedimenti tekniċi, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-Rekwiżit Kapitali Minimu, il-fondi proprji bażiċi u l-ammonti tal-fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

(h) deskrizzjoni ta' dawn li ġejjin:

(i) ir-rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali;

(ii) kwalunkwe bidla materjali fis-suppożizzjonijiet rilevanti li saru fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi meta mqabbla mal-perjodu tar-rapportar ta' qabel.

3. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja rigward il-valutazzjoni tal-obbligazzjonijiet l-oħra tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għall-finijiet ta' solvenza:

(a) b'mod separat għal kull klassi materjali ta' obbligazzjonijiet oħrajn, il-valur ta' obbligazzjonijiet oħrajn kif ukoll deskrizzjoni tal-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-valutazzjoni tagħhom għal skopijiet ta' solvenza;

(b) b'mod separat għal kull klassi materjali ta' obbligazzjonijiet oħrajn, spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali fil-bażijiet ta' valutazzjoni, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati mill-impriża għall-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza u dawk użati għall-valutazzjoni tagħhom f'rapporti finanzjarji.

4. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi informazzjoni dwar l-oqsma stipulati fl-Artikolu 260 f'konformità mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni kif stipulat fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu.

5. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi f'taqsima separata kwalunkwe informazzjoni materjali oħra dwar il-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet għall-finijiet ta' solvenza.

Artikolu 297

Ġestjoni tal-Kapital

1. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tal-fondi proprji tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni dwar l-objettivi, il-politiki u l-proċessi użati mill-impriża għall-ġestjoni tal-fondi proprji tagħha, inkluża informazzjoni dwar il-medda ta' żmien użata għall-ippjanar tan-negozju u dwar kwalunkwe bidla materjali matul il-perjodu tar-rapportar;

(b) b'mod separat għal kull livell, informazzjoni dwar l-istruttura, l-ammont u l-kwalità tal-fondi proprji fi tmiem il-perjodu tar-rapportar u fi tmiem il-perjodu tar-rapportar ta' qabel, inkluża analiżi tal-bidliet sinifikanti f'kull livell matul il-perjodu tar-rapportar;

(c) l-ammont eliġibbli ta' fondi proprji biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ikklassifikat skont il-livelli;

(d) l-ammont eliġibbli ta' fondi proprji bażiċi biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu, ikklassifikat skont il-livelli;

(e) spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali bejn ekwità kif muri fir-rapporti finanzjarji tal-impriża u l-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet kif ikkalkulat għall-finijiet ta' solvenza;

(f) għal kull entrata ta' fondi proprji bażiċi li hija suġġetta għall-arranġamenti tranżitorji msemmija fl-Artikoli 308b(9) u 308b(10) tad-Direttiva 2009/138/KE, deskrizzjoni tal-għamla tal-entrata u l-ammont tagħha;

(g) għal kull entrata materjali ta' fondi proprji anċillari, deskrizzjoni tal-entrata, l-ammont tal-entrata ta' fondi proprji anċillari u, meta jkun ġie approvat metodu li bih jinħareġ l-ammont tal-entrata ta' fondi proprji anċillari, dak il-metodu kif ukoll l-għamla u l-ismijiet tal-kontroparti jew il-grupp ta' kontrapartijiet għall-entrati msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 89(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(h) deskrizzjoni ta' kwalunkwe element imnaqqas mill-fondi proprji u deskrizzjoni fil-qosor ta' kwalunkwe restrizzjoni sinifikanti li taffettwa d-disponibbiltà u t-trasferibbiltà tal-fondi proprji fl-impriża.

Għall-finijiet tal-paragrafu (g), l-ismijiet tal-kontropartijiet ma jiġux żvelati meta t-tali divulgazzjoni ma tkunx legalment possibbli jew ikun imprattikabbli jew meta l-kontropartijiet ikkonċernati ma jkunux materjali.

2. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżiti Kapitali Minimu tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) l-ammonti tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali Minimu tal-impriża fi tmiem il-perjodu tar-rapportar u, fejn applikabbli, dawn ikunu pprovduti flimkien ma' indikazzjoni li l-ammont finali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għadu soġġett għal valutazzjoni superviżorja;

(b) l-ammont tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża maqsum skont il-moduli tar-riskju meta dik l-impriża tapplika l-formula standard, u skont il-kategoriji tar-riskju meta l-impriża tapplika mudell intern;

(c) informazzjoni dwar jekk u għal liema moduli u submoduli tar-riskju tal-formula standard dik l-impriża tkun qiegħda tuża kalkoli ssimplifikati;

(d) informazzjoni dwar jekk u għal liema parametri tal-formula standard dik l-impriża tkun qed tuża parametri speċifiċi għall-impriża skont l-Artikolu 104(7) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(e) meta tkun applikabbli, dikjarazzjoni li l-Istat Membru tal-impriża għamel użu mill-opzjoni stabbilita fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 51(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(f) sakemm l-Istat Membru tal-impriża ma jkunx uża l-opzjoni stabbilita fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 51(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impatt ta' kwalunkwe parametru speċifiku għall-impriża li dik l-impriża hija meħtieġa tuża skont l-Artikolu 110 ta' dik id-Direttiva u l-ammont ta' kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali applikata għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, flimkien ma' informazzjoni konċiża dwar il-ġustifikazzjoni tagħha mill-awtorità superviżorja kkonċernata;

(g) informazzjoni dwar l-inputs użati mill-impriża biex tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali Minimu;

(h) kwalunkwe bidla materjali fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali Minimu matul il-perjodu tar-rapportar, u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla bħal din.

3. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward l-opzjoni stabbilita fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE:

(a) indikazzjoni li dik l-impriża qed tuża s-submodulu tar-riskju tal-ekwità msejjes fuq id-durata stipulat f'dak l-Artikolu għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha, wara approvazzjoni mill-awtorità superviżorja tagħha;

(b) l-ammont tar-rekwiżit kapitali għas-sottomodulu tar-riskju tal-ekwità msejjes fuq id-durata li jirriżulta mit-tali użu.

4. Meta jintuża mudell intern biex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) deskrizzjoni tal-iskopijiet differenti li għalihom dik l-impriża qed tuża l-mudell intern tagħha;

(b) deskrizzjoni tal-ambitu tal-mudell intern f'termini ta' unitajiet tan-negozju u kategoriji tar-riskju;

(c) meta jintuża mudell intern parzjali, deskrizzjoni tat-teknika li ntużat biex jiġi integrat kwalunkwe mudell parzjali intern fil-formula standard, inkluża, meta tkun rilevanti, deskrizzjoni tat-tekniki alternattivi użati;

(d) deskrizzjoni tal-metodi użati fil-mudell intern biex jiġu kkalkulati l-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(e) spjegazzjoni, skont il-modulu tar-riskju, tad-differenzi ewlenin fil-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet sottostanti użati fil-formula standard u fil-mudell intern;

(f) il-kejl tar-riskju u l-perjodu ta' żmien użati fil-mudell intern, u meta dawn ma jkunux l-istess bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, spjegazzjoni dwar għaliex ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkulat permezz tal-mudell intern jipprovdi lid-detenturi ta' polza u lill-benefiċjarji livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak stabbilit fl-Artikolu 101 ta' dik id-Direttiva;

(g) deskrizzjoni tal-għamla u l-adegwatezza tad-dejta użata fil-mudell intern.

5. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħhom jew nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) rigward kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu ta' dik l-impriża: il-perjodu u l-ammont massimu ta' kull nuqqas ta' konformità tul il-perjodu tar-rapportar, spjegazzjoni tal-oriġini u l-konsegwenzi tiegħu, kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda, kif stabbilit fl-Artikolu 51(1)(e)(v) tad-Direttiva 2009/138/KE u spjegazzjoni tal-effetti tat-tali miżura ta' rimedju;

(b) meta n-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tal-impriża ma jkunx ġie solvut iktar tard: l-ammont tan-nuqqas ta' konformità fid-data tar-rapportar;

(c) rigward kwalunkwe nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża matul il-perjodu tar-rapportar: il-perjodu u l-ammont massimu ta' kull nuqqas ta' konformità sinifikanti u, barra minn hekk, l-ispjegazzjoni tal-oriġini u l-konsegwenzi tiegħu kif ukoll kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda, kif stabbilit fl-Artikolu 51(1)(e)(v) tad-Direttiva 2009/138/KE u spjegazzjoni tal-effetti tat-tali miżura ta' rimedju;

(d) meta nuqqas ta' konformità sinifikanti mar- Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża ma jkunx ġie solvut iktar tard: l-ammont tan-nuqqas ta' konformità fid-data tar-rapportar.

6. Ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jinkludi f'taqsima separata kwalunkwe informazzjoni materjali oħra dwar il-ġestjoni tal-kapital tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 298

Informazzjoni volontarja addizzjonali

Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżvelaw pubblikament, skont l-Artikolu 54(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, kwalunkwe informazzjoni jew spjegazzjoni relatata mal-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom li d-divulgazzjoni pubblika tagħha ma tkunx meħtieġa legalment, dawn l-impriżi jaraw li t-tali informazzjoni addizzjonali tkun konsistenti ma' kwalunkwe informazzjoni pprovduta lill-awtoritajiet superviżorji skont l-Artikolu 35 ta' dik id-Direttiva.

TAQSIMA 2

Rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza: nondivulgazzjoni ta' informazzjoni

Artikolu 299

1. Meta l-awtoritajiet superviżorji jippermettu lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, skont l-Artikolu 53(1) u (2) tad-Direttiva 2009/138/KE, biex ma jiżvelawx ċerta informazzjoni, it-tali permess jibqa' validu biss sakemm tibqa' teżisti r-raġuni għan-nuqqas ta' divulgazzjoni.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jinnotifikaw lill-awtoritajiet superviżorji malli ma tibqax teżisti r-raġuni għal kwalunkwe nuqqas ta' divulgazzjoni permessa.

TAQSIMA 3

Rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza: skadenzi, mezzi ta' divulgazzjoni u aġġornamenti

Artikolu 300

Skadenzi

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżvelaw ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom sal-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 308b(6) tad-Direttiva 2009/138/KE u, wara li jgħaddi l-perjodu tranżitorju stabbilit f'dak l-Artikolu, mhux iktar tard minn 14-il ġimgħa wara li tintemm is-sena finanzjarja tal-impriża.

2. Malli r-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza, kif ukoll kwalunkwe verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport, jiġi żvelat mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, dan jiġi sottomess lill-awtoritajiet superviżorji.

Artikolu 301

Mezzi ta' divulgazzjoni

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkollhom u jmantnu sit elettroniku relatat man-negozju tagħhom, ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom jiġi żvelat fuq dak is-sit elettroniku.

2. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jkollhomx u ma jmantnux sit elettroniku iżda jkunu membru ta' korp kummerċjali li jkollu u jmantni sit elettroniku, ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza jiġi żvelat fuq is-sit elettroniku ta' dak il-korp, meta t-tali korp kummerċjali jippermetti li jsir hekk.

3. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiżvelaw ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom fuq sit elettroniku skont il-paragrafu 1 jew 2, dak ir-rapport għandu jibqa' disponibbli fuq dak is-sit elettroniku għal mill-inqas ħames snin mid-data tad-divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 300(1).

4. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jiżvelawx ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom fuq sit elettroniku skont il-paragrafi 1 u 2, jibagħtu kopja elettronika tar-rapport tagħhom lil kwalunkwe persuna li, fi żmien ħames snin mid-data tad-divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 300(1), titlob ir-rapport. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jibagħtu r-rapport fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn dik it-talba.

5. Irrispettivament minn jekk ir-rapport tal-impriża tqegħidx għad-dispożizzjoni fuq sit elettroniku skont il-paragrafu 1 jew 2, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jibagħtu, lil kwalunkwe persuna li titlob hekk fi żmien sentejn mid-data tad-divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 300(1), kopja stampata tar-rapport tagħhom fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta ssir dik it-talba.

6. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissottomettu lill-awtoritajiet superviżorji ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom, u kwalunkwe verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport, f'forma elettronika.

Artikolu 302

Aġġornamenti

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkollhom jiżvelaw pubblikament, skont l-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, informazzjoni xierqa dwar l-għamla u l-effetti ta' kwalunkwe żvilupp qawwi li jaffettwa b'mod sinifikanti r-rilevanza tar-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom, l-impriża tippubblika verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-Artikoli 290 sa 299 ta' dan ir-Regolament japplikaw għal dik il-verżjoni aġġornata.

2. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe divulgazzjoni li ssir immedjatament mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, kwalunkwe verżjoni aġġornata tar-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tiġi żvelata kemm jista' jkun malajr wara l-iżvilupp qawwi msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, skont id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 301 ta' dan ir-Regolament.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, għall-finijiet tal-Artikolu 301(5), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jiddeċiedu li jiżvelaw l-informazzjoni xierqa dwar l-għamla u l-effetti ta' kwalunkwe żvilupp qawwi li jaffettwa b'mod sinifikanti ir-rilevanza tar-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom permezz ta' emendi li jissupplimentaw ir-rapport inizjali.

Artikolu 303

Arranġamenti tranżizzjonali dwar informazzjoni komparattiva

Meta jkun meħtieġ paragun tal-informazzjoni ma' dik irrapportata fil-perjodu tar-rapportar preċedenti skont dan il-Kapitolu, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkonformaw mat-tali rekwiżit biss meta l-perjodu tar-rapportar ta' qabel ikun ikopri perjodu wara d-data ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE.

KAPITOLU XIII

RAPPORTAR SUPERVIŻORJU REGOLARI

TAQSIMA 1

Elementi u kontenut

Artikolu 304

Elementi tar-rapportar superviżorju regolatorju

1. L-informazzjoni li l-awtoritajiet superviżorji jeħtieġu li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissottomettu f'perjodi definiti minn qabel skont l-Artikolu 35(2)(a)(i) tad-Direttiva 2009/138/KE tinkludi dan li ġej:

(a) ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza żvelat mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni skont l-Artikolu 300 ta' dan ir-Regolament, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni ekwivalenti żvelata pubblikament b'mod konformi ma' rekwiżiti legali jew regolatorji oħrajn li jirreferi għalihom ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza kif ukoll kwalunkwe verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport żvelata skont l-Artikolu 302 ta' dan ir-Regolament;

(b) ir-rapport superviżorju regolari li jinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 307 sa 311 ta' dan ir-Regolament. Dan jippreżenta wkoll kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikoli 293 sa 297 ta' dan ir-Regolament li l-awtoritajiet superviżorji taw permess lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, sabiex ma jiżvelawx ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom, b'konformità mal-Artikolu 53(1) tad-Direttiva 2009/138/KE. Ir-rapport superviżorju regolari jsegwi l-istess struttura bħal dik stabbilita fl-Anness XX għar-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza;

(c) ir-rapport superviżorju tal-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza ("ir-rapport superviżorju ORSA") li jinkludi r-riżultati ta' kull valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza regolari mwettqa mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni skont l-Artikolu 45(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, kull meta ssir valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza skont l-Artikolu 45(5) ta' dik id-Direttiva;

(d) mudelli kwantitattivi annwali u trimestrali li jispeċifikaw f'aktar dettall u jissupplimentaw l-informazzjoni ppreżentata fir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza u fir-rapport superviżorju regolari, b'kunsiderazzjoni tal-limitazzjonijiet u l-eżenzjonijiet possibbli b'konformità mal-Artikolu 35(6) u (7) tad-Direttiva 2009/138/KE. Sa fejn l-impriżi jkunu eżentati mill-obbligi tar-rapportar trimestrali skont l-Artikolu 35(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, dawn jissottomettu mudelli kwantitattivi annwali biss. L-obbligi ta' rapportar annwali ma jinkludux rapportar abbażi ta' entrata entrata meta l-impriżi jkunu eżentati minnhom skont l-Artikolu 35(7) tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi fih sommarju li b'mod partikolari jixħet dawl fuq kwalunkwe bidla materjali li seħħet fil-prestazzjoni u n-negozju, is-sistema ta' governanza, il-profil tar-riskju, il-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza u l-ġestjoni tal-kapital tal-impriża tul il-perjodu tar-rapportar, u jipprovdi spjegazzjoni fil-qosor tal-kawżi u l-effetti tat-tali bidliet. Is-sommarju jinkludi informazzjoni fuq il-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza għall-finijiet tal-Artikolu 45(6) tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. L-ambitu tal-mudelli kwantitattivi trimestrali jkun iktar ristrett minn dak tal-mudelli kwantitattivi annwali.

4. Il-paragrafu 1 ikun mingħajr ħsara għas-setgħa tal-awtoritajiet superviżorji li jeħtieġu li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkomunikaw fuq bażi regolari kwalunkwe informazzjoni oħra mhejjija taħt ir-responsabbiltà ta' — jew fuq talba ta' — il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' dawk l-impriżi.

Artikolu 305

Materjalità

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-informazzjoni sottomessa lis-superviżuri titqies bħala materjali meta l-ommissjoni tagħha jew dikjarazzjoni skorretta fiha tkun tista' tinfluwenza t-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-awtoritajiet superviżorji.

Artikolu 306

Rapport superviżorju dwar il-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza

Ir-rapport superviżorju tal-ORSA jippreżenta dawn kollha li ġejjin:

(a) ir-riżultati kwalitattivi u kwantitattivi tal-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza u l-konklużjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni siltet minn dawk ir-riżultati;

(b) il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati fil-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza tagħhom;

(c) informazzjoni dwar il-ħtiġijiet globali tas-solvenza tal-impriża u paragun bejn dawk il-ħtiġijiet ta' solvenza, ir-rekwiżiti kapitali regolatorji u l-fondi proprji tal-impriża;

(d) informazzjoni kwalitattiva fuq, u fejn ikunu ġew identifikati devjazzjonijiet sinifikanti kwantifikazzjoni ta' kemm ir-riskji kwantifikabbli tal-impriżi mhumiex riflessi fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

Artikolu 307

Negozju u prestazzjoni

1. Ir-rapport superviżorju regolari jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja dwar in-negozju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) ix-xejriet ewlenin u l-fatturi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-impriża matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha inkluża l-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża u kwalunkwe kwistjoni legali jew regolatorja sinifikanti;

(b) a description of the business objectives of the undertaking, including the relevant strategies and time frames.

2. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi fih informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva segwenti dwar il-prestazzjoni ta' sottoskrizzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, kif muri fir-rapporti finanzjarji tal-impriża:

(a) informazzjoni dwar id-dħul u l-ispejjeż tas-sottoskrizzjoni tal-impriża skont il-linja materjali tan-negozju u ż-żoni ġeografiċi materjali fejn twettaq in-negozju matul il-perjodu tar-rappurtar, paragun tal-informazzjoni ma' dik irrapurtata fil-perjodu tar-rapportar ta' qabel u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla materjali;

(b) analiżi tal-prestazzjoni kumplessiva tas-sottoskrizzjoni tal-impriża matul il-perjodu tar-rappurtar;

(c) deskrizzjoni tal-għanijiet tan-negozju tal-impriża, inklużi l-istrateġiji u l-perjodi ta' żmien rilevanti.

(d) proġettazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-impriża dwar is-sottoskrizzjoni, b'informazzjoni dwar fatturi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw tali prestazzjoni dwar is-sottoskrizzjoni, matul il-perjodu ta' ppjanar tan-negozju.

(e) information on any material risk mitigation techniques purchased or entered into during the reporting period.

3. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi fih informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva segwenti dwar il-prestazzjoni tal-investimenti tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, kif muri fir-rapporti finanzjarji tal-impriża:

(a) informazzjoni dwar id-dħul u l-ispejjeż tas-sottoskrizzjoni tal-impriża skont il-linja operatorja materjali u ż-żoni ġeografiċi materjali meta twettaq in-negozju matul il-perjodu tar-rapportar, paragun tal-informazzjoni ma' dik fil-perjodu tar-rapportar ta' qabel u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla materjali;

(b) analiżi tal-prestazzjoni globali tas-sottoskrizzjoni tal-impriża matul il-perjodu tar-rapportar;

(c) informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sottoskrizzjoni tal-impriża skont il-linja operatorja matul il-perjodu tar-rapportar kontra projezzjonijiet, u fatturi sinifikanti li jaffettwaw devjazzjonijiet minn dawn il-projezzjonijiet;

(d) projezzjonijiet tal-prestazzjoni tas-sottoskrizzjoni tal-impriża, b'informazzjoni dwar fatturi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw it-tali prestazzjoni tas-sottoskrizzjoni, matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha;

(e) (b) analiżi tal-prestazzjoni globali tal-investiment tal-impriża matul il-perjodu tar-rapportar kif ukoll skont il-klassi ta' assi rilevanti; (c) projezzjonijiet tal-prestazzjoni mistennija tal-investiment tal-impriża, b'informazzjoni dwar fatturi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw it-tali prestazzjoni tal-investiment, matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha; (d) is-suppożizzjonijiet ewlenin li tagħmel l-impriża fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħha fir-rigward taċ-ċaqliq ta' rati tal-imgħax, ir-rati tal-kambju, u parametri tas-suq rilevanti oħrajn, matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha; (e)

4. informazzjoni dwar kwalunkwe investiment f'titolizzazzjoni, u l-proċeduri tal-immaniġġjar tar-riskju tal-impriża fir-rigward tat-tali titoli jew strumenti. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe dħul u spejjeż materjali, ħlief dħul u spejjeż marbutin ma' sottoskrizzjoni jew investiment, matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tal-impriża.

5. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi kwalunkwe informazzjoni materjali oħra rigward in-negozju u l-prestazzjoni tagħhom.

Artikolu 308

Sistema ta' governanza

1. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward is-sistema ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet superviżorji jiksbu fehim tajjeb tas-sistema ta' governanza fl-impriża, u jivvalutaw kemm hi xierqa għall-istrateġija u l-operazzjonijiet tan-negozju tal-impriża;

(b) informazzjoni marbuta mad-delegazzjoni tar-responsabbiltajiet, il-linji ta' rapportar u l-allokazzjoni tal-funzjonijiet tal-impriża;

(c) l-intitolamenti ta' remunerazzjoni tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, matul il-perjodu tar-rapportar u paragun tal-informazzjoni ma' dik irrapportata fil-perjodu tar-rapportar ta' qabel u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla materjali.

2. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward il-konformità tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni mar-rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità:

(a) skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 42 tad-Direttiva 2009/138/KE, lista tal-persuni fl-impriża li huma responsabbli għall-funzjonijiet ewlenin;

(b) informazzjoni dwar il-politiki u l-proċessi stabbiliti mill-impriża biex tiżgura li dawk il-persuni huma kompetenti u idonei.

3. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward is-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni dwar l-istrateġiji tal-mmaniġġjar tar-riskju, l-objettivi, proċessi u l-proċeduri ta' rapportar tal-impriża għal kull kategorija ta' riskju;

(b) informazzjoni dwar riskji sinifikanti li l-impriża hija skoperta għalihom matul il-ħajja tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tagħha, u kif dawn ġew koperti fil-ħtiġijiet ġenerali tas-solvenza tagħha;

(c) informazzjoni dwar kwalunkwe riskju materjali li l-impriża identifikat u li mhuwiex totalment inkluż fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kif stabbilit fl-Artikolu 101(4) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) informazzjoni dwar kif l-impriża tissodisfa l-obbligu tagħha li tinvesti l-assi kollha tagħha skont il-"prinċipju tal-persuna prudenti" stabbilit fl-Artikolu 132 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(e) informazzjoni dwar kif l-impriża tivverifika l-adegwatezza tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu minn istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu inkluż kif u sa liema punt il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jintużaw minn istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu.

(f) ir-riżultati tal-valutazzjonijiet rigward l-estrapolazzjoni tar-rata mingħajr riskju, l-aġġustament ta' korrispondenza u l-aġġustament tal-volatilità, kif imsemmi fl-Artikolu 44 (2)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE.

4. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward il-valutazzjonijiet interni tar-riskju u s-solvenza li saru matul il-perjodu tar-rapportar mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni ta' kif issir il-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza, kif tiġi dokumentata u vverifikata internament;

(b) deskrizzjoni ta' kif il-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza hi integrata fil-proċess ta' ġestjoni u fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-impriża.

5. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward is-sistema ta' kontroll intern tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni dwar il-proċeduri ewlenin li tinkludi s-sistema ta' kontroll intern;

(b) informazzjoni dwar l-attivitajiet imwettqa skont l-Artikolu 46(2) tad-Direttiva 2009/138/KE matul il-perjodu tar-rapportar;

(c) informazzjoni dwar il-politika ta' konformità tal-impriża mħejjija skont l-Artikolu 270 ta' dan ir-Regolament, il-proċess għar-rieżami ta' dik il-politika, il-frekwenza tar-rieżami u kwalunkwe bidla sinifikanti f'dik il-politika matul il-perjodu tar-rapportar.

6. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward l-uffiċċju tal-awditjar intern tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni tal-awditjar intern imwettaq matul il-perjodu tar-rapportar, b'sommarju tas-sejbiet materjali u r-rakkomandazzjonijiet rrapportati lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża, u kwalunkwe azzjoni meħuda fir-rigward ta' dawn is-sejbiet u rakkomandazzjonijiet;

(b) deskrizzjoni tal-politika tal-impriża dwar l-awditjar intern, il-proċess għar-rieżami ta' dik il-politika, il-frekwenza tar-rieżami u kwalunkwe bidla sinifikanti f'dik il-politika matul il-perjodu tar-rapportar;

(c) deskrizzjoni tal-pjan tal-awditu tal-impriża, inkluż awditjar intern fil-ġejjieni u l-ħsieb wara dak l-awditjar tal-ġejjieni:

(d) meta l-persuni li jwettqu l-funzjoni tal-awditjar intern jassumu funzjonijiet importanti oħrajn skont l-Artikolu 271(2), valutazzjoni, f'termini kwalitattivi u kwantitattivi, tal-kriterji stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 271(2).

7. Fir-rigward tal-funzjoni attwarja, ir-rapport superviżorju regolari jinkludi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet imwettqa mill-funzjoni attwarja f'kull wieħed mill-oqsma tar-responsabbilità tagħha matul il-perjodu tar-rapportar, u fih tiddeskrivi kif il-funzjoni attwarja tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tas-sistema tal-immaniġġjar tar-riskju tal-impriża.

8. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward l-esternalizzazzjoni:

(a) meta l-impriża testernalizza xi funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti, il-ħsieb wara l-esternalizzazzjoni u evidenza li hemm fis-seħħ is-sorveljanza u s-salvagwardji xierqa;

(b) informazzjoni dwar il-forniturі tas-servizz li lilhom ġiet esternalizzata xi funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti u dwar kif l-impriża tiżgura li l-forniturі tas-servizzi jikkonformaw mal-Artikolu 274(3)(a).

(c) lista tal-persuni responsabbli għall-funzjonijiet ewlenin esternalizzati fil-fornitur tas-servizz.

9. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi kwalunkwe informazzjoni materjali oħra dwar is-sistema ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 309

Profil tar-riskju

1. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi fih informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, skont il-paragrafi 2 sa 9, b'mod separat għall-kategoriji tar-riskju kollha li ġejjin:

(a) riskju tas-sottoskrizzjoni;

(b) riskju tas-suq;

(c) riskju ta' kreditu;

(d) riskju tal-likwidità;

(e) riskju operazzjonali;

(f) riskji materjali oħrajn.

2. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tal-isokpertura għar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, inkluża l-iskopertura li tirriżulta minn pożizzjonijiet barra l-karta bilanċjali u t-trasferiment tar-riskju lil veikoli bi skop speċjali:

(a) ħarsa ġenerali ta' kwalunkwe skopertura għal riskji materjali antiċipata matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju skont l-istrateġija tan-negozju tal-impriża, u kif se jiġu ġestiti dawn l-iskoperturi għar-riskju;

(b) meta l-impriża tbiegħ jew tirhan mill-ġdid kollateral, skont it-tifsira tal-Artikolu 214 ta' dan ir-Regolament, l-ammont ta' dak il-kollateral, evalwat skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(c) meta l-impriża tkun ipprovdiet kollateral, skont it-tifsira tal-Artikolu 214, l-għamla tal-kollateral, l-għamla u l-valur tal-assi pprovduti bħala kollateral u l-obbligazzjonijiet attwali u kontinġenti korrispondenti maħluqin b'dak l-arranġament kollaterali;

(d) informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet materjali assoċjati mal-arranġament kollaterali;

(e) lista sħiħa ta' assi u kif dawk l-assi ġew investiti skont il-"prinċipju tal-persuna prudenti" stabbilit fl-Artikolu 132 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(f) meta l-impriża tkun daħlet fi tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli, ftehimiet ta' riakkwist jew retroriakkwist kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(82) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, inklużi swaps ta' likwidità, informazzjoni dwar il-karatteristiċi u l-volum tagħhom;

(g) meta l-impriża tbiegħ annwalitajiet varjabbli, informazzjoni dwar addendi għall-garanziji u ħheġġjar tal-garanziji.

3. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi informazzjoni dwar il-volum u l-għamla tal-portafoll tas-self tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

4. Fir-rigward tal-konċentrazzjoni tar-riskju, ir-rapport superviżorju regolari jinkludi informazzjoni fuq il-konċentrazzjonijiet tar-riskju materjali kollha li l-impriża hija skoperta għalihom u ħarsa ġenerali lejn xi konċentrazzjonijiet tar-riskju futuri antiċipati matul il-perjodu għall-ippjanar tan-negozju skont l-istrateġija tan-negozju tal-impriża, u kif se jiġu ġestiti dawn il-konċentrazzjonijiet tar-riskju.

5. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja dwar it-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni dwar it-tekniki użati f'dak iż-żmien biex jimmitigaw ir-riskji, u deskrizzjoni ta' kwalunkwe teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju materjali li l-impriża qed tikkunsidra li tixtri jew tilħaq ftehim fuqhom matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju skont l-istrateġija tan-negozju tal-impriża, u l-ħsieb wara tali tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju u l-effett tagħhom;

(b) meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha kollateral, skont it-tifsira tal-Artikolu 214 ta' dan ir-Regolament:

    (i) il-valur tal-kollateral skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

    (ii) informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet materjali assoċjati mal-arranġament kollaterali;

6. Fir-rigward tar-riskju tal-likwidità, ir-rapport superviżorju regolari jinkludi b'mod partikolari informazzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, rigward il-qligħ mistenni inkluż fil-primjums futuri kif ikkalkulat skont l-Artikolu 260(2) ta' dan ir-Regolament għal kull linja operatorja, ir-riżultat tal-valutazzjoni kwalitattiva msemmija fl-Artikolu 260(1)(d)(ii) u deskrizzjoni tal-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati biex jiġi kkalkulat il-qligħ mistenni inkluż fil-primjums futuri;

7. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tas-sensittività għar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni tat-testijiet tal-istress u analiżi tax-xenarju rilevanti msemmija fl-Artikolu 259(3), imwettqa mill-impriża inkluż l-eżitu tagħhom;

(b) deskrizzjoni tal-metodi użati u s-suppożizzjonijiet ewlenin sottostanti għal dawk it-testijiet tal-istress u l-analiżi tax-xenarju.

8. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi informazzjoni rigward dejta kwantitattiva li hija meħtieġa biex jinstabu d-dipendenzi bejn ir-riskji koperti mill-moduli jew is-submoduli tar-riskju u tar-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza.

9. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi kwalunkwe informazzjoni materjali rigward il-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

Artikolu 310

Valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza

1. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi kwalunkwe informazzjoni importanti, minbarra dik diġà żvelata fir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, fir-rigward tal-valutazzjoni tal-assi tagħha, il-provedimenti tekniċi u obbligazzjonijiet oħrajn għall-finijiet ta' solvenza tagħhom.

2. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi deskrizzjoni ta':

(a) is-suppożizzjonijiet rilevanti dwar azzjonijiet ta' ġestjoni futuri;

(b) is-suppożizzjonijiet rilevanti dwar l-imġiba tad-detentur ta' polza.

3. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi informazzjoni dwar l-oqsma stabbiliti fl-Artikolu 263 ta' dan ir-Regolament fil-konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni marbutin ma' valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza.

4. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jivvalutaw l-assi jew l-obbligazzjonijiet fuq il-bażi tal-metodi ta' valutazzjoni li jużaw biex iħejju r-rapporti finanzjarji tagħhom skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament, jirrapportaw valutazzjoni, f'termini kwalitattivi u kwantitattivi, tal-kriterju stipulat fl-Artikolu 9(4)(d).

Artikolu 311

Ġestjoni tal-Kapital

1. Ir-rapport superviżorju regolari jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja dwar il-fondi proprji tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet materjali tal-entrati ta' fondi proprji ewlenin miżmumin mill-impriża;

(b) l-iżviluppi mistennija tal-fondi proprji tal-impriża fil-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha skont l-istrateġija tan-negozju tal-impriża, u pjanijiet tal-kapital taħt stress xieraq u jekk hemmx xi ħsieb li tiħallas lura jew li tinfeda xi entrata ta' fondi proprji jew pjanijiet li jinġabru fondi proprji addizzjonali.

(c) il-pjanijiet tal-impriża dwar kif tibdel entrati bażiċi ta' fondi proprji li huma soġġetti għall-arranġamenti tranżitorji msemmija fl-Artikolu 308b(9) u (10) tad-Direttiva 2009/138/KE matul il-perjodu ta' żmien imsemmi f'dak l-Artikolu.

2. Ir-rapport superviżorju regolari jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja rigward ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali Minimu tal-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni kwantitattiva dwar ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża maqsum skont il-moduli tar-riskju meta l-impriża tapplika l-formula standard, u skont il-kategoriji ta' riskju meta l-impriża tapplika mudell intern;

(b) l-iżviluppi mistennija tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali Minimu antiċipati tal-impriża matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha skont l-istrateġija tan-negozju tal-impriża;

(c) stima tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża maħruġa skont il-formula standard, meta l-awtorità superviżorja teħtieġ li l-impriża tipprovdi dik l-istima skont l-Artikolu 112(7) tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. Meta jintuża mudell intern biex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-rapport superviżorju regolari jinkludi wkoll l-informazzjoni kollha li ġejja wkoll:

(a) ir-riżultati tar-rieżami tal-kawżi u s-sorsi tal-qligħ u t-telf, meħtieġa mill-Artikolu 123 tad-Direttiva 2009/138/KE, għal kull unità kummerċjali ewlenija u kif il-kategorizzazzjoni tar-riskju magħżula fil-mudell intern tispjega dawk il-kawżi u sorsi tal-qligħ u tat-telf;

(b) informazzjoni dwar jekk, u jekk iva, kemm, il-profil tar-riskju tal-impriża jiddevja mis-suppożizzjonijiet sottostanti għall-mudell intern tal-impriża;

(c) informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri użati fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

4. Meta jintużaw parametri speċifiċi għall-impriża biex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, jew jiġi applikat aġġustament ta' korrispondenza għall-istruttura tat-terminu rilevanti tal-imgħax mingħajr riskju, ir-rapport superviżorju regolari jinkludi informazzjoni fuq jekk kienx hemm bidliet fl-informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-parametri speċifiċi għall-impriża jew l-aġġustament ta' korrispondenza li huma rilevanti għall-valutazzjoni superviżorja tal-applikazzjoni.

5. Ir-rapport superviżorju regolari jkun fih informazzjoni dwar kull riskju raġonevolment prevedibbli ta' nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu jew ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża, u l-pjanijiet tal-impriża sabiex tiżgura li tinżamm konformità mat-tnejn li huma.

6. Ir-rapport superviżorju regolari jkun fih kwalunkwe informazzjoni materjali oħra dwar il-ġestjoni tal-kapital tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

TAQSIMA 2

Skadenzi u mezzi ta' komunikazzjoni

Artikolu 312

Skadenzi

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissottomettu lill-awtoritajiet superviżorji:

(a) ir-rapport superviżorju regolari msemmi fl-Artikolu 304(1)(b) ta' dan ir-Regolament mill-inqas darba kull 3 snin fl-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 308b(5) tad-Direttiva 2009/138/KE u, wara li jispiċċa l-perjodu tranżitorju stabbilit f'dak l-Artikolu, sa mhux aktar tard minn 14-il ġimgħa wara li tintemm is-sena finanzjarja inkwistjoni tal-impriża;

(b) ir-rapport superviżorju tal-ORSA msemmi fl-Artikolu 304(1)(c) fi żmien ġimgħatejn mill-konklużjoni tal-valutazzjoni.

(c) il-mudelli kwantitattivi annwali msemmija fl-Artikolu 304(1)(d) ta' dan ir-Regolament fl-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 308b(5) tad-Direttiva 2009/138/KE u, wara li jispiċċa l-perjodu tranżitorju stabbilit f'dak l-Artikolu, mhux aktar tard minn 14-il ġimgħa wara li tintemm is-sena finanzjarja tal-impriża.

(d) il-mudelli kwantitattivi trimestrali msemmija fl-Artikolu 304(1)(d) ta' dan ir-Regolament fl-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 308b(7) tad-Direttiva 2009/138/KE u, wara li jispiċċa l-perjodu tranżitorju stabbilit f'dak l-Artikolu, mhux aktar tard minn ħames ġimgħat relatati ma' kwalunkwe trimestru li jintemm.

2. L-awtoritajiet superviżorji jistgħu jeħtieġu li impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tissottometti r-rapport superviżorju regolari tagħha fl-aħħar ta' kull sena finanzjarja tal-impriża, soġġetta għall-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 1(a).

3. Meta ma jkunx hemm bżonn li jiġi sottomess rapport superviżorju regolari fir-rigward ta' sena finanzjarja partikolari, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni xorta waħda jippreżentaw lill-awtorità superviżorja tagħhom rapport li jistabbilixxi kwalunkwe bidla materjali li seħħet fin-negozju u l-prestazzjoni, is-sistema ta' governanza, il-profil tar-riskju, il-valutazzjoni għall-finijiet tas-solvenza u l-ġestjoni tal-kapital tal-impriża matul is-sena finanzjarja partikolari, u jipprovdu spjegazzjoni fil-qosor dwar il-kawżi u l-effetti ta' tali bidliet. Dak ir-rapport jiġi ppreżentat sal-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 1(a).

Artikolu 313

Mezzi ta' komunikazzjoni

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissottomettu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 312(1) fil-forma elettronika.

Artikolu 314

Rekwiżiti ta' informazzjoni tranżitorji

1. Minbarra l-obbligi tar-rapportar superviżorju ta' dan il-kapitolu, rigward l-ewwel sena ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE kif imsemmi fl-Artikolu 311(3) ta' dik id-Direttiva, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissottomettu lill-awtoritajiet superviżorji l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva li ġejja:

(a) valutazzjoni tal-bidu tal-assi u l-obbligazzjonijiet imfassla skont il-prinċipji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 75 sa 86 tad-Direttiva 2009/138/KE. Id-data ta' referenza tar-rapport finanzjarju tal-bidu tkun l-ewwel jum tas-sena finanzjarja tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li jibda fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara iżda qabel l-1 ta' Lulju 2016;

(b) b'mod separat għal kull klassi materjali ta' assi u obbligazzjonijiet, spjegazzjoni kwalitattiva tad-differenzi ewlenin bejn iċ-ċifri rrapportati fil-valutazzjoni tal-bidu kif stipulat fil-punt (a) u dawk ikkalkulati skont ir-reġim ta' solvenza li kien hemm fis-seħħ qabel;

(c) ir-Rekwiżit Kapitali Minimu, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u l-Fondi Proprji eliġibbli tal-impriża sa mid-data tar-rapport finanzjarju tal-bidu msemmi fil-punt (a).

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissottomettu lill-awtorità superviżorja l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 mhux aktar tard minn 20-il ġimgħa wara d-data ta' referenza tar-rapport finanzjarju tal-bidu kif imsemmi fil-paragrafu 1(a).

KAPITOLU XIV

TRASPARENZA U RESPONSABBILTÀ TAL-AWTORITAJIET SUPERVIŻORJI

Artikolu 315

Informazzjoni kunfidenzjali

Ma tiġi inkluża ebda informazzjoni kunfidenzjali li l-awtoritajiet superviżorji jistgħu jirċievu fid-dmirijiet tagħhom fid-divulgazzjoni ħlief f'forma mqassra jew aggregata, b'tali mod li ma jkunux jistgħu jiġu identifikati impriżi individwali jew gruppi.

Artikolu 316

Dejta statistika aggregata

1. Id-dejta statistika aggregata li għandha tiġi żvelata fuq l-aspetti ewlenin tal-applikazzjoni tal-qafas prudenzjali tinkludi informazzjoni kif speċifikat fl-Anness XXI.

2. Mill-31 ta' Diċembru 2020, id-divulgazzjoni tinkludi dejta tal-erba' snin ta' qabel. Fir-rigward tad-divulgazzjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2018, din tinkludi dejta mis-snin kollha ta' qabel li jibdew mill-1 ta' Jannar 2016.

Artikolu 317

Mezzi ta' divulgazzjoni

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 2009/138/KE tiġi żvelata u titqiegħed għad-dispożizzjoni permezz tas-sit elettroniku tal-awtorità superviżorja fil-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat u tiġi żvelata wkoll fil-lingwa komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

2. L-informazzjoni tiġi aġġornata mill-inqas darba fis-sena. Meta jkunu kkonċernati bidliet fil-liġijiet, regolamenti, regoli amministrattivi u gwida ġenerali fil-qasam tar-regolamentazzjoni tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, l-informazzjoni aġġornata tiġi pprovduta sa mhux aktar tard minn meta l-bidliet isiru applikabbli.

3. Id-dejta statistika aggregata annwali dwar l-impriżi u l-gruppi ssorveljati skont l-Artikolu 316 tiġi żvelata fir-rigward ta' kull sena kalendarja fi żmien tliet xhur wara d-data li sa din l-impriżi li jkollhom sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru huma meħtieġa jissottomettu mudelli kwantitattivi annwali skont l-Artikolu 312(1)(b). L-informazzjoni dwar l-awtoritajiet superviżorji titqiegħed għad-dispożizzjoni fi żmien erba' xhur wara l-31 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja.

4. L-ewwel sena li għaliha l-informazzjoni tiġi ppubblikata fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat tkun is-sena kalendarja li tibda fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara u l-informazzjoni tiġi ppubblikata mhux aktar tard minn 3 xhur wara li tibda s-sena. Fir-rigward tal-ewwel sena, l-informazzjoni li għandha tiġi żvelata f'lingwa komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali għandha tiġi ppubblikata mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data li fiha tiġi ppubblikata l-informazzjoni fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat.

KAPITOLU XV

VETTURI BI SKOPIJIET SPEĊJALI

TAQSIMA 1

Awtorizzazzjoni

Artikolu 318

L-awtorizzazzjoni ta' veikolu bi skop speċjali mill-awtorità superviżorja tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-veikolu bi skop speċjali jistabbilixxi l-uffiċċji prinċipali tiegħu tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-veikolu bi skop speċjali jassumi riskji minn impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni permezz ta' kuntratti ta' riassigurazzjoni jew jassumi riskji ta' assigurazzjoni permezz ta' arranġamenti simili;

(b) meta l-veikolu bi skop speċjali jassumi riskji minn iktar minn impriża waħda tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, is-solvenza ta' dak il-veikolu bi skop speċjali ma tiġix affettwata ħażin minn proċeduri ta' stralċ ta' xi waħda minn dawk l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(c) l-arranġamenti kuntrattwali marbutin mat-trasferiment tar-riskju minn impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għall-veikolu bi skop speċjali u l-investiment fl-assi mill-veikolu bi skop speċjali jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 319 sa 321;

(d) il-persuni li effettivament imexxu l-veikolu bi skop speċjali jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 322;

(e) l-azzjonisti jew il-membri li għandhom parteċipazzjoni kwalifikattiva skont it-tifsira tal-Artikolu 13(21) tad-Direttiva 2009/138/KE fil-veikolu bi skop speċjali jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 323;

(f) il-veikolu bi skop speċjali għandu sistema effettiva ta' governanza u jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 324;

(g) il-veikolu bi skop speċjali kapaċi jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 325;

(h) il-veikolu bi skop speċjali jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 326 u 327.

TAQSIMA 2

Kundizzjonijiet kuntrattwali mandatorji

Artikolu 319

Finanzjament bis-Sħiħ

L-arranġamenti kuntrattwali relatati mat-trasferiment tar-riskju minn impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal veikolu bi skop speċjali jiżguraw li l-veikolu bi skop speċjali jkun ffinanzjat bis-sħiħ il-ħin kollu skont l-Artikolu 326.

Artikolu 320

Trasferiment effettiv tar-riskju

1. L-arranġamenti kuntrattwali marbutin mat-trasferiment tar-riskju minn impriża tal-assigurazzjoni, jew tar-riassigurazzjoni għal veikolu bi skop speċjali u mill-veikolu bi skop speċjali għall-forniturі ta' dejn jew finanzjament jiżguraw dan kollu li ġej:

(a) it-trasferiment tar-riskju huwa effettiv fiċ-ċirkustanzi kollha;

(b) il-firxa tat-trasferiment tar-riskju hija definita biċ-ċar u ma tistax tiġi kkontestata.

2. It-trasferiment tar-riskju ma jiġix ikkunsidrat bħala effettiv fiċ-ċirkustanzi kollha meta jkun hemm tranżazzjonijiet konnessi li jistgħu jxekklu t-trasferiment effettiv tar-riskju.

Artikolu 321

Drittijiet tal-forniturі ta' dejn jew mekkaniżmi ta' finanzjament

L-arranġamenti kuntrattwali relatati mat-trasferiment tar-riskju minn impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal veikolu bi skop speċjali u mill-veikolu bi skop speċjali għall-forniturі ta' dejn jew finanzjament jiżguraw dawn kollha li ġejjin:

(a) il-pretensjonijiet tal-forniturі ta' dejn jew mekkaniżmi ta' finanzjament ikunu subordinati l-ħin kollu għall-obbligi tar-riassigurazzjoni tal-veikolu bi skop speċjali għall-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(b) ma jsir ebda ħlas lill-fornituri ta' dejn jew finanzjament, jekk wara dawk il-ħlasijiet il-veikolu bi skop speċjali ma jibqax iffinanzjat bis-sħiħ;

(c) il-fornituri ta' dejn jew finanzjament għall-veikolu bi skop speċjali ma jkollhomx drittijiet ta' rikors għall-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni;

(d) il-fornituri ta' dejn jew finanzjament għall-veikolu bi skop speċjali ma jkollhomx drittijiet biex japplikaw għall-istralċ tal-veikolu bi skop speċjali.

TAQSIMA 3

Sistema ta' governanza

Artikolu 322

Rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità ta' persuni li effettivament imexxu veikolu bi skop speċjali

1. Il-persuni kollha li effettivament imexxu veikolu bi skop speċjali jissodisfaw f'kull ħin ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 42(1) tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Il-veikoli bi skop speċjali jinnotifikaw lill-awtoritajiet superviżorji dwar l-identità tal-persuni li effettivament imexxu l-veikolu bi skop speċjali u juru lill-awtoritajiet superviżorji li dawk il-persuni jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 42(1) tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. Il-veikoli bi skop speċjali jinnotifikaw lill-awtoritajiet superviżorji dwar kwalunkwe bidla fl-identità tal-persuni li effettivament imexxu l-veikolu bi skop speċjali u jipprovdu lill-awtoritajiet superviżorji l-informazzjoni meħtieġa kollha biex jevalwaw xi persuni ġodda maħtura sabiex imexxu l-veikolu bi skop speċjali humiex kompetenti u idonei skont l-Artikolu 42(1) tad-Direttiva 2009/138/KE.

4. Il-veikoli bi skop speċjali jinnotifikaw lill-awtoritajiet superviżorji jekk xi ħadd mill-persuni li effettivament imexxu veikolu bi skop speċjali jkun ġie sostitwit minħabba li ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 42(1) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 323

Rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità għal azzjonisti jew membri b'parteċipazzjoni kwalifikattiva

1. Il-valutazzjoni ta' jekk l-azzjonisti jew il-membri b'parteċipazzjoni kwalifikattiva skont it-tifsira tal-Artikolu 13(21) tad-Direttiva 2009/138/KE f'veikolu bi skop speċjali humiex kompetenti u idonei tqis il-kriterji kollha li ġejjin:

(a) ir-reputazzjoni u l-integrità tal-azzjonist jew membru li jkollu parteċipazzjoni kwalifikattiva fil-veikolu bi skop speċjali;

(b) is-solidità finanzjarja tal-azzjonist jew il-membru li jkollu parteċipazzjoni kwalifikattiva fil-veikolu bi skop speċjali;

(c) il-livell ta' influwenza li l-azzjonist jew il-membru li jkollu parteċipazzjoni kwalifikattiva fil-veikolu bi skop speċjali se jeżerċita fuq il-veikolu bi skop speċjali;

(d) jekk ikunx hemm motivi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li, b'rabta mal-parteċipazzjoni kwalifikattiva tal-azzjonist jew il-membri li għandhom parteċipazzjoni kwalifikattiva fil-veikolu bi skop speċjali, qed isir jew sar jew kien hemm ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jew li l-parteċipazzjoni kwalifikattiva tista' żżid ir-riskju ta' dawn.

2. Il-veikoli bi skop speċjali jinnotifikaw lill-awtoritajiet superviżorji dwar l-identità tal-persuni li huma azzjonisti jew membri b'parteċipazzjoni kwalifikattiva fil-veikolu bi skop speċjali.

Artikolu 324

Proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi sodi, mekkaniżmi adegwati ta' kontroll intern u rekwiżiti tal-immaniġġjar tar-riskju

1. Il-veikoli bi skop speċjali jkollhom sistema effettiva ta' governanza li tipprovdi għal ġestjoni soda u prudenti tal-veikolu bi skop speċjali u li hija adattata għall-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji li tassumi u l-użi li hija awtorizzata għalihom.

([1]) Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15)

2. Is-sistema ta' governanza tal-veikolu bi skop speċjali tikkonsisti f'dawn kollha li ġejjin:

(a) politiki miktuba rigward tal-inqas l-immaniġġjar tar-riskju, il-kontroll intern, il-proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi u, fejn rilevanti, l-esternalizzazzjoni; il-politiki miktuba jinkludu politiki relatati mal-oqsma stabbiliti fl-Artikolu 44(2)(a) sa (f) tad-Direttiva 2009/138/KE sal-punt fejn dawn huma rilevanti filwaqt li jitqiesu l-użi tal-veikolu bi skop speċjali;

(b) kontrolli interni effettivi biex jiżguraw li jibqgħu ssodisfati bla heda l-kundizzjonijiet kuntrattwali obbligatorji fit-Taqsima 2 u r-rekwiżiti fit-Taqsima 5;

(c) sistema effettiva tal-immaniġġjar tar-riskju li tinkludi proċessi u proċeduri ta' rapportar meħtieġa biex jidentifikaw, ikejlu, jissorveljaw, jimmaniġjaw u jirrapportaw fuq bażi kontinwa r-riskju li jista' jkun skopert għalihom il-veikolu bi skop speċjali.

3. Il-veikoli bi skop speċjali jiżguraw li l-politiki msemmija fil-paragrafu 2(a) huma implimentati b'mod effettiv.

TAQSIMA 4

Rapportar superviżorju

Artikolu 325

Rapportar superviżorju

1. L-awtoritajiet superviżorji fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-veikolu bi skop speċjali jistgħu jitolbu din l-informazzjoni mill-veikolu bi skop speċjali kif meħtieġ sabiex jissorveljaw il-veikolu bi skop speċjali.

2. Il-veikoli bi skop speċjali jirrapportaw l-informazzjoni li ġejja kollha lill-awtoritajiet superviżorji tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-veikolu bi skop speċjali:

(a) il-valur tal-assi tal-veikolu bi skop speċjali vvalutati skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE b'distinzjoni skont il-klassi materjali u deskrizzjoni tal-bażi, il-metodi u s-suppożizzjonijiet użati għall-valutazzjoni tagħhom;

(b) l-iskopertura għar-riskju massima aggregata tal-veikolu bi skop speċjali u deskrizzjoni tal-bażi, il-metodi u s-suppożizzjonijiet użati sabiex tinstab l-iskopertura għar-riskju massima aggregata;

(c) kunflitti ta' interess bejn il-veikolu bi skop speċjali, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u l-forniturі ta' dejn jew finanzjament;

(d) tranżazzjonijiet sinifikanti miftiehma mill-veikoli bi skop speċjali matul l-aħħar perjodu tar-rapportar.

3. Il-veikoli bi skop speċjali jissottomettu r-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 tal-inqas darba fis-sena.

4. Il-veikoli bi skop speċjali jissottomettu r-rapport imsemmi fil-paragrafu 2:

(a) mhux aktar tard minn 20-il ġimgħa wara li tintemm is-sena finanzjarja tal-veikolu bi skop speċjali għas-sena finanzjarja li tintemm fit-30 ta' Ġunju 2016 jew wara iżda qabel l-1 ta' Jannar 2017;

(b) mhux aktar tard minn 18-il ġimgħa wara li tintemm is-sena finanzjarja tal-veikolu bi skop speċjali għas-sena finanzjarja li tintemm fl-1 ta' Jannar 2017 jew wara iżda qabel l-1 ta' Jannar 2018;

(c) mhux aktar tard minn 16-il ġimgħa wara li tintemm is-sena finanzjarja tal-veikolu bi skop speċjali għas-sena finanzjarja li tintemm fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara iżda qabel l-1 ta' Jannar 2019;

(d) mhux aktar tard minn 14-il ġimgħa wara li tintemm is-sena finanzjarja tal-veikolu bi skop speċjali għas-sena finanzjarja li tintemm fl-1 ta' Jannar 2019 jew wara.

5. Il-veikoli bi skop speċjali jgħarrfu minnufih lill-awtoritajiet superviżorji fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-veikolu bi skop speċjali dwar kwalunkwe bidla li tista' taffettwa l-konformità mill-veikolu bi skop speċjali mal-Artikoli 318 sa 324 u l-Artikolu 326.

TAQSIMA 5

Rekwiżiti tas-solvenza

Artikolu 326

Rekwiżiti tas-solvenza

1. Sabiex jiġu kkunsidrati bħala ffinanzjati b'mod sħiħ, il-veikoli bi skop speċjali jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-assi tal-veikolu bi skop speċjali huma vvalutati skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) il-veikolu bi skop speċjali jkollu assi l-ħin kollu li l-valur tagħhom huwa ekwivalenti għall-iskopertura għar-riskju massima aggregata jew ikbar u l-veikolu bi skop speċjali kapaċi jħallas l-ammonti li għandu jħallas meta dawn ikunu dovuti;

(c) ir-rikavat tal-ħruġ tad-dejn jew mekkaniżmu ieħor ta' finanzjament jitħallas kompletament.

2. Il-valutazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji ta' jekk il-veikolu bi skop speċjali għandux assi b'valur li fil-ħin kollu jkun ekwivalenti għall-iskopertura għar-riskju massima aggregata jew ikbar u jekk il-veikolu bi skop speċjali jkunx kapaċi jħallas l-ammonti li għandu jħallas meta dawn ikunu dovuti, tqis dawn kollha li ġejjin:

(a) ir-riskju tal-likwidità tal-veikolu bi skop speċjali;

(b) ir-riskji kwantifikabbli tal-veikolu bi skop speċjali;

(c) l-arranġamenti biex jinżammu assi fil-veikolu bi skop speċjali.

3. Fir-rapport tiegħu msemmi fl-Artikolu 325(2) u fuq talba mill-awtoritajiet superviżorji, il-veikolu bi skop speċjali juri lill-awtoritajiet superviżorji li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u jirrapporta dwar il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2.

4. Il-ħlasijiet marbutin mal-kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni eżistenti, li huma mistennija li jiġu riċevuti fil-ġejjieni mill-veikolu bi skop speċjali mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li ttrasferixxiet ir-riskju lill-veikolu bi skop speċjali, jistgħu jiġu inklużi fl-assi tal-veikolu bi skop speċjali, diment li jkunu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-obbligazzjonijiet futuri tal-veikolu bi skop speċjali lill-forituri ta' dejn jew finanzjament jirriżultaw biss soġġetti għar-riċevuta tal-ħlasijiet mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tkun ittrasferixxiet ir-riskju lill-veikolu bi skop speċjali;

(b) ma jkun hemm l-ebda xenarju li fih il-fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tkun ittrasferixxiet ir-riskji lill-veikolu bi skop speċjali jistgħu jkunu affettwati ħażin mill-fatt li l-veikolu bi skop speċjali ma jkunx irċieva l-ħlas;

(c) il-veikolu bi skop speċjali jibqa' jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 f'każ li ma jaslulux il-ħlasijiet mill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tkun ittrasferixxiet ir-riskju lill-veikolu bi skop speċjali;

(d) il-ħlasijiet mhumiex marbutin mal-ispejjeż li huma eskluži mill-iskopertura għar-riskju massima aggregata kif definit fl-Artikolu 1(42).

Artikolu 327

Rekwiżiti tas-solvenza fuq l-investimenti

Il-veikoli bi skop speċjali jinvestu l-assi kollha tagħhom skont ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) fir-rigward tal-portafoll tal-assi kollu, il-veikoli bi skop speċjali jinvestu biss f'assi u strumenti li l-veikolu bi skop speċjali jista' jidentifika, ikejjel, jissorvelja, jimmaniġja, jikkontrolla u jirrapporta r-riskju tagħhom kif xieraq;

(b) l-assi jiġu investiti b'tali mod li jkunu żgurati s-sigurtà, il-kwalità, il-likwidità u l-profittabbiltà tal-portafoll sħiħ. Barra minn hekk, il-lokalizzazzjoni ta' dawk l-assi tkun tali li tiżgura d-disponibbiltà tagħhom;

(c) l-assi kollha jiġu investiti b'mod xieraq għall-għamla u d-durata tal-obbligazzjonijiet tal-veikolu bi skop speċjali. L-assi kollha jiġu investiti fl-aħjar interess tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jittrasferixxu r-riskji lill-veikolu bi skop speċjali;

(d) l-użu ta' strumenti derivattivi jkun possibbli sakemm dawn jikkontribwixxu għal tnaqqis tar-riskji jew jiffaċilitaw ġestjoni effiċjenti tal-portafoll;

(e) l-investimenti u l-assi li mhumiex ammessi għal kummerċ f'suq finanzjarju regolamentat jinżammu f'livelli prudenzjali;

(f) l-assi jkunu diversifikati kif xieraq b'tali mod li jevitaw dipendenza eċċessiva fuq kwalunkwe assi partikolari, emittent jew grupp ta' impriżi, jew żona ġeografika u akkumulazzjoni eċċessiva ta' riskji fil-portafoll sħiħ;

(g) l-investimenti fl-assi maħruġa mill-istess emittent, jew minn emittenti li jappartjenu fl-istess grupp, ma jesponux il-veikolu bi skop speċjali għal konċentrazzjoni eċċessiva tar-riskju.

TITLE II

GRUPPI TA' ASSIGURAZZJONI

KAPITOLU I

KALKOLU TAS-SOLVENZA FIL-LIVELL TAL-GRUPP

TAQSIMA 1

Solvenza tal-grupp: għażla tal-metodu ta' kalkolu u prinċipji ġenerali

Artikolu 328

Għażla tal-metodu

1. Meta jiġi evalwat jekk l-applikazzjoni esklussiva tal-metodu 1 tkunx adegwata, u b'hekk tippermetti li s-solvenza tal-grupp tiġi kkalkulata skont il-metodu 2 jew taħlita tal-metodi 1 u 2 stabbiliti fl-Artikoli 230 sa 233 tad-Direttiva 2009/138/KE, is-superviżur tal-grupp, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati u l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti jew il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, jikkunsidra l-elementi kollha li ġejjin:

(a) jekk l-ammont u l-kwalità tal-informazzjoni disponibbli b'rabta ma' impriża relatata jkunux biżżejjed biex din tkun soġġetta għall-metodu 1;

(b) jekk impriża relatata tkunx koperta minn mudell intern tal-grupp, fil-każijiet meta mudell intern tal-grupp, approvat skont l-Artikolu 231 tad-Direttiva 2009/138/KE, jintuża għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat;

(c) jekk, għall-finijiet tal-paragrafu (b), ir-riskji li ma jkunux koperti fil-mudell intern tal-grupp humiex irrilevanti b'rabta mal-profil tar-riskju globali tal-grupp;

(d) jekk l-użu tal-metodu 1 fir-rigward ta' impriża relatata jew bosta impriżi relatati ikunx wisq ta' piż u l-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji tal-grupp ikunux tali li l-użu tal-metodu 2 fir-rigward ta' dik l-impriża relatata jew dawk l-impriżi relatati ma jaffettwax materjalment ir-riżultati tal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(e) jekk it-tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp humiex sinifikanti kemm f'termini ta' volum kif ukoll ta' valur tat-tranżazzjoni;

(f) meta l-grupp jinkludi impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatati ma' pajjiżi terzi, jekk ikunux ġew adottati atti delegati skont il-paragrafi 4 jew 5 tal-Artikolu 227 tad-Direttiva 2009/138/KE, li jiddeterminaw li r-reġimi tas-solvenza ta' dawk il-pajjiżi terzi jkunu ekwivalenti jew ekwivalenti b'mod provviżorju.

2. Il-metodu jew it-taħlita ta' metodi magħżula jiġu applikati b'mod konsistenti maż-żmien. Is-superviżur tal-grupp jitlob lill-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti jew lill-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew lill-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta sabiex tmur lura għall-metodu 1 fir-rigward ta' kwalunkwe impriża relatata fejn l-użu tal-metodu 2 jew taħlita tal-metodi 1 u 2 ma jibqax iġġustifikat meta wieħed iqis l-elementi msemmijin fil-paragrafu 1.

Artikolu 329

Trattament ta' impriżi speċifiċi relatati

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 328 u sakemm il-valur kontabilistiku tal-impriża relatata rilevanti ma jkunx tnaqqas mill-fondi proprji eliġibbli għas-solvenza tal-grupp skont l-Artikolu 229 tad-Direttiva 2009/138/KE, il-kalkolu tas-solvenza tal-grupp jinkludi dawn kollha li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti kapitali għall-impriżi relatati li huma istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment jew istituzzjonijiet finanzjarji u l-entrati ta' fondi proprji ta' dawk l-impriżi kkalkulati skont ir-regoli settorjali rilevanti msemmijin fl-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 2002/87/KE;

(b) ir-rekwiżiti kapitali għall-impriżi relatati li huma istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali u l-entrati ta' fondi proprji ta' dawk l-impriżi kkalkulati skont l-Artikoli 17 sa 17c tad-Direttiva 2003/41/KE;

(c) ir-rekwiżiti kapitali għall-impriżi relatati li huma kumpaniji maniġerjali tal-UCITS ikkalkulati skont l-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 2009/65/KE u l-fondi proprji ta' dawk l-impriżi kkalkulati skont il-punt 1 tal-Artikolu 2(1) ta' dik id-Direttiva;

(d) ir-rekwiżiti kapitali għall-impriżi relatati li huma maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv ikkalkulati skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/61/UE u l-fondi proprji ta' dawk l-impriżi kkalkulati skont l-Artikolu 4(1)(ad) ta' dik id-Direttiva;

(e) ir-rekwiżiti kapitali nozzjonali u l-entrati ta' fondi proprji ta' impriżi relatati li jkunu impriżi li mhumiex regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji, meta r-rekwiżit tal-kapital nozzjonali jkun ir-rekwiżit tal-kapital li l-impriża relatata jkollha tikkonforma mieghu skont ir-regoli tas-settur rilevanti li kieku l-impriża kienet entità regolat.

2. Ghall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 235 tad-Direttiva 2009/138/KE, meta l-kumpanija prinċipali b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta tkun ħarġet dejn subordinat jew ikollha fondi proprji eliġibbli oħrajn soġġetti ghal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 98 ta' dik id-Direttiva, japplika l-Artikolu 226(2) ta' dik id-Direttiva.

3. Il-veikoli bi skop speċjali, kif definiti fl-Artikolu 13(26) tad-Direttiva 2009/138/KE, li l-impriża parteċipanti jew waħda mis-sussidjarji tagħha tkun ittrasferixxiet riskju lilhom jiġu eskluži mill-kalkolu tas-solvenza tal-grupp fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-veikolu bi skop speċjali jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 211 tad-Direttiva 2009/138/KE, jew meta applikabbli mal-liġi tal-Istat Membru skont l-Artikolu 211(3) ta' dik id-Direttiva;

(b) il-veikolu bi skop speċjali huwa rregolat minn awtorità superviżorja ta' pajjiż terz, u jikkonforma mar-rekwiżiti ekwivalenti ghal dawk stabbiliti fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Ghall-finijiet tas-sitwazzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu, l-Artikolu 211 tad-Direttiva 2009/138/KE japplika fil-livell tal-grupp.

Artikolu 330

Disponibbiltà fil-livell tal-grupp tal-fondi proprji eliġibbli ta' impriżi relatati

1. Fil-valutazzjoni ta' jekk ċerti fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatata jew kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta jistghux effettivament jitqiegħdu ghad-dispożizzjoni biex ikopru l-grupp tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, l-awtoritajiet superviżorji jikkunsidraw l-elementi kollha li ġejjin:

(a) jekk l-entrata ta' fondi proprji hijiex soġġetta ghal rekwiżiti legali jew regolatorji li jillimitaw il-kapaċità ta' dik l-entrata biex tassorbi kull tip ta' telf kull meta jinqala' fil-grupp;

(b) jekk hemmx rekwiżiti legali jew regolatorji li jillimitaw it-trasferibbiltà tal-assi lejn impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni oħra;

(c) jekk ikunx possibbli li dawk il-fondi proprji jitqiegħdu ghad-dispożizzjoni biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fi żmien massimu ta' 9 xhur;

(d) jekk, meta jintuża l-metodu 2, l-entrata ta' fond proprju tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 71, 73 u 77; ghal dan il-ghan, it-terminu "Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza" f'dawk l-Artikoli jinkludi kemm ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża relatata li ħarġet l-entrata ta' fondi proprji kif ukoll ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp.

2. Fil-valutazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu, l-awtoritajiet superviżorji jikkunsidraw ir-restrizzjonijiet li jkunu jeżistu fuq il-bażi ta' negozju attiv.

Fil-valutazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu, l-awtoritajiet superviżorji iqisu wkoll kwalunkwe spiża ghall-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti jew il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, jew kwalunkwe impriża relatata, li x'aktarx tkun involuta meta wieħed iqiegħed dan it-tip ta' fondi proprji disponibbli ghall-grupp.

3. L-entrati li ġejjin jiġu supponuti li ma jkunux disponibbli b'mod effettiv biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp:

(a) fondi proprji anċillari;

(b) ishma preferenzjali, kont subordinat tal-membri mutwi u obbligazzjonijiet subordinati;

(c) ammont daqs il-valur tal-assi netti ta' taxxa differita; għal dan il-għan, l-ammont tal-assi ta' taxxa differita jista' jitnaqqas bl-ammont tal-obbligazzjoni assoċjata ta' taxxa differita diment li dawk l-assi ta' taxxa differita u l-obbligazzjonijiet assoċjati ta' taxxa differita jirriżultaw it-tnejn li huma mil-liġi fiskali ta' Stat Membru jew pajjiż terz wieħed u li l-awtorità ta' tassazzjoni ta' dak l-Istat Membru jew pajjiż terz tippermetti li ssir it-tali tpaċija.

Meta l-impriża parteċipanti tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja li s-suppożizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għal waħda mill-entrati mhix xierqa fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-grupp, l-impriża parteċipanti tista' tinkludi dik l-entrata fil-fondi proprji disponibbli biex tkopri r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp.

4. L-entrati li ġejjin, fi kwalunkwe każ, ma jiġux ikkunsidrati bħala disponibbli b'mod effettiv biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp:

(a) kwalunkwe interess minoritarju f'sussidjarja li jaqbeż il-kontribuzzjoni ta' dik is-sussidjarja għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp, meta s-sussidjarja tkun impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni f'pajjiż terz, kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta;

(b) kwalunkwe interess minoritarju f'impriża sussidjarja tas-servizzi anċillari;

(c) kwalunkwe entrata ta' fondi proprji ristretti f'fondi ring-fenced kif imsemmi fl-Artikolu 99(b) tad-Direttiva 2009/138/KE u fl-Artikolu 80 ta' dan ir-Regolament.

5. Meta entrata ta' fondi proprji ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatata, impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz, kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta ma tistax titqieġħed għad-dispożizzjoni b'mod effettiv biex tkopri r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp, din l-entrata ta' fondi proprji tista' tiddaħħal biss fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp sal-kontribuzzjoni ta' dik l-impriża relatata tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz, il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp.

6. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatata, impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz, kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta tkun inkluża fid-dejta kkonsolidata skont il-punti (a) jew (c) tal-Artikolu 335(1), il-kontribuzzjoni tagħha għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat tirrifletti l-benefiċċji tad-diversifikazzjoni u tiġi kkalkulata kif ġej:

(a) meta jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat, fir-rigward ta' dik l-impriża relatata, fuq il-bażi tal-formula standard, is-sehem proporzjonali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' dik l-impriża relatata mmultiplikat b'perċentwal li jikkorrispondi għall-proporzjon li l-komponent diversifikat tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat, kif stipulat fl-Artikolu 336(a), iġarrab għas-somma tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza ta' kull waħda mill-impriżi inklużi fil-kalkolu ta' dak il-komponent diversifikat tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat;

(b) meta jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat, fir-rigward dik l-impriża relatata, fuq il-bażi ta' mudell intern, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' dik l-impriża relatata mmultiplikat b'perċentwal li jikkorrispondi għall-proporzjon tal-effetti tad-diversifikazzjoni fil-livell tal-grupp li huma attribwiti għal dik l-impriża relatata, misjubin skont dak il-mudell intern, diment li t-total tat-tali perċentwali għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni relatati, il-kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta kollha inklużi fil-kalkolu konsolidat ibbażat fuq il-mudell intern ikun ekwivalenti għal 100 %.

TAQSIMA 2

Solvenza tal-grupp: metodi ta' kalkolu

Artikolu 331

Klassifikazzjoni tal-entrati ta' fondi proporji ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni relatati fil-livell tal-grupp

1. Meta element ta' fond proprju jkun ġie kklassifikat f'wieħed mit-tliet saffi fuq il-bażi tal-kriterji stipulati fit-Titolu I, Kapitolu IV, Taqsima 2 minn impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatata inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp, l-entrata ta' fond proprju tiġi kklassifikata fl-istess saff fil-livell tal-grupp diment li jkunu ssodisfati r-rekwiżiti addizzjonali kollha li ġejjin:

(a) l-impriżi jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament;

(b) l-entrata ta' fondi proprji ma fihiex gravami u ma tkunx marbuta ma' xi tranżazzjoni oħra, li meta titqies mal-entrata ta' fondi proprji, tista' twassal sabiex l-entrata ta' fondi proprji ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 94 tad-Direttiva 2009/138/KE fil-livell tal-grupp.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1:

(a) it-terminu "Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza" fl-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament ifisser kemm ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża relatata li ħareġ l-entrata ta' fondi proprji kif ukoll ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp;

(b) it-terminu "Rekwiżit Kapitali Minimu" fl-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament ifisser kemm ir-Rekwiżit Kapitali Minimu tal-impriża li tkun ħarġet l-entrata ta' fondi proprji kif ukoll wieħed mill-minimi li ġejjin:

(i) meta jintuża l-metodu 1, il-minimu għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kif ikkalkulat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 230(2) tad-Direttiva 2009/138/KE,

(ii) meta tintuża taħlita tal-metodi 1 u 2, il-minimu stabbilit skont l-Artikolu 341.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni" fit-Titolu I, Kapitolu IV, Taqsima 2 ifisser kemm l-impriża tal-asssigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti kif ukoll l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tappartjeni fil-grupp li ħareġ l-entrata ta' fondi proprji.

4. Minkejja l-paragrafu 1, meta impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatata tkun inkludiet fil-Livell 2 entrata ta' fondi proprji li tikkwalifika għall-inklużjoni fil-Livell 1 skont l-Artikolu 73(1)(j), dik il-klassifikazzjoni ma tipprojbixxix il-klassifikazzjoni tal-istess entrata ta' fondi proprji fil-Livell 1 fil-livell tal-grupp, diment li tinżamm konformità mal-limitu stabbilit fl-Artikolu 82(3) fil-livell tal-grupp.

Artikolu 332

Klassifikazzjoni tal-entrati ta' fondi proprji ta' impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz fil-livell tal-grupp

1. Meta entrata ta' fondi proprji tinħareġ minn impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatata ta' pajjiż terz, l-impriża parteċipanti tikklassifika l-entrata ta' fondi proprji billi tuża l-kriterji għall-klassifikazzjoni stabbiliti fit-Titolu I, Kapitolu IV, Taqsima 2 diment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin:

(a) l-impriżi jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament;

(b) l-entrata ta' fondi proprji ma fihiex gravami u ma tkunx marbuta ma' xi tranżazzjoni oħra, li meta titqies mal-entrata ta' fondi proprji, tista' twassal sabiex l-entrata ta' fondi proprji ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 94 tad-Direttiva 2009/138/KE fil-livell tal-grupp.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1:

(a) it-terminu "Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza" fl-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament ifisser ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp;

(b) it-terminu "Rekwiżit Kapitali Minimu" fl-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament ifisser kemm ir-rekwiżit kapitali, kif stabbilit mill-awtorità superviżorja kkonċernata tal-pajjiż terz, tal-impriża li tkun ħarġet l-entrata ta' fondi proprji u wieħed mill-minimi ġejjin:

(i) meta jintuża l-metodu 1, il-minimu għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp kif ikkalkulat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 230(2) tad-Direttiva 2009/138/KE,

(ii) meta tintuża taħlita tal-metodi 1 u 2, il-minimu stabbilit skont l-Artikolu 341.

Artikolu 333

Klassifikazzjoni ta' entrati ta' fondi proprji ta' kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, u impriżi sussidjarji tas-servizzi anċillari fil-livell tal-grupp

1. Meta entrata ta' fondi proprji tinħareġ minn kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni, kumpanija azzjonarja intermedjarja tal-assigurazzjoni, kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, kumpanija intermedjarja azzjonarja finanzjarja mħallta jew impriża sussidjarja tas-servizzi anċillari, l-impriża parteċipanti tikklassifika l-stess entrata ta' fondi proprji permezz tal-kriterji għall-klassifikazzjoni stabbiliti fit-Titolu I, Kapitolu IV, Taqsima 2 diment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-impriżi jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament;

(b) l-entrata ta' fondi proprji ma fihiex gravami u ma tkunx marbuta ma' xi tranżazzjoni oħra, li meta titqies mal-entrata ta' fondi proprji, tista' twassal sabiex l-entrata ta' fondi proprji ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 94 tad-Direttiva 2009/138/KE fil-livell tal-grupp.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1:

(a) it-terminu "Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza" fl-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament ifisser ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp;

(b) it-terminu "Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza" fl-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament jinkludi kemm in-nuqqas ta' konformità mal-minimu rilevanti msemmi fl-Artikolu 331(2)(b) kif ukoll l-insolvenza tal-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni, kumpanija azzjonarja intermedjarja tal-assigurazzjoni, kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, kumpanija azzjonarja intermedjarja finanzjarja mħallta jew impriża sussidjarja tas-servizzi anċillari.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni" fit-Titolu I, Kapitolu IV, Taqsima 2 tfisser il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni intermedja, il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, il-kumpanija azzjonarja intermedja finanzjarja mħallta jew l-impriża sussidjarja tas-servizzi anċillari li tkun ħarġet l-entrata ta' fondi proprji.

Artikolu 334

Klassifikazzjoni tal-entrati ta' fondi proprji ta' impriżi residwi relatati

1. L-entrati ta' fondi proprji tal-impriżi relatati msemmija fl-Artikolu 335(1)(f) jitqiesu bħala parti mir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni fil-livell ta' grupp.

2. Minkejja l-paragrafu 1, meta jkun prattikabbli u meta l-entrati ta' fondi proprji msemmija fil-paragrafu 1 jaffettwaw b'mod materjali l-ammont ta' fondi proprji tal-grupp jew is-solvenza tal-grupp, l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta tikklassifika dawn l-entrati ta' fondi proprji f'wieħed mit-tliet livelli fuq il-bażi tal-kriterji stipulati fit-Titolu I, Kapitolu IV, Taqsima 2.

Artikolu 335

Metodu 1: determinazzjoni tad-dejta konsolidata

1. Id-dejta konsolidata għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp skont il-metodu 1 tikkonsisti f'dawn kollha li ġejjin:

(a) konsolidazzjoni sħiħa tad-dejta tal-impriżi kollha tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta u impriżi tas-servizzi anċillari li huma sussidjarji ta' impriża prinċipali;

(b) konsolidazzjoni sħiħa tad-dejta tal-veikoli bi skop speċjali li l-impriża parteċipanti jew waħda mis-sussidjarji tagħha tkun ittrasferixxiet riskju lilhom u li mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp skont l-Artikolu 329(3);

(c) konsolidazzjoni proporzjonali tad-dejta tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta u impriżi tas-servizzi anċillari amministrati minn impriża msemmija fil-punt (a) flimkien ma' impriża waħda jew aktar li mhumiex inklużi fil-punt (a), meta r-responsabbiltà ta' dawk l-impriżi tkun limitata għas-sehem tal-kapital li jkollhom;

(d) fuq il-bażi tal-metodu tal-ekwità aġġustat skont l-Artikolu 13(3), id-dejta tal-parteċipazzjonijiet kollha f'impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni relatati, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz, kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta li mhumiex sussidjarji tal-impriża prinċipali u li mhumiex koperti mill-punti (a) u (c);

(e) is-sehem proporzjonali tal-fondi proprji tal-impriżi kkalkulati skont ir-regoli settorjali rilevanti, kif imsemmi fl-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 2002/87/KE, fir-rigward ta' parteċipazzjonijiet f'impriżi relatati li huma istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti ta' investiment u istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi, kumpaniji maniġerjali tal-UCITS, istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali, impriżi li mhumiex regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji;

(f) skont l-Artikolu 13, id-dejta tal-impriżi relatati kollha, inklużi l-impriżi tas-servizzi anċillari, minbarra dawk imsemmija fil-punti (a) sa (e).

2. Minkejja l-punt (d) tal-paragrafu 1, id-dejta ta' impriżi relatati marbutin b'relazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE tiġi inkluża skont il-punti (a), (c), (d), (e) jew (f) tal-ewwel paragrafu fuq il-bażi tad-determinazzjoni tas-sehem proporzjonali mis-superviżur tal-grupp kif imsemmi fl-Artikolu 221(2)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-fondi proprji tal-grupp konsolidat, id-dejta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 tkun netta minn kwalunkwe tranżazzjoni fost l-impriżi ta' grupp.

Artikolu 336

Metodu 1: Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat

Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat jiġi kkalkulat bħala s-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkulat fuq il-bażi ta' dejta konsolidata msemmija fl-Artikolu 335(1)(a), (b) u (c) ta' dan ir-Regolament skont ir-regoli stabbiliti fit-Titolu I, Kapitolu VI, Taqsima 4 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) is-sehem proporzjonali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' kull impriża msemmija fl-Artikolu 335(1)(d) ta' dan ir-Regolament; għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatata ta' pajjiż terz li ma tkunx sussidjarja, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jiġi kkalkulat daqslikieku dik l-impriża kellha l-uffiċċji prinċipali tagħha fl-Unjoni;

(c) għall-impriżi msemmija fl-Artikolu 335(1)(e) ta' dan ir-Regolament, is-sehem proporzjonali tar-rekwiżiti kapitali għal istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti ta' investiment, istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi, kumpaniji maniġerjali tal-UCITS, u istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali skont it-tifsira tad-Direttiva 2003/41/KE, ikkalkulat skont ir-regoli settorjali rilevanti u s-sehem proporzjonali tar-rekwiżiti kapitali nozzjonali ta' impriżi li mhumiex regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji;

(d) għall-impriżi msemmija fl-Artikolu 335(1)(f) ta' dan ir-Regolament, l-ammont stabbilit skont l-Artikolu 13, l-Artikoli 168 sa 171, l-Artikoli 182 sa 187 u l-Artikolu 188 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 337

Metodu 1: determinazzjoni tal-munita lokali għall-finijiet tal-kalkolu tar-riskju tal-valuta

Meta jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat b'mod parzjali jew sħiħ fuq il-bażi tal-formula standard, il-munita lokali msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 188 tinftiehem bħala l-munita użata għat-thejjija tal-kontijiet konsolidati.

Artikolu 338

Metodu 1: parametri speċifiċi għall-grupp

1. Soġġett għall-approvazzjoni mis-superviżur tal-grupp, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat jista', fil-qafas tal-formula standard, jiġi kkalkulat billi jiġi sostitwit subsett tal-parametri standard stabbiliti fl-Artikolu 218 ma' parametri speċifiċi għall-grupp ("parametri speċifiċi għall-grupp").

2. Id-dejta użata biex jiġu kkalkulati l-parametri speċifiċi għall-grupp tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 104(7) tad-Direttiva 2009/138/KE u l-Artikolu 219 ta' dan ir-Regolament.

3. Il-metodi standardizzati użati għall-kalkolu tal-parametri speċifiċi għall-grupp huma l-metodi stabbiliti fl-Artikolu 220 ta' dan ir-Regolament.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, kwalunkwe referenza fl-Artikoli 218, 219 u 220 ta' dan ir-Regolament għal "parametri speċifiċi għall-impriża" tinftiehem bħala referenza għal "parametri speċifiċi għall-grupp" u kwalunkwe referenza għal "impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni" tinftiehem bħala referenza għall-"kumpannija tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta" li tapplika għall-użu tal-parametri speċifiċi għall-grupp.

Artikolu 339

Metodu 1: l-aħjar stima

1. L-aħjar stima konsolidata tal-provvedimenti tekniċi fuq il-bażi tad-dejta konsolidata tkun daqs is-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) l-aħjar stima tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti kkalkulata skont l-Artikoli 75 sa 86 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) is-sehem proporzjonali msemmi fl-Artikolu 221(1)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-aħjar stima, ikkalkulat skont l-Artikolu 75 sa 86 ta' dik id-Direttiva, tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatati u l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz imsemmija fl-Artikolu 335(1)(a) u (c) ta' dan ir-Regolament;

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 l-aħjar stimi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti u ta' kull impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni relatata u impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz ikunu netti minn kwalunkwe tranżazzjonijiet intragrupp. Fir-rigward ta' kuntratti tar-riassigurazzjoni intragrupp, isiru l-aġġustamenti kollha li ġejjin:

(a) l-aħjar stima tal-impriża li taċċetta r-riskji ma tinkludix il-flussi tal-flus li jirriżultaw mill-obbligi tal-kuntratti ta' riassigurazzjoni bejn il-gruppi;

(b) l-impriża li ċċedi r-riskju ma tirrikonoxxix l-ammonti rekuperabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni bejn il-gruppi.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipanti tista' tillimita d-dokumentazzjoni u d-direttorju tad-dejta msemmija fl-Artikolu 265 għad-dejta użata fil-kalkolu tal-aġġustamenti tal-aħjar stima msemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 340

Metodu 1: Marġni ta' riskju

Il-marġni ta' riskju konsolidat tal-provvedimenti tekniċi fuq il-bażi tad-dejta konsolidata jkun daqs is-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) il-marġini ta' riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti;

(b) is-sehem proporzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 221(1)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE, tal-marġni ta' riskju tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatati u l-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz imsemmija fl-Artikolu 335(1)(a) u (c) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 341

Taħlita tal-metodi 1 u 2: ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat minimu

Meta s-superviżur tal-grupp jiddeċiedi li, skont l-Artikolu 220(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, japplika għall-grupp taħlita tal-metodi 1 u 2, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat ikkalkulat għall-parti mill-grupp li hija koperta bil-metodu 1 ikollu minimu stabbilit skont ir-rekwiżiti stipulati fit-tieni subparagrafu, tal-Artikolu 230(2) ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 342

Metodu 2: Eliminazzjoni ta' ħolqien ta' kapital intragrupp rigward l-aħjar stima

1. Il-fondi proprji eliġibbli tal-grupp aggregat jiġu aġġustati biex jiġi eliminat l-impatt ta' tranżazzjoni fost l-impriżi ta' grupp meta l-impatt tat-tranżazzjoni fost l-impriżi ta' grupp jaffettwa l-aħjar stimi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni b'tali mod li l-ammont stabbilit fil-paragrafu 2 ikun differenti skont jekk it-tranżazzjoni fost l-impriżi ta' grupp hijiex eliminata fil-kalkolu ta' dak l-ammont jew le.

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ikun is-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) l-aħjar stima tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti kkalkulata skont l-Artikoli 75 sa 86 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) is-sehem proporzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 221(1)(b) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-aħjar stima, ikkalkulat skont l-Artikoli 75 sa 86 ta' dik id-Direttiva għal kull impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni relatata u impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni relatata ta' pajjiż terz.

KAPITOLU II

MUDELLI INTERNI GĦALL-KALKOLU TAR-REKWIŻIT KAPITALI TAS-SOLVENZA TAL-GRUPP KONSOLIDAT

TAQSIMA 1

Mudellli intern sħaħ u parzjali użati biss għall-kalkolu tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp

Artikolu 343

Applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern għall-kalkolu biss tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat

1. L-applikazzjoni għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat permezz ta' mudell intern, skont l-Artikolu 230(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, tiġi sottomessa lis-superviżur tal-grupp bil-miktub f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tas-superviżur tal-grupp, jew b'lingwa li s-superviżur tal-grupp ikun approva minn qabel.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri kollha li jinsabu fihom l-uffiċċji prinċipali tal-impriżi relatati inklużi fl-ambitu tal-mudell intern jissejħu "l-awtoritajiet superviżorji involuti fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni".

3. Is-superviżur tal-grupp jgħarraf lill-kulleġġ tas-superviżuri dwar il-wasla tal-applikazzjoni mingħajr dewmien u jibgħat ukoll l-applikazzjoni lill-awtoritajiet superviżorji involuti l-oħrajn fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni.

4. Talba minn waħda mill-awtoritajiet superviżorji involuti fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni biex jipprovdu l-applikazzjoni kollha jew parti minnha f'lingwa differenti mil-lingwa li fiha l-applikazzjoni hija pprovduta lis-superviżur tal-grupp, l-ewwel issir lis-superviżur tal-grupp. Wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra involuti fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni, is-superviżur tal-grupp jitlob li l-applikazzjoni, jew il-parti rilevanti tagħha, tiġi pprovduta f'lingwa li tinftiehem l-iktar mill-awtoritajiet superviżorji involuti.

5. Minbarra d-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikoli 112 u 113 tad-Direttiva 2009/138/KE, applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat tinkludi d-dokumenti u l-informazzjoni kollha li ġejjin:

(a) rigward l-ambitu tal-mudell:

(i) lista tal-impriżi relatati li huma inklużi fl-ambitu tal-mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat; għal kull impriża, il-lista tinkludi referenza għall-awtorità superviżorja rilevanti tagħha, il-linji operazzjonali miktuba mill-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni relatata, il-metodu użat sabiex tiġi ddeterminata d-dejta konsolidata skont l-Artikolu 335 ta' dan ir-Regolament u s-sehem proporzjonali applikat skont l-Artikolu 221 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(ii) l-istruttura legali u organizzazzjonali tal-grupp, b'deskrizzjoni tas-sussidjarji kollha, materjal relatat mal-impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 256a tad-Direttiva 2009/138/KE u fergħat importanti skont it-tifsira tal-Artikolu 354(1) ta' dan ir-Regolament u informazzjoni dwar l-operazzjonijiet u t-tranżazzjonijiet rilevanti fil-grupp, sakemm din l-informazzjoni ma tkunx inbidlet mill-aħħar rapportar superviżorju regolari tal-grupp irrapportat skont l-Artikolu 373 ta' dan ir-Regolament;

(iii) meta tkun applikabbli, lista tal-impriżi relatati esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell parzjali intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat, flimkien ma' spjegazzjoni għar-raġunijiet għall-esklużjoni tagħhom; tiġi pprovduta deskrizzjoni tal-metodi użati għall-valutazzjoni tar-riskji f'dawn l-impriżi relatati esklużi sabiex jintwera li l-esklużjoni ma twassalx għal sottovalutazzjoni tar-riskji globali li l-grupp huwa skopert għalihom; l-applikazzjoni turi li r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat ikkalkulat permezz ta' taħlita tal-mudell intern u l-formula standard se jirrifletti b'mod adegwat il-profil tar-riskju globali tal-grupp;

(iv) għal kull impriża relatata inkluża fl-ambitu tal-mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat, ġustifikazzjoni għar-raġunijiet għaliex il-mudell intern ikopri impriża relatata għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat iżda ma jintużax biex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' dik l-impriża relatata; għal dan il-għan u sabiex jiġi ġġustifikat għaliex l-applikazzjoni ma tkunx ġiet sottomessa b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 231 tad-Direttiva 2009/138/KE, l-applikazzjoni tinkludi spjegazzjoni ta' kif il-mudell intern użat għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat ivarja minn u jinteraġixxi ma' mudell intern użat għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' kwalunkwe waħda mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatati, approvati minn qabel mill-awtorità superviżorja tagħha; l-impriża parteċipanti tipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe pjan futur li testendi l-użu tal-mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' kwalunkwe impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni relatata;

(b) rigward ir-rekwiżiti kapitali tal-grupp:

(i) stima tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat ikkalkulat bil-mudell intern u bil-formula standard għall-aħħar darba qabel l-applikazzjoni meta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat ġie kkalkulat bil-formula standard;

(ii) għal kull impriża relatata, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkulat bil-formula standard għall-aħħar darba qabel l-applikazzjoni;

(iii) fejn applikabbli, ir-rekwiżit kapitali regolatorju għal impriżi relatati li huma wkoll impriżi regolati, għajr impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, inklużi fl-ambitu tal-mudell intern għall-aħħar darba qabel l-applikazzjoni meta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat ikun ġie kkalkulat bil-formula standard;

(iv) spjegazzjoni tad-differenza bejn is-somma tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza tal-impriżi relatati kollha tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-grupp u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat ikkalkulat bil-mudell intern.

F'każ li applikazzjoni tiġi sottomessa qabel jiġi kkalkulat kwalunkwe Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza li hemm referenza għalihom fil-punti (i), (ii) u (iii) jiġu kkalkulati għal perjodu ta' żmien qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Artikolu 344

Valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern biex jiġi kkalkulat biss ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat

1. Qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu, sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni xierqa tal-applikazzjoni u fejn rilevanti, sabiex jitlob lill-applikant jissottometti applikazzjoni skont l-Artikolu 231 tad-Direttiva 2009/138/KE, is-superviżur tal-grupp jikkonsulta lill-awtoritajiet superviżorji involuti fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni.

2. Matul il-valutazzjoni tal-applikazzjoni, l-awtoritajiet superviżorji fil-kulleġġ tas-superviżuri, li mhumiex l-awtoritajiet superviżorji involuti fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 343(2), jithallew jieħdu sehem fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni. Il-parteċipazzjoni tagħhom tkun limitata għall-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta' kwalunkwe waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi:

(a) meta l-esklużjoni ta' partijiet tan-negozju mill-ambitu tal-mudell intern twassal għal sottovalutazzjoni materjali tar-riskji tal-grupp;

(b) meta l-mudell intern jidħol f'kunflitt ma' mudell intern approvat minn qabel jew fil-proċess ta' approvazzjoni mill-awtorità superviżorja rilevanti użat għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' xi waħda mill-impriżi relatati tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni.

3. Meta tkun applikabbli, il-valutazzjoni tal-applikazzjoni tinkludi evalwazzjoni ta' jekk l-ispjegazzjoni pprovduta skont l-Artikolu 343(5)(a)(iii) tar-raġunijiet għall-esklużjoni ta' impriżi relatati mill-mudell intern għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp hijiex xierqa biex turi li r-riskji ġenerali li l-grupp huwa skopert għalihom il-grupp mhumiex sottovalutati meta jintuża mudell parzjali intern.

4. Il-valutazzjoni tal-applikazzjoni tinkludi evalwazzjoni ta' jekk il-ġustifikazzjoni pprovduta skont l-Artikolu 343(5)(a)(iv) tar-raġunijiet għaliex il-mudell intern ikopri impriża relatata għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat iżda ma jintużax għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' dik l-impriża relatata, hijiex xierqa

biex tiġġustifika għaliex applikazzjoni ma tkunx sottomessa b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 231 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 345

Deċiżjoni dwar l-applikazzjoni u l-pjan tranżitorju għall-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' mudell parzjali intern użat għall-kalkolu biss tar-Rekwżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat

1. Wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn kif stipulat fl-Artikolu 344(1) u (2), is-superviżur tal-grupp jieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni. Is-superviżur tal-grupp jipprovdi d-deċiżjoni tiegħu lill-impriża parteċipanti u lill-awtoritajiet superviżorji involuti l-oħrajn fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni. Id-deċiżjoni tinkiteb b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tas-superviżur tal-grupp.

2. Meta l-awtoritajiet superviżorji involuti fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni jinkludu awtoritajiet superviżorji minn aktar minn Stat Membru wieħed, is-superviżorju tal-grupp, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra u mal-grupp stess, jipprovdi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'lingwa oħra li jifhmuha l-iktar l-awtoritajiet superviżorji involuti l-oħrajn.

3. Wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji kif stipulat fl-Artikolu 344(1) u (2), is-superviżur tal-grupp jista' jitlob lill-applikant biex iressaq pjan tranżizzjonali realistiku sabiex jiġi estiż l-ambitu tal-mudell intern.

4. Meta mudell intern ikun ġie approvat skont l-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-finijiet tal-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat, kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti għal permess biex jintuża l-istess mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fil-grupp issegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 231 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 346

Test tal-użu għal mudelli interni użati għall-kalkolu biss tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat

1. Meta jintuża mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat skont l-Artikolu 230(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, tinżamm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 223 sa 227 ta' dan ir-Regolament mill-impriżi jew kumpaniji kollha li ġejjin:

(a) l-impriża parteċipanti li tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat abbażi tal-mudell intern;

(b) kull impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni relatata li n-negozju tagħha jaqa' kompletament jew parzjalment taħt l-ambitu tal-mudell intern, fir-rigward tar-riżultat tal-mudell intern fil-livell tal-grupp biss;

(c) kull kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta relatata li n-negozju tagħha jaqa' kompletament jew parzjalment taħt l-ambitu tal-mudell intern, iżda biss fir-rigward tar-riżultat tal-mudell intern fil-livell tal-grupp.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta jikkonformaw biss mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 225 ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-partijiet tal-mudell intern li jkopru r-riskji ta' dik l-impriża u r-riskji tal-impriżi relatati tagħha.

TAQSIMA 2

Mudell intern għall-grupp

Artikolu 347

Applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern għall-grupp

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima "mudell intern għall-grupp" tfisser mudell intern użat sabiex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat, kif ukoll ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għal impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fil-grupp imsemmija fl-Artikolu 231(1) tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern għall-grupp tiġi pprovduta bil-miktub b'lingwa lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tas-superviżur tal-grupp, jew b'lingwa li jkun approva minn qabel is-superviżur tal-grupp.

3. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, is-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri kollha li fihom jinsabu l-uffiċċji prinċipali ta' kull impriża tal-assigurazzjoni u riassigurazzjoni relatata li japplikaw għall-użu tal-mudell intern għall-grupp biex jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jiġu msemmija bħala "l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati".

4. Is-superviżur tal-grupp jinforma mingħajr dewmien lill-kulleġġ tas-superviżuri dwar il-wasla tal-applikazzjoni u jippreżenta l-applikazzjoni lill-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati u awtoritajiet superviżorji oħra involuti fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni.

5. L-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu jirrikjedu li l-applikazzjoni jew parti minnha tiġi ppreżentata b'lingwa differenti mil-lingwa li biha l-applikazzjoni ġiet ipprovduta lis-superviżur tal-grupp. Is-superviżur tal-grupp, wara li jikkonsulta lill-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati, jirrikjedi li l-applikant jipprovdi l-applikazzjoni jew il-parti rilevanti tagħha b'dik il-lingwa differenti jew b'lingwa li tinftiehem l-iktar mill-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati.

6. Applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern għall-grupp tinkludi d-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin, fejn applikabbli:

(a) id-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa b'konformità mal-Artikolu 343(5) fir-rigward tal-użu ta' mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat; b'relazzjoni għall-Artikolu 343(5)(a)(i), id-dokumentazzjoni tinkludi lista tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kollha li japplikaw għall-użu tal-mudell intern għall-grupp sabiex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza tagħhom.

(b) id-dokumenti meħtieġa b'konformità mat-Titolu I, il-Kapitolu VI, it-Taqsima 4, is-Subtaqsima 3 tad-Direttiva 2009/138/KE b'relazzjoni mal-użu tal-mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza ta' kull impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fil-grupp li tapplika għall-użu tal-mudell intern għall-grupp biex tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza tagħha; għal dan l-għan, l-impriża tal-assigurazzjoni jew r-riassigurazzjoni tista' tillimita dawn id-dokumenti għal dawk li l-kontenut tagħhom mhux diġà kopert fid-dokumenti sottomessi mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni parteċipanti b'konformità mal-punt (a).

Artikolu 348

Valutazzjoni tal-kompletezza ta' applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern għall-grupp

1. Is-superviżur tal-grupp jiddetermina jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta fi żmien 45 ġurnata mid-data tal-wasla tal-applikazzjoni. Applikazzjoni tiġi meqjusa bħala kompluta jekk tinkludi d-dokumentazzjoni kollha stabbilita fl-Artikolu 347.

2. Meta s-superviżur tal-grupp jiddetermina li l-applikazzjoni mhijiex kompluta, huwa javża immedjatament lill-applikant li l-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 231 tad-Direttiva 2009/138/KE għadu ma bediex jiddekorri, u jispeċifika fir-rigward ta' liema dokumenti, l-applikazzjoni mhijiex kompluta.

3. Meta s-superviżiur tal-grupp jiddetermina li l-applikazzjoni hija kompluta, huwa jinnotifika lill-applikant mingħajr dewmien, li l-applikazzjoni hija kompluta u d-data li minnha jibda jiddekorri l-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 231 tad-Direttiva 2009/138/KE. Dik id-data tkun id-data li fiha tkun waslet l-applikazzjoni.

Artikolu 349

Deċiżjoni konġunta dwar l-applikazzjoni u l-pjan tranżizzjonali għall-estensjoni tal-ambitu tal-mudell

1. Qabel ma tintlaħaq deċiżjoni konġunta ma' awtoritajiet superviżorji oħra kkonċernati, kif imsemmi fl-Artikolu 231(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, is-superviżur tal-grupp jikkonsulta l-awtoritajiet superviżorji l-oħra fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 343(2) ta' dan ir-Regolament.

2. Id-deċiżjoni konġunta mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati tiġi pprovduta bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tas-superviżur tal-grupp. Is-superviżur tal-grupp jipprovdi lill-applikant u lil kull awtorità superviżorja bid-deċiżjoni tradotta fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn l-applikant għandu l-uffiċċju prinċipali tiegħu. Kull impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatata li tapplika għall-użu tal-mudell intern tal-grupp biex tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha, tiġi pprovduta bid-deċiżjoni konġunta jew, fejn rilevanti, bit-traduzzjoni ta' dik id-deċiżjoni, mill-awtorità superviżorjali tkun awtorizzat lil dik l-impriża.

3. Fid-deċiżjoni konġunta, l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu jirrikjedu lill-applikant biex jissottometti pjan tranżizzjonali realistiku sabiex jiġi estiż l-ambitu tal-mudell intern tal-grupp.

Artikolu 350

Test tal-użu għall-mudelli interni tal-grupp

1. Meta jintuża mudell intern tal-grupp, b'konformità mal-Artikolu 231(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, jiġu osservati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 223 sa 227 ta' dan ir-Regolament mill-impriżi li ġejjin:

(a) l-impriża parteċipanti li tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat abbażi tal-mudell intern tal-grupp, fir-rigward tal-output tal-mudell intern fil-livell ta' grupp u f'każ ta' impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipanti addizzjonalment b'relazzjoni tal-output tal-mudell intern fil-livell ta' dik l-impriża;

(b) kull impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni relatata li tikkalkula ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha abbażi tal-mudell intern tal-grupp, kemm fir-rigward tal-output tal-mudell intern fil-livell tal-grupp kif ukoll fil-livell tal-impriża;

(c) kull impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni relatata oħra li n-negozju tagħha huwa totalment jew parzjalment fl-ambitu tal-mudell intern tal-grupp, fir-rigward biss tal-output tal-mudell intern fil-livell tal-grupp;

(d) kull kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni relatata jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li n-negozju tagħha huwa totalment jew parzjalment fl-ambitu tal-mudell intern tal-grupp, fir-rigward biss tal-output tal-mudell intern fil-livell ta' grupp.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta tikkonforma biss mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 225 ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-partijiet tal-mudell intern tal-grupp li jkopru r-riskji ta' dik l-impriża u r-riskji tal-impriżi relatati tagħha.

KAPITOLU III

SUPERVIŻJONI TAS-SOLVENZA TAL-GRUPP GĦAL GRUPPI B'IMMANIĠĠJAR TAR-RISKJU ĊENTRALIZZAT

Artikolu 351

Valutazzjoni tal-kundizzjonijiet: kriterji

1. Fil-valutazzjoni jekk il-proċessi tal-immaniġġjar tar-riskju u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern tal-impriża prinċipali jkoprux is-sussidjarja b'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 236 tad-Direttiva 2009/138/KE, is-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji l-oħra jikkunsidraw jekk ġewx issodisfati l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju msemmija fl-Artikolu 44(4) tad-Direttiva 2009/138/KE titwettaq, fir-rigward tas-sussidjarja, sa punt sinifikanti mill-impriża prinċipali, b'tali mod li l-impriża prinċipali twettaq ħafna mill-kompiti tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju elenkati fl-Artikolu 269 ta' dan ir-Regolament;

(b) il-funzjoni ta' konformità msemmija fl-Artikolu 46 tad-Direttiva 2009/138/KE titwettaq, fir-rigward tas-sussidjarja, sa punt sinifikanti mill-impriża prinċipali, b'tali mod li l-impriża prinċipali twettaq ħafna mill-kompiti tal-funzjoni ta' konformità elenkati fl-Artikolu 270 ta' dan ir-Regolament;

(c) ir-rekwiżiti dwar l-esternalizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 49 tad-Direttiva 2009/138/KE ikunu ġew issodisfati mis-sussidjarja fir-rigward tal-immaniġġjar tar-riskju u l-attivitajiet ta' konformità mwettqa mill-impriża prinċipali.

2. Fil-valutazzjoni jekk is-sussidjarja hix immaniġġjata bi prudenza b'konformità mal- Artikolu 236(b) tad-Direttiva 2009/138/KE, is-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji oħra tal-Istati Membri kkonċernati, għandhom jikkunsidraw jekk ġewx issodisfati l-kriterji li ġejjin:

(a) is-sistema ta' governanza tal-grupp, kif imsemmi fl-Artikolu 246 tad-Direttiva 2009/138/KE, hija effettiva biżżejjed u ma tirriżultax f'sitwazzjoni simili għal devjazzjoni sinifikanti kif imsemmi fl-Artikolu 37(1)(c) ta' dik id-Direttiva;

(b) is-sistema ta' governanza tas-sussidjarja, kif imsemmi fl-Artikolu 41 tad-Direttiva 2009/138/KE, hija suffiċjenti biżżejjed u ma tirriżultax f'sitwazzjoni simili għal devjazzjoni sinifikanti kif imsemmi fl-Artikolu 37(1)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(c) is-sistema ta' governanza tas-sussidjarja, kif imsemmi fl-Artikolu 41 tad-Direttiva 2009/138/KE, mhix imxekkla mill-immaniġġjar tar-riskju u l-funzjonijiet ta' konformità tal-impriża prinċipali li tkopri s-sussidjarja.

Artikolu 352

Valutazzjoni tal-kundizzjonijiet: proċeduri

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati" tfisser l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri li fihom jinsabu l-kwartieri ġenerali tas-sussidjarji li l-permess għalihom għandu jkun soġġett għall-Artikoli 238 u 239 tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Meta l-impriża prinċipali tiddeċiedi li tissottometti applikazzjonijiet fir-rigward ta' diversi sussidjarji fl-istess ħin, dawk l-applikazzjonijiet jiġu kkunsidrati b'mod konġunt mis-superviżur tal-grupp u mill-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati b'konformità mal-Artikolu 237 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 353

Valutazzjoni ta' sitwazzjoni ta' emerġenza: kriterji

Fil-valutazzjoni jekk sitwazzjoni għandhix tiġi kkunsidrata bħala sitwazzjoni ta' emerġenza b'konformità mal-Artikolu 239(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtorità superviżorja li awtorizzat is-sussidjarja tikkunsidra jekk ġewx issodisfati xi kriterji minn dawk li ġejjin:

(1) il-ħin meħtieġ għall-kooperazzjoni, l-iskambju tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni fil-kulleġġ jipperikola l-effikaċja tal-miżuri li għandhom jittieħdu;

(2) dewmien fl-applikazzjoni tal-miżuri proposti mistenni li jikkawża d-deterjorament ulterjuri tal-kundizzjonijiet finanzjarji tas-sussidjarja b'tali mod li hemm riskju li s-sussidjarja ma tikkonformax mar-Rekwiżit Kapitali Minimu fit-tliet xhur ta' wara.

KAPITOLU IV

KOORDINAZZJONI TAS-SUPERVIŻJONI TAL-GRUPP

TAQSIMA 1

Kulleġġi ta' superviżuri

Artikolu 354

Parteċipazzjoni tas-superviżuri ta' fergħat sinifikanti u impriżi relatati

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 248(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, "fergħa sinifikanti" tal-impriża tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tfisser fergħa ta' impriża tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li għaliha ġiet issodisfata tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) primjum gross kontabilizzat annwali tal-fergħa jaqbeż 5 % tal-primjum gross kontabilizzat annwali tal-grupp, imkejjel b'referenza mal-aħħar rapport finanzjarju kkonsolidat disponibbli tal-grupp;

(b) il-primjum gross kontabilizzat annwali tal-fergħa jaqbeż 5 % of tat-total tal-primjums gross kontabilizzati annwali għall-attività tal-ħajja, attività mhux tal-ħajja, jew it-tnejn fl-Istat Membru fejn jinsab ir-riskju, imkejjel b'referenza mal-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli.

Wara inizjattiva proprja jew wara talba motivata mill-awtorità superviżorja responsabbli għas-superviżjoni ta' fergħa, meta l-fergħa tal-anqas tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet fil-punti (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu, is-superviżur tal-grupp jistieden lil dik l-awtorità superviżorja biex tipparteċipa fi kwalunkwe attività rilevanti tal-kulleġġ tas-superviżuri.

2. Wara inizjattiva proprja jew wara talba motivata minn awtorità superviżorja responsabbli għas-superviżjoni ta' impriża relatata fil-grupp, is-superviżur tal-grupp jista', meta jqis xieraq sabiex jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni effiċjenti u biex jiffaċilita l-eżerċizzju tas-superviżjoni tal-grupp, u wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra fil-kulleġġ ta' superviżuri, jistieden lil dik l-awtorità superviżorja ta' impriża relatata sabiex tipparteċipa fi kwalunkwe attività rilevanti tal-kulleġġ ta' superviżuri.

Artikolu 355

Arranġamenti ta' koordinazzjoni

1. L-arranġamenti ta' koordinazzjoni li għandhom jiġu konklużi b'konformità mal-Artikolu 248(4) tad-Direttiva 2009/138/KE isiru bil-miktub.

2. L-arranġamenti ta' koordinazzjoni, fir-rigward kemm ta' sitwazzjoni ta' negozju avvjat kif ukoll f'sitwazzjoni ta' emerġenza, jispeċifikaw dan li ġej:

(a) l-informazzjoni minima li għandha tiġi trażmessa lis-superviżur tal-grupp mill-awtoritajiet superviżorji l-oħra fil-kulleġġ tas-superviżuri jew li tiġi mxerrda mis-superviżur tal-grupp lill-awtoritajiet superviżorji l-oħra fil-kulleġġ tas-superviżuri;

(b) il-lingwa u l-frekwenza tal-informazzjoni li għandha tiġi trażmessa lis-superviżur tal-grupp mill-awtoritajiet superviżorji l-oħra fil-kulleġġ tas-superviżuri jew li jiġu mxerrda mis-superviżur tal-grupp lill-awtoritajiet superviżorji l-oħra fil-kulleġġ tas-superviżuri;

(c) il-lingwa u l-frekwenza tal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata ma' kwalunkwe awtorità kkonċernata oħra;

(d) l-obbligu li jiġi adottat pjan ta' ħidma rivedut tal-anqas kull sena u miftiehem mill-kulleġġ tas-superviżuri għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji tal-kulleġġ fit-12-il xahar ta' wara;

(e) pjan ta' emerġenza miftiehem mill-kulleġġ ta' superviżuri.

3. Il-pjan ta' emerġenza msemmi fil-punt (e) tal-paragrafu 2 jiġi adattat għar-riskji speċifiċi tal-grupp tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni. Huwa jinkludi dispożizzjonijiet li jkopru l-elementi kollha li ġejjin:

(a) rikonoxximent tal-eżistenza ta' kriżi;

(b) preparazzjoni tal-immaniġġjar tal-kriżi;

(c) valutazzjoni tal-kriżi;

(d) immaniġġjar tal-kriżi;

(e) komunikazzjoni esterna.

4. Il-pjan ta' emerġenza jipprovdi li tiġi skambjata l-informazzjoni kollha li ġejja fost l-awtoritajiet superviżorji fil-kulleġġ tas-superviżuri hekk kif isir disponibbli:

(a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni ta' emerġenza, b'indikazzjoni ta' kwalunkwe impatt fuq detenturi tal-poloz u fuq is-swieq finanzjarji;

(b) identifikazzjoni tal-impriżi fil-grupp li huma affettwati mis-sitwazzjoni ta' emerġenza msemmija fil-punt (a) b'informazzjoni rilevanti dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom;

(c) deskrizzjoni ta' kwalunkwe miżura li ttieħdet mill-grupp b'relazzjoni mas-sitwazzjoni ta' emerġenza msemmija fil-punt (a);

(d) deskrizzjoni ta' kwalunkwe miżura li ttieħdet minn kwalunkwe awtorità superviżorja kkonċernata b'relazzjoni għas-sitwazzjoni ta' emerġenza msemmija fil-punt (a) u deskrizzjoni ta' kwalunkwe miżura nazzjonali eżistenti rilevanti għall-immaniġġjar u r-riżoluzzjoni tal-kriżi.

5. L-arranġamenti ta' koordinazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 jiġu ttestjati u riveduti regolarment mill-kulleġġ ta' superviżuri.

Artikolu 356

Approvazzjoni superviżorja ta' parametri speċifiċi għall-grupp

1. Applikazzjoni sabiex jintużaw parametri speċifiċi għall-grupp, kif imsemmi fl-Artikolu 338, tiġi pprovduta bil-miktub lis-superviżur tal-grupp, mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni, jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta (għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, msemmi bħala "l-applikant") b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tas-superviżur tal-grupp jew b'lingwa li s-superviżur tal-grupp ikun approva minn qabel.

2. Is-superviżur tal-grupp jinforma lill-awtoritajiet superviżorji l-oħra fil-kulleġġ tas-superviżuri mingħajr dewmien dwar il-wasla tal-applikazzjoni u jippreżenta l-applikazzjoni lill-awtoritajiet superviżorji oħra fil-kulleġġ ta' superviżuri.

3. Qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali, is-superviżur tal-grupp jikkonsulta lill-awtoritajiet superviżorji oħra fil-kulleġġ tas-superviżuri. Wara din il-konsultazzjoni, is-superviżur tal-grupp jagħmel id-deċiżjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni. Is-superviżur tal-grupp jipprovdi d-deċiżjoni tiegħu lill-applikant u lill-awtoritajiet superviżorji oħra fil-kulleġġ tas-superviżuri. Id-deċiżjoni tingħata bil-miktub b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tas-superviżur tal-grupp, u b'lingwa oħra li tinftiehem l-iktar mill-awtoritajiet superviżorji l-oħra.

TAQSIMA 2

Skambju ta' informazzjoni

Artikolu 357

Informazzjoni li għandha tiġi skambjata fuq bażi sistematika

1. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tiġi skambjata fuq bażi sistematika bejn l-awtoritajiet superviżorji fil-kulleġġ, sakemm ma jiddeċidux bħala parti minn arrangement ta' koordinazzjoni b'konformità mal-Artikolu 355 (2)(a), li parti minnu mhix meħtieġa għall-attivitajiet tal-kulleġġ tas-superviżuri. L-iskambju jsir jew billi tiġi trażmessa l-informazzjoni jew billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għaliha.

2. L-awtoritajiet superviżorji oħra fil-kulleġġ tas-superviżuri jiskambjaw mas-superviżur tal-grupp fuq bażi sistematika, għal kull impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatata li taqa' fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp, l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-rapport dwar is-solvenza u tal-kundizzjoni finanzjarja, sakemm is-superviżur tal-grupp ikun ftiehem skont l-Artikolu 256(2) tad-Direttiva 2009/138/KE dwar l-inklużjoni ta' sussidjarji fil-grupp f'rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja;

(b) ir-rapport superviżorju regolari, kif ukoll il-mudelli kwantitattivi annwali u ta' kull erba' xhur rilevanti;

(c) il-konklużjonijiet li jkunu nstiltu mill-awtorità superviżorja kkonċernata wara l-proċess ta' rieżami superviżorju mwettaq fil-livell tal-impriża individwali.

3. Is-superviżur tal-grupp jiskambja mal-awtoritajiet superviżorji oħrajn fil-kulleġġ dwar bażi sistematika l-informazzjoni li ġejja:

(a) rigward l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni, jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta:

    (i) ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp;

    (ii) ir-rapport superviżorju regolari tal-grupp kif ukoll il-mudelli kwantitattivi annwali u ta' kull erba' xhur rilevanti tal-grupp;

    (iii) il-konklużjonijiet misluta mis-superviżur tal-grupp wara l-proċess ta' rieżami superviżorju mwettaq fil-livell ta' grupp.

(b) għal kull impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li taqa' taħt l-ambitu tas-superviżjoni ta' grupp, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

TAQSIMA 3

Supervizzjoni nazzjonali jew reġjonali tas-sottogrupp

Artikolu 358

Meta Stati Membri jippermettu awtoritajiet superviżorji biex jeżerċitaw superviżjoni ta' grupp fuq sottogrupp skont l-Artikoli 216 jew 217 tad-Direttiva 2009/138/KE, tali deċiżjoni mill-awtoritajiet superviżorji tittieħed biss f'ċirkustanzi ġġustifikati minn differenzi fl-ġħanijiet fl-operazzjonijiet, l-organizzazzjoni jew il-profil tar-riskju bejn is-sottogrupp u l-grupp.

KAPITOLU V

DIVULGAZZJONI PUBBLIKA

TAQSIMA 1

Rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp

Artikolu 359

Struttura u kontenut

L-Artikoli 290 sa 298 ta' dan ir-Regolament japplikaw għar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta huma rikjesti li jiddivulgaw b'mod pubbliku. Barra minn hekk, ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) rigward in-negozju u l-prestazzjoni tal-grupp:

(i) b'deskrizzjoni tas-sussidjarji kollha, impriżi relatati materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 256a tad-Direttiva 2009/138/KE u fergħat sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 354(1) ta' dan ir-Regolament;

(ii) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar operazzjonijiet rilevanti u tranżazzjonijiet fil-grupp;

(b) rigward is-sistema ta' governanza tal-grupp:

(i) deskrizzjoni dwar kif l-immaniġġjar tar-riskju u s-sistemi ta' kontroll interni u l-proċeduri ta' rappurtar jiġu implimentati b'mod konsistenti fl-impriżi kollha fl-ambitu tas-superviżjoni ta' grupp, kif rikjest skont l-Artikolu 246 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(ii) fejn applikabbli, dikjarazzjoni li l-impriza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għamlet użu tal-għażla prevista fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 246(4) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(iii) informazzjoni dwar kwalunkwe arranġament materjali ta' esternalizzazzjoni intragrupp;

(c) rigward il-profil tar-riskju tal-grupp; informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar kwalunkwe konċentrazzjoni ta' riskju fil-livell tal-grupp, kif imsemmi fl-Artikolu 376 ta' dan ir-Regolament;

(d) rigward il-valwazzjoni tal-grupp għall-finijiet ta' solvenza: meta l-bażijiet, il-metodi u l-preżunzjonijiet ewlenin użati fil-livell ta' grupp għall-valwazzjoni għall-finijiet ta' solvenza tal-assi tiegħu, id-dispożizzjonijiet tekniċi u responsabbiltajiet ivarjaw materjalment minn dawk użati minn kwalunkwe mis-sussidjarji tiegħu għall-valwazzjoni għall-finijiet tas-solvenza tal-assi tiegħu, dispożizzjonijiet tekniċi u obbligazzjonijiet oħra, spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali;

(e) rigward l-immaniġġjar kapitali tal-grupp:

(i) kemm jekk jintuża l-metodu 1 kif ukoll jekk jintuża l-metodu 2, kif imsemmi fl-Artikoli 230 u 233 tad-Direttiva 2009/138/KE, sabiex tiġi kkalkulata s-solvenza tal-grupp kif ukoll meta tintuża taħlita tal-metodu 1 u 2 li għalih jintuża l-metodu 2 mill-impriżi relatati;

(ii) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar kwalunkwe restrizzjoni sinifikanti għall-funġibbiltà u t-trasferibbiltà ta' fondi proprji eliġibbli sabiex jiġi kopert ir-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza;

(iii) meta jintuża l-metodu 1 sabiex tiġi kkalkulata s-solvenza tal-grupp, l-ammont tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza tal-grupp konsolidat, b'indikazzjoni separat tal-ammonti msemmija fl-Artikolu 336 ta' dan ir-Regolament;

(iv) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar is-sorsi materjali tal-effetti tad-diversifikazzjoni tal-grupp;

(v) fejn applikabbli, is-somma tal-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 230(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(vi) fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-impriżi li huma fl-ambitu ta' kwalunkwe mudell intern użat għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza tal-grupp;

(vii) deskrizzjoni tad-differenzi ewlenin, jekk ikun hemm, bejn kwalunkwe mudell intern użat fil-livell ta' impriża individwali u kwalunkwe mudell intern użat għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza.

Artikolu 360

Lingwi

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta jiddivulgaw ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp bil-lingwa jew lingwi determinati mis-superviżur tal-grupp.

2. Meta l-kulleġġ ta' superviżuri jinkludi awtoritajiet superviżorji minn iktar minn Stat Membru wieħed, is-superviżur tal-grupp jista', wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati u l-grupp stess, jirrikjedi impriza tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti biex jiddivulgaw ukoll ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 b'lingwa oħra li tinftiehem l-iktar mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, kif miftiehem fil-kulleġġ ta' superviżuri.

3. Meta kwalunkwe mis-sussidjarji tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti, għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru li l-lingwa jew lingwi uffiċjali tiegħu huma differenti mil-lingwa jew lingwi li bihom ġie ddivulgat ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp b'applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, l-impriza tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti, jiddivulgaw traduzzjoni tas-sommarju ta' dak ir-rapport fil-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru.

Artikolu 361

Nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni

Artikolu 299 japplika għal nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni fir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji mħallta parteċipanti.

Artikolu 362

Skadenzi

L-Artikolu 300 japplika għad-divulgazzjoni mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-iskadenzi msemmija fl-Artikolu 300 jiġu estiżi b'sitt ġimgħat.

Artikolu 363

Aġġornamenti

1. Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti, ikollhom jiddivulgaw pubblikament, informazzjoni xierqa dwar in-natura u l-effetti ta' kwalunkwe żvilupp ewlieni li jaffettwaw materjalment ir-rilevanza tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp, huma jipprovdu verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport. L-Artikoli 359, 360 u 361 ta' dan ir-Regolament japplikaw għal dik il-verżjoni aġġornata.

2. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti għad-divulgazzjoni immedjata stabbilita fl-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, kwalunkwe verżjoni aġġornata tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp tiġi divulgata malajr kemm jista' jkun wara l-iżvilupp ewlieni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 364

Arranġamenti tranżizzjonali dwar informazzjoni komparattiva

Artikolu 303 japplika għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni komparattiva minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti.

TAQSIMA 2

Rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja

Artikolu 365

Struttura u kontenut

1. Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jipprovdu rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja, japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima.

2. Rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jippreżenta separatament l-informazzjoni li trid tiġi ddivulgata fil-livell ta' grupp b'konformità mal-Artikolu 256(1) tad-Direttiva 2009/138/KE u l-informazzjoni li trid tiġi ddivulgata b'konformità mal-Artikoli 51, 53, 54 u 55 ta' dik id-Direttiva għal kwalunkwe sussidjarja koperta b'dan ir-rapport.

3. L-informazzjoni fil-livell ta' grupp u l-informazzjoni għal kwalunkwe sussidjarja koperta b'dak ir-rapport it-tnejn isegwu l-istruttura stabbilita fl-Anness XX. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, meta jipprovdu kwalunkwe parti tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata għal sussidjarja koperta, li jirreferu għal informazzjoni fil-livell ta' grupp, meta dik l-informazzjoni hija ekwivalenti kemm fin-natura kif ukoll fl-ambitu.

Artikolu 366

Lingwi

1. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jiddivulgaw ir-rapport uniku tagħhom dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja fil-lingwa jew lingwi determinati mis-superviżur tal-grupp.

2. Meta l-kulleġġ ta' superviżuri jinkludi awtoritajiet superviżorji minn iktar minn Stat Membru wieħed, is-superviżur tal-grupp jista', wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati u l-grupp stess, jirrikjedi lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti biex jiddivulgaw ukoll ir-rapport imsemmi fil-paragarfu 1 f'lingwa oħra li tinftiehem l-iktar mill-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati, kif miftiehem fil-kulleġġ ta' superviżuri.

3. Meta kwalunkwe mis-sussidjarji koperti mir-rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru li l-lingwa jew lingwi uffiċjali tiegħu huma differenti mil-lingwa jew lingwi li bihom huwa divulgat dak ir-rapport skont il-paragrafi 1 u 2, l-awtorità superviżorja kkonċernata tista', wara li tikkonsulta lis-superviżur tal-grupp u lill-grupp stess, tirrikjedi lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti biex jinkludu f'dak ir-rapport traduzzjoni tal-informazzjoni relatata ma' dik is-sussidjarja f'lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat Membru. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jiddivulgaw traduzzjoni fil-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru tal-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) is-sommarju tal-informazzjoni minn dak ir-rapport relatat mal-grupp;

(b) l-informazzjoni minn dak ir-rapport relatata ma' dik is-sussidjarja, sakemm ma tkunx ingħatat eżenzjoni mill-awtorità superviżorja kkonċernata.

Artikolu 367

Nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni

1. L-Artikolu 361 japplika rigward l-informazzjoni fil-livell tal-grupp.

2. L-Artikolu 299 japplika rigward l-informazzjoni dwar kwalunkwe sussidjarja fil-grupp.

Artikolu 368

Skadenzi

L-Artikolu 300 ta' dan ir-Regolament japplika għall-iskadenzi għad-divulgazzjoni mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti tar-rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-iskadenzi msemmija fl-Artikolu 300 jiġu estiżi b'sitt ġimgħat biss matul perjodu ta' mhux iktar minn erba' snin mill-1 ta' Jannar 2016.

Artikolu 369

Aġġornamenti

1. Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jkollhom jiddivulgaw pubblikament informazzjoni dwar in-natura u l-effetti ta' kwalunkwe żvilupp ewlieni li jaffettwaw materjalment ir-rilevanza tar-rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom, huma jipprovdu verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport. L-Artikoli 365, 366 u 367 ta' dan ir-Regolament japplikaw għal dik il-verżjoni aġġornata.

2. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti għad-divulgazzjoni immedjata stabbiliti fl-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, kwalunkwe verżjoni aġġornata tar-rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tiġi divulgata malajr kemm jista' jkun wara l-iżviluppi ewlenin imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 370

Referenza

1. Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jipprovdu rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja fir-rigward ta' xi wħud mis-sussidjarji tagħhom biss, japplikaw l-obbligi kollha li ġejjin:

(a) l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni l-oħra li huma sussidjarji ta' dik l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni u l-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti jinkludu fir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom referenza għar-rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja ddivulgat.

(b) ir-rapporti uniċi dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja divulgati skont l-Artikolu 256(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jinkludu b'mod ugwali referenza għar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja ta' dawk l-impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni oħrajn.

2. Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti ma jipprovdux rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma sussidjarji ta' dik l-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni u l-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti, jinkludu fir-rapport tagħhom dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja referenza għar-rapporti dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja divulgata, b'konformità mal-Artikolu 256(1) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Artikolu 371

Arranġamenti tranżizzjonali dwar informazzjoni komparattiva

Artikolu 303 japplika għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni komparattiva minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti.

KAPITOLU VI

RAPPURTAR SUPERVIŻORJU TAL-GRUPP

TAQSIMA 1

Rappurtar regolari

Artikolu 372

Elementi u kontenut

1. L-Artikoli 304 sa 311 ta' dan ir-Regolament japplikaw għall-informazzjoni li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti huma rikjesti li jissottomettu lis-superviżur tal-grupp. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kollha fil-grupp huma eżentati minn obbligi ta' rappurtar kull tliet xhur f'konformità mal-Artikolu 35(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-rapport superviżorju regolari tal-grupp jinkludi mudelli kwantitattivi annwali biss. Obbligi ta' rappurtar annwali ma jinkludux rappurtar abbażi ta' punt b'punt fejn l-impriżi kollha fil-grupp huma eżentati minn b'konformità mal-Artikolu 35 (7) ta' dik id-Direttiva.

2. Ir-rapport superviżorju regolari tal-grupp jinkludi l-informazzjoni kollha addizzjonali segwenti:

(a) rigward in-negozju u l-prestazzjoni tal-grupp:

(i) lista tas-sussidjarji, impriżi u fergħat relatati;

(ii) deskrizzjoni ta' attivitajiet u sorsi ta' qligħ jew telf għal kull impriża materjali relatata skont it-tifsira tal-Artikolu 256a tad-Direttiva 2009/138/KE u għal kull fergħa sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 354(1) ta' dan ir-Regolament;

(iii) deskrizzjoni tal-kontribuzzjoni ta' kull sussidjarja għall-kisba tal-istrateġija tal-grupp;

(iv) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar tranżazzjonijiet sinifikanti intragrupp minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mal-grupp u l-ammont tat-tranzazzjonijiet fuq il-perjodu tar-rappurtar u l-bilanċi pendenti tagħhom fl-aħħar tal-perjodu tar-rappurtar;

(b) rigward is-sistema ta' governanza tal-grupp:

(i) deskrizzjoni ta' kif il-mekkaniżmu ta' kontroll intern tal-grupp jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 246(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(ii) meta applikabbli, informazzjoni dwar is-sussidjarji inkluża fil-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza kif imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 246(4) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(iii) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar riskji speċifiċi materjali fil-livell ta' grupp;

(c) rigward l-immaniġġjar kapitali tal-grupp:

(i) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u fondi proprji għal kull impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fil-grupp, sakemm din tiġi inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(ii) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u fondi proprji għal kull kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni intermedjarja, kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni, kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta intermedjarja u impriża tas-servizzi anċillari fil-grupp, sakemm din tiġi inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(iii) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-rekwiżiti tas-solvenza u fondi proprji għal kull impriża relatata li hija istituzzjoni ta' kreditu, ditta ta' investiment, istituzzjoni finanzjarja, kumpanija ta' mmaniġġjar tal-UCITS, maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi jew istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali sakemm tkun inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(iv) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-rekwiżit ta' solvenza nozzjonali u fondi proprji għal kull impriża relatata li hija impriża mhux regolata li twettaq attivitajiet finanzjarji, sakemm din tiġi inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(v) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-rekwiżit ta' solvenza u fondi proprji għal kull impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz relatata, sakemm din tiġi inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp; meta jintuża l-metodu 2 skont it-tifsira tal-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE fil-każ ta' impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz relatata li għandha l-uffiċċju prinċipali f'pajjiż terz li r-reġim ta' solvenza tiegħu huwa meqjus li huwa ekwivalenti skont l-Artikolu 227 ta' dik id-Direttiva, il-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza u l-fondi proprji eliġibbli sabiex jiġi ssodisfat dak ir-rekwiżit kif stabbilit mill-pajjiż terz ikkonċernat jiġi identifikat separatament;

(vi) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-rekwiżit ta' solvenza u fondi proprji għal kull impriża relatata oħra sakemm din tiġi inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(vii) deskrizzjoni ta' veikolu bi skop speċjali fil-grupp li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 211 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(viii) deskrizzjoni ta' veikoli bi skop speċjali fil-grupp, li huma regolati minn awtorità superviżorja ta' pajjiż terz u li jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, għall-finijiet tal-inklużjoni ta' deskrizzjoni tal-verifika mwettqa minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jekk ir-rekwiżiti li għalihom huma suġġetti dawn il-veikoli bi skop speċjali fil-pajjiż terz humiex ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(ix) deskrizzjoni ta' kull entità bi skop speċjali fil-grupp minbarra dawk riferuti fil-punti (vii) u (viii) flimkien ma' informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-rekwiżit ta' solvenza u fondi proprji ta' dawn l-entitajiet, sakemm dawn jiġu inklużi fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(x) fejn rilevanti, għall-impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni relatati kollha li huma inklużi fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp, informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar kif l-impriża tikkonforma mal-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(xi) fejn rilevanti, informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-punti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 222(3) tad-Direttiva 2009/138/KE li ma tistax issir disponibbli effettivament biex tkopri r-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti li għalihom tiġi kkalkulata s-solvenza tal-grupp, inkluża deskrizzjoni dwar kif sar l-aġġustament tal-fondi proprji tal-grupp;

(xii) fejn rilevanti, informazzjoni kwalitattiva dwar il-motivi għall-klassifikazzjoni ta' punti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikoli 332 u 333 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 373

Skadenzi

L-Artikolu 312 ta' dan ir-Regolament japplika għas-sottomissjoni mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti tar-rapport superviżorju regolari tal-grupp tagħhom. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-iskadenzi msemmija fl-Artikolu 312 jiġu estiżi b'sitt ġimgħat, minbarra għar-rapport superviżorju tal-ORSA.

Artikolu 374

Lingwi

Meta l-kulleġġ ta' superviżuri jinkludi awtoritajiet superviżorji minn iktar minn Stat Membru wieħed, is-superviżur tal-grupp jista' wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati u l-grupp stess jirrikjedi li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jirrapportaw ir-rappurtar superviżorju regolari tal-grupp b'lingwa li tinftiehem l-iktar mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, kif miftiehem fil-kulleġġ tas-superviżuri.

Artikolu 375

Informazzjoni tranżizzjonali addizzjonali dwar il-gruppi

1. Minbarra l-obbligi tar-rappurtar tal-grupp superviżorju ta' dan il-kapitolu, fir-rigward tal-ewwel sena tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE kif imsemmija fl-Artikolu 311(3) ta' dik id-Direttiva, l-Artikolu 314(1) ta' dan ir-Regolament japplika għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 314(1) tiġi sottomessa lis-superviżur tal-grupp.

2. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jissottomettu lis-superviżur tal-grupp l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 mhux aktar tard minn għoxrin ġimgħa wara d-data ta' referenza tad-dikjrazzjoni finanzjarja tal-bidu kif imsemmi fl-Artikolu 314(1)(a).

TAQSIMA 2

Rappurtar dwar konċentrazzjonijiet tar-riskju u tranżazzjonijiet bejn il-gruppi

Artikolu 376

Konċentrazzjonijiet sinifikanti tar-riskju (definizzjoni, identifikazzjoni u limiti massimi)

1. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jikkunsidraw konċentrazzjonijiet tar-riskju li jistgħu jheddu s-solvenza jew il-pożizzjoni ta' likwidità tal-grupp bħala konċentrazzjonijiet sinifikanti tar-riskju.

2. Għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-konċentrazzjonijiet sinifikanti tar-riskju, li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti tal-anqas jikkunsidraw esponimenti diretti u indiretti tal-impriżi fil-grupp lil dawn kollha li ġejjin:

(a) kontrapartijiet individwali;

(b) gruppi ta' individwi iżda kontrapartijiet interkonnessi, pereżempju impriżi fl-istess grupp korporattiv;

(c) żoni ġeografiċi speċifiċi jew setturi tal-industrija;

(d) diżastri jew katastrofi naturali.

3. Meta jiġu determinati limiti massimi xierqa fi grupp partikolari għal konċentrazzjonijiet sinifikanti tar-riskju li għandhom jiġu rapportati, is-superviżur tal-grupp jikkunsidra l-elementi li ġejjin:

(a) il-pożizzjoni ta' solvenza jew likwidità tal-grupp;

(b) il-kumplessità tal-istruttura tal-grupp;

(c) l-importanza ta' entitajiet regolati minn setturi finanzjarji oħra jew entitajiet mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji;

(d) id-diversifikazzjoni tal-portafoll ta' investiment tal-grupp;

(e) id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tal-assigurazzjoni tal-grupp, f'termini ta' oqsma ġeografiċi jew linji ta' negozju.

Artikolu 377

Tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti (definizzjoni, identifikazzjoni)

1. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jikkunsidraw bħala tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti, it-tranżazzjonijiet intragrupp li jinfluwenzaw materjalment il-pożizzjoni ta' solvenza jew likwidità tal-grupp jew ta' waħda mill-impriżi involuti f'dawn it-tranżazzjonijiet.

2. Għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jikkunsidraw dawn kollha li ġejjin:

(a) investimenti;

(b) bilanċi interkumpaniji, inklużi selfiet, riċevibbli u arranġamenti sabiex jiġi ċentralizzat l-immaniġġjar tal-assi jew il-flus;

(c) garanziji u impenji bħall-ittri ta' kreditu;

(d) tranżazzjonijiet derivattivi;

(e) dividendi, kupuni, u pagamenti ta' interessi oħra;

(f) operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni;

(g) provvediment ta' servizzi jew ftehimiet għall-qsim tal-ispejjeż;

(h) xiri, bejgħ jew lokazzjoni ta' assi.

TITOLU III

EKWIVALENZA TA' PAJJIŻ TERZ U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

KAPITOLU I

IMPRIŻI LI JWETTQU ATTIVITAJIET TA' RIASSIGURAZZJONI LI GĦANDHOM L-UFFIĊĊJU PRINĊIPALI TAGĦHOM F'PAJJIŻ TERZ

Artikolu 378

Kriterji għall-valutazzjoni tal-ekwivalenza ta' pajjiż terz

Il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi vvalutat jekk ir-reġim ta' solvenza ta' pajjiż terz li japplika għall-attivitajiet ta' riassigurazzjoni ta' impriżi li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'dak il-pajjiż terz humiex ekwivalenti għal dak stabbilit fit-Titolu I tad-Direttiva 2009/138/KE jkunu dawn li ġejjin:

(a) jekk l-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz għandhomx is-setgħa, bis-saħħa ta' liġi jew regolament, li b'mod effettiv jissupervizjonaw impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni jew impriżi ta' riassigurazzjoni u jimponu sanzjonijiet jew jieħdu azzjoni ta' infurzar fejn neċessarju;

(b) jekk l-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz għandhomx il-mezzi neċessarji, il-ħiliet esperti rilevanti, il-kapaċitajiet inklużi riżorsi finanzjarji u umani, u l-mandat li jipproteġu b'mod effettiv detenturi tal-poloz u benefiċjarji irrispettivament min-nazzjonalità jew post ta' residenza tagħhom;

(c) jekk l-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz, fl-eżerċitar tal-obbligi ġenerali tagħhom, jikkunsidrawx kif xieraq l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-istabbiltà tas-sistemi finanzjarji globali, b'mod partikolari matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza, abbażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak iż-żmien;

(d) jekk l-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz jikkunsidrawx l-effetti proċikliċi potenzjali tal-azzjonijiet tagħhom meta jokkorru movimenti eċċezzjonali fis-swieq finanzjarji;

(e) jekk il-bidu tan-negozju tar-riassigurazzjoni f'dak il-pajjiż terz huwiex soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel kundizzjonali għal sett ta' standards bil-miktub li jkunu ċari, oġġettivi u disponibbli pubblikament;

(f) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni li jkollhom stabbilita sistema ta' governanza effettiva li tipprevedi immaniġġjar sod u prudenti tan-negozju u li jippreskrivi s-segwenti:

(i) l-eżistenza ta' struttura organizzazzjonali adegwata u trasparenti b'allokazzjoni ċara u segregazzjoni xierqa tar-responsabbiltajiet,

(ii) rekwiżiti li jiżguraw li l-persuni li effettivament imexxu l-impriża huma idonei, li huma ekwivalenti għall-Artikolu 42 tad-Direttiva 2009/138/KE,

(iii) l-eżistenza ta' proċessi effettivi li jiżguraw it-trażmissjoni f'waqtha kemm fl-impriża kif ukoll lill-impriżi superviżorji rilevanti;

(iv) rekwiżiti li jiżguraw li funzjonijiet jew attivitajiet esternalizzati jiġu ssorveljati b'mod effettiv;

(g) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni li jkollhom stabbilita sistema tal-immaniġġjartar-riskju effettiva li tinkludi dawn li ġejjin:

(i) strateġiji, proċessi u proċeduri ta' rappurtar neċessarji għall-identifikazzjoni, il-kejl, il-monitoraġġ, l-immaniġġjar u r-rappurtar ta' riskji, li għalihom l-impriża hija jew tista' tkun esposta, f'livell individwali jew aggregat u fuq bażi kontinwa, u l-interdipendenzi tagħhom;

(ii) sistema ta' kontroll interna effettiva;

(h) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni jistabbilixxu u jżommu funzjonijiet effettivi tal-immaniġġjar tar-riskju, konformità, awditjar intern u attwarju;

(i) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiżi terz jirrikjedix impriżi tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet tar-riassigurazzjoni biex:

(i) jipprovdu lill-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz bi kwalunkwe informazzjoni neċessarja għall-finijiet tas-superviżjoni;

(ii) jiddivulgaw pubblikament, tal-anqas fuq bażi annwali, rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom ekwivalenti għal dak speċifikat fl-Artikolu 51 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(j) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li bidliet proposti għall-politika tan-negozju jew l-immaniġġjar tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni jew parteċipazzjonijiet kwalifikattivi fit-tali impriżi, humiex konsistenti maż-żamma tal-immaniġġjarsod u prudenti ta' dawk l-impriżi;

(k) jekk il-valutazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni tiddependix fuq prinċipji ekonomiċi sodi u jekk ir-rekwiżiti ta' solvenza humiex ibbażati fuq il-valwazzjoni ekonomika tal-assi u l-obbligazzjonijiet kollha;

(l) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' riassigurazzjoni, ikollhom riżorsi finanzjarji adegwati inklużi r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(i) rekwiżit li dawk l-impriżi jistabbilixxu dispożizzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-obbligi ta' riassigurazzjoni kollha tagħhom lejn id-detenturi tal-poloz u benefiċjarji tal-kuntratti ta' riassigurazzjoni,

(ii) rekwiżit li l-assi miżmuma biex jiġu koperti dispożizzjonijiet tekniċi jiġu investiti fl-aħjar interessi tad-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji kollha b'kunsiderazzjoni għal kwalunkwe għan ta' polza divulgat,

(iii) rekwiżit li dawk l-impriżi jinvestu biss f'assi u strumenti li r-riskji tagħhom l-impriża kkonċernata tista' tidentifika, tkejjel, timmonitorja, timmaniġġja, tikkontrolla u tirrapporta b'mod xieraq,

(iv) rekwiżit li dawk l-impriżi jissodisfaw ir-rekwiżiti kapitali stabbiliti f'livell ekwivalenti għal dak imsemmi fl-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE li jiżgura li fl-eventwalità ta' telfiet sinifikanti, id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji jkunu protetti b'mod adegwat u jkomplu jirċievu pagamenti meta jsiru dovuti,

(v) rekwiżit li dawk l-impriżi jżommu livell ta' kapital minimu, li nuqqas ta' konformità miegħu jiskatta immedjatament u b'mod aħħari intervent superviżorju,

(vi) rekwiżit li dawk l-impriżi jissodisfaw ir-rekwiżiti kapitali msemmija fil-punti (iv) u (v) mal-fondi proprji li huma ta' kwalità suffiċjenti u li huma kapaċi jassorbu telfiet sinifikanti, u li punti ta' fondi proprji kkunsidrati mill-awtoritajiet superviżorji jkunu ta' kwalità għolja li jassorbu telfiet kemm bħala negozju avvjat kif ukoll fil-każ ta' stralċ;

(m) jekk ir-rekwiżiti kapitali tar-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz humiex ibbażati fuq ir-riskju bl-għan li jinqabdu riskji kwantifikabbli u li meta riskju sinifikanti mhux kwantifikabbli u ma jistax jinqabad fir-rekwiżiti kapitali, dak ir-riskju jiġi indirizzat permezz ta' mekkaniżmu superviżorju ieħor;

(n) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jiżgurax intervent fil-ħin mill-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz fil-każ li r-rekwiżit kapitali msemmi fil-punt (l)(iv) ma jiġix issodisfat;

(o) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jipprovdix li l-persuni kollha li qed jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz, kif ukoll awdituri u esperti li jaġixxu f'isem dawk l-awtoritajiet, humiex marbuta bl-obbligi tas-segretezza professjonali u jekk tali obbligi ta' segretezza professjonali jestendux għal informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet superviżorji kollha;

(p) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jipprovdix li, mingħajr ħsara għal każijiet koperti mil-liġi kriminali, kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali li tasal mill-persuni kollha li qed jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz bl-ebda mod ma tiġi divulgata lill-ebda persuna jew awtorità, minbarra f'sommarju jew f'forma aggregata, b'tali mod li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jistgħux jiġu identifikati;

(q) jekk ir-reġim ta' solvenza tal-pajjiż terz jipprovdix li, meta kumpanija tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiġi ddikjarata falluta jew qed tiġi likwidata b'mod obbligatorju, informazzjoni kunfidenzjali li ma tikkonċernax lill-partijiet terzi involuti f'attentati sabiex tiġi salvata dik l-impriża, tista' tiġi divulgata fi proċeduri ċivili jew kummerċjali;

(r) jekk awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali minn awtoritajiet superviżorji, jużaw dik l-informazzjoni biss fl-eżerċitar tal-obbligi tagħhom u għal kwalunkwe wieħed mill-għanijiet li ġejjin:

(i) sabiex jiġi vverifikat jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-bidu ta' negozju tar-riassigurazzjoni, is-sistema ta' governanza u d-divulgazzjoni pubblika u l-valutazzjoni tas-solvenza,

(ii) sabiex jiġu imposti sanzjonijiet,

(iii) f'appelli amministrattivi kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji,

(iv) fi proċedimenti tal-qorti relatati mar-reġim ta' solvenza f'dak il-pajjiż terz;

(s) jekk awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz għandhomx il-permess li jiskambjaw informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet superviżorji, fl-eżerċitar tal-funzjonijiet superviżorji tagħhom jew l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' ksur tal-liġi dwar il-kumpaniji, ma' awtoritajiet, korpi u persuni oħra, meta dik l-awtorità korp jew persuna huma suġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali fil-pajjiż terz rilevanti u jekk dik l-informazzjoni tiġix divulgata biss ladarba jkun inkiseb il-ftehim espress tal-awtorità superviżorja li toriġina minnha, u li jkun inkiseb biss għall-finijiet li għalihom l-awtorità tat il-kunsens tagħha.

KAPITOLU II

IMPRIŻI TAL-ASSIGURAZZJONI U TAR-RIASSIGURAZZJONI TA' PAJJIŻ TERZ RELATATI

Artikolu 379

Kriterji għall-valutazzjoni tal-ekwivalenza ta' pajjiż terz

Il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi vvalutat jekk reġim ta' solvenza ta' pajjiż terz li japplika għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'dak il-pajjiż terz hux ekwivalenti għal dak stabbilit fit-Titolu I, Kapitolu VI tad-Direttiva 2009/138/KE jkunu dawn li ġejjin:

(a) jekk il-valutazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tiddependix fuq prinċipji ekonomiċi sodi u jekk ir-rekwiżiti ta' solvenza humiex ibbażati fuq valwazzjoni ekonomika tal-assi u l-obbligazzjonijiet kollha;

(b) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li impriżi domestiċi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollhom riżorsi finanzjarji adegwati inklużi s-segwenti kollha:

(i) rekwiżit li dawk l-impriżi jistabbilixxu dispożizzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni kollha tagħhom lejn id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji ta' kuntratti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni,

(ii) rekwiżit li l-assi miżmuma biex jiġu koperti dispożizzjonijiet tekniċi jiġu investiti fl-aħjar interessi tad-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji kollha b'kunsiderazzjoni għal kwalunkwe għan ta' polza divulgat,

(iii) rekwiżit li dawk l-impriżi jinvestu biss f'assi u strumenti li r-riskji tagħhom l-impriża kkonċernata tista' tidentifika, tkejjel, timmonitorja, timmaniġġja, tikkontrolla u tirrapporta b'mod xieraq,

(iv) rekwiżit li dawk l-impriżi jissodisfaw ir-rekwiżiti kapitali stabbiliti fil-livell ekwivalenti għal dak miksub mill-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE li jiżgura li fil-każ ta' telfiet sinifikanti detenturi ta' poloz u benefiċjarji jiġu protetti b'mod adegwat u jkomplu jirċievu pagamenti meta jsiru dovuti,

(v) rekwiżit li dawk l-impriżi jżommu livell ta' kapital minimu, li nuqqas ta' konformità miegħu jiskatta immedjatament u b'mod aħħari intervent superviżorju,

(vi) rekwiżit li dawk l-impriżi jissodisfaw ir-rekwiżiti kapitali msemmija fil-punti (iv) u (v) mal-fondi proprji li huma ta' kwalità suffiċjenti u li huma kapaċi jassorbu telfiet sinifikanti, u li punti ta' fondi proprji kkunsidrati mill-awtoritajiet superviżorji jkunu ta' kwalità għolja li jassorbu telfiet kemm bħala negozju avvjat kif ukoll fil-każ ta' stralċ;

(c) jekk ir-rekwiżiti kapitali tar-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz humiex ibbażati fuq ir-riskju bl-għan li jinqabdu riskji kwantifikabbli u meta riskju sinifikanti mhux kwantifikabbli u ma jistax jinqabad fir-rekwiżiti kapitali, dak ir-riskju jiġi indirizzat permezz ta' mekkaniżmu superviżorju ieħor;

(d) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jiżgurax intervent fil-ħin mill-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz fil-każ li r-rekwiżit kapitali msemmi fil-punt (b)(iv) ma jiġix issodisfat;

(e) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jipprovdix li l-persuni kollha li qed jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz, kif ukoll awdituri u esperti li jaġixxu f'isem dawk l-awtoritajiet, humiex marbuta bl-obbligi tas-segretezza professjonali u jekk tali obbligi ta' segretezza professjonali jestendux għal informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet superviżorji kollha;

(f) jekk ir-reġim ta' solvenza ta' dak il-pajjiż terz jipprovdix li, mingħajr ħsara għal każijiet koperti mil-liġi kriminali, kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali li tasal mill-persuni kollha li qed jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz bl-ebda mod ma tiġi divulgata lill-ebda persuna jew awtorità, minbarra f'sommarju jew f'forma aggregata, b'tali mod li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jistgħux jiġu identifikati;

(g) jekk ir-reġim ta' solvenza tal-pajjiż terz jipprovdix li, meta kumpanija tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiġi ddikjarata falluta jew qed tiġi likwidata b'mod obbligatorju, informazzjoni kunfidenzjali li ma tikkonċernax lill-partijiet terzi involuti f'attentati sabiex tiġi salvata dik l-impriża, tista' tiġi divulgata fi proċeduri ċivili jew kummerċjali;

(h) jekk awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali minn awtoritajiet superviżorji, jużaw dik l-informazzjoni biss fl-eżerċitar tal-obbligi tagħhom u għal kwalunkwe wieħed mill-għanijiet li ġejjin:

(i) sabiex jiġi vverifikat jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-bidu ta' negozju tar-riassigurazzjoni, is-sistema ta' governanza u s-divulgazzjoni pubblika u l-valutazzjoni tas-solvenza,

(ii) sabiex jiġu imposti sanzjonijiet,

(iii) f'appelli amministrattivi kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji,

(iv) fi proċedimenti tal-qorti relatati mar-reġim ta' solvenza f'dak il-pajjiż terz;

(i) jekk awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz għandhomx il-permess li jiskambjaw informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet superviżorji, fl-eżerċitar tal-funzjonijiet superviżorji tagħhom jew l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' ksur tal-liġi dwar il-kumpaniji, ma' awtoritajiet, korpi u persuni oħra, meta dik l-awtorità korp jew persuna huma suġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali fil-pajjiż terz rilevanti u jekk dik l-informazzjoni tiġix divulgata biss ladarba jkun inkiseb il-ftehim espress tal-awtorità superviżorja li toriġina minnha, u li jkun inkiseb biss għall-finijiet li għalihom l-awtorità tat il-kunsens tagħha.

KAPITOLU III

IMPRIŻI TAL-ASSIGURAZZJONI U TAR-RIASSIGURAZZJONI LI GĦANDHOM L-IMPRIŻI PRINĊIPALI BARRA MILL-UNJONI

Artikolu 380

Kriterji għall-valutazzjoni tal-ekwivalenza ta' pajjiż terz

Il-kriterji li jiġu kkunsidrati sabiex jiġi vvalutat jekk ir-reġim prudenzjali f'pajjiż terz għas-superviżjoni tal-gruppi hux ekwivalenti għal dak stabbilit fit-Titolu III tad-Direttiva 2009/138/KE jkunu dawn li ġejjin:

(a) jekk l-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz għandhomx il-mezzi neċessarji, il-ħila esperta rilevanti, il-kapaċitajiet inklużi r-riżorsi finanzjarji u umani, u l-mandat li jipproteġu b'mod effettiv detenturi ta' poloz u benefiċjarji, irrispettivament min-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tagħhom;

(b) jekk l-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz għandhomx is-setgħa bis-saħħa tal-liġi jew ta' Regolament biex:

(i) jiddeterminaw liema impriżi jaqgħu fl-ambitu tas-superviżjoni fil-livell ta' grupp,

(ii) jagħmlu superviżjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma parti minn grupp,

(iii) jimponu sanzjonijiet jew jieħdu azzjoni ta' infurzar fejn neċessarju;

(c) jekk l-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz humiex kapaċi jivvalutaw b'mod effettiv il-profil tar-riskju u l-pożizzjoni ta' solvenza u finanzjarja tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma parti ta' grupp kif ukoll l-istrateġija tan-negozju ta' dak il-grupp;

(d) jekk l-ambitu tas-superviżjoni fil-livell ta' grupp tal-anqas tinkludi l-impriżi kollha li fuqhom, impriża parteċipanti, kif definita fl-Artikolu 212(1)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE, teżerċita influwenza dominanti jew sinifikanti meta dan ma jkunx xieraq għall-għanijiet tas-superviżjoni tal-grupp;

(e) jekk l-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz, fl-eżerċitar tal-obbligi ġenerali, jikkunsidraw kif xieraq l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-istabbiltà ta' sistemi finanzjarji dinjija, b'mod partikolari matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza, abbażi tal-informazzjoni disponibbli dak iż-żmien;

(f) jekk l-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz jikkunsidrawx l-effetti proċikliċi potenzjali tal-azzjonijiet tagħhom meta jokkorru movimenti eċċezzjonali fis-swieq finanzjarji;

(g) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix sistema ta' governanza fil-livell ta' grupp li tipprevedi immaniġġjar sod u prudenti tan-negozju u li tippreskrivi dawn li ġejjin:

(i) l-eżistenza ta' struttura organizzazzjonali adegwata u trasparenti b'allokazzjoni ċara u segregazzjoni xierqa tar-responsabbiltajiet,

(ii) rekwiżiti li jiżguraw li l-persuni li effettivament imexxu l-impriża huma idonei, li huma ekwivalenti għall-Artikolu 42 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(iii) l-eżistenza ta' proċessi effettivi li jiżguraw it-trażmissjoni f'waqtha kemm fl-impriża kif ukoll lill-impriżi superviżorji rilevanti;

(iv) rekwiżiti li jiżguraw li funzjonijiet jew attivitajiet esternalizzati jiġu ssorveljati b'mod effettiv;

(h) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li tkun stabbilita sistema effettiva tal-immaniġġjar tar-riskju fil-livell tal-grupp li tal-anqas tinkludi dawn li ġejjin:

(i) strateġiji, proċessi u proċeduri ta' rappurtar interni neċessarji għall-identifikazzjoni, il-kejl, il-monitoraġġ, l-immaniġġjar u r-rappurtar ta' riskji, fuq bażi kontinwa, li l-grupp huwa jew jista' jkun espost għalihom u l-interdipendenzi tagħhom;

(ii) sistema ta' kontroll interna effettiva;

(i) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li l-grupp ikollu proċeduri ta' rrappurtar u ta' kontabbiltà sodi sabiex jiġu mmonitorjati u mmaniġġjati t-tranżazzjonijiet intragrupp u l-konċentrazzjonijiet tar-riskju;

(j) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li jkunu stabbiliti u miżmuma funzjonijiet effettivi tal-immaniġġjar tar-riskju, il-konformità, tal-awditjar intern u attwarju mill-grupp;

(k) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li l-grupp jagħmel dawn kollha li ġejjin:

(i) jipprovdi lill-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz bi kwalunkwe informazzjoni neċessarja għall-finijiet tas-superviżjoni;

(ii) jirrapporta konċentrazzjoni sinifikanti tar-riskju fil-livell tal-grupp u tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti, fuq bażi annwali;

(ii) jiddivulga pubblikament, tal-anqas fuq bażi annwali, rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom ekwivalenti għal dak speċifikat fl-Artikolu 51 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(l) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li l-bidliet proposti għall-politika tan-negozju u l-immaniġġjar tal-grupp, jew għal kumpaniji kwalifikanti fil-grupp, ikunu konsistenti mal-immaniġġjar sod u prudenti tal-grupp;

(m) jekk il-valutazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-grupp tiddependix fuq prinċipji ekonomiċi sodi u jekk il-valutazzjoni tas-solvenza hix ibbażata fuq il-valwazzjoni ekonomika tal-assi u l-obbligazzjonijiet kollha;

(n) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jirrikjedix li l-grupp ikollu riżorsi finanzjarji adegwati inklużi dawn li ġejjin kollha:

(i) rekwiżit li dak il-grupp jistabbilixxi dispożizzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-obbligi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni kollha tiegħu lejn id-detenturi tal-poloz u benefiċjarji ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar- riassigurazzjoni li huma parti mill-grupp;

(ii) rekwiżit li assi miżmuma biex ikopru dispożizzjonijiet tekniċi jiġu investiti fl-aħjar interessi tad-detenturi kollha tal-poloz u l-benefiċjarji b'kunsiderazzjoni għal kwalunkwe għan divulgat tal-poloz;

(iii) rekwiżit li dak il-grupp jinvesti biss f'assi u strumenti li r-riskji tagħhom l-impriża kkonċernata tista' tidentifika, tkejjel, timmonitorja, timmaniġġja, tikkontrolla u tirrapporta b'mod xieraq;

(iv) rekwiżit mill-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz li l-grupp jissodisfa r-rekwiżiti kapitali stabbiliti f'livell ekwivalenti għal dak miksub mill-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE li jiżgura li fl-eventwalità ta' telfiet sinifikanti, id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji ikunu protetti b'mod adegwat u jkomplu jirċievu pagamenti meta jsiru dovuti;

(v) rekwiżit li dawk l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma parti mill-grupp iżommu livell ta' kapital minimu, li nuqqas ta' konformità miegħu jiskatta immedjatament u b'mod aħħari intervent superviżorju;

(vi) rekwiżit li r-rekwiżit tal-kapital tal-grupp jiġi ssodisfat mill-fondi proprji li huma ta' kwalità suffiċjenti u li huma kapaċi jassorbu telfiet sinifikanti, u li punti ta' fondi proprji kkunsidrati mill-awtoritajiet superviżorji jkunu ta' kwalità għolja li jassorbu telfiet kemm bħala negozju avvjat kif ukoll fil-każ ta' stralċ;

(o) jekk ir-rekwiżiti kapitali tar-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz humiex ibbażati fuq ir-riskju bl-għan li jinqabdu riskji kwantifikabbli u meta riskju sinifikanti mhux kwantifikabbli u ma jistax jinqabad fir-rekwiżiti kapitali, dak ir-riskju jiġix indirizzat permezz ta' mekkaniżmu superviżorju ieħor;

(p) jekk ir-reġim prudenzjali ta' dak il-pajjiż terz jiżgurax intervent fil-ħin mill-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz fil-każ li r-rekwiżit kapitali msemmi fil-punt (n)(iv) ma jiġix issodisfat;

(q) jekk l-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz jillimitawx l-użu tal-punti tal-fondi proprji ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatat meta jqisu li ma jistgħux isiru disponibbli b'mod effettiv sabiex ikopru r-rekwiżit kapitali tal-impriża parteċipanti li għalih is-solvenza tal-grupp hija kkalkulata;

(r) jekk il-kalkolu tas-solvenza tal-grupp fir-reġim prudenzjali tal-pajjiż terz jipproduċix riżultat li huwa tal-anqas ekwivalenti għar-riżultat miksub minn kwalunkwemetodu stabbilit fl-Artikoli 230 u 233 tad-Direttiva 2009/138/KE, jew taħlita tagħhom, u li l-kalkolu jiżgura li ma hemmx użu doppju ta' fondi proprji sabiex jintlaħaq ir-rekwiżit kapitali tal-grupp u li t-twaqqif ta' intragrupp ta' kapital permezz ta' finanzjament reċiproku jiġi eliminat;

(s) jekk ir-reġim prudenzjali tal-pajjiż terz jipprovdix li l-persuni kollha li qed jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz, kif ukoll awdituri u esperti li jaġixxu f'isem dawk l-awtoritajiet, humiex marbuta bl-obbligi tas-segretezza professjonali u jekk tali obbligi ta' segretezza professjonali jestendux għal informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet superviżorji kollha;

(t) jekk ir-reġim prudenzjali tal-pajjiż terz jipprovdix li, mingħajr ħsara għal każijiet koperti mil-liġi kriminali, kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali li tasal mill-persuni kollha li qed jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet superviżorji ta' dak il-pajjiż terz bl-ebda mod ma tiġi divulgata lill-ebda persuna jew awtorità, minbarra f'sommarju jew f'forma aggregata, b'tali mod li impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma jistgħux jiġu identifikati;

(u) jekk ir-reġim prudenzjali tal-pajjiż terz jipprovdix li, meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiġi ddikjarata falluta jew qed tiġi likwidata b'mod obbligatorju, informazzjoni kunfidenzjali li ma tikkonċernax lill-partijiet terzi involuti f'attentati sabiex tiġi salvata dik l-impriża, tista' tiġi divulgata fi proċedimenti ċivili jew kummerċjali;

(v) jekk awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali minn awtoritajiet superviżorji oħra, jużaw dik l-informazzjoni biss fl-eżerċitar tal-obbligi tagħhom u għal kwalunkwe wieħed mill-għanijiet li ġejjin:

(i) sabiex jiġi vverifikat jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-bidu ta' negozju, is-sistema ta' governanza u d-divulgazzjoni pubblika u l-valutazzjoni tas-solvenza;

(ii) sabiex jiġu imposti sanzjonijiet;

(iii) f'appelli amministrattivi kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji;

(iv) fi proċedimenti tal-qorti relatati mar-reġim ta' solvenza f'dak il-pajjiż terz;

(w) jekk awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz għandhomx il-permess li jiskambjaw informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet superviżorji, fl-eżerċitar tal-funzjonijiet superviżorji tagħhom jew l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' ksur tal-liġi dwar il-kumpaniji, ma' awtoritajiet, korpi u persuni oħra, meta dik l-awtorità korp jew persuna huma suġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali fil-pajjiż terz rilevanti u jekk dik l-informazzjoni tiġix divulgata biss ladarba jkun inkiseb il-ftehim espress tal-awtorità superviżorja li toriġina minnha, u li jkun inkiseb biss għall-finijiet li għalihom l-awtorità tat il-kunsens tagħha.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 381

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

LINJI TA' NEGOZJU

A. **Obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja**

(1) *Assigurazzjoni tal-ispiża medika*

Obbligi tal-assigurazzjoni tal-ispiża medika fejn in-negozju sottostanti mhuwiex eżerċitat fuq bażi teknika simili għal dik ta' assigurazzjoni tal-ħajja, minbarra obbligi inklużi fil-linja ta' negozju 3.

(2) *Assigurazzjoni għall-protezzjoni tal-introjtu*

Obbligi tal-assigurazzjoni għall-protezzjoni tal-introjtu fejn in-negozju sottostanti mhuwiex eżerċitat fuq bażi teknika simili għal dik ta' assigurazzjoni tal-ħajja, minbarra obbligi inklużi fil-linja ta' negozju 3.

(3) *Assigurazzjoni ta' kumpens tal-ħaddiema*

Obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa relatati ma' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, korrimenti industrijali u mard marbut max-xogħol u fejn in-negozju sottostanti mhuwiex eżerċitat fuq bażi teknika simili għal dik ta' assigurazzjoni tal-ħajja.

(4) *Assigurazzjoni ta' obbligazzjoni ta' vetturi bil-mutur*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru l-obbligazzjonijiet kollha li jirriżultaw mill-użu ta' vetturi bil-mutur li joperaw fuq l-art (inkluża l-obbligazzjoni tat-trasportatur).

(5) *Assigurazzjoni ta' vetturi oħrajn*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru l-ħsarat kollha lil vetturi tal-art jew it-telf tagħhom (inkluż materjal ferrovjarju fuq ir-roti).

(6) *Assigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru l-ħsarat kollha fuq bastimenti tal-baħar, tal-lagi, tax-xmajjar u tal-kanali, inġenji tal-ajru jew it-telf tagħhom, u l-ħsarat lil merkanzija fi tranżitu jew bagalji, jew it-telf tagħhom, irrispettivament mill-forma ta' trasport. Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-użu ta' inġenji tal-ajru, bastimenti jew dgħajjes fuq il-baħar, il-lagi, ix-xmajjar jew il-kanali (inkluża l-obbligazzjoni tat-trasportatur).

(7) *Assigurazzjoni kontra l-ħruq u ħsarat oħra lill-proprjetà*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru l-ħsarat kollha lil propjetà jew it-telf tagħha minbarra dawk inklużi fil-linji ta' negozju 5 u 6 minħabba nar, splużjonijiet, forzi naturali inklużi maltempati, silġ jew ġlata, enerġija nukleari, kollass tal-art u kwalunkwe avveniment bħas-serq.

(8) *Assigurazzjoni ta' obbligazzjoni ġenerali*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru r-responsabbiltajiet kollha minbarra dawk fil-linji ta' negozju 4 u 6.

(9) *Assigurazzjoni dwar kreditu u garanzija*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru l-insolvenza, il-kreditu tal-esportazzjoni, il-krediti ta' ħlas bin-nifs, il-kreditu agrikolu u garanzija diretta u indiretta.

(10) *Assigurazzjoni ta' spejjeż legali*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru spejjeż legali u spejjeż ta' litigazzjoni.

(11) *Assistenza*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru assistenza lil persuni li jsibu ruħhom f'diffikultà huma u jivvjaġġaw, meta jkunu bogħod minn darhom jew meta jkunu mbiegħda mir-residenza permanenti tagħhom.

(12) *Telf finanzjarju mixxellanju*

Obbligi tal-assigurazzjoni li jkopru riskji tal-impjieg, insuffiċjenza tad-dħul, maltemp, telf ta' benefiċċji, spejjeż ġenerali kontinwi, spejjeż tan-negozju mhux previsti, telf tal-valur tas-suq, telf ta' kera jew dħul, telf indirett tan-negozju apparti dak imsemmi hawn fuq, telf finanzjarju ieħor (mhux tan-negozju) kif ukoll kwalunkwe riskju ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja li mhuwiex kopert mil-linji ta' negozju 1 sa 11.

B. **Obbligi tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja proporzjonali**

Il-linji ta' negozju 13 sa 24 jinkludu obbligi tar-riassigurazzjoni proporzjonali li jirrelataw mal-obbligi inklużi fil-linji ta' negozju 1 sa 12 rispettivament.

C. **Obbligi tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja mhux proporzjonali**

(25) *Riassigurazzjoni tas-saħħa mhux proporzjonali*

Obbligi tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali relatati ma' obbligi tal-assigurazzjoni inklużi fil-linji ta' negozju 1 sa 3.

(26) *Riassigurazzjoni tad-diżgrazzji mhux proporzjonali*

Obbligi tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali relatati ma' obbligi tal-assigurazzjoni inklużi fil-linji ta' negozju 4 u 8.

(27) *Riassigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u ta' trasport mhux proporzjonali*

Obbligi tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali relatati ma' obbligi tal-assigurazzjoni inklużi fil-linja ta' negozju 6.

(28) *Riassigurazzjoni tal-proprjetà mhux proporzjonali*

Obbligi tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali relatati ma' obbligi tal-assigurazzjoni inklużi fil-linji ta' negozju 5, 7 u 9 sa 12.

D. **Obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja**

(29) *Assigurazzjoni tas-saħħa*

Obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa fejn in-negozju sottostanti huwa eżerċitat fuq bażi teknika simili għal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja, minbarra dawk inklużi fil-linja ta' negozju 33.

(30) *Assigurazzjoni b'parteċipazzjoni fil-profitt*

Obbligi tal-assigurazzjoni b'parteċipazzjoni fil-profitt minbarra obbligi inklużi fil-linji ta' negozju 33 u 34.

(31) *Assigurazzjoni marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet*

Obbligi tal-assigurazzjoni b'benefiċċji marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet minbarra dawk inklużi fil-linji ta' negozju 33 u 34.

(32) *Assigurazzjoni oħra tal-ħajja*

Obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja oħrajn minbarra obbligi inklużi fil-linji ta' negozju 29 sa 31, 33 u 34.

(33) *Annwalitajiet li jirriżultaw minn kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u li jirrelataw ma' obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa*

(34) *Annwalitajiet li jirriżultaw minn kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u li jirrelataw ma' obbligi tal-assigurazzjoni apparti minn obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa*

E. **Obbligi tar-riassigurazzjoni tal-ħajja**

(35) *Riassigurazzjoni tas-saħħa*

Obbligi tar-riassigurazzjoni li jirrelataw mal-obbligi inklużi fil-linji ta' negozju 29 u 33.

(36) *Riassigurazzjoni tal-ħajja*

Obbligi tar-riassigurazzjoni li jirrelataw mal-obbligi inklużi fil-linji ta' negozju 30 sa 32 u 34.

ANNESS II

SEGMENTAZZJONI TAL-OBBLIGI TAL-ASSIGURAZZJONI MHUX TAL-ĦAJJA U TAR-RIASSIGURAZZJONI U D-DEVJAZZJONIJIET STANDARD GĦALL-PRIMJUM MHUX FUQ IL-ĦAJJA U S-SUBMODULU TA' RIŻERVA FUQ IR-RISKJU

	Segment	Linji ta' negozju, kif stabbiliti fl-Anness I, li s-segment jikkonsisti minn	Devjazzjoni standard għar-riskju tal-primjum gross tas-segment	Devjazzjoni standard għar-riżerva fuq ir-riskju tas-segment
1	Assigurazzjoni ta' obbligazzjoni ta' vetturi bil-mutur u riassigurazzjoni proporzjonali	4 u 16	10 %	9 %
2	Assigurazzjoni ta' vetturi oħrajn u riassigurazzjoni proporzjonali	5 u 17	8 %	8 %
3	Assigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u ta' trasport u riassigurazzjoni proporzjonali	6 u 18	15 %	11 %
4	Assigurazzjoni kontra l-ħruq u ħsarat oħra lill-proprjetà u riassigurazzjoni proporzjonali	7 u 19	8 %	10 %
5	Assigurazzjoni ta' obbligazzjoni ġenerali u riassigurazzjoni proporzjonali	8 u 20	14 %	11 %
6	Assigurazzjoni dwar kreditu u garanzija u riassigurazzjoni proporzjonali	9 u 21	12 %	19 %
7	Assigurazzjoni ta' spejjeż legali u riassigurazzjoni proporzjonali	10 u 22	7 %	12 %
8	L-assistenza u r-riassigurazzjoni proporzjonali tagħha	11 u 23	9 %	20 %
9	Assigurazzjoni fuq it-telf finanzjarju mixxellanju u riassigurazzjoni proporzjonali	12 u 24	13 %	20 %
10	Riassigurazzjoni tad-diżgrazzji mhux proporzjonali	26	17 %	20 %
11	Riassigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u ta' trasport mhux proporzjonali	27	17 %	20 %
12	Riassigurazzjoni tal-proprjetà mhux proporzjonali	28	17 %	20 %

ANNESS III

FATTUR GĦAD-DIVERSIFIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA TAR-RISKJU TAL-PRIMJUM U TAR-RIŻERVA

1. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Annessi II u XIV, il-fattur għad-diversifikazzjoni ġeografika ta' segment partikulari *s* imsemmi fl-Artikoli 116 u 147 għandu jkun ugwali għal li ġej:

$$DIV_s = \frac{\sum_r (V_{(prem,r,s)} + V_{(res,r,s)})^2}{(\sum_r (V_{(prem,r,s)} + V_{(res,r,s)}))^2}$$

fejn:

(a) kull waħda mis-somom tkopri r-reġjuni ġeografiċi kollha stabbiliti fil-paragrafu 8;

(b) *V(prem,r,s)* huwa l-kejl tal-volum għar-riskju tal-primjum tas-segment *s* u tar-reġjun *r*;

(c) *V(res,r,s)* huwa l-kejl tal-volum għar-riskju tar-riżerva tas-segment *s* u tar-reġjun *r*;

2. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Annessi II u XIV u għar-reġjuni ġeografiċi kollha stabbiliti fil-paragrafu 8, il-kejl tal-volum għar-riskju tal-primjum ta' segment partikulari *s* u ta' reġjun partikolari *r* jiġi kkalkolat bl-istess mod bħall-kejl tal-volum għar-riskju tal-primjum mhux tal-ħajja jew tas-saħħa NSLT tas-segment *s* kif imsemmi fl-Artikoli 116 u 147, imma jitqiesu biss l-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fejn ir-riskju sottostanti jinsab fir-reġjun *r*.

3. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Annessi II u XIV u għar-reġjuni ġeografiċi kollha stabbiliti fil-paragrafu 8, il-kejl tal-volum għar-riskju tar-riżerva ta' segment partikulari *s* u ta' reġjun partikolari *r* għandu jiġi kkalkolat bl-istess mod bħall-kejl tal-volum għar-riskju tar-riżerva mhux tal-ħajja jew tas-saħħa NSLT tas-segment s kif imsemmi fl-Artikoli 116 u 147, imma jitqiesu biss l-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fejn ir-riskju sottostanti jinsab fir-reġjun *r*.

4. Għall-fini tal-kalkoli stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13(13) tad-Direttiva 2009/138/KE fil-każ ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja u l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13(14) tad-Direttiva 2009/138/KE fil-każ ta' assigurazzjoni tal-ħajja jġu applikati bħallikieku r-referenzi għall-Istati Membri f'dawn il-kriterji jestendu ruħhom għar-reġjuni wkoll.

5. Minkejja l-paragrafu 1, il-fattur għad-diversifikazzjoni ġeografika jkun ugwali għal 1 għas-segmenti 6, 10, 11 u 12 stabbiliti fl-Anness II u għas-segment 4 stabbilit fl-Anness XIV.

6. Minkejja l-paragrafu 1, il-fattur għad-diversifikazzjoni ġeografika ta' segment stabbilit fl-Anness II ikun ugwali għal 1 jekk l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw parametru speċifiku għall-impriża għad-devjazzjoni standard tar-riskju tal-primjum mhux fuq il-ħajja jew ir-riskju ta' riżerva mhux tal-ħajja tas-segment sabiex jikkalkulaw il-primjum mhux fuq il-ħajja u s-submodulu ta' riżerva fuq ir-riskju.

7. Minkejja l-paragrafu 1, il-fattur għad-diversifikazzjoni ġeografika ta' segment stabbilit fl-Anness XIV ikun ugwali għal 1 jekk l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw parametru speċifiku għall-impriża għad-devjazzjoni standard tar-riskju tal-primjum tas-saħħa NSLT jew ir-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT tas-segment sabiex jikkalkulaw il-primjum tas-saħħa NSLT u s-submodulu ta' riżerva fuq ir-riskju.

8. Ir-reġjuni għall-kalkolu tal-fattur għad-diversifikazzjoni ġeografika

	Reġjun	Territorji li r-reġjun jikkonsisti minnhom
1	L-Ewropa tat-Tramuntana	Id-Danimarka (minbarra l-Groenlandja), l-Estonja, il-Finlandja, Guernsey, l-Islanda, l-Irlanda, l-Isle of Man, Jersey, il-Latvja, il-Litwanja, in-Norveġja, l-Isvezja, ir-Renju Unit (minbarra Anguilla, il-Bermuda, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi, il-Gżejjer Kajman, il-Gżejjer Falkland, Ġibiltà, Montserrat, il-Gżejjer Pitcairn, Sant'Elena, il-Gżejjer Turks u Kajkos)
2	L-Ewropa tal-Punent	L-Awstrija, il-Belġju, Franza (minbarra l-Gujana Franċiża, il-Polineżja Franċiża, il-Gwadelup, il-Martinique, il-Majott, il-Kaledonja Ġdida, Réunion, Saint Barthélemy, Saint Martin, Saint Pierre u Miquelon, Wallis u Futuna), il-Ġermanja, il-Liechtenstein, il-Lussemburgu, Monako, il-Pajjiżi l-Baxxi (minbarra Aruba, Bonaire, Curaçao, Saba, Sint Eustatius, Sint Maarten), l-Isvizzera
3	L-Ewropa tal-Lvant	Il-Bjelorussja, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Moldova, il-Polonja, ir-Rumanija, ir-Russja, is-Slovakkja, l-Ukraina

	Reġjun	Territorji li r-reġjun jikkonsisti minnhom
4	L-Ewropa tan-Nofsinhar	L-Albanija, Andorra, il-Bożnja-Ħerżegovina, il-Kroazja, Ċipru, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, Ġibiltà, il-Greċja, l-Italja, Malta, il-Montenegro, il-Portugall, San Marino, is-Serbja, is-Slovenja, Spanja, l-Istat tal-Belt tal-Vatikan
5	L-Asja Ċentrali u tal-Punent	L-Armenja, l-Azerbajġan, il-Baħrejn, il-Ġeorġja, l-Iraq, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwajt, il-Kirgiżistan, il-Libanu, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija, is-Sirja, it-Taġikistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Uzbekistan, il-Jemen
6	L-Asja tal-Lvant	Iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Mongolja, il-Korea ta' Fuq, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan
7	L-Asja tan-Nofsinhar u tax-Xlokk	L-Afganistan, il-Bangladexx, il-Butan, il-Brunej, il-Birmanja/il-Mjanmar, il-Kambodja, l-Indja, l-Indonežja, l-Iran, il-Laos, il-Malasja, il-Maldive, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, is-Sri Lanka, it-Tajlandja, Timor Leste, il-Vjetnam
8	L-Oċeanja	Is-Samoa Amerikana, l-Awstralja, il-Gżejjer Cook, il-Fiġi, il-Polinežja Franċiża, Gwam, Kiribati, il-Gżejjer Marshall, il-Mikronežja, Nauru, il-Kaledonja Ġdida, in-New Zealand, Nju, il-Gżejjer tal-Marjanas tat-Tramuntana, il-Palaw, il-Papwa Ginea Ġdida, il-Gżejjer Pitcairn, Samoa, il-Gżejjer Solomon, Tonga, Tuvalu, il-Vanwatu, Wallis u Futuna
9	L-Afrika ta' Fuq	L-Alġerija, il-Benin, il-Burkina Faso, il-Kamerun, il-Kap Verde, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, iċ-Ċad, il-Côte d'Ivoire, l-Eġittu, il-Gambja, il-Gana, il-Ginea, il-Ginea Bissaw, il-Liberja, il-Libja, il-Mali, il-Mawritanja, il-Marokk, in-Niġer, in-Niġerja, Sant'Elena, is-Senegal, Sjerra Leone, is-Sudan t'Isfel, is-Sudan, it-Togo, it-Tunežija
10	L-Afrika t'Isfel	L-Angola, il-Botswana, il-Burundi, il-Komoros, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Ġibuti, il-Ginea Ewkatorjali, l-Eritrea, il-Gabon, il-Kenja, il-Lesoto, il-Madagaskar, il-Malawi, il-Mawrizju, il-Majott, il-Możambik, in-Namibja, il-Kongo, Réunion, ir-Rwanda, São Tomé u Príncipe, is-Seychelles, is-Somalja, l-Afrika t'Isfel, is-Swaziland, l-Uganda, it-Tanzanija, iż-Żambja, iż-Żimbabwe
11	L-Amerika ta' Fuq barra l-Istati Uniti tal-Amerika	Il-Bermuda, il-Kanada, il-Groenlandja, Saint Pierre u Miquelon
12	Il-Karibew u l-Amerika Ċentrali	Angwilla, Antigwa u Barbuda, Aruba, il-Baħamas, il-Barbados, il-Beliże, Bonaire, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi, il-Gżejjer Cayman, il-Kosta Rika, Kuba, Curaçao, Dominika, ir-Repubblika Dominikana, El Salvador, Grenada, il-Gwadelup, il-Gwatemala, Ħaiti, il-Ħonduras, il-Ġamajka, Martinique, il-Messiku, Montserrat, in-Nikaragwa, il-Panama, Puerto Riko, Saint Barthélemy, Saba, Saint Kitts u Nevis, Santa Lucija, Saint Martin, Saint Vincent u l-Grenadini, Sint Eustatius, Sint Maarten, Trinidad u Tobago, il-Gżejjer Turks u Kajkos, il-Gżejjer Verġni Amerikani
13	L-Amerika t'Isfel tal-Lvant	Il-Brażil, il-Gżejjer Falkland, il-Gujana Franċiża, il-Gujana, il-Paragwaj, is-Surinam, l-Urugwaj
14	L-Amerika t'Isfel tat-Tramuntana, tan-Nofsinhar u tal-Punent	L-Arġentina, il-Bolivja, iċ-Ċilì, il-Kolombja, l-Ekwador, il-Perù, il-Venezwela
15	L-Istati Uniti tal-Amerika tal-Grigal	Connecticut, Delaware, District of Columbia, Maine, Maryland, Massachusetts, New Hampshire, New Jersey, New York, Pennsylvania, Rhode Island, Vermont
16	L-Istati Uniti tal-Amerika tax-Xlokk	Alabama, Arkansas, Florida, Georgia, Kentucky, Louisiana, Mississippi, North Carolina, Puerto Riko, South Carolina, Tennessee, Virginia, West Virginia
17	L-Istati Uniti tal-Amerika Ċentrali tal-Punent	Illinois, Indiana, Iowa, Kansas, Michigan, Minnesota, Missouri, Nebraska, North Dakota, Ohio, Oklahoma, South Dakota, Wisconsin
18	L-Istati Uniti tal-Amerika tal-Punent	Alaska, Arizona, California, Colorado, Hawaii, Idaho, Montana, Nevada, New Mexico, Oregon, Texas, Utah, Washington, Wyoming

ANNESS IV

MATRIĊI TA' KORRELAZZJONI GĦALL-PRIMJUM MHUX FUQ IL-ĦAJJA U R-RISKJU TA' RIŻERVA

Il-parametru ta' korrelazzjoni $CorrS_{(s,t)}$ imsemmi fl-Artikolu 117(1) ikun ugwali għas-sett ta' elementi fir-ringiela *s* u fil-kolonna *t* tal-matriċi ta' korrelazzjoni li ġejja. L-intestaturi tar-ringieli u tal-kolonni huma n-numri tas-segmenti stabbiliti fl-Anness II:

S \ *t*	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12
1	1	0,5	0,5	0,25	0,5	0,25	0,5	0,25	0,5	0,25	0,25	0,25
2	0,5	1	0,25	0,25	0,25	0,25	0,5	0,5	0,5	0,25	0,25	0,25
3	0,5	0,25	1	0,25	0,25	0,25	0,25	0,5	0,5	0,25	0,5	0,25
4	0,25	0,25	0,25	1	0,25	0,25	0,25	0,5	0,5	0,25	0,5	0,5
5	0,5	0,25	0,25	0,25	1	0,5	0,5	0,25	0,5	0,5	0,25	0,25
6	0,25	0,25	0,25	0,25	0,5	1	0,5	0,25	0,5	0,5	0,25	0,25
7	0,5	0,5	0,25	0,25	0,5	0,5	1	0,25	0,5	0,5	0,25	0,25
8	0,25	0,5	0,5	0,5	0,25	0,25	0,25	1	0,5	0,25	0,25	0,5
9	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5	1	0,25	0,5	0,25
10	0,25	0,25	0,25	0,25	0,5	0,5	0,5	0,25	0,25	1	0,25	0,25
11	0,25	0,25	0,5	0,5	0,25	0,25	0,25	0,25	0,5	0,25	1	0,25
12	0,25	0,25	0,25	0,5	0,25	0,25	0,25	0,5	0,25	0,25	0,25	1

ANNESS V

PARAMETRI GĦAS-SUBMODULU TAR-RISKJU TA' MALTEMPATI TAR-RIĦ

Reġjuni u fatturi tar-riskju ta' maltempati tar-riħ

Abbrevjazzjoni tar-reġjun *r*	Reġjun *r*	Fattur tar-riskju ta' maltempati tar-riħ $Q_{(windstorm,r)}$
AT	ir-Repubblika tal-Awstrija	0,08 %
BE	ir-Renju tal-Belġju	0,16 %
CZ	ir-Repubblika Ċeka	0,03 %
CH	il-Konfederazzjoni Svizzera; il-Prinċipat tal-Liechtenstein	0,08 %
DK	ir-Renju tad-Danimarka	0,25 %
FR	ir-Repubblika Franċiża ([1]); il-Prinċipat ta' Monako; il-Prinċipat ta' Andorra	0,12 %
DE	ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja	0,09 %
IS	ir-Repubblika tal-Islanda	0,03 %
IE	l-Irlanda	0,20 %
LU	il-Gran Dukat tal-Lussemburgu	0,10 %
NL	ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi	0,18 %
NO	ir-Renju tan-Norveġja	0,08 %
PL	ir-Repubblika tal-Polonja	0,04 %
ES	ir-Renju ta' Spanja	0,03 %
SE	ir-Renju tal-Isvezja	0,09 %
UK	ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	0,17 %
GU	il-Gwadelup	2,74 %
MA	Martinique	3,19 %
SM	il-Kollettività ta' Saint Martin	5,16 %
RE	Réunion	2,50 %

([1]) minbarra l-Gwadelup, Martinique, il-Kollettività ta' Saint Martin u Réunion

KOEFFIĊJENTI TA' KORRELAZZJONI TAR-RISKJU TA' MALTEMPATI TAR-RIĦ GĦAL REĠJUNI

	AT	**BE**	**CH**	**CZ**	**DE**	**DK**	**ES**	**FR**	**UK**	**IE**	**IS**	**LU**	**NL**	**NO**	**PL**	**SE**	**GU**	**MA**	**SM**	**RE**
AT	1,00	0,25	0,50	0,25	0,25	0,00	0,00	0,25	0,00	0,00	0,00	0,25	0,25	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
BE	0,25	1,00	0,25	0,25	0,50	0,25	0,00	0,50	0,50	0,25	0,00	0,75	0,75	0,00	0,25	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
CH	0,50	0,25	1,00	0,25	0,25	0,00	0,25	0,50	0,00	0,00	0,00	0,25	0,25	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00

	AT	BE	CH	CZ	DE	DK	ES	FR	UK	IE	IS	LU	NL	NO	PL	SE	GU	MA	SM	RE
CZ	0,25	0,25	0,25	1,00	0,25	0,00	0,00	0,25	0,00	0,00	0,00	0,25	0,25	0,00	0,25	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
DE	0,25	0,50	0,25	0,25	1,00	0,50	0,00	0,50	0,25	0,25	0,00	0,50	0,50	0,25	0,50	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
DK	0,00	0,25	0,00	0,00	0,50	1,00	0,00	0,25	0,25	0,00	0,00	0,25	0,50	0,50	0,25	0,50	0,00	0,00	0,00	0,00
ES	0,00	0,00	0,25	0,00	0,00	0,00	1,00	0,25	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
FR	0,25	0,50	0,50	0,25	0,50	0,25	0,25	1,00	0,25	0,00	0,00	0,50	0,50	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
UK	0,00	0,50	0,00	0,00	0,25	0,25	0,00	0,25	1,00	0,50	0,00	0,25	0,50	0,25	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
IE	0,00	0,25	0,00	0,00	0,25	0,00	0,00	0,00	0,50	1,00	0,00	0,25	0,25	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
IS	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	1,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
LU	0,25	0,75	0,25	0,25	0,50	0,25	0,00	0,50	0,25	0,25	0,00	1,00	0,50	0,25	0,25	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
NL	0,25	0,75	0,25	0,25	0,50	0,50	0,00	0,50	0,50	0,25	0,00	0,50	1,00	0,25	0,25	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
NO	0,00	0,00	0,00	0,00	0,25	0,50	0,00	0,00	0,25	0,00	0,00	0,25	0,25	1,00	0,00	0,50	0,00	0,00	0,00	0,00
PL	0,00	0,25	0,00	0,25	0,50	0,25	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,25	0,25	0,00	1,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
SE	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,50	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,50	0,00	1,00	0,00	0,00	0,00	0,00
GU	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	1,00	1,00	1,00	0,00
MA	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	1,00	1,00	1,00	0,00
SM	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	1,00	1,00	1,00	0,00
RE	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	1,00

ANNESS VI

PARAMETRI GĦAS-SUBMODULU TAR-RISKJU TA' TERRIMOTI

Reġjuni u fatturi tar-riskju ta' terrimoti

Abbrevjazzjoni tar-reġjun *r*	Reġjun *r*	Fattur tar-riskju ta' terrimoti $Q_{(terrimoti,r)}$
AT	ir-Repubblika tal-Awstrija	0,10 %
BE	ir-Renju tal-Belġju	0,02 %
BG	ir-Repubblika tal-Bulgarija	1,60 %
CR	ir-Repubblika tal-Kroazja	1,60 %
CY	ir-Repubblika ta' Ċipru	2,12 %
CZ	ir-Repubblika Ċeka	0,10 %
CH	il-Konfederazzjoni Svizzera; il-Prinċipat tal-Liechtenstein	0,25 %
